

20  
20

657554553546567567546543  
65678655654674575667  
97667556786767657567675

46454553546567567546543  
5656757678655654674575667  
5656756786767657567675

53546567567546543  
67576786574575667  
756786767657567675

# CONSOLIDATED ANNUAL ACTIVITY REPORT

53546567567546543  
67576786574575667  
756786767657567675

**Dokument 2021–136 REV.1**  
**eu-LISA Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat**  
**2020**

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fid-29 ta' Ġunju 2021

## Kontenut

Lista ta' figuri u tabelli .....	5
Abbrevjazzjonijiet u akronimi .....	6
L-analiżi u l-valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.....	8
Daġla .....	12
Sommarju eżekuttiv .....	14
Introduzzjoni .....	20
1 Il-kisbiet tas-sena .....	22
1.1 Sistemi u innovazzjoni ġodda (għan strateġiku 1).....	22
1.1.1 Affarijiet interni .....	23
1.1.2 Il-ġustizzja.....	27
1.1.3 Innovazzjoni, riċerka u żvilupp .....	29
1.2 Tmexxija operattiva u evoluzzjoni tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija (għan strateġiku 1) .....	32
1.2.1 SIS.....	33
1.2.2 VIS/BMS.....	37
1.2.3 Eurodac.....	39
1.2.4 Appoġġ operattiv tas-sistemi.....	42
1.3 Infrastruttura u networks (għan strateġiku 1).....	44
1.3.1 Networks .....	44
1.3.2 Ċentri tad-Data.....	44
1.3.3 Infrastruttura kondiviża komuni.....	45
1.4 Sigurtà u kontinwità tan-negożju (għan strateġiku 1).....	45
1.5 Relazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (għanijiet strateġiċi 1 u 3) .....	47
1.5.1 Sħubijiet mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE.....	47
1.5.2 Sħubijiet ma' Aġenziji oħrajn tal-UE.....	49
1.5.3 Kapaċitajiet.....	50
1.6 Governanza u konformità (għanijiet strateġiċi 1, 2 u 4) .....	52
1.6.1 Governanza.....	52
1.6.2 Konformità .....	54
1.7 Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali (għan strateġiku 4) .....	56
1.7.1 Programm ta' trasformazzjoni organizzattiva: eu-LISA 2.0 .....	56
1.7.2 Riżorsi umani .....	56
1.7.3 Finanzi u akkwist .....	57
1.7.4 Servizzi Korporattivi.....	58
1.7.5 Komunikazzjoni .....	60
2 Ġestjoni .....	61
2.1 Bord tat-Tmexxija .....	61
2.2 Żviluppi maġġuri .....	61
2.2.1 L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 .....	61
2.2.2 Leġiżlazzjoni ġdida.....	63
2.2.3 L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.....	64
2.3 Ġestjoni baġitarja u finanzjarja.....	64
2.3.1 Ġestjoni finanzjarja.....	64
2.3.2 L-implimentazzjoni tal-baġit.....	65

2.3.3	Proċeduri ta' akkwist .....	70
2.4	Delega u subdelega tas-setgħat tal-implimentazzjoni tal-baġit lill-persunal tal-Aġenzija .....	70
2.5	Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani .....	71
2.5.1	Ir-reklutaġġ .....	71
2.5.2	Tagħlim u żvilupp .....	72
2.5.3	Pjan ta' Stabbiliment u għadd ta' ħaddiema .....	73
2.6	Strateġija għall-gwadanni fl-effiċjenza .....	76
2.7	Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar u tal-evalwazzjoni ex post .....	77
2.7.1	Servizz ta' Awditjar Intern (IAS) .....	77
2.7.2	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) .....	78
2.7.3	Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) .....	79
2.7.4	Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) .....	81
2.8	Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi .....	82
2.9	Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa wara investigazzjonijiet mill-OLAF .....	85
2.10	Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza .....	85
2.11	Ġestjoni tal-Ambjent. ....	87
2.12	Valutazzjoni mill-maniġment .....	87
2.13	Evalwazzjonijiet esterni .....	87
3	Valutazzjoni tal-effettività tal-qafas ta' kontroll intern .....	88
3.1	Valutazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern .....	88
3.1.1	Il-metodoloġija użata biex tiġi vvalutata l-effettività tal-QKI .....	88
3.1.2	Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI .....	88
3.1.3	Riskji korporattivi kbar matul il-perjodu ta' rapportar .....	90
3.1.4	Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija kontra l-Frodi għas-sena 2020 .....	92
3.2	Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-effettività tal-qafas ta' kontroll intern .....	93
3.3	Dikjarazzjoni tal-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern .....	94
4	Assigurazzjoni tal-maniġment .....	95
4.1	Reviżjoni tal-elementi li jappoġġjaw l-assigurazzjoni .....	95
4.2	Riżervi .....	96
5	Dikjarazzjoni ta' assicurazzjoni .....	97
Anness I.	Statistiċi ewlenin tan-negożju .....	98
Anness II.	Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja .....	102
Anness III.	Ċart organizzazzjonali .....	110
Anness IV.	Pjan ta' stabbiliment u informazzjoni addizzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani .....	111
Anness V.	Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività .....	115
Anness VI.	Ftehimiet dwar il-livell ta' kontribuzzjoni, ta' għotja u ta' servizz. ....	118
Anness VII.	Ġestjoni tal-Ambjent .....	119
Anness VIII.	Kontijiet annwali .....	120
Anness IX.	Attivitajiet u indikaturi annwali .....	123
Anness X.	Rapport dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti .....	147

# Lista ta' figuri u tabelli

## Lista ta' figuri

Figura 1: Viżiv tar-Roundtable tal-Industrija tal-eu-LISA.....	30
Figura 2: Il-viżiv tal-25 anniversarju tas-SIS .....	33
Figura 3: Tfittxijiet tal-Istati Membri mwettqa fis-SIS II skont is-sena, 2016–2020 .....	35
Figura 4: Twissijiet maħżuna fis-SIS II skont is-sena, 2016–2020.....	35
Figura 5: Numru medju ta' tfittxijiet u hits kuljum (2016-2020) .....	35
Figura 6: Applikazzjonijiet għall-viża maħżuna 2016-2020 .....	38
Figura 7: Marki tas-swaba' maħżuna 2016-2020.....	38
Figura 8: It-traffiku fis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac għal kull kategorija skont is-sena, 2014–2020.....	41
Figura 9: It-traffiku totali fis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac skont is-sena, 2014–2020 .....	41
Illustrazzjoni 10: Viżwal tal-Konferenza Annwali tal-eu-LISA .....	48
Figura 11: Screenshots tal-panel tal-Konferenza Annwali.....	48
Figura 12: Tqassim ta' parteċipanti fit-taħriġ għal kull sistema.....	50
Figura 13: Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' impenn C1 (f'miljuni ta' EUR).....	67
Figura 14: Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati (f'miljuni ta' EUR) .....	67
Figura 15: Titolu 3 approprjazzjonijiet ta' impenn esegwiti (f'miljuni ta' EUR).....	67
Figura 16: Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' pagament C1 (f'miljuni ta' EUR) .....	69
Figura 17: Xejriet fil-konsum tal-fondi mħallsa u bbaġitjati (f'miljuni ta' EUR) .....	69
Figura 18: Approprjazzjonijiet ta' pagament esegwiti tat-Titolu 3 (miljuni ta' EUR).....	69
Figura 19: Pagamenti fi ħdan it-terminu ta' 30 jum .....	70
Figura 20: Pagamenti fi ħdan it-terminu ta' 60 jum.....	70
Figura 21: Proċeduri ta' akkwist matul il-perjodu 2014-2020 .....	70

## Lista ta' tabelli

Tabella 1: Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) għat-tmexxija operattiva tas-sistemi.....	32
Tabella 2: Numru ta' inċidenti u talbiet għas-servizz ittrattati fl-2020.....	42
Tabella 3 Tqassim tal-inċidenti skont il-prijorità u s-sistema .....	43
Tabella 4: Indikaturi tal-prestazzjoni tal-IAC għall-2020 .....	55
Tabella 5: Għadd ta' persunal attwali u awtorizzat mill-31 ta' Diċembru 2020 .....	57
Tabella 6: Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR) .....	65
Tabella 7: Approprjazzjonijiet ta' impenn għal kompiti ġodda (f'miljuni ta' EUR) .....	65
Tabella 8: Tqassim tal-baġit emendatorju tal-2020 (f'miljuni ta' EUR) .....	66
Tabella 9: Tqassim tar-riport tal-2020 (f'miljuni ta' EUR).....	66
Tabella 10: Diżimpenji tal-impenji baġitarji fl-2020 skont is-sena tal-oriġini (f'miljuni ta' EUR) .....	68
Tabella 11: Diżimpenji ta' impenji globali għall-2020 (L1) (ammonti f'miljuni ta' EUR).....	68
Tabella 12: Ħarsa ġenerali lejn il-mira u l-progress tar-reklutaġġ sal-31.12.2020 .....	72
Tabella 13: Distribuzzjoni tal-persunal skont is-siti u t-tipi ta' kuntratti.....	73
Tabella 14: Tqassim tal-liv kumpensatorju skont it-tip ta' liv u l-grad tal-persunal .....	74
Tabella 15: Status tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar .....	82
Tabella 16: L-istatus ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet li jindirizzaw l-osservazzjonijiet magħmula mill-QEA.....	83

# Abbrezzazzjonijiet u akronimi

<b>ACFC</b>	Kumitat tal-Awditjar, il-Konformità u l-Finanzi
<b>AFIS</b>	Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba'
<b>AG</b>	Grupp Konsultattiv
<b>ALM</b>	Ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja ta' applikazzjonijiet
<b>BC</b>	Kontinwità tal-operat
<b>BCU</b>	Unità Ċentrali ta' Sostenn (ċentru ta' sostenn f'St Johann im Pongau)
<b>BMS</b>	Sistema ta' Tqabbil Bijometriku
<b>CA</b>	Aġent kuntrattwali
<b>CAAR</b>	Rapport annwali tal-attività konsolidat
<b>CBS</b>	Sistemi tal-attività prinċipali
<b>CEPOL</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
<b>CIR</b>	Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità
<b>CRRS</b>	Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika
<b>CSI</b>	Infrastruttura kondiviża komuni
<b>DĠ DIGIT</b>	Direttorat Ġenerali għall-Informatika
<b>DĠ HOME</b>	Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni
<b>DPIA</b>	Valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad- <i>data</i>
<b>DTS</b>	Speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati
<b>DubliNet</b>	Network tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' Dublin
<b>EASO</b>	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil
<b>e-CODEX</b>	Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' <i>Data Online</i>
<b>ECRIS</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali
<b>ECRIS RI</b>	Implementazzjoni ta' Referenza għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali
<b>ECRIS-TCN</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi
<b>ED</b>	Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA
<b>EDPS</b>	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad- <i>Data</i>
<b>EES</b>	Sistema ta' Dħul/Ħruġ
<b>ENISA</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà
<b>ENS</b>	Espert nazzjonali ssekondat
<b>EPMO</b>	Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża
<b>ESP</b>	Portal Ewropew tat-Tfittxija
<b>ETIAS</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar
<b>EUAN</b>	Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea
<b>Eurodac</b>	Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' <i>Data</i> Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Asil
<b>Eurojust</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
<b>Europol</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
<b>FLS</b>	ftehim dwar il-livell ta' servizz
<b>FRA</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

<b>Frontex</b>	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
<b>ĠAI</b>	Ġustizzja u Affarijiet Interni
<b>ĠU</b>	<i>Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</i>
<b>HR</b>	Riżorsi umani
<b>IA</b>	Intelliġenza Artifiċjali
<b>IA</b>	Valutazzjoni tal-impatt
<b>IAC</b>	Kapaċità tal-Awditjar Intern
<b>IAS</b>	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea
<b>ICD</b>	Dokument ta' kontroll tal-interface
<b>ICT</b>	Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni
<b>ISMS</b>	Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Infomazzjoni
<b>IT</b>	Teknoloġija tal-informazzjoni
<b>ITIL</b>	Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Infomazzjoni
<b>ITSM</b>	Ġestjoni tas-servizzi tal-IT
<b>JHAAN</b>	Network tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni
<b>KE</b>	Kummissjoni Ewropea
<b>KPI</b>	Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni
<b>MB</b>	Bord tat-Tmexxija
<b>MID</b>	Detettur ta' Identitajiet Multipli
<b>NUI</b>	Interfaċċa nazzjonali uniformi
<b>PE</b>	Il-Parlament Ewropew
<b>PMB</b>	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm
<b>PPM</b>	Ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti
<b>QEA</b>	Qorti Ewropea tal-Awdituri
<b>QKI</b>	Qafas ta' kontroll intern
<b>sBMS</b>	Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku
<b>SIRENE</b>	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali
<b>SIS</b>	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
<b>SIS II</b>	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni
<b>SM</b>	Stati Membri
<b>TA</b>	Persunal temporanju
<b>TAP</b>	Punt ta' aċċess għat-turnkey
<b>TEF</b>	Qafas tal-Inġinerija Trasversali
<b>TESTA-ng</b>	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida
<b>TOF</b>	Qafas tal-Operazzjonijiet Trasversali
<b>TTS</b>	Speċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti
<b>UE</b>	Unjoni Ewropea
<b>UPD</b>	Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data
<b>USK</b>	Kit tas-software tal-utenti
<b>VIS</b>	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
<b>WAN</b>	Networks fuq żona wiesgħa

# L-analiżi u l-valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija



**Zsolt Szolnoki**  
President tal-eu-LISA  
Bord tat-Tmexxija

*Kreditu għall-immaġni: arkivju*

Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) analizzat u vvalutat ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-Aġenzija abbażi tal-kisbiet ur-riżultati għall-2020. Il-Bord jirrikonoxxi l-prestazzjoni tal-Aġenzija u jinnota l-osservazzjonijiet li ġejjin.

## Osservazzjonijiet ġenerali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li l-eu-LISA laqgħet l-oġġettivi tagħha għall-2020 kif inhuma stabbiliti fir-regolament ta' stabbiliment tagħha, qorbot lejn l-għanijiet u l-oġġettivi stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-perjodu 2018–2022 u kisbet ir-riżultati definiti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2020 inklużi fid-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tal-Aġenzija għall-perjodu 2020–2022, kemm f'termini ta' eżiti kif ukoll ta' prestazzjoni;
- jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-eu-LISA fl-iżgurar tal-funzjonament normali taż-żona Schengen, tal-libertà ta' moviment u tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;
- jenfasizza l-isfidi li ffaċċjat l-Aġenzija fl-2020 bil-pandemija tal-COVID-19, u jinnota b'sodisfazzjon kbir ir-rispons effiċjenti u f'waqtu tal-Aġenzija għall-kriżi; jinnota li l-Aġenzija żgurat id-disponibbiltà kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lilha ( jiġifieri l-SIS, il-VIS u l-Eurodac) u fl-istess ħin għamlet progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi l-ġodda fdati lill-Aġenzija;
- jenfasizza l-importanza tal-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-EES, tal-ETIAS u tal-pakkett ta' Interoperabbiltà, u l-kooperazzjoni trasparenti u effiċjenti bejniethom;
- jirrikonoxxi li minkejja l-pandemija, l-Aġenzija mexxielha tikber b'mod sinifikanti f'termini tal-għadd tal-persunal, fil-baġit u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet; jenfasizza l-importanza ta' din il-kisba f'kuntest diffiċli ħafna u jinnota li l-Aġenzija mexxielha topera b'aġilità u b'impenn ta' livell għoli mill-manigera u mill-persunal tagħha;
- jirrikonoxxi r-rata tad-dawran baxxa tal-persunal tal-Aġenzija u jenfasizza l-ħtieġa biex l-eu-LISA tkompli bl-isforzi ammirrevoli tagħha sabiex tiżgura ż-żamma tal-persunal u l-iżvilupp professjonali fl-Aġenzija;
- jilqat l-iffirmar tal-kuntratt tal-Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF), u jirrikonoxxi l-isforzi tal-Aġenzija biex tkompli żżid l-effiċjenza tal-arkitettura kuntrattwali u tal-ekosistema tal-bejjiegħa tagħha;



- jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-eu-LISA biex tiżgura kapaċità suffiċjenti għall-faċilitajiet operazzjonali tagħha fi Strasburgu u l-progress li sar mill-Aġenzija bil-proġett għall-bini tal-estensjoni l-ġdida, inkluż l-użu ta' miżuri temporanji meħtieġa;
- jirrikonoxxi l-progress tal-Aġenzija fit-tiżgura tal-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) tagħha; jinnota b'sodisfazzjon it-titjib relatat mal-ġestjoni tal-baġit tal-Aġenzija, li rriżulta fi tnaqqis sostanzjali fir-riportazzjonijiet meta mqabbel mal-2019;
- jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni tal-Aġenzija (eu-LISA 2.0), u t-tiżgura tal-kapaċitajiet tagħha fl-oqsma tal-ġestjoni tal-programmi u tal-portafoll, tal-ġestjoni tal-prodotti, kif ukoll tal-ġestjoni tal-bejjieġha u tal-kuntratti;
- jirrikonoxxi l-isforzi li saru fil-monitoraġġ sistematiku u regolari u s-s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar ul-implimentazzjoni tagħhom;
- jinnota b'sodisfazzjon ir-rilaxx mogħti mill-Parlament Ewropew għas-sena baġitarja 2019.

## *Osservazzjonijiet dwar il-kisbiet operattivi tal-Aġenzija*

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi li l-Aġenzija żgurata b'suċċess id-disponibbiltà kontinwa tas-SIS, tal-VIS/BMS u tal-Eurodac; iqis li l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija għall-ġestjoni tas-SIS, tal-VIS/BMS u tal-Eurodac huma konformi mal-mandat tagħha u kkontribwew b'suċċess għall-kisba tal-oġġettivi u tal-kompiti stabbiliti fl-istrumenti legali rilevanti;
- jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex ittejjeb l-effiċjenza tal-attivitajiet operattivi tagħha, kif jintwera mir-riżultati pożittivi tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati;
- jinnota b'sodisfazzjon il-progress f'waqtu li sar mill-eu-LISA fl-implimentazzjoni tar-Regolament Riformulat tas-SIS; u jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija biex ttejjeb il-ħin l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac, qabel l-adozzjoni tal-Patt Ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni;
- jenfasizza l-importanza tal-AFIS għas-SIS, jirrikonoxxi l-isforzi li għamlet l-Aġenzija biex tappoġġa lill-Istati Membri bil-konnessjoni tagħhom mal-AFIS, u jinnota l-progress li sar mill-Aġenzija fl-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-proġett AFIS;
- jenfasizza l-importanza kbira tal-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-arkitettura tal-interoperabbiltà ġdida għat-tiżgura tal-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna fl-UE, jesprimi s-sodisfazzjon kbir tiegħu għall-progress sostanzjali li sar fl-2020 u jhegġegħ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha lejn l-implimentazzjoni sħiħa tas-sistemi, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-korpi ta' governanza, l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE;
- jinnota bi tħassib id-dewmien sostanzjali fl-adozzjoni tal-Emendi Konsegwenzjali tal-ETIAS u l-effetti possibbli ta' dan fuq l-implimentazzjoni tal-ETIAS u l-pakkett ta' Interoperabbiltà;
- jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet interni tal-Aġenzija fir-rigward tal-ippjanar, kif ukoll il-ġestjoni proattiva tal-eżekuzzjoni tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba, b'livelli ġenerali ta' eżekuzzjoni għoljin għall-impenji u l-pagamenti (99.1 % u 99.0 %, rispettivament, kontra mira ta' 95 %);
- jesprimi sodisfazzjon bil-funzjonament effiċjenti tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija, kif inhu rikonoxxut fl-awditi esterni u interni regolari.

## Valutazzjoni tal-ġestjoni tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi r-risultati miksubin mill-Aġenzija fl-2020 u, fid-dawl tal-eżiti pożittivi tal-awditi interni u esterni mwettqa fl-2020, u l-informazzjoni dettaljata li tiġi kondiviża regolarment mal-korpi ta' governanza tal-Aġenzija, jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-kwalità tal-ġestjoni tal-Aġenzija fl-2020.

## Varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji meta mqabbla mal-pjan ta' ħidma annwali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li r-riżorsi (persunal u baġit) jintużaw mill-Aġenzija f'konformità mal-iskop maħsub tagħhom kif stabbilit fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2020 inkluż fid-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku 2020-2022;
- iqis li l-varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi mhumiex sinifikanti u huma ġġustifikati, meta wieħed iqis ir-risultati li kisbet l-Aġenzija u l-eżiti tal-awditi li twettqu fl-2020;
- jenfasizza l-importanza li l-Aġenzija tingħata l-ammont meħtieġ ta' riżorsi umani u finanzjarji biex tlaħħaq mal-kompiti fdati lill-Aġenzija fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027.

## Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi l-livell tajjeb ħafna ta' kisba tal-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin tal-Aġenzija għall-2020.

## Ambjent ta' riskju u kontroll

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi li l-kontrolli interni tal-Aġenzija kienu effettivi, meta wieħed iqis ir-risultati li kisbet l-Aġenzija u r-risultati tal-awditi interni u esterni;
- jirrikonoxxi l-funzjonament effiċjenti tal-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI); jieħu nota tar-rapport dwar l-effettività tiegħu u jhegġegħ lill-Aġenzija biex tkompli bl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-QKI;
- jilqa' l-ħatra tal-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA bħala l-Maniġer inkarigat mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern;
- jirrikonoxxi li r-riskji ewlenin għall-organizzazzjoni ġew identifikati u vvalutati, u li fl-2020 ġew stabbiliti pjanijiet ta' rispons adegwati.

## Rakkomandazzjonijiet għall-2020

Filwaqt li jikkunsidra l-informazzjoni provduta f'dan ir-rapport, il-Bord tat-Tmexxija iħegġegħ lill-Aġenzija sabiex:

- tkompli twettaq il-mandat tagħha, b'effiċjenza u effettività sostnuti;
- tkompli l-implimentazzjoni tal-EES, tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN u tal-komponenti tal-interoperabbiltà bl-eħfef rata possibbli, b'enfasi qawwija fuq il-garanzija tal-kwalità u r-robustezza tas-sistemi l-ġodda;
- tistabbilixxi sinerġiji fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji allokatu fejn possibbli;
- tkompli l-proġett għall-bini tal-estensjoni għas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu mingħajr dewmien;

- tkompli l-kollaborazzjoni effiċjenti, trasparenti u mill-qrib tagħha mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenziji rilevanti tal-UE biex tiżgura l-implimentazzjoni kwalitattiva u f'waqtha tas-sistemi l-ġodda u l-komponenti tal-interoperabbiltà;
- tiffinalizza r-reklutaġġ għall-karigi kollha pprovduti fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija mingħajr dewmien;
- tiffinalizza mingħajr dewmien l-iżvilupp tal-istrateġija ta' forniment tal-Aġenzija.

## *Valutazzjoni tal-assigurazzjonijiet u r-riżervi maħruġa mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni*

Il-Bord tat-Tmexxija jqis li hemm fis-seħħ miżuri adegwati u xierqa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fil-ġestjoni u fil-kontroll.

### *Konklużjoni*

Il-Bord tat-Tmexxija huwa sodisfatt ħafna bil-prestazzjoni ġenerali tal-eu-LISA fl-2020 u bil-kisbiet tagħha matul is-sena, li huma konformi mal-għanijiet u l-oġġettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha tal-2020. Il-Bord tat-Tmexxija huwa sodisfatt ukoll bl-adegwatezza u bil-livell tal-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli. Madankollu, il-Bord jenfasizza li l-persunal konsiderevoli fuq il-persunal tal-Aġenzija, minħabba bosta proġetti kumplessi li jitwettqu b'mod parallel, tibqa' ta' tħassib, u jenfasizza l-ħtieġa li l-Aġenzija tkompli tissaħħaħ b'riżorsi umani addizzjonali, kemm fil-funzjonijiet operazzjonali tagħha kif ukoll fil-funzjonijiet orizzontali u bejn l-organizzazzjonijiet.

Il-Bord tat-Tmexxija jistieden lill-Aġenzija biex tkompli bl-isforzi ammirvoli tagħha biex timplimenta l-mandat tagħha u biex iżżomm ir-rata għolja tal-ħidma fuq l-inizjattivi l-ġodda fdati lilha, jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-pakkett ta' Interoperabbiltà. Fl-istess ħin, il-Bord jirrikonoxxi l-interdipendenzi bejn il-ħidma tal-Aġenzija fil-livell ċentrali u dik tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, u jistieden lill-eu-LISA biex tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib u effiċjenti tagħha magħhom u mal-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura s-suċċess finali tal-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda.

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi l-importanza strateġika tat-tieni estensjoni tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-persunal u l-kuntratturi fuq il-post tagħha. Jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċità fiċ-ċentru ta' *data* għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi l-ġodda kif ukoll dawk eżistenti b'mod effiċjenti u sostenibbli filwaqt li jkomplu jiġu ggarantiti d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-evoluzzjoni f'waqtha tas-sistemi kollha. Il-Bord jistieden lill-Aġenzija biex tkompli b'dan il-proġett mingħajr dewmien.

Il-Bord tat-Tmexxija jesprimi l-apprezzament tiegħu għad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, kif ukoll għall-maniġment u l-persunal tal-eu-LISA għall-impenn u l-kisbiet tagħhom matul din is-sena tant diffiċli, u jixtieq jirringrazzjahom tal-kollaborazzjoni professjonali u ġeneruża tagħhom.

**Zsolt Szolnoki, President tal-Bord tat-Tmexxija**

# Daħla



**Krum Garkov**

*Direttur Eżekuttiv*

*Kreditu għall-immaġni: Aigar*

**Is-sena 2020 kienet sena straordinarja għall-eu-LISA. Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat kriżi dinjija li poġġiet is-sistemi ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa taħt pressjoni enormi. Għadd kbir ta' persuni ġew affettwati direttament, u dan wassal għal għadd għoli devastanti ta' mwiet u firxa wiesgħa ta' effetti negattivi fuq il-ħajja ta' kuljum ta' biljuni ta' persuni madwar id-dinja. Il-kriżi kellha impatt kbir fuq l-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropea, u wasslet għal bosta miżuri ta' emerġenza biex titrażżan it-tifqigħa u biex jiġu mminimizzati r-riskji għas-saħħa għaċ-ċittadini tagħhom.**

Matul dan iż-żmien prekarju, kien ta' importanza kbira li jinżammu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tas-sigurtà interna, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Għal dan il-għan, id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira (SIS, VIS, Eurodac) u l-progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-EES, tal-ETIAS u tal-pakkett ta' interoperabbiltà kienu ta' importanza kbira.

Jien kunfidenti li l-eu-LISA indirizzat dawn l-isfidi b'suċċess. L-Aġenzija rnexxielha tadatta b'ħeffa l-mudell operazzjonali tagħha u żgurat il-kontinwità tan-negozju u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti, filwaqt li implimentat għadd ta' miżuri ta' mitigazzjoni. Fl-istess ħin, l-Aġenzija rnexxielha tegħleb b'suċċess it-tfixkil ikkawżat mill-kriżi tal-COVID-19 għall-attivitajiet ipjanati, billi kkunsidrat b'mod partikolari l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda fdati lilha (EES, ECRIS-TCN, interoperabbiltà, Riformulazzjoni tas-SIS, eċċ.), u naqqset l-impatt negattiv għall-minimu possibbli. Dan inkiseb f'kooperazzjoni mill-qrib u kostruttiva mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea.

Matul is-sena kollha, l-eu-LISA kellha tfittex kontinwament l-aħjar użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli biex tiżgura l-operazzjonijiet ta' kuljum u l-progress fil-kompiti l-ġodda tagħha. Barra minn hekk, fl-2020, l-Aġenzija kompliet ukoll issegwi l-programm ta' trasformazzjoni interna tagħha, minkejja d-diffikultajiet li rriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19.

F'din is-sena tant diffiċli, l-Aġenzija kollha u t-timijiet u l-persunal tagħha taw prova tar-reżiljenza, tal-aġilità u tal-kapaċità tagħhom li jwettqu u jimmaniġġjaw il-bidla fil-ħin. L-eu-LISA baqgħet marbuta bil-mandat tagħha billi sostniet l-operazzjonijiet tagħha, 24 siegħa kuljum, kull jum tas-sena. Din appoġġat lill-partijiet ikkonċernati tagħha bl-implimentazzjoni rapida ta' proċeduri ta' ħidma ġodda, billi żiedet il-komunikazzjoni fuq l-istatus tal-operazzjonijiet u l-iżviluppi kif ukoll billi kejlet u mmitigat b'mod proattiv l-impatti tal-pandemija. Billi għamlet dan, l-eu-LISA kkonfermat li hija sieħeb b'saħħtu, affidabbli u ta' min jafdah għall-Istati Membri.

Fl-2020, ix-xogħol tagħna nbena madwar it-tliet prijoritajiet li ġejjin:

- 1) Enfasi fuq l-operazzjonijiet ewlenin: it-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi fdati lill-Aġenzija, filwaqt li titqies l-importanza tagħhom għall-ġestjoni tas-sigurtà interna, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni fl-UE;
- 2) Progress fl-implimentazzjoni tal-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija: l-iżvilupp tal-EES, tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN u tal-pakkett ta' interoperabbiltà u bl-eħfef rata possibbli;

- 3) Kontinwament tal-programm ta' trasformazzjoni organizzazzjonali li huwa maħsub biex iservi bħala l-katalizzatur għall-iżvilupp sostenibbli u ta' suċċess fit-tul tal-Aġenzija.

L-evoluzzjoni tal-prijoritajiet politiċi fil-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni matul is-sena, l-għadd kbir ta' attivitajiet imwettqa b'mod parallel mill-eu-LISA, u l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija, fil-kuntest tal-pandemija, ikkontribwew biex jinholq ambjent ta' sfida kbira. Madankollu, jien kunfidenti li l-eu-LISA kienet ta' suċċess fl-indirizzar tal-isfidi kollha li nħolqu matul l-2020, u dan ir-rapport jipprovi ħafna evidenza soda li tikkorrobora din l-asserzjoni. B'mod partikolari, nixtieq nenfasizza dan li ġej:

- L-Aġenzija żgurat id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi fdati lilha, minkejja ċ-ċirkostanzi operazzjonali diffiċli.
- L-Aġenzija għamlet progress konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-EES, tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN u tal-pakkett ta' interoperabbiltà.
- Il-programm ta' trasformazzjoni interna tal-Aġenzija kompli b'suċċess.
- L-Aġenzija rnexxielha tkompli ttejjeb il-profil tagħha bħala sieħeb u konsulent fdat għall-istituzzjonijiet tal-UE.
- L-Aġenzija kellha suċċess fiż-żamma ta' livell għoli ta' involviment u impenn fost il-persunal, filwaqt li żammet ukoll rata baxxa tad-dawran.

Dawn il-kisbiet għal darb'oħra jipprovd lill-partijiet ikkonċernati tagħha l-assigurazzjoni li l-Aġenzija tista' tissodisfa l-aspettattivi tagħhom u tilħaq l-oġettivi tagħha b'suċċess. Meta wieħed iqis l-isfidi ffaċċjati matul l-2020, u l-aġilità murija mill-eu-LISA, jien kunfidenti li l-Aġenzija tinsab fuq pedament sod biex issostni u tkompli ttejjeb il-kontribut ta' suċċess tagħha għall-Istati Membri u għall-UE kollha kemm hi.

Dan kollu kien ir-riżultat ta' sforz konġunt. Għalhekk nixtieq niringrazzja lill-Istati Membri, lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jospitaw is-siti tal-Aġenzija, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE, kif ukoll l-Aġenziji kollha tal-UE sħan tagħna, tal-appoġġ kontinwu u l-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom matul is-sena. Nixtieq ukoll niringrazzja lill-kollegi kollha tiegħi fl-eu-LISA tal-impenn, ix-xogħol iebes, u r-reżiljenza tagħhom fit-tweqqif tal-oġettivi tal-Aġenzija u fl-ilħuq tal-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha, minkejja l-isfidi u l-ostakli straordinarji li li koll affaċċjajna.

Is-sena 2020 għallmitna nkunu lesti għal sitwazzjonijiet mhux mistennija u kif nimmaniġġjaw aħjar l-inċertezza. Il-COVID-19 ġegħelna nibdlu r-rutini ta' kuljum tagħna u nadattaw il-mudelli operattivi tagħna għal realtà ġdida. Jien kuntent ngħid li, minkejja l-isfidi, l-Aġenzija wriet reżiljenza, aġilità u fokus kbir fuq il-missjoni tagħha: li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Istati Membri biex jagħmlu l-Ewropa aktar sikura.

Is-sena d-dieħla u dawk ta' warajha mhux se jkunu inqas impenjattivi mill-2020. L-Aġenzija se tkompli topera f'ambjent ferm dinamiku u ta' sfida. Madankollu, tistgħu tassiguraw ruħkhom li, irrispettivament mill-isfidi u ċ-ċirkostanzi, l-eu-LISA se żżomm l-għan ewlieni tagħha quddiem għajnejha: li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Istati Membri biex l-Ewropa ssir aktar sikura u aktar b'saħħitha. Sabiex tirnexxi f'dan l-isforz, l-Aġenzija se żżomm lill-partijiet ikkonċernati tagħha u l-ħtiġijiet tagħhom fil-qalba tal-isforzi kollha tagħha, filwaqt li tistinka biex twassal is-servizzi tagħha b'mod effiċjenti, b'impenn sod kif ukoll b'passjoni għall-eċċellenza u għall-aġilità.

**Krum Garkov, Direttur Eżekuttiv**

## Sommarju eżekuttiv

Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat (CAAR) tal-2020 tal-eu-LISA jipprovdi ħarsa ġenerali strutturata lejn l-attivitajiet imwettqa u l-oġġettivi miksuba fl-2020 mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA). F'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA, il-CAAR jiġi vvalutat mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Gruppi Konsultattivi, b'mod partikolari billi jitqabblu r-riżultati miksuba mal-oġġettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2020 (Dokument ta' Programmazzjoni Uniku 2020–2022). Wara li jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija, il-CAAR jiġi mibgħut lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, u jiġi ppubblikat.

Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija għall-2020 kien ibbażat fuq il-prijoritajiet operazzjonali li ġejjin:

- iż-żamma tal-livell għoli ta' prestazzjoni u disponibbiltà fis-sistemi;
- l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolamenti Riformulati tas-SIS;
- l-iżvilupp ta' sistemi ġodda (EES, ETIAS u ECRIS-TCN);
- l-iżvilupp tal-komponenti deskritti fir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà;
- it-twettiq tat-tieni fażi tal-estensjoni tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu, inkluż iċ-ċentru ta' *data*.

Il-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija fl-2020 uriet li l-eu-LISA baqgħet sieħba b'saħħitha u affidabbli fil-qasam tal-Ġustizzja ul-Affarijiet Interni, bi struttura organizzazzjonali soda u persunal kwalifikat ħafna. Matul is-sena, l-eu-LISA wriet li hija element indispensabbli tal-arkitettura ta' Schengen, u ffaċilitat l-eżerċitar sikur u sigur ta' wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE – il-libertà ta' moviment. Barra minn hekk, l-Aġenzija nrexxielha tilħaq l-oġġettivi tagħha minkejja l-isfidi li rriżultaw fil-kuntest uniku tal-pandemija globali.

Flimkien mal-bqija tad-dinja, l-eu-LISA kienet affettwata mill-miżuri ta' konteniment introdotti biex irażżnu l-pandemija. Mill-bidu tal-kriżi, l-Aġenzija implimentat il-miżuri meħtieġa biex tiżgura s-saħħa u s-sikurezza tal-persunal tagħha u tal-kuntratturi fuq il-post, biex tissalvagwardja s-servizz kontinwu u mhux interrott tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira skont it-tmexxija operattiva tal-eu-LISA, u biex jiġi minimizzat l-impatt tas-sitwazzjoni fuq l-attivitajiet ta' żvilupp. Dawn l-arranġamenti speċjali żguraw il-forniment kontinwu tas-servizzi lill-Istati Membri. Matul il-pandemija, kemm is-sit tekniku fi Strasburgu kif ukoll is-sit ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau baqgħu operattivi. B'riżultat ta' dan, l-ebda interruzzjoni jew inċident maġġuri ma affettwa d-disponibbiltà tas-SIS, tal-VIS jew tal-Eurodac għall-Istati Membri. Attivitajiet ta' żvilupp ġodda ġew affettwati mill-pandemija f'diversi modi, b'mod partikolari minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għaċ-ċentru ta' *data*. Madankollu, l-Aġenzija, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri żviluppat miżuri ta' mitigazzjoni effettivi biex jitnaqqas l-impatt tal-pandemija fuq l-iżvilupp ta' sistemi ġodda.

### L-evoluzzjoni tal-qafas legali

Is-sena 2020 gābet bidliet sinifikanti fl-ambjent legali li topera fih l-eu-LISA:

- Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għar-**regolament Eurodac riformulat** fil-qafas tal-Patt ġdid tagħha dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jkopri l-elementi kollha għal approċċ Ewropew komprensiv għall-migrazzjoni. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi proċeduri mtejbja u aktar rapidi fis-sistema kollha tal-ażil u l-migrazzjoni, u tistabbilixxi f'bilanċ il-prinċipji ta' tqassim ġust tar-responsabbiltà u s-solidarjetà.
- L-2020 rat il-kontinwazzjoni tan-negozjati dwar **ir-Regolament VIS Riformulat**, inklużi l-Emendi Konsegwenzjali tal-VIS. Fl-aħħar tas-sena ntlaħaq ftehim politiku u l-att leġiżlattiv laħaq l-istadju finali tal-adozzjoni. Ir-regolament il-ġdid se jrawwem is-sigurtà tal-proċedura tal-viża għal soġġorn qasir, jinkludi viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza fil-bażi tad-*data* u jiżgura l-interoperabbiltà bejn il-VIS u sistemi u bażijiet tad-*data* rilevanti oħra tal-UE.

- In-negożjati komplew ukoll dwar **I-Emendi Konsegwenzjali tal-ETIAS**, iżda l-adozzjoni tagħhom kienet għadha mhux finalizzata sal-aħħar tas-sena. Madankollu, l-Aġenzija diġà qieset ir-rekwiżiti indikati fid-dokumentazzjoni rilevanti għas-sistemi kollha affettwati, jiġifieri l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN.
- Fit-2 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ressqet proposta dwar **l-e-CODEX** (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data Online*) bħala parti minn pakkett biex jiġu modernizzati s-sistemi tal-ġustizzja tal-UE u titthaffef id-diġitalizzazzjoni tagħhom. L-e-CODEX huwa l-istrument ewlieni għal kooperazzjoni transfruntiera sigura fi proċedimenti ċivili, kummerċjali u kriminali. Skont il-proposta, it-tmexxija operattiva ta' din is-sistema għandha tiġi fdata lill-eu-LISA mill-1 ta' Lulju 2023.
- Fit-19 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-**White Paper** tagħha **dwar l-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-Eċċellenza u l-Fiduċja**. F'dan il-kuntest, l-eu-LISA qed tesplora għażliet ta' użu potenzjali ta' elementi dedikati tal-IA fis-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha.
- Fl-24 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-inizjattiva **Strateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà** għall-perjodu mill-2020 sal-2025. L-istrateġija tiddeskrivi erba' prijoritajiet strateġiċi u l-eu-LISA tikkontribwixxi għat-twettiq tagħhom kollha, b'mod partikolari għall-prijorità 4 – ekosistema ta' sigurtà Ewropea b'saħħitha.
- Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea f'arġet komunikazzjoni dwar **l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-UE għad-Deċennju Diġitali**. Fil-qasam ta' għarfien espert tagħha, l-eu-LISA tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' soluzzjonijiet u standards ta' ċibersigurtà ta' klassi dinjija għall-infrastrutturi kritiċi, kif ukoll għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

### *L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda u innovazzjoni*

Fl-2020, l-eu-LISA kompliet il-ħidma tagħha fuq l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda fdati lill-Aġenzija (EES, ETIAS u ECRIS-TCN), kif ukoll l-iżvilupp tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi l-ġodda u dawk eżistenti. Dawn l-inizjattivi fuq skala kbira ġew organizzati bħala programmi interni biex jiġu żgurati sinerġiji u biex ir-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli jintużaw b'mod effiċjenti.

- **EES:** Fl-2020, saru sforzi kbar mill-eu-LISA biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-EES skont skont l-iskeda ppjanata, u biex jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. F'Awwissu, l-Aġenzija kisbet stadju importanti bl-għeluq tal-fażi tar-rekwiżiti u tal-ispeċifikazzjonijiet. L-Aġenzija żviluppat u wasslet is-simulatur tas-sistema ċentrali lill-utenti, u pprovdiet taħriġ mill-bogħod lill-Istati Membri. L-installazzjoni tal-interfaċċa nazzjonali uniformi (NUI) u l-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS (meħtieġa għall-EES u l-ETIAS f'kull Stat Membru) kważi tlestiet kompletament, minkejja r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal siti tekniċi minħabba l-pandemija. B'kollox, l-Aġenzija installat 57 minn 64 NUI, u t-titjib tan-network tlesta f'56 minn 65 sit tekniċi f'diversi Stati Membri.

Il-kuntratt qafas tal-EES BMS/sBMS ġie ffirmat f'April, u beda l-proċess ta' żvilupp. Barra minn hekk, l-Aġenzija lestiet ix-xogħol ta' żvilupp relatat mal-interoperabbiltà tal-EES mal-VIS u adottat l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp tas-servizz web tal-EES-ETIAS, komponent strutturali essenzjali ieħor tas-sistema.

Fl-14 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI) iddeċieda li jipposponi d-dħul fis-seħħ tal-EES b'xahrejn, minn Marzu għal Mejju 2022, sabiex jassorbi l-impatt tal-pandemija u sabiex l-Istati Membri jingħataw aktar żmien biex iħejju ruħhom.

- **ETIAS:** Fl-2020 kompli l-iżvilupp tal-ETIAS f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, l-Aġenzija rnexxielha tiproċedi bl-implimentazzjoni tas-sistema bħalma kien ipplanat. F'Settembru, il-Bord tat-Tmexxija adotta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti għall-iżvilupp tal-ETIAS, u sussegwentement tnediet l-offerta bħala parti mill-Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF). L-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-ETIAS ma kinitx affettwata mill-pandemija.

- **Interoperabilità:** Matul l-ewwel nofs tal-2020, l-Aġenzija ħejjiet l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti għall-ESP, għas-CIR, għall-MID u għas-CRRS.<sup>1</sup> Il-proċeduri ta' rieżami u adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għad-diversi komponenti tal-interoperabbiltà bdew f'Lulju u r-ieżami għe ffinalizzat f'Novembru. Il-konklużjoni formali tal-proċess hija mistennija fl-2021, soġġetta għal opinjoni favorevoli min-naħa tal-Kummissjoni. L-offerta għall-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà tnediet bħala parti mit-TEF f'Diċembru. L-iskedi ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà ma ġewx affettwati mill-pandemija.
- **ECRIS:** Fl-2020, l-eu-LISA żiedet l-involvement tagħha mal-komunità tal-ġustizzja tal-UE. Fl-14 ta' April 2020, l-eu-LISA ħadet ir-responsabbiltà taż-żamma **tal-Implimentazzjoni ta' Referenza tal-ECRIS**. L-Aġenzija rnexxietha taġġorna l-protokoll ta' komunikazzjoni b'suċċess u kkommettiet ruħha li timplimenta għaxar bidliet evoluttivi fakultattivi bi prijorità għolja. Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet l-iżvilupp tal-**ECRIS-TCN** kif ipplanat u l-abbozz tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti għe ppreżentat għal rieżami f'Novembru.
- Filwaqt li tbiegħdet ruħha mill-approċċ silo fl-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, fl-2020, l-Aġenzija nediet l-ewwel **Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF)** tagħha. It-TEF għandu l-għan li jstabbilixxi qafas kuntrattwali għat-tfassil, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT. L-Aġenzija tqis dan bħala stadju importanti maġġuri, u s'issa huwa l-akbar offerta li qatt ġiet iffirmata mill-eu-LISA. It-TEF intuża wkoll biex jiġu akkwistati s-servizzi meħtieġa għall-iżvilupp tal-ETIAS, il-komponenti tal-interoperabbiltà u t-TCN ECRIS-.
- Minħabba l-espansjoni reċenti tal-mandat tal-eu-LISA, l-Aġenzija żiedet l-isforzi tagħha fil-qasam **tar-riċerka u l-innovazzjoni** u ppubblikat rapport dwar "L-Intelliġenza Artifiċjali fit-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira". Barra minn hekk, l-Aġenzija nediet proġett biex tiżviluppa u tittestja prototip tal-portal online tal-UE għall-applikazzjoni għal viża, appoġġat b'mod attiv liċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna (inizjattiva mnedija mill-Kunsill tal-UE) u abbozzat il-pjan direzzjonali għall-istandardizzazzjoni li għe adottat mill-Kunsill f'Diċembru.

### *It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti*

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-prestazzjoni u d-disponibbiltà **tas-SIS, tal-VIS/BMS u tal-Eurodac** kienu f'konformità mal-ftehimiet rilevanti dwar il-livell ta' servizz. Minkejja l-impatt tal-pandemija, is-sistemi kollha baqgħu disponibbli f'kull ħin, u ż-żewġ siti tekniċi tal-Aġenzija żammew operazzjoni kontinwa kif ikkonfermat mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għat-tmexxija operattiva tas-sistemi (jiġifieri d-disponibbiltà tas-sistemi u l-ħinijiet tar-rispons). Id-disponibbiltà tas-SIS kienet ta' 99.94 %, tal-VIS ta' 99.93 % u dik tal-Eurodac kienet ta' 99.87 %. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, it-traffiku fuq is-sistemi kollha naqas b'mod sinifikanti minn Marzu 'l quddiem.

Fl-2020, l-Aġenzija għamlet progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-**Riformulazzjoni tas-SIS**. F'Jannar, intużaw żewġ karatteristiċi ġodda fis-sistema. Waħda biex tiżied funzjonalità ġdida għas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) u l-oħra biex jiġu stabbiliti konnessjonijiet mas-SIS għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex). Barra minn hekk, l-Aġenzija pproċediet bl-iżvilupp taż-żewġ rilaxxi intermedji ewlenin tal-proġett relatati ma' bidliet fl-allerti dwar persuni u dwar oġġetti. F'Diċembru, l-eu-LISA wasslet verżjoni aġġornata tad-dokumentazzjoni teknika tas-sistema (jiġifieri Dokument ta' kontroll tal-interface (ICD)/speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati (DTS)) għar-rieżami mill-Istati Membri. Id-dokumentazzjoni aġġornata tkopri l-elementi bijometriċi tas-sistema, u l-bidliet li jirriżultaw kemm mill-AFIS kif ukoll mir-regolamenti ta' riformulazzjoni. Barra minn hekk, l-Aġenzija kompliet ix-xogħlijiet ta' żvilupp relatati mal-fażi 2 tal-AFIS u biex tippermetti kapaċità akbar ta' mistoqsijiet. L-integrazzjoni tal-Irlanda fis-SIS iprogressat bil-prova ta' suċċess tad-dħul fis-seħħ f'Jannar 2020; id-dħul fis-seħħ finali huwa skedat għall-15 ta' Marzu 2021. L-integrazzjoni ta' Ċipru għamlet progress ukoll, b'diversi fażijiet ta' ttestjar li tlestew matul l-2020.

<sup>1</sup> Portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), detettur ta' identitajiet multipli (MID) u repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS)



Fir-rigward tal-**VIS/BMS**, l-Aġenzija kellha suċċess fiż-żieda tal-kapaċità tal-BMS għal 85 miljun rekord, filwaqt li żgurat li għandha kapaċità suffiċjenti biex tissodisfa l-ħtiġijiet dejjem akbar tal-Istati Membri, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi. L-Aġenzija ħadmet ukoll fuq l-integrazzjoni ta' utenti ġodda (jiġifieri l-Europol, kif ukoll l-għoti ta' aċċess passiv għall-Bulgarija u r-Rumanija). Is-sistema VIS hija teknikament lesta biex tintuża mill-utenti l-ġodda. L-evoluzzjonijiet tal-VIS/BMS ġew influwenzati ħafna mill-interkonnessjoni futura tal-VIS-EES. Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet ukoll għat-thejjiġja tar-regolament il-ġdid dwar il-VIS.

Fl-2020, saru biss evoluzzjonijiet tekniċi speċifiċi għall-**Eurodac**, filwaqt li l-evoluzzjonijiet funzjonali tas-sistema nżammu sospiżi, sakemm tiġi adottata l-leġiżlazzjoni rilevanti. Matul it-tieni nofs tal-2020, l-eu-LISA bdiet it-thejjiġiet għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac, li se tippermetti lill-Aġenzija tiggarrantixxi d-disponibbiltà ta' nofs it-terminu tas-sistema għall-Istati Membri, filwaqt li tiżgura wkoll li jiġu żviluppanti u implimentati funzjonalitajiet ġodfil-ħin, ladarba jiġu adottati.

## *Infrastruttura u networks*

Matul l-2020, l-eu-LISA żgurat it-tmexxija operattiva u l-operat ta' kuljum tal-infrastruttura tagħha, kemm fis-sit tekniku ewlieni fi Strasburgu, Franza, kif ukoll fis-sit ta' riżerva f'St Johann im Pongau, l-Awstrija.

L-Aġenzija mmaniġġjat ukoll l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS li l-prestazzjoni tagħha kienet f'konformità mar-rekwiżiti legali u operazzjonali, bl-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS li laħqet disponibbiltà ta' 99.9997 %, u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS 99.9865 %; it-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II laħaq disponibbiltà ta' 100 %.

Barra minn hekk, l-Aġenzija kompliet bl-aġġornament tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS, biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw b'mod effiċjenti l-funzjonalitajiet il-ġodda tas-sistema, li jirriżultaw mill-proġetti ta' riformulazzjoni u tal-AFIS. L-aġġornament tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS twettaq bħala parti mill-programm tal-EES, biex twassal il-wisa' tal-banda meħtieġa għat-tħaddim futur tal-EES u tal-ETIAS.

## *Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati*

Fl-2020, l-eu-LISA kompliet il-kollaborazzjoni mill-qrib, trasparenti u kostruttiva tagħha mal-Bord tat-Tmexxija tagħha, mal-Bords tat-Tmexxija tal-Programm (għall-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN) u mal-Gruppi Konsultattivi (għas-SIS, il-VIS, l-Eurodac, l-EES-ETIAS, l-Interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN). L-Aġenzija appoġġat ukoll id-diskussjonijiet kurrenti mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew, kemm fir-rigward tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti kif ukoll dawk ġodda, kif ukoll tal-arkitettura tal-interoperabbiltà.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet il-parteċipazzjoni tagħha fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen billi għenet fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen b'enfasi fuq l-oqsma ta' użu tas-SIS u l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi.

Is-seba' Konferenza Annwali tal-Aġenzija – "L-Interoperabbiltà - Il-Bini tar-Reżiljenza Diġitali għall-Komunità tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE" – ġiet organizzata fis-26 ta' Novembru 2020 f'kooperazzjoni mal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE. Kienet l-ewwel darba li l-konferenza saret kompletament online. Ix-xandira diretta, permezz ta' pjattaforma virtwali dedikata, laħqet udjenza usa' mill-konferenzi wiċċ imb wiċċ tas-soltu, b'aktar minn 500 parteċipant irreġistrat.

Il-forum regolari tal-eu-LISA għall-interazzjoni mal-industrija – ir-Roundtable dwar l-Industrija 2020 – ukoll twettaq f'format kompletament diġitali fl-2020. L-avveniment ta' din is-sena, taħt it-titolu "Il-Kwalità u l-Interoperabbiltà tad-Data: l-Indirizzar tan-Nuqqasijiet fil-Kapaċità permezz tal-Istandardizzazzjoni" sar mit-3 sal-5 ta' Novembru, b'aktar minn 320 parteċipant minn aktar minn 90 organizzazzjoni u 35 pajjiż.

Fl-2020, eu-LISA abbozzat u nnegozzjat pjanijiet ta' kooperazzjoni bilaterali ma' diversi Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI). F'Settembru, l-eu-LISA kkonkludiet pjan ta' kooperazzjoni għall-2020–2022 mal-Uffiċċju

Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO). Fit-12 ta' Novembru 2020, id-Diretturi Eżekuttivi tal-eu-LISA u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) iffirmaw pjan ta' kooperazzjoni għall-2020–2022. Barra minn hekk, l-eu-LISA u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) innegozjaw pjan ta' kooperazzjoni għall-perjodu 2021-2023, li ġie ffirmat fid-9 ta' Jannar 2021.

Barra minn dan, l-eu-LISA żammet ukoll kuntatt mill-qrib ma' aġenziji sħab oħra, pereżempju mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) dwar attivitajiet ta' taħriġ; mal-Frontex dwar is-SIS, l-EES, l-ETIAS u l-interoperabbiltà; mal-Europol dwar is-SIS, is-SIRENE, il-VIS, l-EES, l-ETIAS u l-interoperabbiltà, u mal-Eurojust dwar is-SIS u l-Eurodac. Saret ukoll kooperazzjoni attiva addizzjonali fil-qafas tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN) u n-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN).

### *Trasformazzjoni organizzazzjonali*

Fl-2019, l-Aġenzija nediet programm ta' trasformazzjoni bil-għan li jwassal struttura organizzazzjonali ġdida li takkomoda aħjar il-mandat estiż tal-eu-LISA. Dan il-programm, li b'mod komuni jissejjaħ eu-LISA 2.0, kien imfassal biex jiżgura proċess ta' riorganizzazzjoni miftuħ u trasparenti bl-involvement attiv tal-persunal tal-Aġenzija. Matul l-2020, l-Aġenzija kompliet fit-triq tat-trasformazzjoni u ffukat fuq l-aspetti tal-bidla kulturali biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni l-ġdida.

### *Siti operazzjonali*

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA għamlet progress sinifikanti fil-proġett għall-bini tat-**tieni estensjoni għas-sit tekniku tagħha** fi Strasburgu. Fit-28 ta' Settembru, l-Aġenzija laħqet stadju importanti bit-trasferiment formali tal-art, mill-awtoritajiet Franċiżi lill-eu-LISA, tar-roqgħa art ta' 20 000 m<sup>2</sup> li tmiss mal-kumpless tal-bini attwali tagħha li se sservi bħala s-sit għall-estensjoni l-ġdida.

### *Implimentazzjoni tal-baġit*

Fl-2020, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 240.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 181.6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mill-baġit ġenerali tal-UE. B'mod ġenerali, l-Aġenzija kisbet rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- 99.1 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn;<sup>2</sup>
- 99 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.<sup>3</sup>

### *Ir-riskji u l-kwistjonijiet ewlenin irrapportati lill-Bord tat-Tmexxija.*

Matul is-sena, l-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà u l-Gruppi Konsultattivi tal-ECRIS-TCN u l-Bords tat-Tmexxija tal-Programm regolarment innotifikaw lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-istatus tal-implimentazzjoni, u ppreżentaw rapporti komprensivi, li jinkludu ħarsa ġenerali lejn ir-riskji u l-kwistjonijiet f'kull programm partikolari. F'diversi okkażjonijiet il-Bord indika l-ħtieġa ta' involviment iktar qawwi tal-Istati Membri biex jiżguraw il-preżentazzjoni fil-ħin tal-programmi. Barra minn hekk, il-Bord indirizza ripetutament il-kwistjoni tal-effetti tal-pandemija fuq l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-EES, tal-ETIAS u tal-Interoperabbiltà u l-miżuri ta' mitigazzjoni proposti.

Il-Gruppi Konsultattivi għas-SIS, il-VIS u l-Eurodac irrapportaw direttament lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-istatus tal-ħidma tagħhom, inklużi r-riskji u l-kwistjonijiet assoċjati mat-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi taħt l-ambitu tagħhom.

Il-“Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC)” tal-Bord tat-Tmexxija kkontribwixxa biex jipprovdi assigurazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti tal-ġestjoni tar-riskju tal-Aġenzija.

<sup>2</sup> Meta jiġi kkunsidrat ir-riport mhux awtomatiku tal-approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati mil-MB fil-15 ta' Frar 2021, kif miġbur fil-qosor f'Tabella 6.

<sup>3</sup> Meta jiġi kkunsidrat r-riport 'il quddiem tan-nefqa amministrattiva għall-2021.

Barra minn hekk, il-Bord irċieva aġġornamenti regolari dwar l-istatus tan-negozjati rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid għall-2021–2027. Barra minn dan, il-Bord segwa mill-qrib ukoll il-progress fuq il-proġett għall-bini tat-tieni estensjoni tas-sit tekniku tal-eu-LISA fi Strasburg u r-riskji assoċjati ma' faċilitajiet insuffiċjenti biex jiġu ospitati sistemi ġodda, il-persunal u l-kuntratturi fuq il-post. Il-Bord ġie aġġornat regolarment ukoll dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni tal-Aġenzija (eu-LISA 2.0). Fir-rigward tal-awditi, il-Bord irċieva Rapporti ta' Monitoraġġ regolari dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.

### *Il-valutazzjoni tal-kontrolli interni mill-maniġment*

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontrolli interni stabbiliti huma xierqa u jiffunzjonaw kif maħsub. Din il-pożizzjoni kompliet tiġi kkonfermata mir-riżultati tal-awditi interni u esterni.

### *Riżultati tal-awditu*

L-Aġenzija ma rċeviet l-ebda rakkomandazzjoni kritika fil-qafas tal-awditi li twettqu fl-2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minn awdituri esterni indipendenti, mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni jew mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija. Ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra kollha ġew indirizzati fi pjanijiet ta' azzjoni relatati u fl-2020 l-Aġenzija kompliet tagħmel progress fl-implimentazzjoni tagħhom.

### *Ġestjoni tar-riskju*

Matul is-sena, kull riskju ewlieni ġie identifikat u ġestit b'mod xieraq. Fl-2020, l-Aġenzija identifikat 12-il riskju korporattiv kbir u stabbiliet pjan ta' rispons għar-riskju korporattiv biex tindirizzahom. Matul il-perjodu ta' rapportar, ingħalqu żewġ riskji korporattivi u tlieta inbidlu fi kwistjoni.

# Introduzzjoni

L-għan tar-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-eu-LISA huwa li jagħti ħarsa ġenerali strutturata lejn l-attivitajiet imwettqa u l-oġġettivi miksuba fl-2020 kif deskritt fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija għall-2020 u fid-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tagħha 2020–2022. Ir-rapport isegwi l-istruttura komuni stabbilita għall-Aġenziji kollha tal-UE.

Il-Kapitolu 1 jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-aktar kisbiet notevoli fit-tmexxija operattiva tas-sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda, kif ukoll l-oqsma ewlenin l-oħra ta' attività tal-Aġenzija u f'attivitajiet orizzontali. Il-Kapitolu 2 jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-ġestjoni tal-eu-LISA, bħall-baġit u r-riżorsi umani. Il-Kapitolu 3 jirrieżamina l-effettività tal-qafas ta' kontroll intern (QKI) u jelenka r-riskji korporattivi ewlenin għall-perjodu ta' rapportar. Il-Kapitolu 4 u 5 jipprovdu l-assigurazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' assicurazzjoni tal-maniġment.

## Informazzjoni ġenerali

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) ġiet stabbilita fl-2011 bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 u saret operattiva fl-1 ta' Diċembru 2012. L-Aġenzija ġiet stabbilita sabiex tippovdi soluzzjoni fit-tul fil-livell tal-UE għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u futuri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Ir-Regolament ta' stabbiliment attwali<sup>4</sup> daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018, li jħassar ir-regolament preċedenti u li jespandi l-mandat tal-Aġenzija. Dan il-mandat ġdid isaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija li ttejjeb, tiddiżinja u tiżviluppa sistemi ta' informazzjoni għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni Ewropej, u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija dwar ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-ittestjar u dwar il-possibiltà li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' proġetti pilota u provi tal-kunċett.

Bħalissa, l-eu-LISA qiegħda tmexxi s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS),<sup>5</sup> is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)<sup>6</sup> u s-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Asil (Eurodac).<sup>7</sup> Dawn is-sistemi huma l-pedamenti essenzjali għall-funzjonament bla xkiel taż-żona Schengen. Fil-fruntieri esterni tal-UE, dawn is-sistemi tal-IT huma essenzjali għall-iżgurar tal-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-asil, il-migrazzjoni u l-viżi. Fiż-żona Schengen, id-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-sistemi hija kruċjali sabiex tiġi ggarantita l-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata wkoll is-sigurtà tagħhom.

L-Aġenzija qed tiżviluppa wkoll is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES),<sup>8</sup> is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvjaġġar (ETIAS),<sup>9</sup> is-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni kundannatorja dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN),<sup>10</sup> u l-komponenti l-ġodda li se jsawru l-qafas għall-interoperabbiltà tas-sistemi taħt l-ambitu tal-eu-LISA.<sup>11</sup>

Matul l-operazzjonijiet kollha, l-Aġenzija tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* u l-livell xieraq ta' sigurtà fiżika u tad-*data*, f'konformità mar-regoli u d-dispożizzjonijiet applikabbli.

4 Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99–137.

5 Ir-Regolament (UE) 2018/1860, ir-Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2018/1862, ĠU L 312, 7.12.2018, pp. 1–106; ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1–23; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63–84.

6 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81.

7 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31–59.

8 Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20–82.

9 Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–71 u r-Regolament (UE) 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–73.

10 Ir-Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1–26.

11 Ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27–135.

## Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin

Il-missjoni tal-Aġenzija hija bbażata fuq il-mandat legali tagħha previst fir-Regolament (UE) 2018/1726 u tiffoka fuq li **żżid kontinwament il-valur lill-Istati Membri, billi tappoġġa, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura.**

Din il-missjoni titwettaq permezz tal-viżjoni tal-Aġenzija, li hija li **tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet ikkonċernati, li tikseb il-fiduċja tagħhom billi tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li jevolvu tal-Istati Membri u li tkabbar l-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza** fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI).

Il-missjoni u l-viżjoni tal-Aġenzija jissarrfu f'attivitajiet operattivi permezz tal-valuri ewlenin tal-eu-LISA, li jixprunaw u jiffrdu l-attivitajiet operattivi kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija. Il-valuri ewlenin tal-eu-LISA huma:

- **Responsabbiltà:** l-użu ta' qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti.
- **Trasparenza:** komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involvement tagħhom fi djalogo kontinwu sabiex tiġi ddefinita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija.
- **Eċċellenza:** billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali xierqa, il-persuni xierqa u l-proċessi xierqa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz lill-Istati Membri.
- **Kontinwità:** l-iżgurar li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-għarfien espert, l-għarfien u l-investimenti li jsiru mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppa l-għarfien espert u l-għarfien.
- **Ħidma f'tim:** li tfittex li ssaħħaħ lil kull membru tat-tim individwali sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, sabiex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess tal-Aġenzija.
- **Attenzjoni lejn il-klijent:** l-iżgurar li l-Aġenzija tkun dejjem allinjata mal-ħtiġijiet u d-domanda tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

## Il-post

Is-sede tal-Aġenzija tinsab f'Tallinn, fl-Estonja, filwaqt li t-tmexxija operattiva tas-sistemi fdati lill-Aġenzija titwettaq fi Strasburgu, fi Franza. Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha wkoll sit tekniku ta' riżerva f'San Johann im Pongau, fl-Awstrija, u ufficiċċju ta' kollegament fi Brussell, fil-Belġju.

## Sfond legali

L-Artikolu 24(3)(g) tar-Regolament (UE) 2018/1726 jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv iħejji u jippreżenta l-abbozz tas-CAAR tal-Aġenzija lill-Bord tat-Tmexxija għall-valutazzjoni u l-adozzjoni, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi. L-Artikolu 19(1)(t) tal-istess Regolament jirrikjedi li l-Bord tat-Tmexxija jivvaluta u jadotta s-CAAR tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel, b'mod partikolari, billi jqabbel ir-riżultati miksuba mal-oġettivi ddettaljati tal-Programm ta' Ħidma Annwali. Il-Bord tat-Tmexxija huwa meħtieġ jibgħat kemm ir-rapport kif ukoll il-valutazzjoni tiegħu sal-1 ta' Lulju ta' kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri u jiżgura li r-Rapport Annwali tal-Attività jiġi ppubblikat.

# 1 Il-kisbiet tas-sena

Fl-2020, ir-rwol tal-eu-LISA u l-importanza tagħha għall-Istati Membri u għall-UE komplew jikbru. L-Aġenzija kienet fost il-kontributori ewlenin għall-proċess tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni. Il-kontribuzzjoni tal-Aġenzija kienet kritika wkoll għaċ-ċittadini kollha li jgħixu jew jivvjaġġaw fl-UE, peress li l-attivitajiet tagħha jgħinu biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali, u b'hekk jiżguraw il-moviment liberu madwar l-Istati Membri u joffru livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni.

B'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tagħha, l-Aġenzija għamlet kontribuzzjonijiet ewlenin lejn il-prijorità tal-UE ta' "promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew" billi saħħet is-sigurtà interna madwar l-UE. B'mod partikolari, skont l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà "Triq 'il quddiem ġdida",<sup>12</sup> it-tħaddim ta' sistemi eżistenti ssorveljati mill-Aġenzija, is-sistemi l-ġodda li qed jiġu żviluppanti, u l-interoperabbiltà tagħhom huma elementi essenzjali li jikkontribwixxu għat-tweqqif ta' ekosistema Ewropea ta' sigurtà soda, fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Dawn is-sistemi jsaħħu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġ u l-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE. Skont il-mandat il-ġdid tal-eu-LISA, l-Aġenzija żiedet ukoll il-kontribut tagħha għar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mas-sigurtà fi sħubija ma' Aġenziji oħra tal-UE.

L-Aġenzija pprovdiet l-appoġġ u l-għarfien espert tagħha lill-Kummissjoni fil-proċess tat-tfassil ta' qafas effettiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u kienet kontributor ewleni għall-"Patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil" mill-bidu tiegħu. Barra minn hekk, l-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati tagħha kienu qed jaħdmu fuq l-emendi proposti għar-Regolament Riformulat tal-Eurodac, li se jkollu rwol ewleni fil-kisba tal-oġġettivi deskritti fil-"Qafas Ewropew Komuni għall-migrazzjoni u l-ażil". L-Aġenzija kkontribwiet ukoll għall-prijorità "ġestjoni integrata tal-fruntieri", b'mod partikolari bil-progress li sar fl-iżvilupp tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira operati mill-eu-LISA.

Fir-rigward tal-isforzi lejn id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, l-eu-LISA pprovdiet kontribut siewi għad-diskussjonijiet dwar il-futur tal-e-CODEX.

Għalkemm diversi strateġiji tal-UE ġew rieżaminati jew immedija fl-2020, dawn ikkoinċidew ma' nofs it-terminu tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA (2018-2022).<sup>13</sup> Din l-istrateġija tħejjiet u ġiet adottata fl-2017, flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea. B'riflessjoni tal-mandat tal-Aġenzija, l-istrateġija identifikat erba' għanijiet strateġiċi, li jipprovdu gwida għall-pjanijiet ta' azzjoni fit-tul tal-eu-LISA u jipprovdu l-istruttura għall-programmazzjoni pluriennali:

**Għan Strateġiku 1:** Tkompli tikber bħala kontributor għal u sieħba ta' implimentazzjoni għall-politiki rilevanti fl-UE

**Għan Strateġiku 2:** Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur ta' servizzi tal-ICT tal-UE

**Għan Strateġiku 3:** Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE

**Għan Strateġiku 4:** Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regulatorju tal-UE

## 1.1 Sistemi u innovazzjoni ġodda (għan strateġiku 1)

Fl-2020, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira kien prijorità ewlenija għall-eu-LISA. L-Aġenzija hija responsabbli għall-iżvilupp ta' tliet sistemi ġodda fil-qasam tal-affarijiet interni: L-EES, l-ETIAS, u l-komponenti tal-interoperabbiltà. L-iżvilupp u t-tħaddim sussegwenti ta' dawn is-sistemi se jikkostitwixxu kontribut ewleni tal-Aġenzija għall-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, u se joffru appoġġ qawwi lill-Istati Membri fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Se ttejjeb u tissimplifika wkoll il-verifika fil-fruntieri tal-miljuni ta' persuni li jivvjaġġaw kull sena lejn u mill-UE minn madwar id-dinja kollha. eu-LISA hija responsabbli wkoll għall-iżvilupp ta' sistema waħda fil-

<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM/2020/605 final

<sup>13</sup> <https://www.europa.eu/Publications/Corporate/eu-LISA-%20Strategy-%202018-2022.pdf>

qasam tal-ġustizzja, ECRIS-TCN, li se tikkontribwixxi wkoll għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

Fl-2020, l-isfida ewlenija għall-Aġenzija kienet li tiżgura li l-programmi l-ġodda ta' żvilupp tagħha jkunu jistgħu javvanzaw fil-ħin u b'mod effettiv, minkejja l-isfidi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. L-Aġenzija rnexxielha tegħleb din l-isfida b'suċċess: il-ħidma fuq il-programmi kollha għamlet progress sinifikanti u baqgħet fit-triq it-tajba b'devjazzjonijiet żgħar biss mill-iskeda ġenerali tagħhom.

F'konformità mar-regolamenti rispettivi, il-governanza ta' kull programm ta' żvilupp ġdid hija ssorveljata minn bord ta' ġestjoni tal-programm (PMB) dedikat, stabbilit mill-Bord ta' ġestjoni (MB) tal-eu-LISA. Il-PMBs huma responsabbli biex jissorveljaw il-ġestjoni adegwata tal-fażijiet tad-disinn u tal-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda, u jiżguraw il-konsistenza tal-iżvilupp tas-sistema ċentrali mal-iżviluppi tas-sistemi nazzjonali. Il-PMBs kollha jirrapportaw kull xahar lill-MB tal-eu-LISA dwar il-progress tal-programmi rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, il-gruppi konsultattivi (AG) għal kull sistema jipprovdu għarfien espert tekniku biex jappoġġaw il-kompiti tal-PMB, u jsegwu l-istat ta' tnejnija tal-Istati Membri. Fl-2020, minħabba l-pandemija, il-laqgħat online ħadu post il-laqgħat fiżiċi kemm għall-PMBs kif ukoll għall-AGs minn Marzu 'il quddiem.

Barra minn hekk, l-Aġenzija żiedet l-isforzi tagħha fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-2020, l-eu-LISA nediet approċċ ġdid għall-akkwist ta' servizzi tal-inġinerija. Dan il-pass kien stadju importanti għall-eu-LISA, u huwa mistenni li jiġġenera kisbiet fl-effiċjenza sinifikanti fis-snin li ġejjin. L-Aġenzija kompliet ukoll tanalizza soluzzjonijiet tekniċi li se jiggarrantixxu l-oġġla livell ta' disponibbiltà għas-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira, b'implikazzjonijiet sinifikanti għall-arkitettura tas-siti tekniċi tal-Aġenzija. L-Aġenzija ħadmet ukoll fuq is-suġġett tal-intelliġenza artifiċjali, u l-applikazzjonijiet potenzjali tagħha, u bdiet taħdem fuq prototip għal portal online tal-UE għall-applikazzjoni għal viża.

### 1.1.1 Affarijiet interni

L-iżvilupp ta' sistemi ġodda ġie inizjalment fdat lill-Aġenzija fil-qasam tal-affarijiet interni, skont il-programm "Frontieri intelliġenti", oriġinarjament propost mill-Kummissjoni fl-2013. Fil-kuntest ta' dan il-programm, ġew diskussi u finalment adottati diversi proposti għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda, jiġifieri EES, ETIAS u l-interoperabbiltà tas-sistemi. Fl-2020, l-eu-LISA għamlet progress sinifikanti fil-programmi ta' żvilupp ta' dawn is-sistemi u l-komponenti l-ġodda, li jikkostitwixxu l-aktar attivitajiet importanti tal-Aġenzija.



## EES

Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) hija sistema tal-IT fuq skala kbira ġdida li se tippermetti r-reġistrazzjoni tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) lejn u miż-Żona Schengen. Is-sistema se tissostitwixxi l-prattika attwali tal-istampar manwali tal-passaporti b'reġistrazzjoni elettronika f'bażi tad-*data* ċentrali ta' informazzjoni bijografika u bijometrika, kif ukoll id-data u l-post tad-dħul/ħruġ għal żjarat sa ġo jum. Is-sistema għandha l-għan li timmodernizza u żżid l-awtomatizzazzjoni fil-kontrolli fil-fruntieri, li ssaħħaħ is-sigurtà interna u tiġġieled it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Dan se jappoġġa lill-Istati Membri biex jittrattaw il-flussi dejjem akbar ta' vjaġġaturi, mingħajr ma jkollhom iżidu l-għadd ta' gwardji tal-fruntiera. L-EES se tippermetti wkoll monitoraġġ aħjar tas-soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li jafu jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn.

L-iżvilupp tal-EES beda f'Janjar 2018 u fl-2020, l-Aġenzija kompliet il-ħidma tagħha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea. Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, l-Aġenzija avvanzat bl-implimentazzjoni tas-sistema b'devjazzjonijiet żgħar li bilkemm affettwaw l-iskeda ta' żmien ġenerali u l-istadji importanti ewlenin.

F'Mejju 2020, l-Aġenzija ppreżentat rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt (IA) lill-MB, li jindirizza l-oqsma fejn l-effetti tal-pandemija kellhom l-akbar impatt, eż. it-tnejjiet għaċ-ċentru ta' *data*, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, il-ktajjen tal-provvista, il-produttività, it-twassil tal-prodotti u l-proċeduri ta' akkwist. Minħabba dawk il-problemi, l-Aġenzija wettqet studju għall-immappjar ta' modi alternattivi ta' forniment ta' servizzi lill-partijiet ikkonċernati tal-EES. L-istudju ġie ffinalizzat fi tmiem l-2020 u se jiġi vvalutat aktar mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

B'kont meħud tal-impatt tal-pandemija, l-Istati Membri kollha ġew imħeġġa jkomplu jaħdmu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija biex ikompli jirfinaw ix-xenarji proposti għall-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EES (flimkien mal-pakkett tal-ETIAS u l-Interoperabbiltà). F'dan ir-rigward, il-bidu tal-fażi tal-ittestjar ta' qabel il-konformità ġie pospost minn Jannar għal Marzu 2021, filwaqt li d-dħul fis-seħħ tal-EES ġie ttrasferit minn Frar għal Mejju 2022. Din id-deċiżjoni ġiet approvata mill-Kunsill ĠAI f'Diċembru 2020, u dawn il-miżuri huma mistennija li jkomplu jappoġġaw lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jilħqu l-miri politiċi miftiehma.

### L-iżvilupp tas-sistema ċentrali

F'Awwissu 2020, l-Aġenzija kisbet stadju importanti tal-programm ewlieni bl-għeluq tar-rekwiżiti u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-fażi tal-iżvilupp. Dan ikkonkluda ħafna xhur ta' ħidma intensiva mit-timijiet tal-Aġenzija, mill-Istati Membri u mill-kuntratturi. Din il-fażi tal-programm ġiet iffinalizzata b'xi dewmien, minħabba l-effetti tal-pandemija. Bis-saħħa tal-miżuri ta' mitigazzjoni li stabbiliet l-Aġenzija, id-dewmien ma affettwax direttament l-iskeda ġenerali tal-programm.

Is-software tas-simulatur tas-sistema ċentrali ġie prodott u kkonsenjat lill-utenti f'April. Dan is-software kien kontribut importanti mill-Aġenzija, biex jgħin lill-Istati Membri fl-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali tagħhom. L-Aġenzija pprovdiet ukoll lill-utenti kollha tas-sistema b'taħriġ mill-bogħod. F'Diċembru, ġiet ipprovduta verżjoni aġġornata tas-simulatur, allinjata mal-aħħar aġġornament miftiehem tal-ispeċifikazzjonijiet tal-EES.

### L-użu tal-interfaċċa uniformi nazzjonali

Ir-regolament tal-EES jipprovdli li għandha tiġi installata interfaċċa uniformi nazzjonali (NUI) f'kull Stat Membru, biex tippermetti l-konnessjoni sigura tal-infrastrutturi nazzjonali tal-fruntieri mas-sistema ċentrali tal-EES. L-installazzjoni tal-NUI kienet tikkostitwixxi parti importanti mill-ħidma li l-Aġenzija wettqet fl-2020. Din bdiet f'Marzu b'installazzjoni pilota fl-Awstrija u fil-Latvja. Madankollu, din l-impriża malajr ġiet affettwata mill-pandemija, minħabba restrizzjonijiet fuq l-aċċess għaċ-ċentri ta' *data* f'diversi Stati Membri. Għalhekk, l-użu tal-NUIs, oriġinarjament ipplanat li jsir bejn Mejju u Settembru, ġie ttardjat. B'mod simili, il-pandemija affettwat il-ħidma skedata fl-Istati Membri, u xi ċentri ta' *data* ma kinux lesti fil-ħin biex jorganizzaw l-installazzjoni tal-NUIs. Sa tmiem l-2020, l-Aġenzija rnexxielha tinstalla 57 minn 64 NUI. Il-pjan jipprevedi li l-ftit NUIs li jifdal se jiġu installati fl-ewwel xhur tal-2021.

### L-iżvilupp tal-sBMS

Fis-16 ta' April, l-Aġenzija ffirmat il-kuntratt qafas għall-iżvilupp tas-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS) u l-migrazzjoni tas-SIS, il-VIS u l-Eurodac għall-sBMS. Dan kien stadju importanti ewlieni għall-Aġenzija, peress li l-sBMS se jintuża mis-sistemi kollha li joperaw fi ħdan l-arkitettura tal-interoperabbiltà. Skont dan il-kuntratt qafas, sussegwentement ġew iffirmati kuntratti speċifiċi f'Mejju u f'Ġunju għall-istabbiliment tal-programm, għall-iżvilupp tar-rekwiżiti u tal-ispeċifikazzjonijiet, għall-konsenja tal-kitt tas-software tal-utent (USK) u għall-migrazzjoni pjanata tal-VIS lejn l-sBMS. Wara l-bidu tal-kuntratt, bdew l-attivitajiet u twestqu skont il-pjan.

L-ewwel stadju importanti nkisb fl-iżvilupp tal-USK, għodda meħtieġa biex tiġi żgurata l-kwalità tad-*data* bijometrika fis-sistemi. L-ewwel verżjoni sħiħa tal-USK ingħatat lill-Istati Membri fit-30 ta' Novembru, biex tibda l-kampanja inizjali ta' ttestjar (beta). F'Diċembru, diversi Stati Membri bdew jaqbd u jipproċessaw id-*data* bijometrika għal skopijiet ta' ttestjar.

Matul is-sena, l-Aġenzija kkollaborat fuq suġġetti tekniċi tal-sBMS mal-esperti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar il-bijometrika fi ħdan il-grupp ta' ħidma bijometriku, b'bidu fl-2019.



## Interoperabbiltà mal-VIS

Sabiex tkun tista' ssir l-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS, għandu jiġi stabbilit kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn iż-żewġ sistemi ċentrali. L-Aġenzija, f'kooperazzjoni mal-kuntrattur tal-VIS, iwalutat l-impatt tar-Regolament tal-EES fuq il-VIS. Id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali, li diġà bdiet f'April 2019, tlestiet fil-bidu tal-2020. Wara t-tlestija ta' din il-fażi inizjali, bdiet u tlestiet b'suċċess il-fażi tal-iżvilupp. Tħejjiet il-kampanja tal-ittestjar tal-konformità u hija mistennija li tibda f'Marzu 2021.

## Aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS

L-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS, li tqabba is-sistemi nazzjonali mas-sistema ċentrali, għandha tiġi aġġornata biex tipprovi wiċċ tal-banda suffiċjenti biex takkomoda l-ħtiġijiet tal-EES u tal-ETIAS. Sa tmiem l-2020, l-aġġornament tan-network tlesta għal 59 minn 65 sit fl-Istati Membri. Bħal attivitajiet oħra li kienu jeħtieġu aċċess fiżiku għaċ-ċentri ta' data, l-aġġornament tas-siti ġie affettwat mill-pandemija. B'mod partikolari, id-dewmien fit-tħejjija tan-networks lokali kien ir-raġuni ewlenija għad-dewmien fl-aġġornament tat-tmien siti li kien fadal. Madankollu, diġà hemm pjan fis-seħħ biex jiġi żgurat li s-siti li jifdal jiġu aġġornati sa Mejju 2021, bħala parti mill-fażi li jmiss tal-aġġornament tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS.

## Servizz web tal-EES-ETIAS għal ċittadini u trasportaturi ta' pajjiżi terzi

Is-servizz web tal-EES se jippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jivverifikaw online fi kwalunkwe mument l-istatus tas-soġġorn awtorizzat tagħhom fl-UE. Is-servizz web se jintuża wkoll mit-trasportaturi biex jivverifikaw jekk viża ta' vjaġġatur fadlilhiex tal-anqas entrata awtorizzata waħda. L-iżvilupp tas-servizz web huwa eżerċizzju ġdid għall-Aġenzija, li jintroduċi sfidi ġodda għall-programm tal-EES.

L-iżvilupp tas-servizz web beda f'Janjar 2020, b'deskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġew adottati formalment mill-MB fis-7 ta' Settembru 2020. Il-ħidma kompliet ukoll fuq l-akkwist ta' linji tal-internet, u fuq l-iżvilupp ta' għodod tas-sistema, inkluż is-simulatur tal-interfaċċja tat-trasportatur. L-Aġenzija għamlet il-valutazzjoni li s-servizzi tal-web jeħtieġu infrastruttura sigura ġdida, iżolata mill-EES, u li s-servizzi tal-web se jkopru kemm l-EES kif ukoll l-ETIAS. Dawn ir-rekwiżiti l-ġodda se jippermettu l-iżvilupp ta' infrastruttura fit-tul, li tappoġġa l-ħtiġijiet kemm tal-EES kif ukoll tal-ETIAS, kif ukoll ta' servizzi futuri potenzjali mmirati lejn utenti esterni u partijiet ikkonċernati.



## ETIAS

L-ETIAS hija sistema ġdida ta' awtorizzazzjoni online ta' qabel l-ivvjaġġar għall-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE li se ttejjeb l-aspetti tas-sigurtà u s-sikurezza tal-ivvjaġġar lejn jew minn ġewwa ż-Żona Schengen. Ladarba tkun operattiva, l-ETIAS se tirrikjedi li ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża li jkunu qed jippjanaw li jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen japplikaw għall-awtorizzazzjoni ta' qabel l-ivvjaġġar tagħhom online. L-ETIAS se tnaqqas il-proċeduri u l-ħinijiet tal-qsim tal-fruntieri, issaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri u ssaħħaħ il-politika tal-UE dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Barra minn hekk, is-sistema se tippermetti t-tqabbil ta' informazzjoni diġà miġbura kemm ma' bażijiet tad-data eżistenti kif ukoll futuri, li tippermetti verifika minn qabel tar-riskji potenzjali għas-sigurtà, il-migrazzjoni u s-saħħa pubblika. L-ETIAS se tintuża mill-gwardji tal-fruntiera fil-punti ta' qsim tal-fruntiera taż-Żona Schengen u mit-trasportaturi (jiġifieri tal-ajru, l-art u l-baħar) qabel l-imbark.

L-iżvilupp tal-ETIAS beda fl-aħħar tal-2018, u kien strutturat fi tliet fażijiet distinti: il-fażi ta' tħejjija, il-fażi tal-akkwist u l-fażi ta' implimentazzjoni. Fl-2020, l-Aġenzija kompliet l-iżvilupp tal-ETIAS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, l-Aġenzija avvanzat l-implimentazzjoni tas-sistema f'konformità mal-iskeda pjanata. Il-fażi ta' tħejjija kienet kważi tlestiet sal-aħħar tal-2020. Il-fażi tal-akkwist bdiet fit-

tielet trimestru tal-2019 u kienet mistennija li ttlesta sal-ewwel trimestru tal-2021, bil-bidu tal-fażi ta' implimentazzjoni. Is-sistema se tidħol fis-seħħ fi tmiem l-2022.

### Fażi ta' tnejn

Il-fażi ta' tnejn bdiet fl-2018 u laħqet stadju importanti maġġuri f'Settembru 2020, bl-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti (TTS) tal-ETIAS mill-MB. Madankollu, il-fażi ta' tnejn ġiet estiża biex jiġu ffinalizzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS, li jiddependu mill-istatus tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti.

Minn Diċembru 2020, ġew adottati 100 % tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni prijoritizzati. Għalkemm l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS ma ġew adottati fil-perjodu ta' żmien mistenni, b'impatt negattiv fuq il-programm, l-adozzjoni tagħhom kienet skedata li sseħħ fl-ewwel nofs tal-2021.

Ladarba s-sistema l-ġdida tkun fis-seħħ, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jistiednu applikanti għal intervista, qabel it-tluq. Bħala parti minn dan il-proċess, ir-regolament tal-ETIAS jipprovdi li tista' tintuża l-komunikazzjoni bl-awdjo u tal-vidjo biex issir l-intervista, f'każ li s-servizzi konsulari jkunu jinsabu 'l bogħod wisq mill-post ta' residenza tal-applikant. Wara diskussjonijiet dwar l-att ta' implimentazzjoni korrispondenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għodda tal-awdjo u tal-vidjo għandha tkun kompletament separata mis-sistema ta' informazzjoni tal-ETIAS, mingħajr ebda integrazzjoni. Il-Kummissjoni rrakkomandat li l-eu-LISA tista' tipprovdi lista ta' għodod xierqa lill-Istati Membri, wara li tittestja l-għodod skont ir-rekwiżiti definiti fl-att ta' implimentazzjoni relatat. F'Novembru, il-PMB tal-ETIAS irrakkomanda lill-MB biex jinkariga lill-Aġenzija, u lill-AG, biex jivvalutaw il-possibbiltà li jkun hemm akkwist ċentralizzat għall-istrument tal-awdjo u l-vidjo tal-ETIAS. Kien mistenni li dan l-approċċ jiġġenera ekonomiji ta' skala sinifikanti u benefiċċji operazzjonali għall-Istati Membri. L-Istati Membri li jużaw tali għażla xorta waħda se jkunu responsabbli biex ikopru l-kostijiet tal-implimentazzjoni u l-manutenzjoni.

L-ewwel eżerċizzju tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (DPIA) tal-ETIAS tnieda f'Lulju 2020. Minħabba l-komplessità tal-eżerċizzju, l-iskeda ta' żmien inizjali kellha tiġi estiża għall-2021. Id-DPIA se sservi bħala kontribut għall-elaborazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tal-ETIAS, biex jiġi żgurat li l-protezzjoni tad-*data* tkun garantita.

### Fażi tal-akkwist

Il-fażi tal-akkwist bdiet fit-tielet trimestru tal-2019 bl-istabbiliment tal-proċedura ta' akkwist tal-Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF), u se tintemm bl-iffirmar tal-kuntratti u l-bidu tad-disinn u l-iżvilupp tal-ETIAS fl-2021. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn il-proċedura tat-TEF, jekk jogħġbok irreferi għal paġna 31.

L-offerta għas-servizzi ta' żvilupp tal-ETIAS tniediet bħala parti mit-TEF fid-29 ta' Settembru 2020, wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti tal-ETIAS. Fit-2 ta' Novembru 2020, ġew sottomessi tliet offerti u saritilhom evalwazzjoni. Il-proċedura ta' evalwazzjoni kellha tiġi estiża biex tippermetti diliġenza dovuta għall-valutazzjoni tal-offerti sottomessi, bl-għan li jingħata kuntratt fil-bidu tal-2021, u li tipproċedi bl-ewwel kuntratti relatati mal-istabbiliment, l-analiżi u d-disinn tal-proġett.



### Interoperabbiltà

L-interoperabbiltà hija l-kapaċità tas-sistemi tal-informazzjoni li jiskambjaw id-*data* u jippermettu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Il-ġestjoni effiċjenti tas-sigurtà tal-fruntieri u l-migrazzjoni tal-Ewropa tiddependi mill-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u ġodda fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Għal dak il-għan, l-eu-LISA qed

tiżviluppa l-komponenti meħtieġa li se jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi rilevanti. Dawn il-komponenti huma dawn li ġejjin:

- il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), li jippermetti lill-utenti awtorizzati jwettqu tfittxijiet individwali u jirċievu r-riżultati mis-sistemi kollha li huma awtorizzati li jaċċessaw;
- is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (SBMS), li jippermetti lill-utenti kollha jfittxu u jqabblu d-*data* b'mod aktar effiċjenti;
- ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), li jippermetti aċċess faċli għal informazzjoni bijografika dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi, biex tiġi żgurata identifikazzjoni affidabbli;
- id-detettur ta' identitajiet multipli (MID), li jgħin biex jiġu identifikati identitajiet multipli bil-għan doppju li tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta ta' vjaġġaturi *bona fide* kif ukoll biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità.

L-Aġenzija qed tiżviluppa wkoll repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS), biex tipprovdi *data* statistika u rapportar analitiku bejn is-sistemi għal finijiet operazzjonali, ta' politika, u ta' kwalità tad-*data*.

Il-programm ta' interoperabbiltà kien strutturat fi tliet fażijiet: il-fażi ta' tnejn, il-fażi tal-akkwist u l-fażi ta' implimentazzjoni. Il-fażi ta' tnejn bdiet f'nofs l-2019 u hija mistennija li titlesta sat-tieni trimestru tal-2021. Il-fażi tal-akkwist bdiet b'mod parallel fit-tielet trimestru tal-2019 u se tkompli sal-bidu tal-fażi ta' implimentazzjoni, skedata li tibda fit-tieni trimestru tal-2021. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn l-iżvilupp tas-sBMS, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsim tal-EES f'paġna 24.

### Fażi ta' tnejn

L-Aġenzija ilha tappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-qafas tal-laqgħat tal-Kumitat għall-Interoperabbiltà u tal-Grupp ta' Esperti bit-tnejn tal-atti legali rilevanti meħtieġa. F'konformità mal-ippjanar stabbilit mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-eu-LISA, kien hemm sitt atti stabbli sa tmiem l-2019 u ħamsa oħra sa Ġunju 2020. Il-ħidma għamlet progress fuq żewġ atti ta' implimentazzjoni li kien fadal, filwaqt li l-atti li jappartjenu għad-dħul fis-seħħ tal-komponenti għad iridu jiġu skedati.

Matul l-ewwel nofs tal-2020, l-Aġenzija ħadmet fuq it-tnejn tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-offerti (TTS) għall-ESP, għas-CIR, għall-MID u għas-CRRS. Il-proċeduri ta' rieżami u adożzjoni tat-TTS<sup>14</sup> għall-komponenti differenti bdew fis-17 ta' Lulju 2020. Ir-rieżami ġie ffinalizzat f'Novembru 2020 u l-konklużjoni formali tal-proċess kienet mistennija fl-ewwel trimestru tal-2021, soġġett għal opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni.

L-AG tal-Interoperabbiltà indirizza l-impatt tal-interoperabbiltà fuq il-proċessi tan-negozju tal-partijiet ikkonċernati u x-xenarji possibbli għall-migrazzjoni tas-sistemi għall-komponenti tal-interoperabbiltà. L-AG żviluppa wkoll ippjanar integrat, li jinvolvi l-komunità usa' tal-interoperabbiltà, biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-elaborazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom.

### Fażi tal-akkwist

L-offerta għall-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà inbdiet bħala parti mit-TEF fil-4 ta' Diċembru 2020. Dan se jkopri l-iżvilupp tas-CIR, tal-MID, tal-ESP u tas-CRRS. L-għoti tal-kuntratti huwa skedat għall-bidu tat-tieni trimestru tal-2021. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn il-proċedura tat-TEF, jekk jogħġbok irreferi għal paġna 31.

#### 1.1.2 Il-ġustizzja

L-ECRIS-TCN hija l-ewwel sistema tal-IT fuq skala kbira li tfasslet u ġiet żviluppata mill-Aġenzija li primarjament taqdi d-dominju tal-ġustizzja. F'dan ir-rigward, dan il-proġett huwa l-ewwel interazzjoni formali tal-Aġenzija mal-komunità tal-ġustizzja tal-UE. Fl-2020, l-eu-LISA bdiet taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mal-Aġenziji tal-ĠAI (il-Europol u l-Eurojust) u ma' korp tal-UE, mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħadet ukoll ir-responsabbiltà għall-

14 F'konformità mal-Art. 54 tar-regolamenti dwar l-Interoperabbiltà

manteniment tal-Implimentazzjoni ta' Referenza ECRIS, u kkontribwiet għad-diġitalizzazzjoni tal-inizjattiva tal-ġustizzja kriminali, b'mod partikolari fir-rigward tal-evoluzzjoni futura tal-e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data Online*).



## Implimentazzjoni ta' Referenza ECRIS

L-ECRIS hija sistema deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kundanni preċedenti. Skont id-dritt tal-Unjoni, il-qrati nazzjonali huma obbligati jqisu l-kundanni f'pajjiżi oħra tal-UE meta jgħaddu sentenzi f'każijiet kriminali. L-ECRIS saret operattiva fl-2012 biex tappoġġa dan il-proċess, billi ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali madwar l-UE, peress li l-Istati Membri kollha tal-UE huma konnessi mal-ECRIS. L-Implimentazzjoni ta' Referenza ECRIS (ECRIS RI) hija l-lista ta' rekwiżiti funzjonali, tekniċi u ta' sigurtà li l-Istati Membri għandhom isegwu sabiex l-ECRIS tkun operazzjonali. Mill-14 ta' April 2020, l-eu-LISA hija inkarigata mill-manutenzjoni tal-ECRIS RI. Minn dak iż-żmien, l-Aġenzija kienet responsabbli għall-ġbir u s-sottomissjoni tal-istatistika dwar l-ECRIS lill-Kummissjoni ta' kull xahar. L-Aġenzija rnexxielha taġġorna l-protokoll ta' komunikazzjoni u impenjat ruħha li timplimenta għaxar bidliet evoluttivi fakultattivi bi prijetà għolja, kif ukoll bidla legali obligatorja sa Frar 2021. Barra minn hekk, l-Aġenzija ssimplifikat ukoll il-listi ta' kuntatti tal-Istati Membri. Kif previst mir-Regolament ECRIS-TCN, is-software tal-interfaċċa tal-ECRIS-TCN se jiġi integrat mal-ECRIS RI, li bħalissa jintuża mill-Istati Membri.

## ECRIS-TCN

L-ECRIS-TCN hija sistema "hit/no-hit" ċentralizzata, li tissupplimenta s-sistema ECRIS eżistenti fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati fl-UE. L-ECRIS u l-ECRIS-TCN se jgħinu lill-imħallfin, lill-prosekuturi u lil awtoritajiet rilevanti oħra jiksbu informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi, irrispettivament mill-Istat Membru fejn dik il-persuna tkun għet ikkundannata qabel. B'dan il-mod, l-ECRIS-TCN se tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji f'żona komuni ta' ġustizzja u sigurtà fejn in-nies jivvjaġġaw liberament, bħaż-Żona Schengen. Is-sistema hija skedata li tkun lesta flimkien mal-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà.

Fl-2020, l-Aġenzija kompliet il-ħidma tagħha fuq l-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, l-Aġenzija avvanzat l-implimentazzjoni tas-sistema f'konformità mal-ippjanar.

Il-programm ECRIS-TCN kien strutturat fi tliet fażijiet distinti: il-fażi ta' ttejjija, il-fażi tal-akkwist u l-fażi ta' implimentazzjoni. Sa tmiem l-2020, il-fażi ta' ttejjija kienet kważi tlestiet. Il-fażi tal-akkwist kienet għaddejja wkoll u skedata li tlesti sal-ewwel trimestru tal-2021, bil-bidu tal-fażi ta' implimentazzjoni.

### Fażi ta' ttejjija

Il-fażi ta' ttejjija bdiet fl-2019 u hija mistennija li tlesti fit-tieni trimestru tal-2021. Fl-aħħar ta' Novembru 2020, l-eu-LISA ppreżentat l-abbozz tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti (TTS) lill-PMB u lill-Kummissjoni għal rieżami. Ladarba t-TTS jiġu adottati mill-MB, soġġetti għall-opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni, se jipproċedi l-iffirmar ta' kuntratti speċifiċi tal-ECRIS-TCN skont it-TEF, u tibda l-fażi ta' implimentazzjoni. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn il-proċedura tat-TEF, jekk jogħġbok irreferi għal paġna 31.

Matul l-2020, l-Aġenzija kkollaborat mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri billi pprovdiet l-appoġġ kontinwu tagħha għat-tejjija tal-atti legali (jiġifieri d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni) meħtieġa għall-iżvilupp tekniku u għall-implimentazzjoni tas-sistema. L-ewwel deċiżjoni ta' implimentazzjoni tittratta *data* alfanumerika u tkopri l-kwalità tad-

*data*, il-prestazzjoni u d-disponibilità tas-sistema, ir-reġistri u l-istatistika. L-abbozz inizjali għe diskuss fil-Kumitat tal-ECRIS-TCN fit-10 ta' Frar 2020 u wara żewġ reviżjonijiet, it-test għe "stabilizzat".

## CODEX elettroniku

IL-e-CODEX jipprevedi l-infrastruttura diġitali Ewropea għal komunikazzjoni transfruntiera sigura u interoperabbli fil-qasam tal-ġustizzja.<sup>15</sup> Is-sistema tal-e-CODEX għet żviluppata biex tegħleb varjetà frammentata u inkompatibbli ta' għodod tal-IT nazzjonali, u biex tiżgura trażmissjoni elettronika sigura tal-informazzjoni fi proċedimenti tal-ġustizzja transfruntiera, fejn tali trażmissjoni hija permessa skont il-liġi nazzjonali. Is-sistema tal-e-CODEX ilha tintuża mill-2013, iżda biss minn għadd limitat ta' Stati Membri, u biss għall-pilotaġġ ta' ċerti proċeduri legali. Fit-2 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat "Proposta għal Regolament dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX)".<sup>16</sup> Il-proposta għandha l-għan li tafda l-iżvilupp u ż-żamma ulterjuri tal-e-CODEX lill-eu-LISA mill-2023. L-e-CODEX huwa faċilitatur teknoloġiku ewlieni għall-immodernizzar, permezz tad-diġitalizzazzjoni, tal-komunikazzjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera. Għalhekk, l-impenn u l-involvement tal-Aġenzija f'din l-inizjattiva għandhom jitqiesu bħala pass importanti lejn iż-żieda tal-kontribut tagħha għad-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja.

### 1.1.3 Innovazzjoni, riċerka u żvilupp

#### *Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija*

L-2020 kienet sena importanti fl-implimentazzjoni tal-mandat ta' riċerka reċentement estiż tal-Aġenzija. Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tar-regolament ta' stabbiliment tagħha, l-Aġenzija bdiet id-diskussjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DG HOME) dwar il-formalizzazzjoni tal-involvement tagħha fil-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dawn id-diskussjonijiet wasslu għat-tnejn ta' Termini ta' Referenza li jiddefinixxu l-modalitajiet u l-obiettivi tal-involvement tal-eu-LISA fl-implimentazzjoni tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.<sup>17</sup> Fil-ħarifa tal-2020, għall-ewwel darba, l-eu-LISA pparteċipat fl-evalwazzjoni tal-proposti tal-proġetti, fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sejħa għall-proposti bit-titolu "Teknoloġiji biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri u dik esterna" skont il-Programm Qafas tal-UE.

F'Lulju 2020, waqt li qieset l-importanza tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fid-diskussjonijiet ta' politika, u r-rilevanza tagħha fit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-eu-LISA ppubblikat rapport ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija intitolat "L-Intelliġenza Artifiċjali fit-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira". Ir-rapport għe ppubblikat fuq is-sit web tal-eu-LISA u tqassam lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija, inklużi l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet rilevanti tal-UE. Barra minn hekk, l-Aġenzija kkontribwiet ukoll għall-istudju mmexxi mill-Kummissjoni dwar l-opportunitajiet ta' applikazzjoni għall-IA fil-kontroll fil-fruntieri, il-migrazzjoni u s-sigurtà, b'mod partikolari billi identifikat diversi każijiet ta' użu għall-implimentazzjoni tal-IA fil-kuntest tal-proċessi interni tal-eu-LISA.<sup>18</sup>

F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-regolament ta' stabbiliment tagħha, f'Lulju 2020, l-Aġenzija ffirmat ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) mal-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa u tittestja prototip tal-portal online tal-UE għall-applikazzjoni għal viża, li jkkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-ipproċessar tal-viża, u b'hekk iżid l-effiċjenza u l-kontroll tal-proċess għall-applikanti, il-konsulati, il-ministeri u l-awtoritajiet tal-fruntieri. Ir-riżultati tal-proġett għandhom jipprovdu bażi ta' evidenza importanti biex tiġi kkunsidrata l-fattibilità ta' portal bħal dan għall-applikazzjoni għal viża, kif ukoll biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar passi ulterjuri, inklużi proposti leġiżlattivi potenzjali. Il-proġett ingħata bidu f'Settembru 2020 u l-ewwel fażi tal-proġett, il-fażi tad-disinn, tlestiet f'Diċembru 2020.

Fi Frar 2020, l-eu-LISA pproponiet li tiżviluppa Pjan Direzzjonali għall-Istandardizzazzjoni għal Finijiet ta' Kwalità tad-Data. L-Aġenzija identifikat li flimkien mal-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabilità, l-UE kienet teħtieġ l-

<sup>15</sup> <https://www.e-codex.eu/>

<sup>16</sup> Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, COM/2020/712 final

<sup>17</sup> It-termini ta' referenza ġew iffirmati fis-16 ta' Marzu.

<sup>18</sup> <https://op.europa.eu/s/olUo>

iżvilupp, l-approvazzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards komuni applikabbli għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ĠAI, u għat-tagħmir u s-soluzzjonijiet użati fil-livelli ċentrali u nazzjonali flimkien ma' dawn is-sistemi. L-għan tal-Pjan Direzzjonali huwa li jiddefinixxi l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, li se jgħin lill-Istati Membri jimmassimizzaw il-benefiċċji operazzjonali tal-arkitettura tal-interoperabbiltà. Il-pjan direzzjonali tnejja matul is-sena u ġie adottat bl-appoġġ tal-Prezidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE f'Diċembru 2020. L-Aġenzija saret ukoll osservatur għas-sottokomitat tal-istandardizzazzjoni tal-ISO dwar il-bijometrika.<sup>19</sup> L-istandards żviluppatti minn dan is-sottokomitat jappoġġaw firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet li jipprovdu verifika u identifikazzjoni preċiżi u affidabbli tal-individwi, inklużi dawk mibnija mill-eu-LISA, bħall-EES. Għalhekk, il-parteċipazzjoni mill-qrib tal-Aġenzija fil-proġetti tas-sottokomitat se tiżgura allinjament xieraq ma' dawk l-istandards bijometriċi li huma ta' importanza kritika għall-eu-LISA.

Ir-Roundtable dwar l-Industrija tal-eu-LISA, organizzata konsekuttivament mal-Konferenza Annwali tal-Aġenzija f'Novembru, iffokat fuq in-nuqqasijiet fil-kapaċità relatati mal-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira operati mill-eu-LISA, u b'mod partikolari, fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tad-data permezz tal-istandardizzazzjoni. Ir-Roundtable dwar l-Industrija laqqgħet rappreżentanti tal-industrija, awtoritajiet tal-Istati Membri, u istituzzjonijiet tal-UE biex jiddiskutu l-iżviluppi li jiffaċilitaw it-titjib tal-kwalità tad-data bijometrika u alfanumerika. Minħabba r-

restrizzjonijiet imposti mill-pandemija, għall-ewwel darba, l-avveniment ta' tlett ijiem ġie organizzat online u laqqa' aktar minn 320 parteċipant minn aktar minn 90 organizzazzjoni u 35 pajjiż.

Barra minn hekk, l-eu-LISA appoġġat ukoll b'mod attiv iċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna, inizjattiva mnedija mill-Komitat Permanenti tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) taħt il-koordinazzjoni tal-Europol. Iċ-Ċentru huwa maħsub biex jopera bħala network kollaborattiv għal laboratorji tal-innovazzjoni, immirat biex jiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati tal-UE u dawk nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà interna. Fir-raba' trimestru tal-2020, eu-LISA kkontribwiet għad-definizzjoni tal-qafas operazzjonali ġenerali għaċ-Ċentru, inkluża d-definizzjoni tal-prijoritajiet u l-ambitu tas-sett inizjali ta' proġetti li jistgħu jitwettqu mill-membri tiegħu.

### Disponibbiltà għolja tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira

Is-sistemi fdati lill-eu-LISA huma ta' importanza kritika għall-kontroll fil-fruntieri, is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-UE. Għalhekk, l-Aġenzija hija mistennija li tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tagħhom għall-Istati Membri. Madankollu, is-sistemi eżistenti (jiġifieri s-SIS, il-VIS u l-Eurodac) ġew żviluppatti fi żminijiet differenti u huma bbażati fuq arkitetturi differenti, li jaffettwaw il-livell ta' disponibbiltà tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-regolament ta' stabbiliment tagħha, u mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament il-ġdid dwar is-SIS, fl-2019 l-Aġenzija bdiet taħdem fuq valutazzjoni tal-impatt (IA) fuq is-soluzzjonijiet tekniċi meħtieġa biex tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni ta' dawn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-riżultati tal-IA fis-sistemi kollha u biex jiġu massimizzati l-benefiċċji operattivi, l-IA ġiet isseparata f'żewġ fażijiet:

- L-ewwel fażi, li ġiet finalizzata f'Marzu 2020, wasslet IA globali indipendenti u analiżi kost-benefiċċji tal-għażliet differenti għad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija. Din kienet ikkonċentrata fuq il-prestazzjoni u d-disponibbiltà għolja tas-sistemi, billi eżaminat il-ħtiġijiet eżistenti u



Figura 1: Viżiv tar-Roundtable tal-Industrija tal-eu-LISA

<sup>19</sup> ISO/IEC/JTC1/SC37

futuri, inkluż il-kapaċità għall-hosting fis-siti tekniċi, u riskji relatati mal-istruttura operattiva attwali, u billi vvalutat u qabblat għażliet ta' livell għoli biex jiġu estiżi l-kapaċità u r-ridondanza tas-sit.

- It-tieni fażi, li ġiet immedija fit-tieni nofs tal-2020, ddettaljat is-soluzzjonijiet tekniċi u arkitetturali għad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi fdati lill-Aġenzija, inkluż analiżi teknika raffinata u analiżi kost-benefiċċji. L-eżitu pprova lill-Aġenzija bi tqabbl komprehensiv ta' soluzzjonijiet tekniċi, li se jiffaċilita l-identifikazzjoni tat-triq 'il quddiem preferuta. Barra minn hekk, hija qieset l-arkitettura tas-sistemi l-ġodda (jiġifieri l-EES, l-ETIAS, u l-komponenti tal-interoperabbiltà), li hija mfassla de facto biex tappoġġa d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni (modalità attiv-attiv).

Ir-riżultati finali tal-IA se jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fl-ewwel trimestru tal-2021. Madankollu, l-implimentazzjoni Prattika tal-arkitettura l-ġdida ta' disponibbiltà għolja għal dawn is-sistemi mirutin tista' tibda biss fl-2022.

### **Qafas tal-akkwist trasversali**

Fl-2020, bħala approċċ innovattiv ieħor, l-Aġenzija nediet l-ewwel Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF) tagħha sabiex titbiegħed mill-approċċ ta' silo fl-iżvilupp u fl-operat tas-sistemi. S'issa, l-eu-LISA kkuntrattat il-kompiti kollha relatati mal-iżvilupp ta' sistema ġdida lil konsorzju wieħed taħt kuntratt wieħed kbir. L-għan tat-TEF huwa li jistabbilixxi qafas kuntrattwali għad-disinn, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda. Skont it-TEF, se jingħataw diversi lottijiet lil operaturi ekonomiċi differenti. L-iffirmar tat-TEF kien kisba ewlenija, u l-akbar offerta li qatt ġiet iffirmata mill-Aġenzija. L-approċċ trasversali tal-akkwist huwa innovazzjoni sinifikanti għall-mudell operazzjonali tal-akkwist tal-Aġenzija, u huwa mistenni li jiġġenera qligħ importanti fil-proċess tal-ġestjoni tal-bejjieġh u tal-kuntratti, inkluż valur aħjar għall-flus, ekonomiji ta' skala, proċessi ta' akkwist aktar rapidi, filwaqt li jnaqqas ukoll id-dipendenza tal-Aġenzija fuq għadd żgħir ta' bejjieġha (jiġifieri l-intrappolament tal-klijentela).

It-tnejn tal-ispeċifikazzjonijiet għas-sejħa għall-offerti relatata mat-TEF tlestiet f'Jannar 2020. Il-proċedura tnediet fid-29 ta' Jannar 2020 għal erba' lottijiet u servizzi assoċjati:

- Lott 1: disinn, il-koordinazzjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità u appoġġ għall-integrazzjoni;
- Lott 2: Servizzi ta' żvilupp;
- Lott 3: infrastruttura (hardware, software, servizzi relatati);
- Lott 4: Ittestjar u kwalifika.

L-evalwazzjoni tal-offerti ta' Lott 1 tat-TEF tlestiet u l-kuntratt qafas ġie ffirmat mal-offerent rebbieħ fis-7 ta' Ottubru 2020. Il-laqgħa ta' tnedija saret fl-24 ta' Novembru bil-konklużjoni tal-ewwel tliet kuntratti speċifiċi.

L-evalwazzjoni tal-offerti ta' Lott 2 tat-TEF tlestiet fl-aħħar ta' Ġunju u l-kuntratti qafas ġew iffirmati mal-offerenti rebbieħa fl-aħħar ta' Awwissu. Intgħażel grupp ta' fames kuntratturi għat-tieni stadju tal-kompetizzjoni għall-akkwist tas-servizzi ta' żvilupp għall-ETIAS, il-komponenti ta' interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN.

Il-kuntratt speċifiku li jkopri l-attivitajiet ta' twaqqif ta' Lott 3 ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2020. Il-finalizzazzjoni tal-evalwazzjoni ta' Lott 4 (jiġifieri s-servizzi tal-ittestjar) hija mistennija fl-ewwel nofs tal-2021.

Filwaqt li tirrifletti l-approċċ għall-akkwist ta' servizzi tal-inġinerija, l-Aġenzija qed timxi fid-direzzjoni tal-akkwist trasversali fil-qasam tat-tħaddim tas-sistemi wkoll, taħt il-Qafas Operazzjonali Trasversali (TOF). Bit-TOF, l-eu-LISA se titbiegħed mill-approċċ ta' silo li tikkuntratta l-manutenzjoni tas-sistemi lil fornitur ta' servizz wieħed għal kull sistema. It-TOF se jintuża biex jikkuntratta t-tħaddim ta' sistemi eżistenti, kif ukoll dak ta' sistemi ġodda ladarba jibdew joperaw. Il-verżjoni tax-xenarju bażi tas-sejħa għad-dokumentazzjoni tal-offerti futura tat-TOF ġiet iffinalizzata fl-aħħar tar-raba' trimestru 2020. Il-verżjoni finali tad-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti, li tiddefinixxi l-aspetti operazzjonali, se tiġi ffinalizzata fl-2021. B'mod parallel, l-Aġenzija bdiet pjan direzzjonali tat-TOF biex tipprovdi stampa ġenerali tal-iskeda ta' żmien għat-tranżizzjoni tal-operat u l-manutenzjoni tas-sistemi għat-TOF.

## 1.2 Tmexxija operattiva u evoluzzjoni tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija (għan strateġiku 1)

It-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira hija fil-qalba tal-mandat tal-Aġenzija. 24 siegħa kuljum, kull jum tas-sena, l-Aġenzija tiżgura li s-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha (jiġifieri Is-SIS, il-VIS u l-Eurodac) ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha. It-tmexxija operattiva tas-sistemi tkopri l-monitoraġġ kostanti tas-sistemi, it-tħaddim tas-servizzi definiti fil-qafas tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM) tal-Aġenzija, u l-interazzjoni kontinwa mal-Istati Membri. Barra minn hekk, dan jinvolvi wkoll il-kompiti kollha relatati mal-manutenzjoni tas-sistema.

Fl-2020, waħda mill-isfidi ewlenin għall-Aġenzija kienet li tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi għall-utenti kollha, minkejja l-impatt multidimensjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Matul is-sena, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-aċċess kellhom implikazzjonijiet kbar għad-disponibbiltà tal-persunal biex jaħdem fis-siti tekniċi tal-Aġenzija, l-unità ċentrali (CU) fi Strasburgu, u l-unità ċentrali ta' riżerva (BCU) f'San Johann im Pongau. Minkejja dawn id-diffikultajiet, l-Aġenzija u l-persunal tagħha użaw l-isforzi kollha possibbli u żguraw li s-sistemi kollha jibqgħu disponibbli f'kull ħin. Din kienet kisba kbira, ikkonfermata mir-riżultati tajbin ħafna tad-disponibbiltà tas-sistemi u l-ħinijiet tar-rispons, li huma l-indikaturi prinċipali ewlenin tal-prestazzjoni għat-tmexxija operattiva tas-sistemi (Tabella 1). Meta mqabbla mal-2019, il-prestazzjoni tjiebet għall-indikaturi kollha ħlief wieħed. Barra minn hekk, l-Aġenzija żgurata ukoll li s-servizzi ta' appoġġ operazzjonali tas-sistemi tagħha baqgħu disponibbli 24/7. Dawn is-servizzi huma essenzjali għall-Istati Membri, u matul is-sena kollha l-Aġenzija żgurata li t-talbiet ġew imwiegħba u l-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-ħin u b'mod effettiv. L-"Istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti" tal-2020 ikkonferma li, minkejja l-isfidi, l-eu-LISA rnexxielha żżomm il-livell ta' servizz tagħha lejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, peress li l-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq l-użu tas-sistema, l-Aġenzija bdiet tinforma lill-Istati Membri dwar dan l-aspett kull xahar.

Tabella 1: Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) għat-tmexxija operattiva tas-sistemi

	Indikatur ewleni tal-prestazzjoni korporattiv	2019	2020	Il-miri	Il-mira milfuqa
KPI 3	Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	99.55 %	99.87 %	Aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > Ambra > 99.50 % Aħmar < 99.50 %	
KPI 4	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	99.91 %	99.95 %	Aħdar ≥ 99.45 % 99.45 % > Ambra ≥ 90 % Aħmar < 90 %	
KPI 6	Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-SIS	99.95 %	99.94 %	Aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > Ambra ≥ 99.50 % Aħmar < 99.50 %	
KPI 7	Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS	99.84 %	99.86 %	Aħdar ≥ 99.5 %, 99.5 % > Ambra ≥ 99 % Aħmar < 99 %	
KPI 8	Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS	99.65 %	99.93 %	Aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > Ambra ≥ 99.50 % Aħmar < 99.50 %	
KPI 9	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS	97.79 %	99.98 %	Aħdar = 100 % 100 % > Ambra ≥ 90 % Aħmar < 90 %	
KPI 19	Sodisfazzjon tal-klijenti: perċentwal tal-Istati Membri sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mil-Uffiċċju tas-Servizz tal-eu-LISA	93.4 %	95 %	≥ 80 %	
KPI 20	Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz	90 %	99.9 %	≥ 75 %	

L-ilfuq tal-ogħla mira ta' disponibbiltà għall-KPIs tad-disponibbiltà tas-sistemi ċentrali (mira ekoloġika ta' 99.99 %) se jirrikjedi jew revizzjoni tas-sistemi, jew arkitettura attiva-attiva. L-arkitettura attiva-passiva attwali tipprevjeni l-kisba



sfiha tal-miri ta' disponibbiltà għolja. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata dwar dan is-suġġett, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimha dedikata f'paġna 30.

L-eu-LISA timmaniġġja l-operat ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom, mill-iżvilupp u l-operazzjoni sal-evoluzzjoni, filwaqt li tiżgura li maż-żmien, is-sistemi jitħaddmu fil-livelli ta' prestazzjoni miftiehma, u li l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti finali dejjem jiġu ssodisfati. Il-bażi ġuridika għall-evoluzzjoni kontinwa ta' dawn is-sistemi hija żgurata permezz tal-adozzjoni ta' atti legali ġodda. Fl-2020, l-eu-LISA ħadmet fuq żviluppi relatati mar-regolamenti ta' riformulazzjoni tas-SIS li ġew adottati fl-2018. L-Aġenzija appoġġat ukoll lil-leġiżlatur Ewropew u lill-Kummissjoni bit-tnejn tar-regolamenti l-ġodda tal-VIS u tal-Eurodac. Is-SIS u l-VIS/BMS kienu jeħtieġu wkoll xi żviluppi tekniċi, biex iżidu l-kapaċità u d-disponibbiltà tagħhom.

Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tas-sistemi b'żewġ modi sinifikanti. L-ewwel nett, billi jfixxlu l-ktajjen tal-provvista fit-tieni nofs tas-sena. It-tieni nett, minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-aċċess, li pprevjenew id-disponibbiltà tal-persunal tal-Aġenzija u tal-kuntratturi li jaħdmu fuq il-post, rekwiżit għall-implimentazzjoni ta' rilaxxi ġodda. Minkejja dawn id-diffikultajiet, l-Aġenzija għamlet progress sinifikanti fuq proġetti ewlenin, bħall-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tas-SIS u fuq il-fażi 2 tal-AFIS, kif ukoll fuq l-integrazzjoni ta' utenti ġodda għas-SIS u l-VIS, u fuq it-tnejn relatati mal-interoperabbiltà tas-sistemi.



### 1.2.1 SIS

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija sistema tal-IT fuq skala kbira, li tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni u oġġetti bejn il-pulizija nazzjonali, il-kontroll fil-fruntieri, id-dwana, l-awtoritajiet tal-viża u dawk ġudizzjarji. L-2020 immarkat il-25 anniversarju mid-dħul fis-seħħ tagħha, u issa saret l-aktar sistema ta' kondivizzjoni tal-informazzjoni użata u l-akbar waħda għas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni fl-Ewropa. Is-SIS hija l-miżura kumpensatorja ewlenija għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni, li toffri appoġġ essenzjali għas-sigurtà interna fiż-żona Schengen kollha. Is-SIS hija pedament tal-acquis ta' Schengen, li tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni fiż-żona Schengen, tappoġġa l-verifiki interni u l-kontrolli fil-fruntieri fil-fruntieri esterni, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' sigurtà u tikkontribwixxi għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja madwar l-Ewropa. It-tieni ġenerazzjoni tas-SIS (SIS II) ilha topera mill-2013. L-eu-LISA hija responsabbli mit-tmexxija operattiva tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, tiżgura appoġġ ta' monitoraġġ operazzjonali 24 siegħa kuljum u hija responsabbli għall-evoluzzjoni f'waqtha tas-sistema.



Figura 2: Il-viżiv tal-25 anniversarju tas-SIS

Fl-2018, l-eu-LISA nediet is-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS), li introduċiet kapaċità ta' tiftix bijometriku fis-SIS, li tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni ta' interess ibbażata biss fuq il-marki tas-swaba' tagħhom. Sal-aħħar ta' Diċembru 2020, l-Istati Membri kollha kienu obbligati li jippermettu tfittxijiet SIS-AFIS (ara l-paġna 36). F'Diċembru 2018, l-adozzjoni tar-Regolamenti ta' riformulazzjoni bdiet fażi maġġuri ta' żvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda għas-SIS (ara l-paġna 36).

### Operazzjonijiet

Matul l-2020, il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ċentrali tas-SIS kienet taħt l-ambitu tal-ispeċifikazzjonijiet miftiehma tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS): id-disponibbiltà tas-sistema kienet ta' 99.94 % (KPI 6) u l-indikatur tal-

prestazzjoni tal-ħin tar-rispons kien ta' 99.86 % (KPI 7). Fl-2020, ftit inċidenti żgħar biss affettwaw id-disponibbiltà tas-sistema:

- F'April, server tal-messaġġi waqaf għal siegħa. Ma ntilef l-ebda messaġġ, iżda dan affettwa l-ħin tal-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet.
- Fis-17 ta' Settembru, inċident affettwa diversi komponenti tas-sistema ċentrali. L-individwazzjoni ta' soluzzjonijiet u r-restawr sħiħ tas-servizzi ħadu aktar minn 24 siegħa. Matul dan iż-żmien, id-domandi kienu kompletament wieqfa għal 40 minuta, it-tranżazzjonijiet kienu kompletament wieqfa għal 130 minuta, iżda ma ntilfet l-ebda *data*.
- Incident fuq in-network tat-TESTA-ng (Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida)<sup>20</sup> ġie osservat f'diversi Stati Membri fl-4 ta' Mejju bejn 12:00 u 13:00 CET. L-inċident seħħ fuq in-network ewlieni, u affettwa l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Ma seħħ l-ebda telf ta' *data*.

Is-SIS–AFIS kienet ukoll imħaddma u miżmuma b'suċċess, mingħajr inċidenti kbar. Skont ir-Regolamenti ta' Riformulazzjoni tas-SIS, l-Istati Membri kollha kellhom jippermettu t-tfittxijiet SIS–AFIS sa tmiem l-2020. Dan kien objettiv maġġuri għall-Istati Membri kollha li għadhom mhumiex konnessi mal-AFIS, u l-Aġenzija appoġġathom b'mod intensiv matul is-sena f'dan il-proċess. Fl-2020, il-Bulgarija, il-Kroazja, id-Danimarka, ir-Rumanija, Is-Slovakkja u l-Iżvezja temmew b'suċċess il-konnessjoni tagħhom mal-AFIS. Sa tmiem l-2020, 25 Stat Membru kienu konnessi mal-AFIS. L-użu tal-AFIS kompli jżieded, ub'hekk wera l-valur tiegħu għall-komunità Ewropea tal-infurzar tal-liġi. Ladarba l-informazzjoni dwar il-marki tas-swaba' bijometrika tiżdied ma' Mandat ta' Arrest Ewropew, is-SIS–AFIS tippermetti identifikazzjoni aktar rapida ta' persuni mfittxija.

Minħabba l-isforzi sinifikanti tal-Aġenzija, il-pandemija ma affettwatx b'mod negattiv il-livell ta' manutenzjoni u appoġġ tas-sistema għall-Istati Membri. Madankollu, l-impatt fuq it-traffiku kien notevoli, u laħaq bejn 10 u 20 % tal-livell tas-soltu tiegħu f'April 2020.

Matul is-sena, l-Aġenzija ħadmet kontinwament mal-Istati Membri biex tiżgura l-aħjar funzjonament tas-sistema. Fi Frar, aġġornament tejjeb il-prestazzjoni tas-sistema fl-ipproċessar tal-messaġġi mill-Istati Membri. Bis-saħħa tal-involviment qawwi tal-Istati Membri, il-prestazzjoni tal-kontrolli tal-konsistenza tad-*data* tjebet b'mod sinifikanti fl-2020. Il-kontrolli tal-konsistenza tad-*data* huma meħtieġa b'mod regolari biex jiġi żgurat li s-sistema ċentrali u l-kopji nazzjonali jibqgħu sinkronizzati, pereżempju wara l-iskonnessjoni temporanja ta' sistema nazzjonali. L-Aġenzija appoġġat ukoll lill-Istati Membri billi żgurat id-disponibbiltà tal-ambjenti tat-test u ta' qabel il-produzzjoni. Minn nofs Marzu, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, ingħatat prijorità biex dawn l-ambjenti jinżammu disponibbli ħafna għall-Istati Membri u biex tiġi appoġġata l-eżekuzzjoni ta' kampanji ppjanati ta' ttestjar u ta' kwalifika.

Fit-tieni nofs tal-2020, l-Aġenzija, flimkien mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, iffokat b'mod intensiv fuq l-iskonnessjoni tar-Renju Unit minn mas-SIS. L-objettiv tal-Aġenzija kien li tlesti din il-bidla mingħajr xkiel fl-1 ta' Jannar 2021. Il-preparazzjonijiet kienu jinkludu testijiet u diversi rehearsals. L-iskonnessjoni l-ewwel bdiet bl-iskonnessjoni teknika fil-livell tan-network, segwita mill-implimentazzjoni ta' filtru fuq is-sistema ċentrali biex jiġu mblukkati l-allerti tar-Renju Unit li mbagħad tħassru kompletament. Bis-saħħa ta' ppjanar bir-reqqa u l-koordinazzjoni kontinwa mal-Kummissjoni, l-iskonnessjoni tar-Renju Unit minn mas-SIS ma kellhiex impatt fuq l-Istati Membri l-oħra.

<sup>20</sup> Is-servizz tan-network tat-TESTA, operat mill-Kummissjoni Ewropea, jipprovdi n-network ewlieni għall-konnessjoni bejn is-sistemi ċentrali u dawk nazzjonali.

## L-użu tas-sistema



L-Istati Membri **aċċessaw is-SIS aktar minn 3.7 biljun darba** – tnaqqis ta' 44 % mill-2019.



Fi tmiem l-2020, **inħażnu 93.4 miljun allert** fis-sistema ċentrali.



Fl-2020, aktar minn **71 miljun** mill-allerti fis-sistema kienu relatati ma' **dokumenti maħruġa**.



L-għadd ta' **tfittxijiet** ukoll naqas b'44 % meta mqabbel mal-2019, u naqas għal **3.71 biljun**.



L-Uffiċċji SIRENE **pproċessaw kważi 210 000 hit** dwar allerti barranin matul is-sena.



L-għadd totali ta' **allerti dwar persuni** kien ta' **964 720** – tnaqqis ta' 2 % meta mqabbel mal-2019.

L-użu tas-SIS kiber b'mod kostanti matul dawn l-aħħar ftit snin. Madankollu, l-2020 rat tnaqqis kbir fl-għadd ta' tfittxijiet u hits għal parti konsiderevoli tas-sena, minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-COVID-19 imposti mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li wasslu għal tnaqqis fl-għadd ta' kontrolli fil-fruntieri. Filwaqt li fl-2019, l-għadd medju ta' tfittxijiet ta' kuljum laħaq 18-il miljun, fl-2020, in-numru naqas għal 10 miljuni. Ir-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija affettwaw ukoll l-għadd medju ta' hits kuljum ipproċessati mill-Uffiċċji SIRENE (Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali).<sup>21</sup> L-għadd totali ta' hits dwar allerti barranin (jiġifieri allerti maħruġa minn Stat Membru għajr dak li jwettaq it-tiftix) naqas ukoll: b'kollox, 209 178 hit dwar allerti barranin, tnaqqis ta' 27 % meta mqabbel mal-2019.

Figura 3: Tfittxijiet tal-Istati Membri mwettqa fis-SIS II skont is-sena, 2016–2020




Figura 4: Twissijiet maħżuna fis-SIS II skont is-sena, 2016–2020





Figura 5: Numru medju ta' tfittxijiet u hits kuljum (2016-2020)



L-għadd ta' allerti żdied bi 3 %, li kien aktar bil-mod miż-żidiet annwali fis-snin preċedenti, (bejn 8 % u 12 %). Fl-aħħar tal-2020, kien hemm 93.4 miljun allert maħżuna fis-sistema.

F'Marzu, ġie adottat u ppubblikat ir-rapport annwali dwar l-istatistika tas-SIS II tal-2019, flimkien ma' skeda informattiva.<sup>22</sup> F'Ġunju, il-lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti, li huma awtorizzati li jfittxu direttament id-*data* li tinsab fis-SIS II, u l-lista tal-Uffiċċji tas-sistemi nazzjonali (N.SIS II) u l-Uffiċċji SIRENE nazzjonali ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.<sup>23</sup>

21. Kull pajjiż tal-UE li jopera s-SIS stabbilixxa Uffiċċju SIRENE nazzjonali li huwa responsabbli għal kwalunkwe skambju ta' informazzjoni supplementari u koordinazzjoni ta' attivitajiet marbuta mal-allerti tas-SIS. Aktar dwar: [https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/schengen-information-system/sirene-cooperation\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/schengen-information-system/sirene-cooperation_en)

22. <https://www.eu.lisa.europa.eu/Publications/Reports/SIS%20II%20-%202019%20-%20Statistics.pdf>

23. <https://www.eu.lisa.europa.eu/Publications/Reports/SIS%20II%20-%20List%20of%20competent%20authorities%202020.pdf>

## Evoluzzjoni tas-sistema

Fl-2020, l-isforzi ewlenin tal-eu-LISA rigward l-evoluzzjoni tas-SIS kienu ffokati fuq l-implimentazzjoni f'waqtha tar-regolamenti l-ġodda tas-SIS, flimkien mal-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tal-fażi 2 tal-AFIS. Biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u ż-żieda kontinwa fin-numru ta' allerti, l-Aġenzija żiedet il-kapaċità tas-sistema għal 130 miljun allert. L-Aġenzija ħejjiet ukoll l-użu ta' magna tat-tiftix ġdida li, ladarba tinħareġ fl-2021, se żżid il-veloċità tat-tiftix b'għaxar darbiet u tnaqqas b'mod sinifikanti n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema matul il-qlib bejn l-unità ċentrali u l-unità ċentrali ta' riżerva. Barra minn hekk, l-Aġenzija appoġġat ukoll l-integrazzjoni tal-Irlanda u ta' Ċipru fis-sistema.

## Riformulazzjoni tas-SIS

Il-proġett ta' riformulazzjoni tas-SIS jista' jitqies bħala wieħed mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tal-eu-LISA għall-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. Ir-regolamenti ta' riformulazzjoni tas-SIS, adottati f'Novembru 2018, wessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-funzjonalitajiet tas-sistema, evoluzzjoni maġġuri għas-SIS. F'kontinwazzjoni tal-ħidma li bdiet fl-2019, l-Aġenzija għamlet progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-proġett, u f'Jannar 2020, inħareġ b'suċċess rilaxx ġdid. Ir-rilaxx il-ġdid kien fih il-karatteristiċi meħtieġa li ppermettew lill-Europol, lill-Eurojust u lill-Frontex biex ifittxu t-tipi rilevanti kollha ta' allerti fis-SIS, kif ukoll iwettqu tfittxijiet tal-marki tas-swaba' u oħrajn estiżi. Barra minn hekk, ir-rilaxx kien fih funzjonalità tal-AFIS ġdida: il-possibbiltà li wieħed ifittex bl-użu ta' marki tas-swaba' slap li jinġabru billi jiġu skennjati erba' swaba' ta' naħa waħda simultanjament. Bħala metodu alternattiv għall-ġbir ta' marki tas-swaba' ċatti, il-marki tas-swaba' slap jgħinu biex jiġu evitati żbalji jew frodi.

Barra minn hekk, l-Aġenzija u l-Istati Membri ħadmu b'mod intensiv fuq verżjoni ġdida tad-dokumentazzjoni teknika (ICD/DTS) li ġiet adottata f'Mejju. B'riżultat ta' dan, ġie żviluppat l-ewwel rilaxx intermedju (IR1), li kien jinkludi bidliet relatati mal-allerti dwar il-persuni. L-IR1 għadda minn fażijiet ta' ttestjar differenti sa tmiem is-sena, bil-parteċipazzjoni ta' tmien Stati Membri. L-Aġenzija bdiet tiżviluppa wkoll it-tieni rilaxx intermedju (IR 2) li jinkludi bidliet relatati mal-allerti dwar l-oġġetti. Matul it-tieni nofs tas-sena, l-eu-LISA ħejjiet it-tieni aġġornament tad-dokumentazzjoni teknika, li kienet tinkludi l-bidliet kollha fl-elementi bijometriċi tas-sistema, li jirriżultaw kemm mir-regolamenti ta' riformulazzjoni tal-AFIS kif ukoll dawk tas-SIS. Id-dokumentazzjoni ingħatat lill-Istati Membri għal rieżami sa nofs Diċembru, li kien stadju importanti għall-proġett.

Bħala parti mill-proġett ta' Riformulazzjoni tas-SIS, l-eu-LISA kienet responsabbli għall-aġġornament tad-dokumentazzjoni dwar l-iskambju ta' *Data* Bejn l-Uffiċċji SIRENE (DEBS), sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu kif l-Uffiċċji SIRENE jiskambjaw l-informazzjoni. Il-proġett beda fl-24 ta' Marzu. L-Aġenzija ħadmet matul is-sena flimkien mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri, u pprovdiet id-dokumentazzjoni rieżaminata tad-DEBS f'Diċembru. Id-dokumentazzjoni aġġornata tad-DEBS se tiżgura li l-Uffiċċji SIRENE jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar il-funzjonalitajiet il-ġodda li jirriżultaw mir-Riformulazzjoni tas-SIS.

## It-2 fażi tal-AFIS

Il-proġett tat-2 fażi tal-AFIS tnieda fl-2019 u jkopri l-estensjoni tas-sistema bijometrika tas-SIS. Il-proġett jgħaqqad titjib fil-prestazzjoni tal-AFIS eżistenti mal-funzjonalitajiet bijometriċi ġodda identifikati fir-Riformulazzjoni tas-SIS, bħall-estensjoni tal-kapaċitajiet ta' tiftix b'*data* dattiloskopika dwar il-marki tal-pala tal-id u marki latenti<sup>24</sup>. Fl-2020, ġie konkluż id-disinn u r-rekwiżiti tal-utent ġew iffinalizzati mal-Istati Membri. L-iżvilupp beda fi Frar u kompla matul is-sena. Ir-rilaxx li rriżulta, ipplanat għall-użu fl-2021, għadda minn ittestjar tal-aċċettazzjoni fi tmiem is-sena. Ġie mwassal il-hardware il-ġdid tal-AFIS u sar studju tekniku qabel l-installazzjoni tiegħu fis-sit tekniku ġewwa Strasburgu. Barra minn hekk, l-Aġenzija bdiet taħdem fuq it-tnejn tal-migrazzjoni mill-fażi 1 għall-fażi 2 tal-AFIS. Ladarba jkunu disponibbli, il-karatteristiċi l-ġodda se jappoġġaw lill-Istati Membri fil-konferma tal-identità ta' persuni fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u fil-qafas tal-investigazzjonijiet tal-pulizija.

## Żieda fil-kapaċità tad-domandi

24 Il-marki latenti huma impressjonijiet tas-swaba' jew tal-pali fuq wiċċ.

Iż-żieda fil-kapaċità tad-domandi kienet evoluzzjoni ewlenija oħra tas-sistema ċentrali tas-SIS, li tindirizza l-użu dejjem akbar tas-sistema u t-tkabbir kontinwu fl-għadd ta' allerti. L-objettiv tal-proġett huwa li tiżied il-kapaċità tas-sistema għal 130 miljun allert. L-ewwel rilaxx inħareġ f'Ġunju; madankollu, it-tieni rilaxx, inkluża l-implimentazzjoni tal-magna tat-tiftix il-ġdida, kien affettwat mill-pandemija tal-COVID-19 u min-nuqqas fil-provvista tal-hardware. Għalhekk, għalkemm il-fażi tal-iżvilupp ġiet iffinalizzata, l-implimentazzjoni ġiet posposta għall-2021.

### Integrazzjoni ta' utenti ġodda

L-integrazzjoni tal-Irlanda fis-SIS imxiet 'il quddiem bil-prova ta' suċċess tad-dħul fis-seħħ li saret f'Jannar 2020. Id-dħul fis-seħħ se jkun effettiv fil-15 ta' Marzu 2021.

L-integrazzjoni ta' Ċipru ukoll kompliet bl-ittestjar, u l-kampanja tat-test tal-konformità bdiet f'April. Wara segwew l-ittestjar tal-prestazzjoni u tal-affidabbiltà matul is-sajf u r-rapport finali tat-test ġiet approvat fi tmiem is-sena.



### 1.2.2 VIS/BMS

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2011, u ilha topera madwar id-dinja minn Frar tal-2016. Il-VIS tinsab fil-qalba taż-żona Schengen, u tgħaqqad il-konsulati tal-Istati Membri f'pajjiżi mhux tal-UE u l-punti ta' qsim tal-fruntiera esterni kollha. Din tappoġġa lill-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri fil-ġestjoni tal-applikazzjonijiet u l-għoti ta' viżi għal soġġorn qasir biex iżuru jew jgħaddu miż-Żona Schengen. Bl-użu tas-sistema ta' tqabbil bijometriku (BMS) tagħha, is-subsistema responsabbli għall-operazzjonijiet bijometriċi, il-VIS tippermetti lill-awtoritajiet tal-fruntiera tal-Istati Membri jivverifikaw l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn l-UE. Barra minn hekk, il-VIS tappoġġa l-ġlieda kontra l-frodi u tiffaċilita l-kontrolli fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li tgħin fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna li ma tistax tissodisfa jew li forsi m'għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-VIS tappoġġa l-proċess tal-applikazzjonijiet għall-ażil u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tat-theddid għas-sigurtà interna.

#### Operazzjonijiet

Matul l-2020, il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ċentrali tas-VIS kienet fi ħdan il-miri miftiehma deskritti fil-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS). Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS kienet ta' 99.93 % (KPI 8) u l-indikatur ta' prestazzjoni tal-ħin tar-rispons kien ta' 99.98 % (KPI 9). Matul dan il-perjodu, l-ebda kwistjoni maġġuri jew kritika ma affettwat it-tħaddim tal-VIS/BMS. In-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema ċentrali seħħ biss fil-kuntest tal-ħruġ tar-rilaxx. F'Novembru, inċident ikkawża n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' wieħed mill-ambjenti tat-test matul tmiem il-ġimgħa, li affettwa l-operazzjonijiet fl-Istati Membri, iżda l-kwistjoni ġiet identifikata u solvuta fil-pront.

Il-pjan ta' rilaxx għall-2020 ġiet affettwat minn restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-faċilitajiet tekniċi tal-Aġenzija li ġew imposti fuq il-persunal f'nofs Marzu. L-ewwel rilaxx tas-sena tlesta fis-27 ta' Awwissu u kien jinkludi ż-żieda fil-kapaċità tal-BMS, li kienet tikkostitwixxi evoluzzjoni kbira tas-sistema. It-tieni rilaxx tnieda f'Settembru u tlesta f'Ottubru, u kien jinkludi elementi għall-integrazzjoni ta' utenti ġodda, kif ukoll titjib fl-effiċjenza ġenerali tas-sistema. Għalkemm it-tielet rilaxx, li fih aġġornamenti mhux kritiċi għas-servers u komponenti tan-networks, ġiet ffinalizzata ukoll, il-ħruġ tiegħu ġiet pospost għall-2021, minħabba l-impatt tal-pandemija fuq ir-riżorsi.

F'Awwissu 2020, ġie ppubblikat ir-Rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS<sup>25</sup>, li jkopri l-perjodu minn Ottubru 2017 sat-30 ta' Settembru 2019. Ir-rapport ipprova informazzjoni dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS, inklużi aspetti ta' sigurtà, u l-użu li sar mill-Istati Membri tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI.<sup>26</sup>

### L-użu tas-sistema



**73 miljun applikazzjoni għall-viża** maħżuna fil-bażi tad-*data* tal-VIS mill-Istati Membri.




**66 miljun marka tas-swaba'** maħżuna fil-bażi tad-*data* tal-VIS mill-Istati Membri.


Minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-pandemija u t-tnaqqis sussegwenti tal-kontrolli fil-fruntieri, l-ammont ta' applikazzjonijiet għall-viża maħżuna u l-marki tas-swaba' fil-VIS naqas għall-ewwel darba.

Konsegwentement, l-ammont ta' applikazzjonijiet għall-viża pproċessati matul is-sena naqas għal 3 miljuni, mqabbel ma' 17-il miljun fl-2019. L-użu ġenerali tal-VIS kien ta' madwar 15 % tal-ammont mistenni, l-operazzjonijiet annwali naqsu b'75 % meta mqabbla mal-2019. Il-quċċata tal-attività tas-sena għall-operazzjonijiet tal-fruntieri u l-kwistjonijiet dwar il-viża kienet f'Jannar, qabel l-introduzzjoni tal-ewwel restrizzjonijiet tal-COVID-19.

**Figura 6: Applikazzjonijiet għall-viża maħżuna 2016-2020**



**Figura 7: Marki tas-swaba' maħżuna 2016-2020**



Fl-2020, it-tfittxijiet alfanumeriċi u bijometriċi u l-awtentikazzjoni bijometrika naqsu wkoll. Matul il-perjodu, is-sistema marret tajjeb, b'operazzjonijiet għal tfittxijiet alfanumeriċi mwettqa f'anqas minn sekonda (medja ta' 0.76 sekondi) u awtentikazzjonijiet bijometriċi f'anqas minn 2 sekondi (medja ta' 1.44 sekondi).

### Evoluzzjoni tas-sistema

Fl-2020, l-Aġenzija żiedet b'suċċess il-kapaċità tal-BMS, ħadmet fuq l-integrazzjoni tal-Europol u fuq l-għoti ta' aċċess passiv għall-Bulgarija u r-Rumanija. Il-VIS issa hija teknikament lesta biex tintuża minn utenti ġodda. L-evoluzzjonijiet tal-VIS/BMS ġew influwenzati ħafna mill-ħtieġa li tiġi stabbilita interkonnessjoni bejn il-VIS u l-EES. Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet ukoll għat-tnejja tar-regolament il-ġdid dwar il-VIS.

### Żieda fil-kapaċità

Wara l-progress li sar fl-2019, l-Aġenzija żiedet b'suċċess il-kapaċità tal-BMS minn 60 miljun għal 85 miljun rekord biex tiżgura li s-sistema jkollha kapaċità suffiċjenti biex tissodisfa l-ħtiġijiet dejjem akbar tal-Istati Membri, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi. Iż-żieda fil-kapaċità tal-BMS bdiet fl-2019, wara evoluzzjoni simili għall-VIS. Il-proġett tlesta f'Lulju bi ħruġ ta' rilaxx li ġie ttardjat b'dewmien ta' tliet xhur minħabba l-pandemija tal-

<sup>25</sup> <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/2019%20VIS%20Report.pdf>

<sup>26</sup> Skont id-Deċiżjoni tal-VIS, l-awtoritajiet maftura tal-Istati Membri u l-Europol setgħu jaċċessaw il-VIS għall-finijiet ta' prevenzjoni, detezzjoni u investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra mill-1 ta' Settembru 2013.

COVID-19. Dan solva wkoll il-kwistjonijiet ikkawżati mill-virtwalizzazzjoni tal-BMS fl-2019. B'mod ġenerali, l-Aġenzija tistma li ż-żieda fil-kapaċità tal-VIS u l-BMS għandha tkopri l-ħtiġijiet fit-tul tal-Istati Membri.

### Ambjent tal-ittestjar

B'reazzjoni għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri, il-Bord tat-Tmexxija ddeċieda li jintroduċi aġġornament tal-ambjent il-ġdid tal-ittestjar tal-VIS/BMS biex iżid id-disponibbiltà, l-affidabbiltà u l-aġilità tiegħu għall-appoġġ operazzjonali. Dan għandu jwassal għal titjib kbir fir-riżoluzzjoni tal-inċidenti u fil-ħin tal-irkupru tas-servizzi, li se jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha.

### Integrazzjoni tal-utenti l-ġodda

L-Aġenzija kompliet tnejji l-VIS biex tippermetti l-għoti ta' aċċess passiv għall-Bulgarija u r-Rumanija. L-aċċess passiv se jippermetti liż-żewġ Stati Membri jikkonsultaw lill-VIS b'mod li tinqara biss, mingħajr id-dritt li jdaħħlu, jemendaw jew iħassru d-*data*. L-aċċess passiv għall-VIS huwa wkoll prekondizzjoni għaż-żewġ Stati Membri biex joperaw l-EES fil-fruntieri tagħhom. Fl-2020, l-Aġenzija ħadmet mill-qrib mal-Bulgarija u mar-Rumanija u temmet b'suċċess il-fażi tal-ittestjar tal-konformità. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u skont deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Bulgarija u r-Rumanija se jibdeu jikkonsultaw il-VIS f'April 2021.

Fl-ewwel trimestru tal-2020, l-Aġenzija lestiet il-konnessjoni tal-Europol mal-VIS. Is-servizz se jkun disponibbli fl-2021, ladarba l-aċċess tal-Europol jitlesta min-naħa nazzjonali.

### Il-migrazzjoni tal-VIS BMS lejn l-sBMS

F'nofs l-2020, filwaqt li qieset il-ħtieġa għall-interkonnessjoni tal-EES-VIS, l-Aġenzija bdiet il-proġett għall-migrazzjoni tad-*data* bijometrika tal-VIS għall-sBMS, qabel il-pjan oriġinali. Matul l-2020, l-eu-LISA lestiet il-fażi tal-analiżi u tad-disinn, u implimentat ukoll l-ewwel elementi kostitwenti meħtieġa għall-proċess ta' migrazzjoni. Il-proġett huwa mistenni li jitlesta sa nofs l-2022.



### 1.2.3 Eurodac

Il-Eurodac, il-bażi tad-*data* Ewropea Dattiloskoopika (marki tas-swaba') tal-Ażil, ilha operattiva mill-2003. Din tappoġġa l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin bħala wieħed mill-istrumenti użati għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA). Peress li tippermetti t-tqabbil tal-marki tas-swaba', l-Eurodac tassisti fid-determinazzjoni tal-pajjiż responsabbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati f'wieħed mill-Istati Membri. Minn Lulju tal-2015, l-Eurodac saret tintuża wkoll mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol. Minn Ġunju tal-2013, l-eu-LISA hija responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-sistema ċentrali tal-Eurodac.

#### Operazzjonijiet

Fl-2020, il-prestazzjoni tas-sistema Eurodac kienet fi ħdan il-miri miftiehma tal-FLS. Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac kienet ta' 99.87 % (KPI 3<sup>27</sup>) u l-l-indikatur tal-prestazzjoni tal-ħin tar-rispons kien ta' 99.95 % (KPI 4). F'Ġunju, il-Eurodac iffaċċjat perjodu ta' qtugħ mhux ippjanat minħabba inċident ikkawżat mir-rilej tal-posta, il-komponent li jittrasferixxi l-posta elettronika. B'riżultat ta' dan, l-ipproċessar tal-posta elettronika ġie mblukkat għal ftit sigħat. Il-kwistjoni ssolviet, u ma ntilfet l-ebda tranżazzjoni matul l-inċident. L-Aġenzija ħadmet fuq soluzzjoni definittiva għal din il-problema, li għandha tintuża fl-ewwel rilaxx tal-2021. F'Settembru, wara ħruġ tar-rilaxx, ħsara fil-komponent tax-xandir tal-messaġġi affettwat l-iskambju ta' messaġġi għall-Istati Membri għal 27 siegħa. Matul dan il-

27 L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni huma miġbura fil-qosor fl-Anness I

perjodu, is-sistema baqgħet tirreġistra t-tranżazzjonijiet kollha kif xieraq u wiegħbet għat-tfittxijiet li kienu ġejjin mill-Istati Membri. Wara li ssovviet il-kwistjoni, is-sistema ċentrali setgħet tibgħat il-messaġġi kollha fil-kju lill-Istati Membri. L-Aġenzija solviet ukoll kwistjoni bis-server bijometriku tal-ambjent tat-test, li tejjeb id-disponibbiltà tiegħu għall-Istati Membri.

Fi Frar, is-servers ewlenin tal-Eurodac ġew aġġornati bl-aktar software korrettiv ta' sigurtà riċenti u l-proċessi ta' bdil bejn is-CU u l-BCU ġew ottimizati, li rriżulta f' domanda mnaqqsa għar-riżorsi umani. Dan l-aġġornament se jtejjeb id-disponibbiltà ġenerali tas-sistema għall-Istati Membri. Ir-rilaxx iġġenera 3 sigħat ta' nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema ċentrali barra mill-ħinijiet tal-uffiċċju, meta t-traffiku kien baxx ħafna, biex jiġi minimizzat l-impatt fuq l-operazzjonijiet tal-Istati Membri. F'Settembru ġew skjerati elementi ta' manutenzjoni korrettivi addizzjonali għall-komponent bijometriku, b'xi dewmien, minħabba l-pandemija.

Il-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq il-manutenzjoni tal-Eurodac, peress li l-kuntratturi tħallew jidħlu fis-sit tal-Aġenzija biss biex jittrattaw inċidenti kritiċi. B'riżultat ta' dan, ġew ittrattati inqas inċidenti kritiċi u t-talbiet għal servizzi ġew ittrattati b'xi dewmien. Matul it-tieni nofs tas-sena, waqt li s-sitwazzjoni tjejbet bil-mod, it-timijiet tal-Aġenzija ħadmu ħafna biex jipproċessaw ix-kompiti pendenti ta' manutenzjoni, li kienu ssovvew bis-sħiħ sal-aħħar tas-sena.

Fl-2020, l-Aġenzija wettqet aġġornament sħiħ tad-dokumentazzjoni tas-sigurtà tal-Eurodac, li tinkludi "Valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà", "Pjan ta' sigurtà", "Pjan ta' kontinwità tan-negozju u rkupru minn diżastri" u "Valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza". Id-dokumentazzjoni l-ġdida ġiet adottata fl-aħħar tas-sena. Dawn id-dokumenti ġodda indirizzaw rakkomandazzjoni li saret mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) rigward l-Eurodac u se jiżguraw li l-Aġenzija tirreaġixxi b'mod effiċjenti f'każ ta' kwistjonijiet ta' sigurtà.

Fit-tieni nofs tal-2020, l-Aġenzija għamlet tħejjijiet intensivi għall-iskonnessjoni tar-Renju Unit mill-Eurodac. L-objettiv kien li din il-bidla tkun tista' titlesta mingħajr xkiel għall-Brexit, fl-1 ta' Jannar 2021. Il-preparazzjonijiet kienu jinkludu testijiet u diversi rehearsals. L-iskonnessjoni twettqet kif ippjanat matul il-lejl tal-31 ta' Diċembru, u ġiet segwita mit-tħassir tad-data u r-rekords kollha tar-Renju Unit. Matul dik l-operazzjoni, il-Eurodac ma kienx disponibbli għal 7.5 sigħat.

### L-użu tas-sistema



**644 926** sett ta' marki tas-swaba' trażmessi: tnaqqis ta' 30 % mill-2019.




L-għadd ta' marki tas-swaba' maħżuna fil-Eurodac **żdied bi 3 %** fl-2020 meta mqabbel mal-2019.

L-użu ġenerali tal-Eurodac ġie affettwat mit-tnaqqis fil-kontrolli fil-fruntieri u mir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti madwar l-Ewropa kollha b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. L-użu tas-sistema naqas b'madwar 30 % meta mqabbel mal-2019, għalkemm l-għadd ta' marki tas-swaba' maħżuna fil-Eurodac żdied bi 3 %. It-tranżazzjonijiet tal-kategorija 1 (applikazzjoni għall-ażil) naqsu bi 32 %, tal-kategorija 2 (qsim irregolari ta' fruntiera esterna minn ċittadin ta' pajjiż terz) b'26 %, u t-tranżazzjonijiet tal-kategorija 3 (ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab illegalment fi Stat Membru) b'24 %.


L-Istati Membri trażmettew b'suċċess 644 926 sett ta' marki tas-swaba' lis-sistema ċentrali tal-Eurodac matul l-2020, u applikazzjonijiet għall-ażil ikkontribwew 62 % ta' dan l-ammont. It-tieni l-akbar kategorija (25 %) kienu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu b'mod irregolari l-fruntiera esterna tal-UE.



**Figura 8: It-traffiku fis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac għal kull kategorija skont is-sena, 2014–2020**



**Figura 9: It-traffiku totali fis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac skont is-sena, 2014–2020**



L-istatistika annwali tal-Eurodac għall-2019 ġiet ippubblikata f'Marzu, flimkien ma' skeda informattiva,<sup>28</sup> u r-rapport annwali dwar il-funzjonament tekniku tas-sistema ċentrali tal-Eurodac ġie ppubblikat f'Lulju.<sup>29</sup> Il-lista aġġornata tal-awtoritajiet nazzjonali maħtura għall-ażil, li għandhom aċċess għal *data* rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac, ġiet ippubblikata f'April fuq is-sit web tal-Aġenzija.

#### **L-operazzjonijiet tan-network ta' komunikazzjoni elettronika ta' Dublin (DubliNet)**

DubliNet huwa network elettroniku sigur għall-iskambju ta' *data* bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jindirizzaw l-applikazzjonijiet għall-ażil. Fl-2020, il-manutenzjoni ta' DubliNet kienet konformi mal-FLS operazzjonali u ma ġiet osservata l-ebda interruzzjoni tas-servizz. F'Jannar, l-Aġenzija wettqet it-tiġdid regolari taċ-ċertifikati diġitali użati mill-Istati Membri biex jużaw in-network sigur. Il-kampanja ta' tiġdid tlestiet b'suċċess f'erbat ijiem, u l-eu-LISA rċeviet rispons pożittiv dwar it-titjib tal-proċess mill-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għamlet it-tnejn għall-iskonnessjoni tar-Renju Unit mid-DubliNet matul it-tieni nofs tal-2020. Fl-1 ta' Jannar 2021, l-aċċess għan-network ġie mblukkat għall-oqsma kollha relatati mad-DubliNet tar-Renju Unit u ċ-ċertifikati kollha tar-Renju Unit ġew revokati.

Bħalma hi d-drawwa, l-eu-LISA kompliet tipparteċipa f'diversi laqgħat dedikati għad-dominju tal-ażil skont ir-regolament ta' Dublin u kkontribwiet għas-sessjonijiet iffukati speċifikament fuq id-DubliNet. Waħda minnhom kienet il-Laqqgħa ta' Esperti Tematika dwar id-DubliNet u s-Sistemi Tekniċi ta' Dublin li saret f'Novembru, fejn l-eu-LISA ppreżentat is-sitwazzjoni attwali tad-DubliNet, ipprovdiet ir-rapport mill-kampanja ta' tiġdid taċ-ċertifikati, u tat sessjoni ta' taħriġ lill-komunità tad-DubliNet. Taħt it-tmexxija tal-EASO u f'kollaborazzjoni ma' xi esperti mill-Istati Membri, ġew ippubblikati r-“Rakkomandazzjonijiet dwar l-użu operazzjonali u tekniku tad-DubliNet”.

#### **Evoluzzjoni tas-sistema**

Fl-2020, ġew ippjanati u implimentati evoluzzjonijiet tekniċi speċifiċi tal-Eurodac. Peress li r-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac ma ġietx adottata, l-evoluzzjonijiet funzjonali tas-sistema baqgħu sospiżi.

#### **Riforma tal-Eurodac u ta' Dublin**

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat proposta leġislattiva emendata għall-proposta ta' Riformulazzjoni tal-2016, bħala parti mill-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Fil-proposta l-ġdida għal Regolament dwar il-ġestjoni tal-

<sup>28</sup> <https://www.eu.lisa.europa.eu/Publications/Reports/Eurodac%20-%202019%20Statistics.pdf>

<sup>29</sup> <https://www.eu.lisa.europa.eu/Publications/Reports/Eurodac%20-%202019%20Annual%20Report.pdf>

ażil u l-migrazzjoni, is-Sistema Awtomatizzata ta' Dublin ġiet irtirata. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata dwar ir-riformulazzjoni tal-Eurodac u ta' Dublin, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsim 2.2.2 f'paġna 63.

### Tfassil mill-ġdid tal-Eurodac

Il-ġestjoni effiċjenti tal-evoluzzjoni tal-Eurodac ġiet imfixkla b'mod sinifikanti mill-proċess twil relatat mal-adozzjoni ta' riformulazzjoni ġdida tar-Regolament Eurodac. L-arkitettura u l-komponenti tas-sistemi bdew jilħqu t-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, li ħoloq sfidi sinifikanti f'termini ta' manutenzjoni u appoġġ, b'mod partikolari għall-komponenti ta' riżerva, tal-bażi tad-*data* u tal-AFIS. Dawn l-isfidi kollha wasslu lill-Aġenzija biex tibda d-disinn mill-ġdid tal-Eurodac, qabel l-adozzjoni tar-regolament il-ġdid. It-tnejniet twettqu fit-tieni nofs tal-2020, għal bidu ppjanat fil-bidu tal-2021. Fid-disinn il-ġdid, il-Eurodac se jinqasam f'żewġ partijiet: sistema ewlenija, u sistema AFIS, simili għas-SIS u l-VIS. L-arkitettura l-ġdida tas-sistema se tkun flessibbli, biex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-adattament tal-bidliet li jirriżultaw mir-regolamenti l-ġodda, u biex tiffaċilita l-interkonnessjoni ulterjuri mal-komponenti tal-interoperabbiltà, skont id-deċiżjoni tal-leġiżlatur. Il-proġett se jippermetti lill-Aġenzija tiggarrantixxi d-disponibbiltà ta' nofs it-terminu tas-sistema għall-Istati Membri, filwaqt li tiżgura li l-funzjonalitajiet il-ġodda, ladarba jiġu adottati, jiġu żviluppatti u implimentati fi żmien xieraq.

#### 1.2.4 Appoġġ operattiv tas-sistemi

Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa tas-sistemi għall-utenti tagħhom, l-eu-LISA topera servizzi ta' appoġġ li huma disponibbli 24 siegħa kuljum. Minkejja l-impatt tal-pandemija, is-servizzi pprovduti lill-Istati Membri baqgħu bla interruzzjoni matul is-sena. Din kienet kisba ewlenija għall-Aġenzija, l-aktar minħabba l-impenn qawwi tat-timijiet u l-aġilità tal-organizzazzjoni. Fl-2020, il-prestazzjoni tal-uffiċċju tas-servizz, li jopera s-servizzi, kienet eċċellenti u l-indikatur tal-prestazzjoni laħaq 99.9 %, li jaqbeż il-mira ta' 75 % (KPI 20). Dan l-indikatur ikejjel il-kapaċità tal-Aġenzija li tipprovi appoġġ lill-utenti finali għal talbiet ta' għajjnuna u riżoluzzjoni tal-inċidenti permezz tad-disponibbiltà ta' appoġġ (jiġifieri l-ħin tar-rispons) u l-prestazzjoni tal-appoġġ (jiġifieri l-ħin li jieħu biex jiġi solvut). B'riżultat ta' dan, l-indikatur juri l-perċentwal ta' talbiet li saru fi ħdan il-mira stabbilita fil-FLS bejn l-eu-LISA u l-Istati Membri. Fl-2020, l-Aġenzija mmaniġġjat aktar minn 3 628 biljett: 2 332 inċident u 1 296 talba għas-servizz (Tabella 2). Ġew sottomessi 'l fuq minn 1 000 biljett mill-Istati Membri, u 2 550 ġew sottomessi internament, jew matul l-avvenimenti ta' monitoraġġ jew mill-kuntratturi ta' fuq il-post. L-ammont globali ta' inċidenti u talbiet ta' servizz kien aktar baxx fl-2020 milli fl-2019, minħabba l-użu mnaqqas tas-sistemi mill-Istati Membri matul il-pandemija.

Tabella 2: Numru ta' inċidenti u talbiet għas-servizz ittrattati fl-2020

	SIS	VIS	Eurodac	Total
<b>Inċidenti</b>	<b>873</b>	<b>1 095</b>	<b>364</b>	<b>2 332</b>
Miftuħa mill-SM	368	106	149	623
Miftuħa internament	505	989	215	1 709
<b>Talbiet għas-servizz</b>	<b>967</b>	<b>217</b>	<b>112</b>	<b>1 296</b>
Miftuħa mill-SM	280	114	61	455
Miftuħa internament	687	103	51	841

Tabella 3 Tqassim tal-inċidenti skont il-prijorità u s-sistema

Prijorità	SIS	VIS	Eurodac	Total
Baxx	160	464	96	720
Moderat	485	492	175	1 152
Għoli	221	135	87	443
Kritiku	7	4	6	17
<b>Total</b>	<b>873</b>	<b>1095</b>	<b>364</b>	<b>2 332</b>

Fl-2020, l-eu-LISA għamlet progress sinifikanti fil-ġestjoni tal-problemi, b'impatt pożittiv fuq id-disponibbiltà tas-sistema. Il-ġestjoni tal-problemi tgħin biex jiġu identifikati l-kawżi ewlenin tal-inċidenti kif ukoll biex jiġu ddeterminati soluzzjonijiet potenzjali. Fl-2020, abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-awditjar, fl-2020 l-Aġenzija rrieżaminat il-proċess ta' ġestjoni tal-problemi u l-proċeduri tagħha, stabbiliet kontrolli ġodda, u implimentat pjan ta' azzjoni. B'mod ġenerali, l-Aġenzija rnexxielha tnaqqas il-problemi pendenti b'70%. Dawn l-azzjonijiet ikkontribwew għad-disponibbiltà għolja tas-sistemi għall-Istati Membri, l-aktar billi naqqsu l-impatt ta' inċidenti individwali.

### Ġestjoni tat-tibdil

L-Aġenzija tikkollabora mill-qrib ma' esperti mill-Istati Membri permezz ta' Gruppi tal-Ġestjoni tat-Tibdil (CMGs) biex tifhem u tevalwa l-bidliet proposti, tivvaluta l-impatti tagħhom fuq is-sistemi nazzjonali u fuq il-flussi tax-xogħol operazzjonali, kif ukoll biex tippjana u timplimenta bidliet mitlubin mill-utenti. Is-sistemi fdati lill-eu-LISA issa laħqu livell għoli ta' stabbiltà. Konsegwentement, l-ammont ta' proposti għal bidliet sottomessi mill-Istati Membri naqas f'dawn l-aħħar snin, eż. fl-2020, ġew sottomessi biss għaxar talbiet ġodda għal tibdil. Madankollu, il-komplessità tat-talbiet għal tibdil sottomessi żdiedet, peress li ħafna drabi huma relatati mal-evoluzzjonijiet tas-sistemi kurrenti jew futuri, jiġifieri r-riformulazzjonijiet tas-sistema u l-interoperabbiltà. Il-Grupp tal-Ġestjoni tat-Tibdil huwa responsabbli mill-identifikazzjoni u l-qbil dwar kif għandha tiġi vvalutata u pplanata l-implimentazzjoni tal-bidliet mitluba u miftehmin.

Il-bidliet kollha jridu jiġu approvati mill-gruppi konsultattivi rispettivi u mill-kumitati rilevanti. Ġeneralment, il-bidliet kollha jiġu implimentati fi ħdan rilaxx ippjanat, jew f'każ ta' bidliet aktar komplessi, fi ħdan ir-riformulazzjonijiet li ġejjin ta' kull applikazzjoni.

Għas-SIS, intlaqgħu tliet talbiet għal tibdil ġodda biex jittejjbu u jiġu aġġornati l-funzjonalitajiet eżistenti.

Għall-VIS, tlestew tliet talbiet ġodda għal tibdil.

Għall-Eurodac, intlaqgħu erba' talbiet għal tibdil ġodda fl-2020, relatati ma' aġġustamenti żgħar.

### Il-ġestjoni tal-ittestjar, tar-rilaxx u tal-ħruġ

Il-varar tar-rilaxxi jippermetti lill-Aġenzija taġġorna s-sistemi bl-aktar software korrettiv u funzjonalitajiet riċenti meħtieġa, bħala parti mill-evoluzzjonijiet ippjanati, filwaqt li timminimizza l-impatt fuq il-prestazzjoni u d-disponibbiltà tas-sistemi. Il-pjanijiet ta' rilaxx, approvati fil-bidu tal-2020, ġew rieżaminati u aġġornati b'mod sinifikanti matul l-ewwel nofs tas-sena, minħabba l-impatt tal-pandemija, bil-pjanijiet ta' rilaxx tas-SIS u tal-Eurodac li ntlaw l-aktar. Madankollu, l-Aġenzija rnexxielha toħroġ diversi rilaxxi matul l-2020.

Barra minn hekk, l-Aġenzija appoġġat lill-Istati Membri f'varjetà ta' attivitajiet ta' ttestjar, filwaqt li żgurati il-funzjonament xieraq tas-sistemi kollha. Ġie stabbilit grupp ta' ħidma ġdid imsejjaħ il-Grupp ta' Esperti tal-Ittestjar biex jappoġġa l-attivitajiet ta' ttestjar fis-sistemi kollha, billi jgħaqqad flimkien speċjalisti tekniċi mill-Istati Membri u billi jaqsam informazzjoni siewja.

Barra minn hekk, l-Aġenzija pprogressat fl-aproċċ ġdid tagħha għall-"Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Aplikazzjoni" (ALM) bil-mira li twassal il-komponenti u l-applikazzjonijiet tal-IT b'mod aktar rapidu u aġili. L-użu mill-ġdid ta'

komponenti komuni, kif ukoll l-interkonnnettività u l-interoperabbiltà ta' sistemi ġodda introduċew kumplessità addizzjonali fiċ-ċikli tal-ħajja tal-applikazzjoni. L-approċċ ta' ALM jipprovi governanza komprensiva u jippermetti l-awtomatizzazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja. Fl-2020, l-eu-LISA wettqet studju biex tidentifika l-kapaċitajiet u l-lakuni eżistenti, u biex tiddefinixxi pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-governanza taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni.

### 1.3 Infrastruttura u networks (għan strateġiku 1)

#### 1.3.1 Networks

##### *Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

Fl-2020, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS, bl-użu tal-kuntratt qafas ta' servizzi tat-TESTA-ng,<sup>30</sup> twettaq f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-istrumenti legali tas-sistemi rispettivi. L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS laħqet disponibbiltà ta' 99.9997 %, u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS 99.9865 %. It-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II żgura s-sigurtà tad-*data* kummerċjali tas-SIS II u tas-SireneMail, u laħaq disponibbiltà ta' 100 %.

Barra minn hekk, l-Aġenzija kkontribwiet għall-evalwazzjoni teknika tal-offerti għall-kuntratt qafas ġdid TESTA, taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni. Sa tmiem l-2020, 80 % mill-evalwazzjoni kienet tlestiet, b'dewmien ta' tliet xhur.

##### *Evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

L-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS ġew aġġornati matul il-perjodu ta' rapportar, biex jiġi żgurat li l-wisa' tal-banda tan-networks rispettivi tkun tista' takkomoda l-evoluzzjonijiet ippjanati tas-sistemi.

L-Aġenzija kompliet taġġorna l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS, biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw b'mod effiċjenti l-funzjonalitajiet il-ġodda tas-sistema, li jirriżultaw mill-proġetti tar-riformulazzjoni tas-SIS u tal-AFIS. Is-siti tas-SIS II ġew aġġornati gradwalment minn 10 Mbps għal 50 Mbps, b'għażla li jiġu aġġornati għal 100 Mbps fit-tieni fażi. Matul is-sena, u minkejja r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, l-Aġenzija ħadmet mal-Istati Membri fuq is-sostituzzjonijiet tal-punti ta' aċċess turnkey (TAPs), il-komponenti li jgħaqqdu s-sistemi nazzjonali man-network tas-SIS.

Barra minn hekk, it-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS qed jiġi sostitwit biex jakkomoda l-ħtiġijiet ogħla tal-wisa' tal-banda u fl-istess ħin jiżgura s-sostituzzjoni tal-hardware biex jiġu evitati kwistjonijiet bl-appoġġ għall-bejjiegħ. Sa tmiem l-2020, is-saff ta' kriptaġġ fis-CU u fil-BCU ġew sostitwiti b'suċċess, flimkien ma' 50 % tas-siti fl-Istati Membri.

Fl-2020, l-Aġenzija tejbet l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS biex takkomoda ż-żieda fil-wisa' tal-banda meħtieġa għall-operat tas-sistemi tal-EES u tal-ETIAS. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsim tal-programm tal-EES f'paġna 25.

#### 1.3.2 Ċentri tad-Data

l-ċentri tad-*data* tal-Aġenzija huma l-infrastruttura li fiżikament tospita s-sistemi tal-IT kollha fuq skala kbira, kif ukoll is-sistemi operazzjonali u mhux operazzjonali l-oħrajn kollha meħtieġa għal kompiti bħal żviluppi jew testijiet. Sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni ta' assi kritiċi bħal dawn, inħoloq settur dedikat bħala parti mit-trasformazzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA 2.0.

Fl-2020, l-Aġenzija ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex żgurat li ċ-ċentri tad-*data* li jinsabu fiż-żewġ siti tekniċi jibqgħu kontinwament operazzjonali. Din il-kisba ta' suċċess ikkontribwiet għal-livell għoli ta' prestazzjoni tas-sistemi, b'mod partikolari d-disponibbiltà tagħhom.

<sup>30</sup> Is-servizz tan-network TESTA, operat mill-Kummissjoni Ewropea, jipprovi network ewlieni Ewropew għall-iskambju tad-*data* bejn varjetà wiesgħa ta' amministrazzjonijiet pubbliċi.

Barra minn hekk, objettiv ewlieni għall-Aġenzija kien li tkompli ttejjeb il-prestazzjoni tal-komponenti u l-konfigurazzjonijiet kollha taċ-ċentru tad-*data*, sabiex jiġu ottimizzati l-kostijiet u r-riskji relatati mal-operat tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti fil-kuntest tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistemi, kemm dawk kontinwi kif ukoll dawk ipplanati, peress li jeħtieġu bidliet sinifikanti fl-infrastruttura taċ-ċentri tad-*data*. Barra minn hekk, il-pandemija wriet li l-aċċess fiżiku għaċ-ċentri tad-*data* jista' jsir ostaklu kbir għall-kompiti operazzjonali, u b'hekk il-ħtieġa li l-Aġenzija tinvesti fl-użu ta' servizzi remoti.

Fl-2020, l-Aġenzija pproċediet bl-implimentazzjoni ta' servizzi ġodda ta' ċentri tad-*data*, bl-għan li timmaniġġja ċ-ċentri tad-*data* tagħha "bħala servizz" madwar l-organizzazzjoni. Dawn is-servizzi se jiżguraw l-integrazzjoni tal-IT mal-ġestjoni tal-infrastruttura, u b'hekk jgħinu biex jiġu ċentralizzati l-monitoraġġ, it-tmexxija operattiva u l-ippjanar intelliġenti tal-kapaċità tas-sistemi kritiċi taċ-ċentri kollha tad-*data*. Sabiex tappoġġa dan l-approċċ, l-Aġenzija bdiet l-implimentazzjoni ta' għodda għall-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-*data* (DCIM). L-approċċ "ċentru tad-*data* bħala servizz" se jiffaċilita wkoll l-aċċess mill-bogħod għall-ġestjoni taċ-ċentri tad-*data*, u b'hekk inaqqas id-dipendenza fuq l-aċċess fiżiku.

Barra minn hekk, l-eu-LISA wettqet studju biex tidentifika l-ħtiġijiet ta' kapaċità taċ-ċentri tad-*data* tal-Aġenzija għas-snin li ġejjin. Din kienet kontribuzzjoni importanti għall-proġett dwar l-estensjoni tas-sit tekniku tal-eu-LISA fi Strasburgu, b'mod partikolari għad-deċiżjoni li jinkiseb ċentru tad-*data* modulari temporanju (għal aktar, ara l-paġna 58).

### 1.3.3 Infrastruttura kondiviża komuni

L-Aġenzija qed timplimenta gradwalment programm ta' infrastruttura kondiviża komuni (CSI) għas-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira, li għandu l-għan li joħloq infrastruttura skalabbli, aġli u standardizzata, lesta biex isservi bħala l-pedament tekniku għall-interoperabbiltà tas-sistemi, u li tiġġenera kisbiet fl-effiċjenza f'termini ta' amministrazzjoni u manutenzjoni tas-sistemi kollha, ladarba dawn kollha jiġu ospitati fis-CSI.

Fl-2020, l-eu-LISA lestiet l-implimentazzjoni tal-ambjent bażi għas-CSI. Din ġiet maħruġa f'Marzu 2020, u tospita għadd ta' sistemi operazzjonali jew l-elementi tagħhom. Pereżempju, kemm il-hardware ta' ħażna tal-VIS kif ukoll dak ta' riżerva tal-Eurodac ġew ittrasferiti għal ġewwa s-CSI matul l-2020. Il-migrazzjoni ta' komponenti oħra tas-sistema bdiet fl-2020, u se titlesta fl-2021.

Fl-2020, l-eu-LISA kkonkludiet kuntratt għall-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali ta' riżerva, li se jissostitwixxi s-sistema ta' riżerva skaduta tas-sistemi attwali fuq skala kbira, u aktar tard se jintuża wkoll mis-sistemi l-ġodda.

## 1.4 Sigurtà u kontinwità tan-negozju (għan strateġiku 1)

Fl-2020, il-funzjoni ta' sigurtà tal-eu-LISA kompliet iżżomm u taġġorna l-miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw is-sigurtà fiżika, tal-persunal, tla-informazzjoni u tas-sistemi kif ukoll ir-reżiljenza, element kritiku sabiex jiġi żgurat l-issodisfar tal-mandat tal-Aġenzija.

F'April 2020, il-MB adotta r-"Regoli ta' Sigurtà għall-Protezzjoni ta' Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni fl-eu-LISA"<sup>31</sup> li jappoġġaw l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Infommazzjoni. Biex tkompli ssaħħaħ l-aspetti tas-sigurtà tal-informazzjoni, f'Ġunju l-Aġenzija adottat ukoll il-"Politika dwar il-Valutazzjoni u l-Klassifikazzjoni tal-Infommazzjoni" li tappoġġa r-"Regoli tas-Sigurtà dwar il-Protezzjoni ta' Informazzjoni Sensittiva Mhux Klassifikata"<sup>32</sup> u tiddefinixxi r-regoli għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni fi ħdan l-Aġenzija, biex b'hekk tiżgura li l-informazzjoni tiġi kkategorizzata u ttrattata kif xieraq, filwaqt li tnaqqas ir-riskji ta' aċċess mhux awtorizzat għall-informazzjoni. Barra minn hekk, l-eu-LISA ffukat fuq l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' għadd ta' regoli ta' implimentazzjoni

31 Deċiżjoni tal-MB 2019-148 tad-9 ta' April 2020 dwar ir-Regoli ta' Sigurtà għall-Protezzjoni tas-Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni fl-eu-LISA.

32 Deċiżjoni tal-MB 2019-208 tat-30 ta' Awwissu 2019 dwar il-Protezzjoni ta' Informazzjoni Sensittiva Mhux Klassifikata fl-eu-LISA.

dwar it-trattament ta' Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EUCI), kif mitlub mir-Regoli ta' Sigurtà dwar il-Protezzjoni tal-EUCI<sup>33</sup>.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ u taġġorna l-qafas u l-proċeduri ta' sigurtà tagħha, anke għas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha u għan-networks ta' komunikazzjoni rilevanti. L-Aġenzija bdiet ukoll il-proċess ta' aġġornament tal-pjanijiet ta' sigurtà u tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negożju għas-SIS, għall-Eurodac, għas-SBMS, għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni u għas-CSI.

Il-funzjoni tas-sigurtà kompliet l-implimentazzjoni ta' għadd kbir ta' rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà mill-aħħar rapport tal-EDPS dwar l-ispezzjoni tas-SIS u tal-VIS. L-Aġenzija kkollaborat ukoll mas-Servizzi tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni, li wettqu awditu tas-Sigurtà tal-IT fuq is-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt l-ambitu tal-eu-LISA.

Matul is-sena, l-Aġenzija wettqet monitoraġġ u ġestjoni kontinwi tar-riskji residwi tas-sigurtà biex tipprovdi assigurazzjoni li l-kontrolli xierqa tas-sigurtà għas-sistemi tal-IT taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA jkunu effettivi u implimentati u ġestiti kif xieraq. Dan kien jinkludi, pereżempju, rieżami kontinwu tal-awtovalutazzjoni tal-istatus tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni (ISMS) tal-eu-LISA, kif ukoll valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u ttestjar tal-penetrazzjoni tas-sistemi fuq skala kbira u l-infrastruttura korporattiva mwettqa fir-raba' trimestru tal-2020.

Wara l-eżerċizzju tal-Eurodac dwar is-sigurtà u l-kontinwità tan-negożju li sar fl-2019, il-MB adotta r-rapport tal-eżerċizzju b'39 rakkomandazzjoni mmirati biex iżidu s-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistema.

Fl-2020, l-attivitajiet ta' sigurtà ffukaw ukoll fuq it-tnejn u l-eżekuzzjoni ta' eżerċizzju b'diversi sistemi, li jinvolvi s-sistemi SIS II, VIS u Eurodac. L-eżerċizzju kien jinkludi l-eu-LISA u awtoritajiet nazzjonali minn disa' Stati Membri bħala parteċipanti, kif ukoll għaxar Stati Membri u l-Kummissjoni bħala osservaturi. L-eżerċizzju sar fl-4 ta' Novembru 2020 u kien jinkludi taħlita ta' avvenimenti ta' ċibersigurtà, sigurtà tal-IT u kontinwità tan-negożju fi ħdan sett ta' xenarji predefiniti.

Minbarra l-eżerċizzju b'diversi sistemi, l-Aġenzija wettqet ukoll eżerċizzju korporattiv tal-IT biex tkompli tivvaluta il-prontezza orizzontali għas-sigurtà tagħha, bil-għan li tiġi ttestjata r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) korporattiva tagħha f'każ ta' inċidenti.

Il-funzjoni ta' sigurtà appoġġat kontinwament l-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda, inkluż l-iżvilupp tal-arkitettura u t-tnejn ta' speċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti. L-MB adotta r-Rakkomandazzjonijiet tal-ETIAS għall-Pjanijiet ta' Sigurtà u ta' Kontinwità tan-Negożju, u l-kontribut kemm għall-iżvilupp tal-atti ta' implimentazzjoni tal-interoperabbiltà kif ukoll tal-ETIAS. Barra minn hekk, l-Aġenzija involviet b'mod attiv esperti tas-sigurtà mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, permezz tan-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà stabbilit li għandu l-għan li jiskambja l-aħjar prattiki fl-oqsma kollha tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negożju.

Barra minn hekk, l-eu-LISA għamlet sforzi sinifikanti għall-iżvilupp u l-aġġornament tal-arkitettura tas-sigurtà tas-sistemi u tal-infrastruttura taħt il-kompetenza tagħha, f'konformità mal-attivitajiet ta' interoperabbiltà li ġejjin. Ingħatat enfasi speċifika lill-analiżi tas-sigurtà fuq it-theddud u l-miżuri ta' mitigazzjoni relatati fid-dawl tal-implimentazzjoni tas-servizzi ta' protezzjoni tal-fruntieri tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġodda li qed jiġu żviluppati.

Fil-kuntest ta' sigurtà protettiva u fiżika, minkejja l-preżenza mnaqqa tal-persunal fis-siti tal-Aġenzija minħabba miżuri ta' sikurezza tal-COVID-19, saru diversi bidliet biex tittejjeb is-sigurtà fuq il-post, l-aktar immirati lejn iż-żamma ta' postijiet tax-xogħol tajbin għall-persunal kritiku li jopera s-sistemi fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, kif ukoll funzjonijiet ta' appoġġ orizzontali oħrajn. B'mod parallel, ir-rekwiżiti tas-sigurtà ġew abbozzati għat-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali u għall-bini temporanju fi Strasburgu, u għall-post il-ġdid futur tal-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell.

Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenziji tal-UE u mal-istituzzjonijiet tal-UE ppermettiet l-iskambju ta' għarfien u tal-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet ta' kontinwità tan-negożju, speċjalment fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. In-network ta' Uffiċjali tal-Kontinwità tan-Negożju tal-Aġenziji tal-UE skambja b'mod kostanti l-informazzjoni, il-valutazzjonijiet

33 Deċiżjoni tal-MB 2019-273 tal-20 ta' Novembru 2019 dwar ir-Regoli ta' Sigurtà għall-protezzjoni ta' Informazzjoni Klassifikata tal-UE fl-eu-LISA.

tar-riskju u l-prattiki tajbin dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tal-personal u r-reżiljenza tal-organizzazzjonijiet differenti b'appoġġ għall-mandat tagħhom.

## 1.5 Relazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (għanijiet strateġiċi 1 u 3)

### 1.5.1 Sħubijiet mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE

Fl-2020, l-eu-LISA kompliet is-sħubija eċċellenti tagħha mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE. L-Aġenzija kienet involuta attivament fid-diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi li saru fi ħdan il-Gruppi ta' Ħidma u l-Komitati rilevanti tal-Kunsill tal-UE, u fid-diskussjonijiet ta' livell għoli tal-laqgħat tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni. Barra minn hekk, l-Aġenzija pprovdiet appoġġ kostanti għall-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni (IXIM) li għadu kif ġie stabbilit. Barra minn dan, l-eu-LISA kkontribwiet għad-diskussjoni komprensiva dwar il-ħtieġa ta' aktar standardizzazzjoni fl-oqsma tekniċi u operazzjonali, u tat bidu għall-iżvilupp tal-pjan direzzjonali għall-istandardizzazzjoni (għal aktar, ara l-paġna 29). Fl-4 ta' Marzu, l-Aġenzija pparteċipat ukoll għall-ewwel darba f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet Ċibernetiċi, u ppreżentat ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tagħha relatati maċ-ċibersigurtà.

Fil-laqgħat tal-2020 tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Implimentazzjoni tal-Arkitettura I-Ġdida għas-Sistemi ta' Informazzjoni tal-UE għall-Fruntieri, il-Migrazzjoni u s-Sigurtà, li seħħu fis-27 ta' Mejju u fit-28 ta' Ottubru, l-eu-LISA qasmet l-informazzjoni u kkontribwiet għad-diskussjonijiet dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-EES, l-ETIAS u l-arkitettura tal-interoperabbiltà. Barra minn hekk, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA kien preżenti f'diversi avvenimenti ta' importanza kbira, b'mod partikolari mal-Viċi President tal-Kummissjoni Margaritis Schinas (fil-15 ta' Jannar), il-Kummissarju għall-Affarijiet Interni Ylva Johansson (fit-23 ta' Jannar) u l-Kummissarju għall-Ġustizzja Didier Reynders (fil-5 ta' Frar).

Barra minn hekk, l-eu-LISA pprovdiet appoġġ espert lill-Parlament Ewropew (PE) dwar aspetti tekniċi marbuta direttament man-negożjati li għaddejjin dwar proposti leġiżlattivi differenti. L-Aġenzija segwiet ukoll mill-qrib l-attivitajiet ta' diversi Kumitati tal-PE (eż. LIBE, BUDG, CONT, AIDA, u l-Kumitat Speċjali ta' Skrutinju ta' Schengen). Huwa ta' importanza partikolari li, fil-11 ta' Ġunju, id-Direttur Eżekuttiv ġie mistieden mill-Kumitat LIBE biex jippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-attivitajiet tal-eu-LISA. Barra minn hekk, l-Aġenzija ġiet mistiedna wkoll tipprovdi aġġornament dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda u l-interoperabbiltà f'diversi okkażjonijiet differenti.


Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-riformazzjoni tas-SIS, l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-Interoperabbiltà, l-Aġenzija pprovdiet appoġġ kostanti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fit-tnejn tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, filwaqt li appoġġat diskussjonijiet tekniċi kumplessi fil-livell operazzjonali u kummerċjali, kif ukoll ipparteċipat b'mod attiv fil-laqgħat tal-Komitati u s-Sottogruppi ta' Esperti rilevanti. L-eu-LISA pprovdiet ukoll rapporti regolari lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-istatus tal-iżvilupp ta' sistemi futuri kif previst mid-diversi atti legali. B'mod partikolari, l-Aġenzija segwiet mill-qrib u skont ir-rikjesta tal-koleġiżlaturi, appoġġat id-diskussjonijiet dwar il-proposti għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-VIS, l-"Emendi Konsegwenzjali" tal-VIS u l-"Emendi Konsegwenzjali" tal-ETIAS.

Meta titqies l-espansjoni tal-mandat tal-eu-LISA lejn id-dominju tal-Ġustizzja, l-Aġenzija pparteċipat b'mod attiv fid-diskussjonijiet li saru dwar il-ġustizzja kriminali diġitali, u kkontribwiet, meta ntalbet tagħmel dan, għat-tnejn tal-proposta leġiżlattiva tal-e-CODEX.



**Illustrazzjoni 10: Viżwal tal-Konferenza Annwali tal-eu-LISA**

Fis-26 ta' Novembru 2020, bl-appoġġ tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE, l-eu-LISA organizzat l-avveniment ewlieni tagħha għat-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati – is-Seba' Konferenza Annwali bit-titolu "Interoperabbiltà - Nibnu r-Reżiljenza Diġitali għall-Komunità tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE". Il-konferenza ffukat fuq it-trasformazzjoni diġitali tad-dominju tal-ĠAI tal-UE u l-viżjoni fit-tul għal dan il-proċess. F'format diġitali, l-avveniment laħaq udjenza saħansitra usa' mis-soltu, u b'hekk iffaċilita l-istess livell ta' interazzjoni mal-parteċipanti, billi kulħadd ingħata l-opportunità biex jistaqsi mistoqsijiet, jikkummenta, jipparteċipa fi sħarriġ u jagħmel networking. Il-konferenza attirat aktar minn 500 parteċipant irreġistrat, inklużi rappreżentanti ta' livell għoli mill-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE, kif ukoll esperti mill-Istati Membri u rappreżentanti tal-industrija.



**Figura 11: Screenshots tal-panel tal-Konferenza Annwali**

### Evalwazzjoni ta' Schengen

Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen huwa strument importanti biex jiġi żgurat li l-pajjiżi li jipparteċipaw fiż-żona tal-UE ħielsa mill-fruntieri jkunu qed jimplementaw u japplikaw b'mod korrett ir-regoli u r-regolamenti rilevanti. Minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-COVID-19, il-Kummissjoni kellha li tiskeda mill-ġdid il-maġġoranza tal-evalwazzjonijiet ippjanati għall-2020, kemm għall-fluss tas-SIS/SIRENE kif ukoll għall-politika komuni dwar il-viżi (inkluża l-VIS). L-eu-LISA pparteċipat bħala osservatur għall-evalwazzjoni tas-SIS/SIRENE tal-Ġermanja li saret fi Frar, u għall-evalwazzjoni tas-SIS/SIRENE tal-Awstrija f'Ottubru. Barra minn hekk, ġie pprovdut appoġġ tal-uffiċċju għall-evalwazzjoni tal-politika komuni Ġermaniża dwar il-viżi (inkluża l-VIS) li saret fl-aħħar ta' Marzu, u għall-evalwazzjoni tas-SIS/SIRENE tal-Liechtenstein f'Novembru.



## 1.5.2 Sħubijiet ma' Aġenziji oħrajn tal-UE

Fl-2020, l-eu-LISA kompliet il-kooperazzjoni tagħha ma' Aġenziji rilevanti tal-UE, kemm b'mod bilaterali kif ukoll permezz ta' diversi networks, partikolarment in-Network tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (JHAAN) u n-Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea (EUAN).

Fl-2020, l-eu-LISA abbozzat u nneozjat pjan ta' kooperazzjoni bilaterali ma' diversi Aġenziji tal-ĠAI. Fis-16 ta' Settembru 2020, l-eu-LISA kkonkludiet pjan ta' kooperazzjoni għall-2020–2022 mal-**Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil** (EASO). Il-pjan ta' kooperazzjoni jimplimenta l-arranġament tax-xogħol stabbilit bejn l-eu-LISA u l-EASO mill-2014, u jispeċifika l-kooperazzjoni tagħhom f'diversi oqsma, bħall-ġestjoni tal-fruntieri, tal-migrazzjoni u tal-ażil, kif ukoll is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju jew il-protezzjoni tad-*data*. Flimkien mal-EASO, l-eu-LISA kkoordinat mill-qrib kwistjonijiet relatati man-network sigur għall-awtoritajiet tal-ażil, id-DubliNet (eż. l-eu-LISA pparteċipat fin-Network tal-EASO tal-Unitajiet ta' Dublin u appoġġat l-abbozzar tar-Rakkomandazzjonijiet tad-DubliNet dwar l-Użu Operazzjonali u Tekniku tad-DubliNet).

Barra minn hekk, l-eu-LISA u l-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà** (ENISA) ħejjew pjan ta' kooperazzjoni għall-perjodu 2021–2023.<sup>34</sup> Bħal fis-snin preċedenti, l-ENISA appoġġat lill-eu-LISA fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' sigurtà ta' diversi sistemi mal-Istati Membri. L-eżerċizzju tal-2020 sar f'Novembru u ffoka fuq is-suġġetti tal-eżerċitar tal-miżuri ta' sigurtà u reżiljenza għas-SIS, il-VIS u l-Eurodac.

Barra minn hekk, l-eu-LISA żammet kuntatt mill-qrib ma' aġenziji sħab oħra, fil-kuntest tal-iżvilupp tas-sistema. L-eu-LISA u l-**Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta** (Frontex) ikkollaboraw fuq is-SIS, l-EES, l-ETIAS u l-Interoperabbiltà. F'dan ir-rigward, ingħata appoġġ u għarfien espert tekniku kemm matul it-tnejn kif ukoll matul il-laqqha għall-organizzazzjoni u l-istabbiliment tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, kif ukoll għad-definizzjoni tar-rekwiżiti għall-apparat li għandu jintuża fil-fruntieri għal finijiet relatati mal-EES. Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet għall-istudju tal-fattibbiltà tal-Frontex dwar il-Balkani tal-Punent, b'enfasi fuq attivitajiet preparatorji għall-Montenegro u għall-Maċedonja ta' Fuq biex jużaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira ladarba jsiru Stati Membri tal-UE.

L-eu-LISA u l-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi** (Europol) ikkooperaw fl-oqsma tas-SIS, tas-SIRENE, tal-VIS, tal-EES, tal-ETIAS u tal-interoperabbiltà. Il-Europol bdiet tuża l-VIS fl-2020, wara li stabbiliet il-konnessjoni meħtieġa fi tmiem l-2019, u wettqet tnejniet biex tistabbilixxi l-uffiċċju SIRENE tagħha li huwa skedat li jibda jopera fl-2021.

L-eu-LISA u l-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali** (Eurojust) komplew il-kooperazzjoni fl-oqsma tas-SIS u tal-Eurodac, u wettqu mmappjar orizzontali tal-oqsma ta' kooperazzjoni bil-ħsieb ta' pjan potenzjali ta' kooperazzjoni biex jiġu implimentati l-arranġamenti tax-xogħol li ilhom fis-seħħ mill-2017.

L-eu-LISA u l-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi** (CEPOL) appoġġaw l-attivitajiet ta' taħriġ ta' xulxin b'enfasi fuq l-għodod ta' taħlim elettroniku u online. Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet għall-attivitajiet tas-CEPOL dwar is-sensibilizzazzjoni dwar l-interoperabbiltà (Lulju 2020) u għal taħriġ tas-SIRENE (Novembru 2020). Fl-istess ħin, is-CEPOL appoġġat l-attivitajiet ta' taħriġ tal-eu-LISA's billi ospita l-webinars tal-eu-LISA permezz tal-għodda dedikata tagħha, peress li l-eu-LISA tinsab fil-proċess li takkwista l-għodda ta' taħlim elettroniku tagħha stess. Din il-kooperazzjoni bejn l-eu-LISA u s-CEPOL mistennija tkompli fl-2021.

Fit-12 ta' Novembru 2020, l-eu-LISA kkonkludiet Pjan ta' Kooperazzjoni għall-2020–2022 mal-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali** (FRA).<sup>35</sup> Il-pjan ta' kooperazzjoni jimplimenta l-arranġament tax-xogħol fis-seħħ bejn iż-żewġ aġenziji mill-2016, u jispeċifika l-kooperazzjoni f'diversi oqsma, bħall-iskambju ta' informazzjoni, taħriġ għall-Istati Membri, il-protezzjoni tad-*data* u r-riċerka.

<sup>34</sup> Il-pjan ta' kooperazzjoni ġie ffirmat fid-9 ta' Jannar 2021.

<sup>35</sup> Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

Barra minn hekk, saret firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' koordinazzjoni fil-qafas tan-**Network tal-Aġenziji tal-ĠAI** (JHAAN) u tan-**Network tal-Aġenziji tal-UE** (EUAN), fejn l-eu-LISA kkontribwiet b'mod attiv. Minn Marzu, l-Aġenziji kollha tal-UE skambjaw informazzjoni relatata mal-pandemija fuq bażi regolari. Matul dak il-perjodu, il-JHAAN iffoka l-attivitajiet tiegħu fuq l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-miżuri ta' appoġġ għall-Istati Membri fil-kuntest tal-COVID-19.

Fis-27 ta' Jannar 2020, l-eu-LISA pparteċipat f'laqgħa bejn l-aġenziji tad-DĠ HOME u tal-ĠAI, fejn ġiet diskussa t-tnejn ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Interpol. Peress li l-Interpol u l-eu-LISA jaf ikollhom jikkooperaw fil-kuntest tal-ETIAS, ġiet organizzata laqgħa informali bejn l-eu-LISA u l-Interpol fit-28 ta' April 2020.

Il-kooperazzjoni bejn l-eu-LISA u l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters Nazzjonali tal-Estonja (CERT-EE) kompliet fuq livell operazzjonali matul l-2020 u fis-27 ta' Awwissu, delegazzjoni mill-Awtorità Estonjana għas-Sistema ta' Informazzjoni (RIA) u mis-CERT-EE żaru l-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn. Ta' interess partikolari kien hemm suġġetti b'potenzjal għal kooperazzjoni futura bejn l-eu-LISA u l-RIA, bħaċ-ċibersigurtà u n-network governattiv Estonjan.

### 1.5.3 Kapaċitajiet

#### Taħriġ għall-Istati Membri

Il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot sfidi partikolari għall-implimentazzjoni tal-portafoll ta' taħriġ tal-eu-LISA fl-2020. L-Aġenzija ffukat fuq it-tkomplija tat-twettiq ta' avvenimenti ta' taħriġ tekniku ta' livell għoli, filwaqt li qieset iċ-ċirkostanzi mibdula. Għal dan il-għan, l-eu-LISA identifikat metodoloġiji u għodod alternattivi biex jitkompla t-twettiq tat-taħriġ. Il-fatt li l-Aġenzija diġà kellha diversi snin ta' esperjenza fit-twettiq ta' moduli ta' taħriġ online, iffaċilita t-trasferiment minn tagħlim wiċċ imb wiċċ għal tagħlim elettroniku. Sal-aħħar tas-sena, il-programm ta' taħriġ tal-Aġenzija kien jinkludi għadd kbir ta' prodotti ta' tagħlim elettroniku maħluqa reċentement, bħal korsijiet online, moduli ta' tagħlim elettroniku u webinars. Barra minn hekk, l-offerta l-ġdida kienet tinkludi wkoll librerija elettronika estiża. Minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli, il-parteċipanti fit-taħriġ esprimew rata għolja ta' sodisfazzjon ta' 4.5/5<sup>36</sup>, riżultat simili għas-snin preċedenti.

Fl-2020, ingħatat sessjoni wiċċ imb'wiċċ waħda biss. Fl-istess ħin, l-eu-LISA fasslet 22 kors ġdid fjamant online, inklużi 16-il module ta' tagħlim elettroniku, li saru disponibbli permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim tal-eu-LISA (eu-LISA LMS) u li jkopru s-suġġetti u l-aspetti ewlenin kollha tal-kurrikulu ta' taħriġ tal-eu-LISA. Barra minn hekk, ingħataw seba' webinars lil 734 parteċipant. L-offerta ta' tagħlim elettroniku tal-Aġenzija, disponibbli fuq l-eu-LISA LMS, ġiet segwita u kkonsultata minn 1 205 utent irregjistrati b'kollox.




Figura 12: Tqassim ta' parteċipanti fit-taħriġ għal kull sistema

<sup>36</sup> Skont l-2020, Attivitajiet ta' taħriġ tal-Iskala tal-KPI tal-eu-LISA għall-Istati Membri: 1-5, b'KPI pożittiv: > 3.

Il-Pjan ta' Taħriġ tal-2020 għas-sistemi kollha ġie ppreżentat lill-Istati Membri fil-bidu tas-sena, wara l-analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-Istati Membri li twettqet fir-raba' trimestru tal-2019. Il-punti ewlenin kienu l-implimentazzjoni tal-EES qabel il-ħruġ, id-definizzjoni tal-portafoll tat-taħriġ tal-ETIAS, l-iżvilupp inizjali tal-offerta ta' Interoperabbiltà u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (jiġifieri l-Aġenziji tal-ĠAI, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri). Minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli, l-Aġenzija rnexxielha tissodisfa dawk il-ħtiġijiet u pprovdiet sett ta' prodotti għat-tagħlim elettroniku imfassal apposta għall-gruppi fil-mira kollha tal-EES ta' qabel il-ħruġ, lestiet l-ewwel analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-ETIAS u pprovdiet il-moduli bażiċi tat-tagħlim elettroniku dwar l-Interoperabbiltà. Barra minn hekk, l-offerta ta' taħriġ tat-tagħlim elettroniku kemm għas-SIS kif ukoll għall-VIS ġiet żviluppata aktar, u saru tnejniet għall-ħolqien ta' offerta tat-tagħlim elettroniku għall-komunità tal-Eurodac.

F'Novembru 2020, saret il-laqqgħa annwali tan-*Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali*, li kkonkludiet l-analiżi annwali tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-2020.

### **Rapportar u statistika**

Fl-2020, l-eu-LISA ħejjiet u ppubblikat diversi rapporti statistiċi dwar il-Eurodac, is-SIS II u l-VIS, f'konformità mal-istrumenti legali rispettivi tagħhom. Għal kull rapport ippubblikat, l-Aġenzija ħejjiet skeda informattiva li turi l-fatti u ċ-ċifri ewlenin, biex iżżid is-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-użu tas-sistemi. Ir-rapporti u l-iskedi informattivi kollha huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija.<sup>37</sup>

### **Eurodac – statistika 2019**

F'Marzu 2020, wara l-approvazzjoni mill-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac, ir-rapport "Eurodac – statistika 2019" ġie ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE, u ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija. Dan ir-rapport jippreżenta *data* statistika dwar il-ħidma tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, speċifikament l-għadd ta' settijiet ta' *data* trażmessi u l-għadd ta' hits, imqassmin skont il-kategorija u skont l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati.

### **Rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inkluż il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha**

Dan ir-rapport ġie ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Ġunju 2020 u ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija wara l-adozzjoni tiegħu mill-MB. Ir-rapport jipprovdi għarfien dwar l-iżviluppi ewlenin tas-sistema u ħarsa ġenerali lejn l-istatistika annwali, f'konformità mas-snin preċedenti.

### **Lista aġġornata tal-awtoritajiet maħtura li għandhom aċċess għad-*data* rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac**

Id-dokument ġie adottat mill-MB fis-17 ta' April u mbaġħad ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija.

### **SIS II – statistika 2019**

Ir-rapport "SIS II – statistika tal-2019" ġie adottat mill-Grupp Konsultattiv tas-SIS u ġie ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Marzu 2020. Dan ir-rapport, ippubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija, jippreżenta l-istatistika tas-SIS II dwar l-għadd ta' rekords għal kull kategorija ta' alert, l-għadd ta' hits għal kull kategorija ta' alert u kemm-il darba ġie aċċessat is-SIS II.

### **Lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti għas-SIS II, lista aġġornata tal-Uffiċċji Nazzjonali tas-SIS II u tal-Uffiċċji SIRENE nazzjonali**

lż-żewġ dokumenti ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 188.

### **Ir-raba' rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS**

Ir-rapport ġie adottat mill-MB f'Awwissu 2020 u ġie ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE. Ir-rapport, ippubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija, jinkludi l-attivitajiet imwettqa biex tiġi żgurata l-ġestjoni operattiva tal-VIS Ċentrali, inkluż is-

<sup>37</sup> <https://eulisa.europa.eu/our-publications/reports>.

sigurtà tagħha, flimkien ma' *data* statistika miġbura mill-Istati Membri (għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2017 sat-30 ta' Settembru 2019).

## 1.6 Governanza u konformità (għanijiet strateġiċi 1, 2 u 4)

### 1.6.1 Governanza

#### *L-ippjanar u r-rapportar strateġiku u operazzjonali*

Fl-2020, l-Aġenzija għamlet sforzi sostanzjali fl-iżvilupp kontinwu tal-proċessi ta' ppjanar intern u programmazzjoni tagħha, inkluż l-ippjanar strateġiku, il-programmazzjoni pluriennali u dik annwali, u r-rapportar.

Id-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku (SPD) għall-perjodu 2020–2022, adottat mill-MB fid-19 ta' Novembru 2019, ġie aġġornat darbtejn fl-2020. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-MB dwar id-delega tas-setgħat lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA biex jagħmel emendi mhux sostanzjali għall-Programm ta' Ħidma Annwali, fl-10 ta' Frar id-Direttur Eżekuttiv iddeċieda li jaġġorna l-Anness II tal-SPD 2020–2022 f'konformità mad-dikjarazzjoni finali tad-dħul u n-nefqa adottata mill-Bord tat-Tmexxija fid-19 ta' Diċembru 2019.<sup>38</sup> Wara l-analiżi preliminari tal-impatt tal-pandemija fuq l-attivitajiet ippjanati tal-Aġenzija, twestaq eżerċizzju ta' rieżami tal-ippjanar operazzjonali fit-tieni trimestru tas-sena. B'riżultat ta' dan, żewġ attivitajiet ġew ikkanċellati, tnejn oħra ġew skedati mill-ġdid u ġiet miżjuda attività waħda ġdida. Fit-30 ta' Ġunju 2020, l-MB adotta verżjoni aġġornata tal-SPD 2020–2022. Wara talba mill-Kummissjoni, l-MB iddeċieda li jinkludi wkoll l-appoġġ tekniku għall-iżvilupp u l-ittestjar ta' prototip tal-portal tal-UE għall-applikazzjoni għal viża, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA.

Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat (CAAR) tal-eu-LISA tal-2019 ġie adottat mill-MB fit-30 ta' Ġunju 2020, ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija u ġie tradott f'21 lingwa uffiċjali. Ir-rapport Interim dwar l-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tal-eu-LISA 2020–2022 ġie adottat mill-MB fl-10 ta' Settembru.

Fit-3 ta' Frar 2020, l-MB adotta l-abbozz tal-SPD 2021–2023 tal-eu-LISA. Aktar tard dan intbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-opinjoni formali tagħhom. Il-verżjoni finali ta-SPD 2021–2023 ġiet adottata mill-MB fl-24 ta' Novembru 2020.

F'Ottubru, l-Aġenzija ppreżentat l-ewwel abbozz tal-SPD 2022–2024 tagħha lill-Gruppi Konsultattivi u f'Novembru 2020 ġie sottomess lill-MB għar-rieżami.

#### *Qafas ta' governanza*

##### **Qafas ta' Kontroll Intern**

Fid-19 ta' Marzu 2019, il-Bord tat-Tmexxija adotta l-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) rivedut tal-eu-LISA.<sup>39</sup> L-MB inkariga lid-Direttur Eżekuttiv bi-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-karatteristiċi ta' kontroll intern, kif ukoll bid-definizzjoni tal-kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern. L-MB inkariga lid-Direttur Eżekuttiv ukoll bil-ħatra ta' Maniġer biex ikun responsabbli għall-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern. Wara din id-deċiżjoni, il-Maniġment tal-eu-LISA ħejja l-Kriterji tal-Monitoraġġ tal-Kontroll Intern, li ġew adottati b'deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv u li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020, flimkien man-nomina tal-Maniġer inkarigat mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni annwali tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 3 f'paġna 88.

##### **Korpi ta' governanza**

Matul l-2020, l-Aġenzija kompliet tipprovdi appoġġ amministrattiv u loġistiku ta' kwalità għolja għall-funzjonament b'suċċess tal-Bord tat-Tmexxija, il-Bordijiet ta' Ġestjoni tal-Programm u l-Gruppi Konsultattivi.

<sup>38</sup> Deċiżjoni Nru 2019-304

<sup>39</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2019-042 tad-19.03.2019 aċċessibbli fuq <https://eulisa.europa.eu/About-Us/access-to-documents/public-register>

L-Aġenzija għandha tim maħtur – is-Segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija – iddedikat bis-sħiħ għall-appoġġ tal-attivitajiet tal-korpi ta' governanza. Is-Segretarjat jappoġġa lill-Presidenti biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tad-diversi gruppi. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tagħhom huma li jiżguraw li l-laqqgħat ikunu organizzati u dokumentati b'mod effiċjenti, li jżommu rendikont u jaġmli segwitu tad-deċiżjonijiet u d-deliberazzjonijiet kollha tal-gruppi; li jivverifikaw il-konformità legali tad-deċiżjonijiet u li jimmonitorjaw l-obbligi legali; u li jiżguraw il-komunikazzjoni u l-korrispondenza kontinwa mal-membri tal-gruppi. Fl-2020, l-Aġenzija żgurat il-kontinwità tan-negozju tal-korpi ta' governanza kollha tagħha. Sa nofs Marzu, il-laqqgħat kollha mxew online, u minkejja l-isfidi, il-korpi ta' governanza tal-eu-LISA rnexxielhom ikomplu l-operat tagħhom b'mod effettiv u effiċjenti.

Barra minn hekk, l-Aġenzija offriet appoġġ estensiv għall-istrutturi u l-proċessi ta' governanza relatati mal-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda (jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà u l-AGs u l-PMBs tal-ECRIS-TCN) kif ukoll għall-istrutturi u l-proċessi ta' governanza tas-sistemi eżistenti (jiġifieri s-SIS, il-VIS u l-AGs tal-Eurodac). Barra minn hekk, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ ir-relazzjoni tagħha mas-SIS, il-VIS u l-AGs tal-Eurodac, billi involviethom b'mod aktar attiv fil-proċessi tal-ippjanar u dawk operazzjonali sabiex tiżdied it-trasparenza u biex tibbenefika mill-esperjenza u l-għarfien estensivi tagħhom. L-Aġenzija involviet ukoll il-Gruppi Konsultattivi l-oħra (jiġifieri l-EES-ETIAS, l-Interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN) fil-proċessi ta' ppjanar tal-Aġenzija.

### **Programm ta' intrapriża u l-ġestjoni tal-proġetti**

Skont ir-regolament ta' stabbiliment tagħha, l-eu-LISA waqqfet "Uffiċju tal-programm ta' intrapriża u l-ġestjoni tal-proġetti (EPMO)" fl-2017. Il-missjoni tal-EPMO hija li jintegra u jissorvelja l-proġetti kollha li twettaq l-Aġenzija, u li jikkontribwixxi għall-governanza interna tagħha sabiex jiżgura t-trasparenza u r-responsabbiltà. Fl-2020, l-Aġenzija adottat u implimentat il-kapaċità tagħha għall-ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti (PPM), li saħħet il-kontrolli fuq l-implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' ġestjoni tal-proġetti tal-eu-LISA.

### **Il-kapaċità għall-ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti (PPM)**

L-Aġenzija ddeċidiet li timplimenta kapaċità tal-PPM biex ittejjeb il-kapaċità tagħha li titratta u twettaq programmi u proġetti f'ambjent kumpless. Il-kapaċità tal-PPM tal-eu-LISA hija mfassla minn erba' elementi ewlenin: il-proċessi, in-nies, il-governanza u l-għodod. Fl-2020, l-Aġenzija ffukat l-aktar fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet relatati mal-governanza u l-għodod.

Matul l-ewwel trimestru, il-maniġment tal-Aġenzija adotta l-portafolli u l-istruttura tal-programmi preliminari. Il-mandat tal-Kumitat ta' Tmexxija Korporattiva (CSC) tal-eu-LISA ġie rivedut biex jinkludi l-governanza tal-portafolli, tal-programmi u tal-proġetti. Ġew stabbiliti bordijiet tal-programm b'deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv f'Ġunju 2020, biex jiżguraw tmexxija u sorveljanza xierqa għal dawn il-programmi.

Matul is-sena, ġew iddedikati sforzi kbar għall-ħruġ ta' software tal-PPM imsejjaħ Planview Enterprise One. Minn Settembru 2020, il-persunal u l-kuntratturi fuq il-post kollha bdew jirrapportaw il-ħin tal-attivitajiet amministrattivi, operazzjonali u tal-proġetti, b'livell ta' konformità li jilħaq aktar minn 90 %. Il-funzjonalitajiet tas-software jintużaw ukoll biex itejbu l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-ippjanar, is-sorveljanza tal-Programm ta' Ħidma Annwali, u l-ottimizzazzjoni proattiva tal-allokazzjonijiet ta' riżorsi umani.

### **Ir-rapportar intern u l-kontroll tal-prestazzjoni tal-proġett**

Il-proġetti huma komponenti essenzjali għall-Aġenzija biex tilħaq l-oġettivi tagħha u timplimenta l-baġit tagħha. L-Aġenzija mmonitorjat il-prestazzjoni tal-proġett fuq bażi regolari permezz tat-tixrid ta' kull ġimgħa tad-dashboards tal-proġetti, u fl-għeluq tal-proġett ("rapport ta' tmiem il-proġett") ippreżentat mill-maniġment tal-proġetti.

Il-verifiki tal-konformità tal-proġett jiġu organizzati kull sena bħala parti mill-isforz kontinwu tal-Aġenzija biex tissorvelja il-konformità tal-attivitajiet mal-metodoloġija stabbilita tagħha ta' ġestjoni tal-proġetti. L-eżerċizzju ta' kontroll tal-konformità annwali tal-2020 sar bejn Novembru u Diċembru kemm għal proġetti attivi kif ukoll għal dawk magħluqa. Ir-riżultati ġew ippreżentati u diskussi flimkien ma' pjan ta' azzjoni propost fl-ewwel trimestru tal-2021.

## Ir-rapportar estern u l-kontroll fuq il-programmi ta' żvilupp

F'konformità mal-istrumenti legali, kull sitt xhur l-Aġenzija rrapportat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda.

### Evalwazzjonijiet ex ante

Ir-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA jistipulaw li l-programmi u l-attivitajiet kollha li jirrikjedu nefqa sinifikanti jiġu soġġetti għal evalwazzjoni *ex ante* qabel ma jiġu approvati u inklużi fil-Programm ta' F'idma Annwali tal-Aġenzija. Fl-2020, l-EPMO tal-Aġenzija wettqet evalwazzjonijiet *ex ante* f'konformità mal-approċċ f'żewġ fażijiet approvat fl-2019, jiġifieri valutazzjoni tal-opportunità sentejn qabel il-bidu tal-proġett, u valutazzjoni tal-fattibbiltà sena qabel il-bidu tal-proġett. Fl-2020, ma ġie assenjat l-ebda proġett kbir biex jgħaddi minn valutazzjoni tal-fattibbiltà *ex ante* filwaqt li disa' proġetti identifikati għat-tnedija fl-2021 ikkwalifikaw għal valutazzjoni tal-opportunità *ex ante*. F'Novembru 2020 ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija rapport sommarju dwar valutazzjonijiet tal-opportunità *ex ante*.

### Ġestjoni tar-riskji u tal-kwistjonijiet korporattivi

L-Aġenzija tissorvelja r-riskji u l-kwistjonijiet fil-livell korporattiv permezz ta' eżerċizzju annwali, meta jinġabru u jiġu vvalutati r-riskji u l-kwistjonijiet kollha. Fl-2020, l-Aġenzija ssorveljat kontinwament ir-riskji u l-kwistjonijiet identifikati, l-istatus tagħhom u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti kull trimestru. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata tar-riskji ewlenin sorveljati matul il-perjodu, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 3.1.3 f'paġna 90. F'April 2020, il-Maniġment tal-eu-LISA adottat aġġornament tal-politika tal-ġestjoni tar-riskju tal-Aġenzija.

### Il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-qafas tal-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM)

L-Aġenzija qed tftitex li kontinwament ittejjeb u testendi r-rwol tagħha bħala fornitur ta' servizzi tal-IT. Biex tappoġġa din l-ambizzjoni, fl-2016 l-eu-LISA ħarġet il-mudell inizjali tagħha tal-proċess ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM), ibbażat fuq l-aħjar prattika tal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (ITIL). Fl-2020, l-Aġenzija kompliet tiżviluppa s-servizzi u l-proċessi identifikati f'dan il-qafas, b'mod partikolari biex tappoġġa l-approċċ il-ġdid tal-ġestjoni tal-prodotti, li rriżulta mit-trasformazzjoni organizzazzjonali riċenti.

Fl-2020, bħala parti mill-proċess kontinwu tagħha tat-titjib tas-servizz, l-Aġenzija nediet aġġornament tal-katalogu tal-prodotti u tas-servizzi tagħha, li jstabbilixxi l-mezzi prattiċi għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tat-titjib relatat mas-servizzi u mal-proċessi. Ir-riżultati tal-valutazzjoni, il-livell ta' prijorità u l-eżitu miftiehem joħolqu bażi ta' evidenza b'saħħitha għad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni.

Il-proċess tal-ġestjoni tal-għarfien, implimentat fl-2019, kien proċess ewlieni ieħor użat fl-2020 biex tiżdied l-effiċjenza tal-Aġenzija fil-kompiti ta' kuljum. Il-proċess intuża biex jistruttura, jimmaniġġja, u jagħmel artefatti tal-għarfien interni li jsiru riutilizzabbli aċċessabli.

### L-arkitettura tal-intrapriża

Fl-2020, l-Aġenzija kompliet l-implimentazzjoni tal-Arkitektura tal-Intrapriża, li bdiet fl-2019, wara t-tnedija tal-organizzazzjoni eu-LISA 2.0. Wara l-istabbiliment tal-qafas tal-proċess u tal-governanza, l-Aġenzija stabbiliet ukoll il-Bord ta' Rieżami tal-Arkitektura. Dan se jiżgura li l-inizjattivi tal-IT arkitettoniċi, tad-disinn u tal-iżvilupp ikunu allinjati mal-għanijiet tal-IT, mal-istrateġija korporattiva, mal-istrateġija teknoloġika u mal-oġġettivi ġenerali tal-Aġenzija. Il-Bord ta' Rieżami tal-Arkitektura se jkun responsabbli wkoll għall-approvazzjoni ta' standards, politiki u prinċipji tekniċi tad-disinn għall-arkitektura ġenerali.

## 1.6.2 Konformità

### Awditjar intern

Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-Aġenzija pprovdiet assigurazzjoni indipendenti u oġġettiva u servizzi ta' konsulenza lid-Direttur Eżekuttiv u lill-MB. Barra minn hekk, l-Aġenzija kompliet il-kooperazzjoni tagħha mal-Qorti

Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, billi ospitat il-missjonijiet tal-awditjar tagħhom u ħadet miżuri biex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw, fejn meħtieġ (għal aktar informazzjoni, ara paġna 77). L-IAC ikkoordinat il-ħidma f'dan il-qasam, inkluż it-tnejn ta' rapporti, missjonijiet u attivitajiet ta' segwitu, u żiedet ukoll sensibilizzazzjoni ġenerali fost il-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija dwar il-prinċipji, l-oġġettivi u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern.

Ir-riżultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-IAC għall-2020 huma ppreżentati f'Tabella 4.

**Tabella 4: Indikaturi tal-prestazzjoni tal-IAC għall-2020**

Indikatur	2020	2019	2018
<b>Rata ta' implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali</b> Mira > 80 %	80 %	89 %	91 %
<b>Sigħat ta' taħriġ tal-persunal fis-sena vs. il-baġit</b> Mira: il-linja bażi (il-baġit tat-taħriġ tal-IAC huwa ta' 64 siegħa fis-sena għal kull impjegat)	70 %	53 %	mhux applikabbli
<b>Suġġetti tal-awditjar preżentati fil-ħin</b> Mira > 80 %	60 %	42 %	70 %

Minn hawn 'il quddiem, l-IAC se tkompli ttejjeb il-prestazzjoni tagħha billi timplimenta l-azzjonijiet (jiġifieri l-opportunitajiet għal titjib) identifikati matul l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, li huwa parti mill-Programm ta' Assigurazzjoni u Titjib tal-Kwalità tal-IAC.

#### **Protezzjoni tad-data**

F'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tagħha, l-eu-LISA għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-data, f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira.

Matul is-sena, l-Aġenzija fittxet li iżżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data fost il-persunal tagħha permezz ta' inizjattivi differenti, inklużi sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal u għall-persunal ġdid, rapporti fil-bullettini ta' kull ġimgħa u paġna dedikata dwar il-protezzjoni tad-data fuq l-intranet tal-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha l-mandat li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-data, u għandha ssegwi l-prinċipji tal-privatezza konxjament u b'mod awtomatiku matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda fuq skala kbira. F'dan ir-rigward, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIAs) huma għodda essenzjali biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi. Fl-2020, l-Aġenzija bdiet taħdem fuq id-DPIAs tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN u tal-sBMS. Ġie żvilupp kontenut intern biex jgħin lill-persunal tal-Aġenzija fit-tnejn ta' DPIAs, inkluż gwida dwar x'inhuma d-DPIAs, meta għandhom jitwettqu, min jagħmel xiex, u mudell tad-DPIA bi struzzjonijiet pass pass.

Fil-15 ta' April, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS), Wojciech Wiewiórowski, żar virtwalment is-sit tekniku tal-eu-LISA fi Strasburgu. Id-diskussjoni ffukat fuq is-sitwazzjoni attwali u l-evoluzzjoni tas-SIS, il-VIS u l-Eurodac, u kif il-prinċipji tal-privatezza u b'mod konxju u awtomatiku jiġu segwiti matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira tal-UE għall-UE.

Bħala parti mill-investigazzjoni mill-bogħod tal-EDPS dwar ir-rekords tal-istituzzjonijiet tal-UE mwettqa fil-bidu tal-2020, l-eu-LISA għet elenkata bħala kompletament konformi u ssemmiet fost l-eżempji tal-aħjar Prattika. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjoni kien limitat, u ffoka fuq id-disponibbiltà, il-format u l-kopertura tar-rekords. Matul dan il-perjodu, l-Aġenzija aġġornat il-format tar-reġistru pubbliku tal-attivitajiet ta' pprocessor, biex tinkludi l-oqsma rilevanti kollha f'konformità mal-mudell tal-EDPS.

L-Aġenzija infurmat lill-Gruppi ta' Koordinazzjoni tas-Sorveljanza rispettivi tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac, li jikkonsistu minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u tal-EDPS, dwar l-istatus tas-sistemi matul il-

laqgħat tagħhom f'Ġunju u f'Novembru. L-aġġornamenti ffukaw fuq il-prestazzjoni tas-sistema wara l-aħħar żviluppi, inċidenti relatati u l-kwalità tad-*data*. Ġie diskuss ukoll l-istatus tal-iżviluppi tal-EES u tal-ETIAS. Barra minn hekk, l-Aġenzija ppreżentat ħarsa ġenerali lejn l-impatt tal-Brexit, b'enfasi fuq ir-rekords tar-Renju Unit u l-istrateġija ta' skonnessjoni mis-SIS.

Ġew skambjati l-aħjar prattiki fil-protezzjoni tad-*data* fost l-istituzzjonijiet tal-UE f'fora differenti, inklużi l-laqgħat tan-Network tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) u l-laqgħat tal-UPD tal-JHAA. F'Ottubru 2020, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE rċevew talba mill-EDPS biex iwettqu eżerċizzju ta' mmappjar tat-trasferimenti internazzjonali tad-*data* lil pajjiżi terzi u biex jirrapportaw kwalunkwe riskju u nuqqas identifikati matul l-eżerċizzju msemmi hawn fuq. L-Aġenzija ppreżentat ir-rapport tagħha dwar ir-riskji u n-nuqqasijiet potenzjali lill-EDPS f'nofs Novembru.

## 1.7 Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali (għan strateġiku 4)

### 1.7.1 Programm ta' trasformazzjoni organizzattiva: eu-LISA 2.0

Fl-2019, l-Aġenzija nediet programm ta' trasformazzjoni bil-għan li twassal struttura organizzazzjonali ġdida, li tkun adattata għall-mandat estiż tal-eu-LISA. Dan il-programm, komunement imsejjaħ eu-LISA 2.0, kien imfassal biex jiżgura li l-proċess ta' riorganizzazzjoni jitwettaq b'mod miftuħ, trasparenti u bl-involvement tal-persunal tal-Aġenzija.

B'din it-trasformazzjoni organizzazzjonali, l-Aġenzija stinkat biex tikseb:

- proċessi aktar effiċjenti u rapidi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- aktar aġilità f'kompiti speċifiċi, inkluż aktar opportunitajiet għal innovazzjonijiet;
- aktar awtonomizzazzjoni u sjeda permezz ta' funzjonijiet ċentralizzati ġodda u profili armonizzati;
- pożizzjonament aħjar għall-Aġenzija, li jwassal għal suċċess sostnut għall-organizzazzjoni.

Dan il-proġett trasformattiv ippreżenta lill-Aġenzija diversi sfidi ġodda, iżda wkoll għadd kbir ta' opportunitajiet, li jagħtu lill-eu-LISA l-opportunità li tfassal u tivvinta lilha nnifisha mil-ġdid. Madankollu, l-isfida ewlenija kienet li jiġi żgurat li l-istruttura organizzazzjonali l-ġdida tappoġġa lill-Aġenzija biex tippovdi l-aħjar twettiq tal-mandat tagħha. Dan kien jeħtieġ approċċ komprensiv u strutturat, u t-tfassil mill-ġdid tal-organizzazzjoni kien immexxi bħala programm ewleni ta' bidla interna, bħala segwitu tal-programm ta' ġestjoni tat-tibdil imwettaq fl-2019. Qabel, l-Aġenzija kienet diġà identifikat il-partijiet ikkonċernati affettwati mill-programm ta' trasformazzjoni u vvalutat l-implikazzjonijiet possibbli. Dan l-eżerċizzju wassal għat-tħejjija ta' strateġija komprensiva dwar il-bidla u pjan ta' komunikazzjoni li jqisu t-tamiet u l-biżgħat tal-partijiet ikkonċernati kollha. Sabiex jiġi implimentat b'suċċess it-tfassil mill-ġdid tal-organizzazzjoni, l-eu-LISA 2.0 kienet teħtieġ li tniedi dan il-pjan ta' bidla (permezz ta' taħriġ u komunikazzjoni) u tniedi aspirazzjoni kulturali ġdida li tallinja mal-ambizzjonijiet trasversali tal-Aġenzija ("Flimkien bħala Unità"). Sabiex tiżgura s-suċċess ta' din it-trasformazzjoni, l-Aġenzija introduċiet tim trasversali dedikat, li ġabar pjan olistiku li jinkludi kemm elementi tanġibbli (jiġifieri struttura, proċessi u strateġija) kif ukoll elementi mhux tanġibbli (jiġifieri persuni, tmexxija, valuri u kompetenzi) li se jiġu implimentati fl-2021.

### 1.7.2 Riżorsi umani

Is-sena 2020 kienet diffiċli ħafna għall-eu-LISA fir-rigward ta' riżorsi umani. L-ewwel nett, kienet l-ewwel sena wara t-tlestija tat-trasformazzjoni strutturali tal-Aġenzija, jiġifieri "eu-LISA 2.0", it-tħejjija għall-programm ta' trasformazzjoni kulturali, kif ukoll id-definizzjoni u t-tnedija tal-Programm ta' Żvilupp ta' Tmexxija. It-tieni nett, il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot diversi sitwazzjonijiet mingħajr preċedent għall-persunal tal-eu-LISA. Minħabba l-pandemija, l-Aġenzija malajr organizzat mill-ġdid il-modalitajiet ta' ħidma tagħha, filwaqt li qieset mhux biss il-kontinwità tan-negozju iżda wkoll l-impatt possibbli tal-bidliet fl-ambjent tax-xogħol fuq il-benesseri tal-persunal.

Għal dak il-għan, l-Aġenzija wettqet s'tħarriġ biex tifhem aħjar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-forza tax-xogħol. L-għan primarju tal-istħarriġ kien li jivvaluta, b'mod olistiku, kif din is-sitwazzjoni influwenzat it-timijiet tal-eu-LISA u t-tieni, li jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq id-*data* għall-protezzjoni tal-forza tax-xogħol u t-twettiq tal-



mandat tal-Aġenzija. Ir-riżultati tal-istħarriġ urew li l-eu-LISA ħadmet tajjeb f'ċirkostanzi diffiċli: aktar minn 80 % tal-forza tax-xogħol ħassew li l-komunikazzjoni matul il-pandemija kienet ċara, konsistenti u f'waqtha; 77 % sabu li l-Aġenzija kienet qed tadatta tajjeb għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u 84 % wiegħbu li kienu kapaċi jkomplu xogħolhom b'mod sikur matul il-pandemija.

Matul l-2020, l-Aġenzija kompliet bl-isforzi tagħha ta' reklutaġġ, għalkemm ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti f'Marzu 2020 kellhom impatt negattiv fuq il-proċess. Filwaqt li l-intervisti malajr imxew online, ir-reklutaġġ u l-onboarding ta' persunal ġdid iffaċċjaw dewmien sinifikanti. Dan kien minħabba r-restrizzjonijiet straordinarji, applikati b'mod partikolari fi Franza u fl-Estonja, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fl-Istati Membri, il-lockdown tas-Servizz Mediku tal-Kummissjoni (għalhekk l-ebda possibbiltà li jitlesta l-kontroll mediku obligatorju, li huwa prerekwiżit għall-iffirmar ta' kuntratt ta' impjieg) u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-siti tal-Aġenzija. Nofs il-karigi li r-reklutaġġ tagħhom laħaq il-fażi finali (jigjifieri l-lista ta' riżerva stabbilita jew l-offerta ta' impjieg aċċettata), kienu affettwati direttament. Ġie osservat ukoll xi impatt fuq il-posponiment tal-bidu tas-servizz minħabba r-restrizzjonijiet nazzjonali tal-pandemija, li affettwaw il-kapaċità tal-kandidati li jsibu akkomodazzjoni jew li l-familja tagħhom timxi lejn pajjiż ġdid.

Fl-aħħar ta' Diċembru 2020, l-għadd totali ta' persunal tal-Aġenzija kien ta' 274, minn 223 fil-bidu tas-sena (Tabella 5). Fl-2020, kellhom jimtlew 90 kariga. B'kolloxx, tnedew 25 proċedura ta' għażla u ngħalqu 19-il proċedura ta' għażla. Kien hemm 27 reklutaġġ minn listi ta' riżerva eżistenti. B'kolloxx, ġew reklutati 73 persuna matul is-sena, inklużi bidliet fil-kuntratti. B'mod ġenerali, inħarġu u ġew aċċettati 21 offerta ta' impjieg sa tmiem l-2020.

**Tabella 5: Għadd ta' persunal attwali u awtorizzat mill-31 ta' Diċembru 2020**

Popolazzjoni tal-persunal	Mimlija fil-31.12.2019	Awtorizzati taħt il-baġit tal-UE għas-sena 2020	Effettivament mimlija fil-31.12.2020	Rata ta' okkupazzjoni għall-2020 – status fil-31.12.2020
Persunal Temporanju (TA)	154	202	181	89.60 %
Aġenti kuntrattwali (CA)	61	111	83	74.77 %
Esperti nazzjonali sekondati (SNE)	8	11	10	90.91 %
<b>TOTAL</b>	<b>223</b>	<b>324</b>	<b>274</b>	<b>84.57 %</b>

Barra minn hekk, l-Aġenzija avvanzat l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ġhodod tal-IT fil-qasam tar-riżorsi umani. Is-sistema ta' Sysper għall-ġestjoni tal-liv u l-iskeda bil-ħinijiet tax-xogħol ġiet implimentata f'April u l-persunal tal-Aġenzija beda jużaha f'Mejju. F'Settembru, il-modulu tad-"drittijiet individwali" ta' Sysper infetaħ għall-persunal għad-dikjarazzjoni tas-sitwazzjoni ta' familthom. F'Marzu tnediet soluzzjoni għad-diġitalizzazzjoni tat-talbiet għal taħriġ estern, u f'Diċembru, inbeda t-tixrid ta' riċevuti tal-paga elettroniċi. L-Aġenzija akkwistat ukoll pjattaforma awtomatizzata ta' intervisti bil-vidjo, biex tissimplifika u tħaffef il-proċessi ta' reklutaġġ.

### 1.7.3 Finanzi u akkwist

L-Aġenzija kompliet tiżviluppa u ssaħħaħ il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha biex tiżgura l-ġestjoni trasparenti u effettiva tar-riżorsi finanzjarji disponibbli tagħha.

Saru wkoll bosta sforzi biex jiġu diġitalizzati ċerti proċessi kritiċi tal-offerti, permezz tal-pjattaforma ta' sottomissjoni elettronika. Bl-appoġġ tal-Kummissjoni, l-Aġenzija implimentat l-użu bis-sħiħ tal-pjattaforma tas-sottomissjoni elettronika, li rriżultat f'bidla definittiva minn flussi ta' xogħol fuq il-karta għal dawk elettroniċi fil-proċessi tal-offerti.

Barra minn hekk, l-eu-LISA għamlet sforz imġedded biex tippjana għall-futur, speċjalment fl-oqsma tal-baġit u tal-akkwist, u biex tħaddan il-bidla fil-proċessi tagħha.

Ġew stabbilit l-elementi meħtieġa għall-użu futur tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività, flimkien mal-monitoraġġ u mal-iżvilupp kontinwu tal-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tal-Aġenzija.

#### 1.7.4 Servizzi Korporattivi

##### *Servizzi Ġenerali*

Fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet, programm ta' manutenzjoni flessibbli u ottimizzat kontinwament fil-lokalitajiet kollha żgura infrastruttura tal-bini sigura, effiċjenti u funzjonali, allinjata bis-sħiħ mar-rekwiżiti tan-negożju tal-Aġenzija.

Fil-qasam tal-loġistika u tal-ġestjoni tal-infrastruttura, l-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol b'saħħtu u sikur kien il-prijorità ewlenija fl-2020. B'mod partikolari, bil-pandemija kontinwa tal-COVID-19, l-Aġenzija ħadet miżuri speċjali biex tindirizza l-epidemija u tnaqqas l-impatt tagħha, tiżgura tindif speċjalizzat, diżinfettanti u servizzi ta' dekontaminazzjoni biex jiġu ddiżinfettati s-siti u tgħin biex jiġi evitat ir-riskju ta' infezzjoni.

##### *It-tieni estensjoni tas-sit tekniku tal-eu-LISA*

Fl-2020, l-Aġenzija għamlet progress fit-tieni estensjoni tas-sit tekniku tagħha fi Strasburgu. Ladarba titlesta, fl-2026, din l-estensjoni se tippermetti lill-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effiċjenti u tkompli toħloq u tibni, permezz ta' teknoloġiji diġitali, servizzi tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Il-programm ta' qabel tal-bini, li jagħti ħarsa ġenerali preliminari lejn il-proġett ta' kostruzzjoni, ġie żvelat f'Awwissu 2020. Abbażi ta' dan il-preprogramm approvat, l-eu-LISA wettqet studju ta' fattibbiltà b'diversi xenarji. F'Ottubru 2020, il-bord tal-proġetti għażel ix-xenarju preferut, li se jifforma l-bażi tal-programm ta' kostruzzjoni.

Fit-28 ta' Settembru, inkiseb stadju importanti bit-trasferiment formali tal-art, mill-awtoritajiet Franċiżi għall-Aġenzija, tar-roqgħa art ta' 20 000 m<sup>2</sup> maġenb il-kumplex tal-bini attwali tagħha fi Strasburgu. Huwa fuq din il-biċċa art ġdida li se tinbena l-estensjoni tas-sit tekniku.

F'Novembru 2020, saru diversi workshops dwar ir-rekwiżiti tekniċi ma' rappreżentanti tal-funzjonijiet kollha tal-Aġenzija, inkluż il-Kumitat tal-Persunal, u bl-appoġġ tal-Ministeru Franċiż tal-Intern. Il-maniġer tal-programm integra dawn l-eżiti fil-programm tal-bini, sussegwentement imwassla fil-ħin f'Diċembru 2020, li se jiġu inklużi fl-offerta ta' disinjaturi arkitettoniċi mistennija fl-2021.

##### *Soluzzjonijiet temporanji għall-bini tal-uffiċċji u għaċ-ċentru tad-data*

Sabiex ittaffi b'mod kosteffiċjenti il-kwistjonijiet ta' kapaċità li t-tieni proġett ta' estensjoni għandu l-għan li jsolvi, l-Aġenzija kriet faċilitajiet ufficjarji temporanji qrib is-sit tekniku. Il-kiri fuq il-bini l-ġdid, li jinsab f'Ilk Kirch-Graffenstaden, subborg ta' Strasburgu, ġie ffirmat fit-30 ta' Ġunju 2020. Il-bini ġie mgħoddi lill-Aġenzija fid-9 ta' Diċembru 2020, u huwa mistenni li jiġi okkupat fit-tielet trimestru tal-2021.

Barra minn hekk, l-eu-LISA ddeċidiet li tibni ċentru tad-data modulari temporanju fis-sit tekniku eżistenti, biex tkopri l-ħtiġijiet għal żieda fil-kapaċità. L-approċċ modulari se jipprovdni mod effiċjenti u kosteffettiv għall-espansjoni taċ-ċentru tad-data eżistenti, sakemm it-tieni estensjoni permanenti tkun lesta għall-użu. Iċ-ċentru temporanju tad-data għandu jkun konformi tal-anqas mal-istess livell ta' rekwiżiti ta' sigurtà, sikurezza u tifi tan-nar bħal dak attwali. Se jkun kompletament żejjed, fir-rigward ta' infrastruttura u ta' feeds tan-network, għal attivitajiet ta' manutenzjoni ppjanati fl-istess ħin kif ukoll għall-kontinwazzjoni tas-servizz mingħajr qtugħ mistenni.

### **Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)**

Fl-2020, il-pandemija żiedet pressjoni addizzjonali sinifikanti fuq il-forniment tas-servizzi tal-ICT fl-Aġenzija, minbarra l-isfidi ppjanati u mistennija. Il-VPN tal-klijent, il-vidjokonferenza, kif ukoll is-servizzi u l-għodod tat-telefonija VoIP saru kritiċi għan-negozju peress li l-Aġenzija kollha bdiet it-telexogħol sa nofs Marzu. Is-servizzi tan-network u tal-komunikazzjoni ġew imkabbrin u rfinati, sabiex tiġi żgurata esperjenza ta' telexogħol bla xkiel. L-Uffiċju tas-Servizz tal-ICT, servizz orizzontali li jaġixxi bħala punt ta' kuntatt uniku għas-servizzi kollha tal-ICT, mexxa għadd akbar ta' biljetti għal inċidenti u talbiet għal servizzi (+15 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel) u adatta malajr ħafna għal mod ta' appoġġ għall-ħidma remot. It-tim tal-Uffiċju tas-Servizz tal-ICT tal-Aġenzija wettaq ukoll attivitajiet tekniċi ta' moderazzjoni, li kkontribwew għall-organizzazzjoni b'suċċess ta' konferenzi u laqgħat virtwali kbar, li l-għadd tagħhom żdied ħafna fl-2020.

Madankollu, l-attivitajiet u l-proġetti ppjanati kollha ġew indirizzati wkoll u tmexxew lejn tlestija b'suċċess. Matul l-2020, l-eu-LISA ffinalizzat studji għall-iżvilupp ta' Strateġija Diġitali dwar il-Post tax-Xogħol u Strateġija għall-Adozzjoni tal-Cloud għas-Servizzi tal-ICT, u b'hekk żgurat bażi solida għall-istrateġiji li għandhom jiġu mnedija fl-2021. L-Aġenzija wettqet ukoll attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva tal-Modernizzazzjoni tan-Networking u tas-Sigurtà, sabiex tnejji pjan direzzjonali f'dan il-qasam.

Is-servizzi tal-ICT ta' kollaborazzjoni fil-kontenut tjebru bl-għodod annwali regolari (eż. għall-ippjanar u r-rapportar), b'għodod li jappoġġaw l-awtomatizzazzjoni ta' diversi flussi tax-xogħol interni u l-miżuri ta' rispons għall-pandemija tal-eu-LISA.

### **Programm għall-ġestjoni tal-kontenut tal-intrapriżi**

Fl-2020, l-Aġenzija ddeċidiet li timplimenta Programm għall-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi (ECM) sabiex iżżid l-effiċjenza, ittejjeb il-kontroll ġenerali fuq il-kontenut, u tissimplifika l-proċessi tal-Aġenzija. Il-programm jinkludi rieżami tal-politiki eżistenti kollha, kif ukoll il-ħolqien ta' politiki ġodda għall-ġestjoni tad-dokumenti, tar-rekords u l-preservazzjoni fit-tul. L-objettiv ewlieni tal-Programm huwa li jipprovdi lill-persunal tal-eu-LISA b'qafas integrat għall-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi (ECM), li jinkludi l-istrateġiji (inklużi l-politiki u l-proċeduri), il-metodi u l-għodod (jiġifieri s-sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni) kollha użati għall-qbid, l-ipproċessar, il-ġestjoni, il-konsenja, il-ħżin u l-preservazzjonita' informazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-Aġenzija. L-implimentazzjoni tal-Programm tal-ECM hija gradwali u hija mistennija li ddum sal-aħħar tal-2025.

### **Teknoloġija tas-sistema awdjoviżiva għall-kmamar tal-konferenzi**

Fl-2020, l-Aġenzija introdiciet teknoloġija ġdida tal-kamra tal-konferenzi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-kmamar tal-konferenzi ewlenin fil-bini tagħha f'Tallinn u fi Strasburgu. L-objettiv kien li ż-żewġ kmamar tal-laqqgħat jiġu mgħammra bl-aħħar teknoloġija awdjoviżiva, biex jipprovdu servizzi mtejbja tal-konferenzi interni biex jiġu żgurati esperjenza tal-laqqgħat, kollaborazzjoni, preżentazzjoni u komunikazzjoni mtejbja u bla xkiel madwar l-organizzazzjoni. Is-soluzzjoni teknika hija bbażata fuq sett ta' prodotti tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u toffri servizzi ta' konferenzi professjonali.

### **Sistema tal-ipproċessar tal-missjonijiet (MiPS)**

L-Aġenzija implimentat b'suċċess il-MiPS, għodda tal-IT użata mill-Kummissjoni Ewropea għall-ġestjoni online tal-missjonijiet. L-MiPS, ospitata mid-Direttorat Ġenerali għall-Informatika (DG DIGIT), tappoġġja l-ipproċessar tal-ordnijiet tal-ivvjaġġar, id-dikjarazzjoni sussegwenti tal-ispejjeż u r-rimborż tal-persunal permezz ta' konnessjoni diretta mas-sistema kontabilistika użata mill-eu-LISA.

## 1.7.5 Komunikazzjoni

### *Il-kommunikazzjoni esterna*

Matul l-2020, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA ġew implimentati fil-ħin u b'mod effiċjenti, f'konformità mal-Pjan ta' Komunikazzjoni u Disseminazzjoni annwali, u l-prijoritajiet ġenerali stabbiliti għall-komunikazzjoni. Minbarra l-kompiti pjanati, minn Frar 2020, l-Aġenzija allokat riżorsi sinifikanti għall-komunikazzjoni dwar il-ħidma tat-Task Force tal-COVID-19 u dwar il-komunikazzjoni dwar il-kriżijiet. Saru sforzi addizzjonali konsiderevoli biex jiġu pprovduti aġġornamenti u assigurazzjoni regolari lill-partijiet ikkonċernati esterni dwar id-disponibbiltà tas-sistemi u s-servizzi lill-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kkomunikat ukoll fuq 16-il azzjoni u kampanji konġunti mal-Aġenziji tal-ĠAI u mal-istituzzjonijiet tal-UE (eż. *l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Schengen 35, Jum l-Ewropa, diversi suġġetti taċ-ċibersigurtà u tad-diġitalizzazzjoni*) biex jiġi enfasizzat l-impatt pożittiv tal-kooperazzjoni biex l-Ewropa ssir aktar sigura u sikura. Il-funzjoni ta' komunikazzjoni kienet involuta wkoll b'mod attiv fl-eżerċizzju ta' sigurtà ta' diversi sistemi tal-2020, li kien responsabbli għat-tmexxija ta' test kumpless tal-kontinwità tan-negozju u għall-ġestjoni tal-komunikazzjoni ta' kriżi fir-rigward tas-sistemi tal-IT taħt ir-responsabbiltà tal-eu-LISA.

Biex trawwem it-trasparenza u żżid is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, l-Aġenzija ħejjiet u wettqet, minn nofs Mejju sa nofs Ġunju, kampanja kkoordinata ta' sensibilizzazzjoni online ta' erba' ġimgħat "*Skopri l-eu-LISA*" ([discover.eulisa.europa.eu](https://discover.eulisa.europa.eu)), li tippreżenta l-Aġenzija u l-oqsma kummerċjali ewlenin tagħha b'mod oriġinali u interattiv. L-ewwel bullettin diġitali biennali, "eu-LISA Bits and Bytes",<sup>40</sup> tnienda fil-format ta' sit web modern, risponsiv u awtonomu, biex juri l-progress tal-Aġenzija u jenfasizza l-prijoritajiet tagħha fid-dominju tal-ĠAI. L-eżitu ta' kampanji mmirati u mfassla apposta, u l-bullettin diġitali involut, kienu ta' suċċess kbir u wrew xejriet pożittivi ta' sensibilizzazzjoni fil-kanali kollha. Konsegwentement, fl-2020 iż-żieda ta' segwaċi kienet ta' +43 % fuq Twitter, +70 % fuq LinkedIn, +27 % fuq Facebook u +79 % fuq YouTube. Is-sit web pubbliku tal-eu-LISA kiseb ukoll żieda konsiderevoli fl-indikaturi kollha: l-għadd ta' viżitaturi uniċi (+12 %), id-durata medja taż-żjarat (+3 %).

Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, l-avvenimenti regolari fuq skala kbira tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija, il-Konferenza Annwali u r-Roundtable dwar l-Industrija, li għall-ewwel darba saru kompletament online, kienu ta' suċċess fir-rigward ta' involviment u ta' attendenza ta' kelliema ta' livell għoli. Barra minn hekk, il-kopertura online tal-avvenimenti wasslet ukoll għal riżultati ta' suċċess.

### *Komunikazzjoni interna*

Il-pandemija kellha impatt dirett fuq il-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA matul is-sena kollha. L-Aġenzija kellha tissodisfa l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati interni għal informazzjoni f'waqtha dwar l-impatt tal-pandemija fuq ir-reġimi tax-xogħol, kwistjonijiet relatati mas-saħħa u restrizzjonijiet introdotti kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-istituzzjonijiet tal-UE. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' kriżi mwettqa fl-2020, jekk jogħġbok irreferi għal paġna 61.

L-Aġenzija wettqet il-kompiti kollha previsti fil-*Pjan Intern ta' Komunikazzjoni u Tixrid tal-2020* tagħha. B'kollox, ġew ippubblikati 50 edizzjoni ta' kull ġimgħa tal-bullettin tan-"*News&Info*," tħejjew żewġ bullettini ta' edizzjoni speċjali, li jippermettu lit-timijiet differenti jaqsmu l-istess ta' suċċess tagħhom filwaqt li jaħdmu f'kundizzjonijiet ta' sfida. Għal 90 % tal-persunal, il-bullettini ta' kull ġimgħa kienu s-sors primarju ta' informazzjoni, u l-Aġenzija irnexxielha żżomm dan is-sors primarju ta' informazzjoni attiv u aġġornat. Skont l-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal tal-2020, ir-rata ġenerali ta' sodisfazzjon bil-komunikazzjoni interna tal-Aġenzija kienet ta' 93 %.

<sup>40</sup> Il-bullettin diġitali biennali tal-eu-LISA "eu-LISA Bits and Bytes" [bit.ly/eu-LISA-Bits-Bytes](https://bit.ly/eu-LISA-Bits-Bytes)

## 2 Ġestjoni

### 2.1 Bord tat-Tmexxija

Fl-2020, l-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni trasparenti, kostruttiva u mill-qrib ħafna tagħha mal-Bord tat-Tmexxija (MB) tagħha. Minbarra l-elementi approvati mill-MB f'konformità mal-funzjonijiet tagħha, l-Aġenzija ppreżentat lill-MB regolarment ir-riskji u l-kwistjonijiet sinifikanti kollha identifikati matul il-perjodu ta' rapportar, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati.

L-istatus tal-implimentazzjoni u r-rapporti mill-AGs PMBs tal-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà, u l-ECRIS-TCN ġew ippreżentati regolarment lill-MB. Dawn inkludew il-preżentazzjoni tar-riskji u l-kwistjonijiet tal-programmi. B'mod partikolari, f'diversi okkażjonijiet l-MB indirizza l-ħtieġa ta' involviment qawwi tal-Istati Membri biex jiżguraw l-għoti fil-ħin tal-programmi. L-effetti tal-pandemija fuq l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-EES, tal-ETIAS u tal-Interoperabbiltà u l-miżuri ta' mitigazzjoni proposti ġew indirizzati ripetutament mill-MB.

F'konformità mar-regolamenti tas-sistemi, l-MB ta mandat lill-PMBs korrispondenti biex iwettqu l-evalwazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti. Fl-2020, saret l-evalwazzjoni tat-TTS tal-Evoluzzjoni tas-Servizzi Web tal-EES u tal-ETIAS, tat-TTS tal-ETIAS (minbarra l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS) u tat-TTS tas-CRRS, l-ESP, is-CIR u l-MID. Il-PMBs ikkonfermaw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi vvalutati kienu konformi mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti. L-evalwazzjoni mill-PMBs ikkontribwiet għall-mitigazzjoni tar-riskji relatati mat-tnejjiet għall-proċedura ta' akkwist.

L-AGs tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac irrapportaw lill-MB dwar l-istatus tal-ħidma tagħhom, inklużi r-riskji u l-kwistjonijiet assoċjati mat-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi.

Is-sottogrupp tal-MB ACFC ikkontribwixxa għall-għoti ta' assigurazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti tal-ġestjoni tar-riskju tal-Aġenzija.

L-MB ġie aġġornat regolarment rigward l-istatus tan-negożjati mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid għall-2021-2027. Il-MB segwa mill-qrib ukoll il-proġett għat-tieni estensjoni tas-sit tekniċi ta' Strasburgu u r-riskju assoċjat man-nuqqas ta' faċilitajiet biex jiġu ospitati sistemi ġodda, il-persunal u l-kuntratturi fuq il-post. Il-MB ġie aġġornat regolarment dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni tal-Aġenzija (eu-LISA 2.0), li huwa marbut mill-qrib ma' riskju korporattiv identifikat (instabbiltà organizzattiva). L-Aġenzija ippreżentat ir-Rapport ta' Monitoraġġ dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar lill-MB b'mod konsistenti.

### 2.2 Żviluppi maġġuri

#### 2.2.1 L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19

F'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tagħha li jenfasizza l-obbligu tal-Aġenzija li "tiżgura l-kontinwità u s-servizz mingħajr interruzzjoni" tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt it-tmexxija operattiva tagħha, l-eu-LISA ħadet diversi miżuri mill-istadji bikrija tal-pandemija. Dawn kellihom jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza tal-persunal tagħha u tal-kuntratturi fuq il-post, jissalvagwardjaw it-tmexxija operattiva 24 siegħa kuljum tas-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha u jimminimizzaw l-impatt tal-pandemija fuq l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda fdati lill-Aġenzija.

Fil-bidu tal-pandemija, l-Aġenzija ħolqot Task Force speċjali biex twieġeb għall-isfidi operazzjonali u tattiki tal-COVID-19, li tirrapporta lid-Direttur Eżekuttiv dwar is-sitwazzjoni fil-livell tal-Aġenzija fuq bażi regolari. L-għan ewlieni tat-Task Force kien li timminimizza kemm jista' jkun l-impatt fuq it-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, waqt li tissorvelja theddid eżistenti u potenzjali għall-Aġenzija minn kull angolu. It-Task Force żviluppat il-prattika ta' ħidma tagħha matul is-sena, analizzat b'mod proattiv l-evoluzzjoni tar-rispons għall-pandemija fil-livell internazzjonali (b'enfasi partikolari fuq Franza, l-Awstrija, l-Estonja, il-Belġju u l-Ġermanja) u investiet fl-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni mal-persunal kollu, immirata biex l-Aġenzija kollha tinżamm infurmata kif xieraq u fil-ħin dwar l-aħħar

miżuri. It-Task Force ġiet assenjata r-responsabbiltà addizzjonali biex tkopri kwistjonijiet ta' kontinwità tan-negozju li jistgħu jaffettwaw l-Aġenzija matul il-pandemija.

Il-komunikazzjoni kellha rwol importanti fil-ġestjoni tal-impatt tal-pandemija. Il-komunikazzjoni dwar il-kriżi tnediet mis-27 ta' Frar, u pprovdiet aġġornamenti ta' kuljum/ta' kull ġimgħa u komunikazzjonijiet speċjali relatati mas-sitwazzjoni tal-pandemija. Matul l-2020, l-Aġenzija ħejjiet u qassmet aktar minn 150 rapport u linja gwida tas-sitwazzjoni, ifformulati mit-Task Force tal-COVID-19. Il-komunikazzjoni interna dwar kwistjonijiet tal-COVID-19 twettqet b'mod effiċjenti, u laħqet rata ta' sodisfazzjon għolja ħafna (89 %) mill-persunal tal-Aġenzija.<sup>41</sup> Messaġġi dedikati tal-vidjo mid-Direttur Eżekuttiv, u l-assembleji tal-persunal, appoġġaw is-sensibilizzazzjoni tal-messaġġi ta' komunikazzjoni dwar il-kriżi mill-maniġment lill-persunal, u fetħu kanali għal komunikazzjoni bidirezzjonali, b'udjenza medja ta' 200 impjegat għal kull avveniment.

Mill-aħħar ta' Frar matul is-sena, intbagħtu aġġornamenti regolari lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija (eż. il-persunal tal-eu-LISA, il-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni) dwar il-miżuri meħuda fir-rigward tal-pandemija. Twettqu miżuri speċifiċi (gwida, komunikazzjoni dwar l-arranġamenti tax-xogħol, sħarriġ, u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni) biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u t-ħassib tal-persunal, tal-kuntratturi u tal-Istati Membri. L-Aġenzija żammet ukoll kuntatt mill-qrib man-network ta' uffiċjali tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE (EUAN) u mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istati ospitanti, biex jiskambjaw l-aħjar prattiki u twissijiet bikrija.

Ġew implimentati arranġamenti speċjali biex jiġi żgurat it-twassil kontinwu tas-servizzi lill-Istati Membri filwaqt li jiġu ssalvagwardjati s-saħħa u s-sikurezza tal-persunal fuq il-post. Kemm il-funzjonament kif ukoll il-kapaċità tas-sit tekniku u tas-sit ta' riżerva nżammu matul il-pandemija. Ġew stabbiliti arranġamenti ta' telexogħol għal attivitajiet li ppermettewh u ġew ipprovduti permessi speċjali lill-persunal li kellu bżonn jivvjaġġa għal raġunijiet ta' negozju.

L-Aġenzija żiedet il-miżuri tal-iġjene, il-provvisti tat-tindif u pproċediet regolamentarment bid-diżinfazzjoni taż-żoni tax-xogħol. Ġew implimentati restrizzjonijiet fuq l-aċċess għaż-żoni operazzjonali biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-iġjene. B'riżultat ta' dan, il-pandemija tal-COVID-19 ma affettwatx il-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sistemi. Is-sistemi kollha (SIS, VIS u Eurodac) baqgħu disponibbli għall-Istati Membri mingħajr interruzzjoni jew inċidenti kbar. L-Aġenzija ħadet diversi passi biex ittaffi r-riskji relatati mal-pandemija għall-operazzjonijiet tas-sistemi eżistenti u pprovdiet informazzjoni dwar l-istatus tal-operazzjonijiet fuq bażi kwotidjana lill-Kummissjoni.

L-attivitajiet ipplanati tal-evoluzzjonijiet tas-sistema u ta' żvilupp ġew affettwati b'diversi modi. Restrizzjonijiet fuq l-aċċess għaċ-ċentru tad-*data*, restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, tfixkil fil-ktajjen tal-provvista tal-hardware u produttività mnaqqsa tat-timijiet tal-iżvilupp tal-kuntratturi. L-Aġenzija għamlet l-arranġamenti kollha possibbli biex iżżomm l-iskeda ta' żmien miftiehma għall-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda. L-attivitajiet ġew prijoritizzati mill-ġdid biex jiġi limitat l-impatt ġenerali. L-Aġenzija ħadmet ukoll mill-qrib mal-kuntratturi tagħha, mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni biex tivvaluta b'mod preċiż id-dewmien possibbli li jista' jseħħ f'livelli nazzjonali u l-impatt potenzjali tiegħu fuq l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda. L-Aġenzija nediet żewġ sħarriġiet konsekuttivi fost l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE biex tivvaluta l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-pjanijiet tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jżommu mal-iskeda ta' żmien ġenerali. L-istħarriġ iffoka fuq l-implimentazzjoni tal-EES. Ir-riżultati tal-istħarriġ ġew ippreżentati u diskussi mal-korpi ta' governanza tal-Aġenzija u fil-"Forum ta' livell għoli dwar l-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-fruntieri u s-sigurtà", fis-27 ta' Mejju.

L-eu-LISA ħejjiet IA dettaljata tal-pandemija tal-COVID-19 dwar l-attivitajiet ċentrali u nazzjonali pplanati, bil-ħsieb li jiġi żviluppat l-aktar xenarju favorevoli għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha ta' żvilupp. Għandu jiġi nnutat li bidliet potenzjali fl-iskeda ta' żmien ta' programm wieħed jistgħu madankollu jaffettwaw l-iskedi ta' żmien tal-programmi l-oħra, u għalhekk huwa importanti li wieħed iħares lejhom b'mod olistiku. L-Aġenzija analizzat l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni globali biex tidentifika ottimizazzjonijiet possibbli u tiżgura l-konformità mal-istadju

<sup>41</sup> Sħarriġ dwar is-Sodisfazzjon bil-Komunikazzjoni Interna 2020.

politiku importanti tat-tnejn tal-arkitettura tal-interoperabbiltà sal-aħħar tal-2023. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ipprovduta lill-korpi ta' governanza tal-Aġenzija.

### 2.2.2 Leġiżlazzjoni ġdida

Is-sena 2020 ġabet għadd ta' inizjattivi li se jbiddu b'mod sinifikanti l-ambjent legali li fih topera l-eu-LISA, ladarba l-leġiżlazzjoni tiġi adottata.

Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Patt ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jkopri l-aspetti kollha meħtieġa għal approċċ Ewropew komprensiv għall-migrazzjoni. Wieħed mill-elementi ewlenin tal-patt kien il-proposta emendata għal regolament dwar l-istabbiliment tal-Eurodac. Skont l-abbozz tar-regolament, il-Eurodac għandu jsir sistema ta' ġestjoni tal-każijiet b'kamp ta' applikazzjoni usa'. Ir-regolament il-ġdid jipprevedi rabta ċara u konsistenti bejn individwi speċifiċi u l-proċeduri li huma soġġetti għalihom sabiex jassistu aħjar fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fl-individwazzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati. Dan jappoġġa wkoll il-mekkaniżmu l-ġdid ta' solidarjetà u fih emendi konsegwenzjali li jippermettu lill-Eurodac tiffunzjona fil-qafas tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE. L-eu-LISA se tkun responsabbli għall-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' din is-sistema aġġornata. Il-bażi tad-*data* mtejbja tal-Eurodac se:

- tiffoka fuq l-applikanti aktar milli fuq l-applikazzjonijiet biex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà għat-talbiet għall-ażil;
- jinkludu kategoriji ġodda ta' persuni li għalihom se tinħażen id-*data* (*data* bijometrika u alfanumerika);
- tippermetti l-użu tagħha biex ittejjeb l-identifikazzjoni ta' migranti irregolari u biex tiskoraġġixxi movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra (movimenti sekondarji);
- tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tax-xiri tal-ażil;
- ittejjeb ir-reġistrazzjoni, u tiegħu rwol determinanti fil-ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, b'kontribut deċiżiv għall-protezzjoni tal-minorenni u ta' kategoriji oħra ta' persuni vulnerabbli;
- jiffaċilitaw ir-rilokazzjoni u monitoraġġ aħjar ta' persuni rimpatrijati;
- ssegwi l-appoġġ għat-tluq volontarju u r-riintegrazzjoni;
- tippermetti t-tfassil ta' statistika ġdida biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u ttejjeb il-kapaċitajiet analitiċi tal-Aġenziji rilevanti.

Inizjattiva oħra li għandha impatt fuq l-attivitajiet tal-Aġenzija hija **Strateġija tal-UE ġdida dwar l-Unjoni tas-Sigurtà** għall-perjodu mill-2020 sal-2025 ippreżentata mill-Kummissjoni fl-24 ta' Lulju 2020. L-istrateġija tfassal il-prijoritajiet strateġiċi għal azzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll telenka l-għodod u l-miżuri biex tiġi żgurata s-sigurtà Ewropea, kemm fid-dinja fiżika kif ukoll f'dik diġitali, u fil-partijiet kollha tas-soċjetà. L-eu-LISA tikkontribwixxi għat-tweqqif tal-erba' prijoritajiet strateġiċi kollha stabbiliti fl-istrateġija. B'mod partikolari, il-prijorità 4 – ekosistema ta' sigurtà Ewropea b'saħħitha, hija ta' importanza kbira għall-Aġenzija peress li tkopri l-oqsma taħt il-mandat tagħha. Is-suġġetti elenkati taħt din il-prijorità jinkludu l-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ĠAI, it-tisħiħ tal-użu tas-SIS, il-ħolqien ta' Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-sigurtà interna, l-użu ta' teknoloġiji diġitali li jistgħu jtejjbu l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja kif ukoll l-użu tal-IA – l-oqsma kollha fejn l-eu-LISA diġà qed tikkontribwixxi b'mod attiv.

In-negożjati dwar **ir-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-VIS**, inklużi l-Emendi Konsegwenzjali tal-VIS komplew. Intlaħaq ftehim politiku fit-trilogiji f'Diċembru 2020, segwit mill-approvazzjoni tal-COREPER II u tal-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew f'Janjar 2021. Ir-regolament il-ġdid se jrawwem is-sigurtà tal-proċedura tal-viża għal soġġorn qasir, jinkludi viżi għal soġġorn fit-tul u permessi ta' residenza fil-bażi tad-*data* u jiżgura l-interoperabbiltà bejn il-VIS u sistemi u bażijiet tad-*data* rilevanti oħra tal-UE. Dawn il-bidliet se jiżguraw rispons aħjar għall-isfidi li qed jevolvu dwar is-sigurtà u l-migrazzjoni kif ukoll biex ittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE.

In-negożjati dwar **l-Emendi Konsegwenzjali tal-ETIAS** komplew, iżda l-proċess ta' adozzjoni ma kienx mitmum sal-aħħar tas-sena. Minkejja dan, għas-sistemi kollha affettwati, jiġifieri l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN, l-Aġenzija antiċipat

u diġà qieset ir-rekwiżiti indikati fid-dokumentazzjoni. B'rabta mal-iżvilupp tal-ETIAS, l-eu-LISA kienet qed tappoġġa b'mod attiv lill-Kummissjoni Ewropea bl-abbozzar tar-**Regolamenti ta' Implimentazzjoni tat-Trasportaturi**.

Bħala parti minn pakkett biex jiġu modernizzati s-sistemi tal-ġustizzja tal-UE u titthaffef id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja, il-Kummissjoni ressqet il-proposta dwar l-**e-CODEX** fit-2 ta' Diċembru. L-e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data Online*) huwa l-għodda ewlenija għal kooperazzjoni sigura fi proċedimenti tal-liġi ċivili, kummerċjali u kriminali bejn il-fruntieri. Bl-adozzjoni tal-proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel il-e-CODEX il-mudell ta' eċċellenza għal komunikazzjoni diġitali sigura fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera fl-Istati Membri kollha. Mill-1 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni għandha l-għan li tafda din is-sistema lill-eu-LISA.

Fid-19 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet **White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali** – Approċċ Ewropew għall-Eċċellenza u l-Fiduċja.<sup>42</sup> L-Ewropa tinsab f'pożizzjoni tajba biex tibbenefika mill-potenzjal tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), mhux biss bħala utent iżda wkoll bħala kreatur u produttur ta' din it-teknoloġija. L-IA tista' tgħin fil-protezzjoni tas-sigurtà taċ-ċittadini u tippermettilhom igawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom. Fl-istess ħin, l-UE għandha tagħmel użu sħiħ mill-għodod disponnibbli għaliha biex ittejjeb il-bażi tal-evidenza tagħha dwar riskji potenzjali marbuta mal-applikazzjonijiet tal-IA. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri, l-eu-LISA qed tesplora għażliet ta' użu potenzjali ta' elementi tal-IA dedikati fis-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha.

Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet komunikazzjoni dwar **l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE għad-Deċennju Diġitali**. L-implimentazzjoni miftiehma ta' din l-istrateġija se tiffaċilita l-kisba ta' Unjoni tas-Sigurtà, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-UE globalment. Fil-qasam tal-għarfien espert tagħha, l-eu-LISA tikkontribwixxi għall-proċess li jiġu żgurati soluzzjonijiet u standards ta' livell dinji taċ-ċibersigurtà għall-infrastrutturi kritiċi, kif ukoll l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

### 2.2.3 L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

Wara l-iffirmar tal-ftehim dwar l-abbozz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea f'Novembru 2018, l-Aġenzija mmonitorjat is-sitwazzjoni b'mod kostanti sabiex jiġu identifikati obbligi ġodda potenzjali. Fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u s-sigurtà interna, wara l-ħruġ fil-31 ta' Jannar 2020 u l-perjodu ta' tranżizzjoni sussegwenti li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit ma baqax ikollu aċċess għal kwalunkwe sistema ta' informazzjoni tal-Unjoni taħt it-tmexxija operattiva tal-eu-LISA, b'mod aktar speċifiku s-SIS u l-Eurodac. L-eu-LISA għamlet it-tkejjijiet kollha meħtieġa biex tiskonnnettja r-Renju Unit u tħassar id-*data* tar-Renju Unit mis-SIS u mill-Eurodac fid-data meħtieġa mill-qafas legali. L-Aġenzija ddiskutiet regolarment id-dettalji tekniċi mal-Kummissjoni u l-AGs rispettivi u pparteċipat f'sessjoni ta' ħidma dedikata dwar il-Brexit organizzata mill-Kummissjoni għall-Aġenziji tal-UE fil-5 ta' Settembru. L-Aġenzija għamlet il-preparamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ u l-linji gwida rispettivi tal-Kummissjoni rigward il-parteeċipazzjoni tar-Renju Unit fil-korpi ta' governanza tal-Aġenzija, il-ġestjoni tar-riżorsi umani, ir-rapporti statistiċi u kwistjonijiet rilevanti oħra. L-iskonnessjoni tar-Renju Unit mis-SIS hija deskritta f'paġna 34 u dik mill-Eurodac f'paġna 40.

## 2.3 Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

### 2.3.1 Ġestjoni finanzjarja

Il-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ġie ffinanzjat permezz ta' sorsi ta' finanzjament differenti.<sup>43</sup> Id-dħul ewleni jirriżulta minn kontribuzzjoni tal-UE, li tasal fuq bażi annwali mill-baġit tal-UE — taqsima tal-Kummissjoni,

<sup>42</sup> White Paper tal-Kummissjoni Ewropea (2020) dwar l-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-Eċċellenza u l-Fiduċja [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/commission-white-paper-artificial-intelligence-feb2020\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/commission-white-paper-artificial-intelligence-feb2020_mt.pdf)

<sup>43</sup> F'konformità mal-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726.



Kapitolu 18 o2 "Sigurtà Interna" — kif adottat mill-awtorità baġitarja.<sup>44</sup> Jaslu kontribuzzjonijiet addizzjonali minn pajjiżi assoċjati.

Bħala parti mill-qafas tar-rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha, li juru l-effiċjenza u l-effikaċja fil-ġestjoni tal-infiq matul il-perjodu ta' rapportar.

### 2.3.2 L-implimentazzjoni tal-baġit

Ir-rapport finali tad-dħul u n-nefqa tal-2020 ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA<sup>45</sup>.

L-Aġenzija kellha rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit fl-aħħar tal-2020:

- 99.1 % għall-approprijazzjonijiet ta' impenn, b'kunsiderazzjoni tar-riport mhux awtomatiku tal-approprijazzjonijiet ta' impenn awtorizzati mill-Bord ta' Tmexxija fil-15 ta' Frar 2020 kif inhu miġbur fil-qosor fit-Tabella 6;
- 99.0 % għall-approprijazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2021.

**Tabella 6: Approprijazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR)**

implimentazzjoni tal-baġit tal-2020 fil-31/12/2020			Implimentazzjoni tal-baġit b'riport permezz ta' deċiżjoni	
Baġit finali adottat tal-2020	Impenji eżegwiti	Implimentati (%)	Riport mhux awtomatiku ta'	Implimentati b'kunsiderazzjoni tar-riport mhux awtomatiku (%)
240.119	181.550	75.6 %	56.286	99.1 %

Mill-baġit totali, proporzjon kien soġġett għall-adozzjoni ta' bażi ġuridika u/jew atti ta' implimentazzjoni għal kompiti ġodda assenjati lill-Aġenzija, kif inhu indikat f'Tabella 7.

**Tabella 7: Approprijazzjonijiet ta' impenn għal kompiti ġodda (f'miljuni ta' EUR)**

Kompiti/sistemi ġodda	Approprijazzjonijiet ta' impenn
LFS dwar ir-riformulazzjoni tal-Eurodac	0.268
LFS dwar l-Allokazzjoni ta' Dublin	0.735
<b>Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġodda</b>	<b>1.003</b>

L-ammonti ta' tabella 7 jinkludu l-infiq amministrattiv, li għandu jiġi allokat f'konformità man-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, "nefqa fuq il-persunal", u fit-Titolu 2, "nefqa infrastrutturali u operazzjonali".

#### Baġit emendatorju Nru 1

Kienet meħtieġa emenda tal-baġit għal żewġ raġunijiet:

- Il-baġit ġenerali tal-UE immarka approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-allokazzjoni tar-Riformulazzjonital-Eurodac u ta' Dublin bħala riżerva. Tali approprijazzjonijiet kellhom jiġu rritornati lill-baġit ġenerali tal-UE minħabba l-adozzjoni pendenti tal-baży ġuridika.
- Il-progress tal-attivitajiet għall-iżvilupp tal-EES kien jeħtieġ approprijazzjonijiet ta' pagament addizzjonali biex jiġu rrispettati l-impenji eżistenti.

Il-Bord tat-Tmexxija approva emenda waħda għall-baġit li tindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq billi:

- Jirritorna EUR 1.003 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn;
- Jirċievi EUR 36.417 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

<sup>44</sup> Ara l-Artikolu 45(5) u 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726. Dan il-kontribut jirreferi għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament C<sub>1</sub> (kreditu vvutati tas-sena finanzjarja attwali).

<sup>45</sup> F'konformità mal-Artikolu 45(7) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726.

It-Tabella 8 tipprovdi tqassim dettaljat tal-baġit emendatorju skont it-titolu baġitarju.

**Tabella 8: Tqassim tal-baġit emendatorju tal-2020 (f'miljuni ta' EUR)**

Titolu baġitarju	Sistema/kompitu	Baġit emendatorju	
		Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
A01	Nefqa fuq il-persunal	-0.268	-0.268
	li minnu Eurodac recast	-0.268	-0.268
B03	Nefqa operazzjonali	-0.735	36.685
	li minnu L-Allokazzjoni ta' Dublin	-0.735	-0.735
	EES		37.420
<b>Baġit emendatorju totali għall-2018</b>		<b>-1.003</b>	<b>36.417</b>

#### Riport permezz ta' deċiżjoni

L-akkwist li għaddej bħalissa għall-ETIAS, l-Interoperabbiltà, u l-ECRIS-TCN jippermetti lill-Aġenzija li tagħmel riport ta' EUR 56.286 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-2020 għall-2021 permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija sabiex tippreserva dawn il-fondi għall-użu fis-snin li ġejjin (Tabella 9)<sup>46</sup>

**Tabella 9: Tqassim tar-riport tal-2020 (f'miljuni ta' EUR)**

Titolu tal-baġit	Sistema/kompitu	Riport mhux awtomatiku tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2020
Nefqa Operattiva B03	Interoperabbiltà tal-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri	2.477
	ETIAS	50.143
	ECRIS-TCN	3.666
<b>Total B03</b>		<b>56.286</b>

#### Eżekuzzjoni tal-approprjazzjoni ta' impenn

Il-kreditu ta' impenn (C1) finalment aċċettati għall-2020 kienu diviżi fost it-titoli differenti kif ġej:

- 80.5 % għall-baġit operattiv (Titolu 3);
- 7.17 % għan-nefqa infrastrutturali u operattiva (Titolu 2);
- 12.33 % għan-nefqa fuq il-persunal (Titolu 1).

Figura 13 u Figura 14 juru l-implimentazzjoni tal-baġit skont it-titolu fi tmiem is-sena.

<sup>46</sup> F'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regoli Finanzjarji tal-Aġenzija (id-Deċiżjoni 2019-198 REV. 1 tat-28 ta' Awwissu 2019 tal-Bord tat-Tmexxija li tistabbilixxi r-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA), id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija 2021-03 ġiet adottata fil-15 ta' Frar 2021.

Figura 13: Konsum ta' approprazzjonijiet ta' impenn C1 (f'miljuni ta' EUR)




Figura 14: Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati (f'miljuni ta' EUR)




Fir-rigward tat- Titolu 3, minħabba n-natura pluriennali tal-kuntratti użati biex jappoġġaw l-operazzjonijiet fundamentali, EUR 101.319-il miljun ta' approprazzjonijiet ta' impenn miftuħa tal-2020 ġew awtomatikament riportati u se jitħallsu fl-2021 u fis-snin li ġejjin. EUR 56.286 miljun f' approprazzjonijiet ta' impenn relatati ma' kompiti ġodda ġew riportati permezz ta' deċizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.<sup>47</sup> Tqassim aktar dettaljat jingħata f'Anness II.

Mill-baġit operattiv, 100 %, li jammontaw għal EUR 193.302 miljun, ġew implimentati (EUR 157.605 miljun riportati u EUR 137.016 miljun ta' approprazzjonijiet ta' impenn eżegwiti). Il-figura 15 turi t-tqassim tal-baġit operattiv skont il-kapitolu, minbarra l-ammonti riportati, kif elenkati fit-Tabella 9.

Fl-2020, l-Aġenzija kkanċellat EUR 17.458 miljun mill-appropriazzjonijiet ta' impenn riportati mis-snin preċedenti, li jirrappreżentaw 6.6 % tat-total tal-appropriazzjonijiet riportati fit- Titolu 3 – nefqa operattiva. It-tabella 10 tiġbor fil-qosor id-diżimpenji skont is-sena tal-orġini tal-impenn legali sottostanti.

Figura 15: Titolu 3 approprazzjonijiet ta' impenn esegwiti (f'miljuni ta' EUR)



47 Deċizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija 2021-03 tal-15/02/2021.

Tabella 10: Diżimpenji tal-impnjenji baġitarji fl-2020 skont is-sena tal-orijini (f'miljuni ta' EUR)

Kapitolu tal-Baġit	Artikolu tal-Baġit	2016	2017	2018	2019	Total
Infrastruttura	Infrastruttura ta' sistema kondiviża/Network fuq żona wiesgħa	—	-0.000	-1.052	-0.319	-1.371
	SIS II	—	—	-0.261	-0.172	-0.434
Applikazzjonijiet	VIS	—	-0.006	—	-0.093	-0.099
	Eurodac	-0.214	-0.108	—	-12.853	-13.175
	EES	—	—	-0.069	-0.676	-0.745
	ETIAS	—	—	-0.037	-0.329	-0.366
Appoġġ operazzjonali	Appoġġ operazzjonali	—	-0.008	-0.118	-1.143	-1.269
<b>Total</b>		<b>-0.214</b>	<b>-0.122</b>	<b>-1.538</b>	<b>-15.584</b>	<b>-17.458</b>

73.6 % tal-kanċellazzjonijiet jirreferu għal approprjazzjonijiet riportati bħala impnjenji globali riżervati fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac u l-Mekkaniżmu ta' Allokazzjoni ta' Dublin, sakemm jiġi approvat ir-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac. It-tabella 11 tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-impnjenji globali rispettivi.

Tabella 11: Diżimpenji ta' impnjenji globali għall-2020 (L1) (ammonti f'miljuni ta' EUR)

Artikolu tal-Baġit	Impenn globali (L1)	Sena ta' orijini	L-ammont riportat	L-ammont ta' konsum	L-ammont ta' diżimpenn
Eurodac	Riformulazzjoni tal-Eurodac (approvazzjoni pendenti tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac)	2019	11.870	—	-11.870
Eurodac	L-iżvilupp ta' sistema ġdida għall-Mekkaniżmu ta' Allokazzjoni ta' Dublin (sakemm jiġi approvat ir-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac)	2019	0.983	—	-0.983
<b>Total</b>			<b>12.853</b>	<b>—</b>	<b>12.853</b>

EUR 1.269 miljun jirreferu għal kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet ta' impenn baġitarju li għalihom id-data tat-tmiem tal-kuntratt tkun intlaħqet, u ma kinux meħtieġa dispożizzjonijiet previsti kuntrattwalment (eż. diżimpenji li jirreferu għal kuntratti ta' appoġġ estern, li kienu jinkludu kostijiet żejda għas-sahra; id-diżimpenji tal-bqija tal-laqqgħat tal-AG u u t-taħriġ relatat mas-sistemi u l-Istati Membri; diżimpenji dovuti għal danni likwidati applikati).

#### Eżekuzzjoni tal-appropriazzjoni ta' pagament

Il-baġit totali approvat għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kien jammonta għal EUR 233.384 miljun. Fi tmiem l-2020, l-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet id-99.0%, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2020. Figura 16 u Figura 17 juru t-tqassim tal-baġit totali skont it-titolu u l-konsum ġenerali tal-fondi u l-appropriazzjonijiet ta' pagament matul l-2020.

Figura 16: Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' pagament C1 (f'miljuni ta' EUR)





Figura 17: Xejriet fil-konsum tal-fondi mħallsa u bbaġitjati (f'miljuni ta' EUR)




Ġew esegwiti total ta' 86.4 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2019 għall-2020 f'nefqa amministrattiva.

L-appropriazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 1 (nefqa fuq il-pesunal)<sup>48</sup> li jammontaw għal EUR 0.541 miljun u fit-Titolu 2 (nefqa għall-infrastruttura u nefqa operazzjonali) li jammontaw għal EUR 10.217-il miljun, li kienu għadhom ma ġewx imħallsa fl-2020 u li għalihom jeżisti impenn legali validu, ġew riportati għall-2021, flimkien mal-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.<sup>49</sup>

Fi ħdan it-Titolu 3, l-akbar sehem ta' approprjazzjonijiet ta' pagament intefaq fuq l-EES. Il-figura 18 turi t-tqassim tal-krediti ta' pagament eżegwiti għall-baġit operattiv.

Figura 18: Appropriazzjonijiet ta' pagament esegwiti tat-Titolu 3 (miljuni ta' EUR)



### Indikatur tal-prestazzjoni: żmien biex tħallas

B'kollox twettqu total ta' 2 322 tranżazzjoni ta' pagament fl-2020, tnaqqis ta' 26 % mill-2019. Minn dawn:

- 2 108 tranżazzjonijiet kellhom żmien ta' ħlas massimu ta' 30 jum.
- 163 kellhom żmien ta' ħlas massimu ta' 60 jum.
- 43 kellhom żmien ta' ħlas massimu ta' 45 jum.

<sup>48</sup> L-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mar-remunerazzjoni mhumiex riportati.

<sup>49</sup> F'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

- 8 kellhom żmien ta' ħlas massimu ta' 90 jum.

Iż-żmien medju għall-ħlas għat-tipi kollha ta' pagamenti baqa' ferm taħt il-limiti ta' żmien stipulati: 18.0 -il jum għal pagamenti ta' 30 jum, u 44.9 jiem għal pagamenti ta' 60 jum.

Figura 19: Pagamenti fi ħdan it-terminu ta' 30 jum





Figura 20: Pagamenti fi ħdan it-terminu ta' 60 jum




B'mod ġenerali, 95.9 % tat-tranżazzjonijiet kollha saru fi ħdan it-terminu kuntrattwali. 95 pagament ġew ittardjati, li 10 minnhom wasslu għall-ħlas ta' mgħax tard, li jammonta għal EUR 22 393.48 pagabbli għall-kredituri.

### 2.3.3 Proċeduri ta' akkwist

Il-figura 21 turi r-riżultati ta' analiżi sinottika tal-volum imwettqa billi ġie eżaminat l-għadd ta' tranżazzjonijiet (jiġifieri kuntratti) fil-perjodu tal-2014–2020. L-analiżi tal-volum tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-funzjonijiet tal-akkwist fl-Aġenzija kollha. Minkejja l-pandemija, l-attività tal-akkwist baqgħet stabbli fl-2020, meta mqabbla mal-2019. Il-figura turi l-qasma bejn it-tipi differenti ta' kuntratti, u tenfasizza speċjalment in-numru dejjem jikber ta' kuntratti speċifiċi u formoli tal-ordnijiet skont kuntratti qafas.

Figura 21: Proċeduri ta' akkwist matul il-perjodu 2014-2020



	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
■ Kuntratti diretti	16	12	5	18	11	13	12
■ Kuntratti qafas (mhux sistemi)	3	5	3	2	22	11	10
■ Kuntratti qafas (sistemi)	2	0	1	2	0	1	8
■ Ordnijiet ta' xiri	76	49	55	54	56	56	42
■ Kuntratti speċifiċi/formoli tal-ordni	118	195	278	338	476	559	576

## 2.4 Delega u subdelega tas-setgħat tal-implimentazzjoni tal-baġit lill-persunal tal-Aġenzija

F'konformità mar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, u b'mod partikolari mal-Artikoli 41 u 46, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni jiddelega s-setgħat tal-implimentazzjoni tal-baġit lill-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni b'delega. Id-Delega tas-Setgħat tiġi eżerċitata f'konformità mal-Karta għall-Uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni mid-Delegazzjoni, li fiha serje ta' kompiti u responsabbiltajiet għall-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni b'Delega. Dawn id-delegazzjonijiet jiġu applikati abbażi ta' matriċi

tas-sjieda tal-baġit, li hija stabbilita fi ħdan l-eu-LISA bħala l-allokkazzjoni tal-awtorità u r-responsabbiltà lill-persunal maħtur abbażi tal-funzjoni maniġerjali tiegħu fi ħdan l-organizzazzjoni fuq l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżorsi baġitarji fiċ-ċirkwiti finanzjarji kollha. Id-delega tas-setgħa hija pprovduta fil-livell tal-linja baġitarja għas-sorsi kollha ta' fondi u titwettaq minn persunal maħtur formalment għal dak ir-rwol minn deċiżjoni tal-ED sa ammont speċifiku (limitu finanzjarju massimu).

Matul is-sena finanzjarja 2020, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-eu-LISA ddelega s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-Viċi Direttur Eżekuttiv, lill-Kapijiet tas-Servizzi Korporattivi u lid-Dipartimenti Operazzjonali u lill-Kapijiet tal-Unitajiet. L-implimentazzjoni korretta ta' dawn id-delegazzjonijiet tiġi vverifikata fuq bażi annwali, matul il-validazzjoni perijodika tad-drittijiet ta' aċċess mogħtija fl-ABAC. Il-proċess jikkonsisti f'kontroverifika li d-drittijiet ta' aċċess mogħtija fl-ABAC huma konformi mad-delegazzjonijiet u r-responsabbiltajiet fdati, u jitwettaq mill-kapaċità tal-awditjar intern jiġifieri verifikatur newtrali skont ir-rekwiżiti.

## 2.5 Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani

Il-kisbiet ewlenin fil-qasam tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani fl-2020 huma deskritti fit-taqsimha 1.7.1. Din it-taqsimha tippreżenta l-kisbiet ewlenin f'oqsma differenti tar-riżorsi umani.

### 2.5.1 Ir-reklutaġġ

Ir-reklutaġġ kompli jkun attività ewlenija fl-2020, wara l-evoluzzjoni tal-Aġenzija.

Diversi proċeduri tal-għażla li nbdeu fl-2019 ġew konklużi fl-ewwel trimestru tal-2020, u fl-2020 ġew immedja 25 proċedura ta' selezzjoni ġdida. Fl-2020, l-Aġenzija rċeviet **2 497 applikazzjoni** għal 19-il proċedura ta' reklutaġġ magħluqa<sup>50</sup>. Diversi proċeduri li bdew fl-2020 għadhom miftuħa, u huma ppjanati li jiġu konklużi fit-tieni kwart tal-2021. L-għadd medju ta' applikazzjonijiet għal kull proċedura kien ta' **131.4**. Meta mqabbel mas-sena 2019 kien hemm **żieda ta' 35 % fl-għadd ta' applikazzjonijiet**. L-aktar għadd baxx ta' applikanti għal proċedura magħluqa kien ta' **39 applikazzjoni** għall-kariga ta' Uffiċjal għat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni fil-qasam tal-Arkitettura (AD5). L-għadd massimu ta' applikanti għal proċedura magħluqa kien ta' **297 applikazzjoni** għall-kariga ta' Assistent Amministrattiv/Amministrattiv Tekniku (FGIII). Bis-saħħa tal-isforzi biex jiġu ppubblikati l-postijiet tax-xogħol vakanti lil hinn mis-sit web tal-eu-LISA (eż. is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, Eurobrussels, LinkedIn eċċ.) l-Aġenzija rat żieda kwantitattiva u kwalitattiva fl-applikazzjonijiet.

Fejn kien possibbli, intużaw ir-raggruppament ta' profili u listi ta' riżerva itwal biex ikopru diversi karigi fi ħdan proċedura ta' reklutaġġ waħda. F'każijiet oħra, l-Aġenzija użat listi ta' riżerva validi diġà stabbiliti għall-istess grad/grupp ta' funzjonijiet u profil. L-użu ta' dawn il-metodi ġġenera kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza.

L-eu-LISA għamlet sforz konsiderevoli biex timla l-postijiet awtorizzati fl-2020. Madankollu, is-sena bdiet b'xogħol b'lura sinifikanti mill-2019 ikkawżat min-nuqqas ta' riżorsi fit-tim ta' reklutaġġ, dak iż-żmien magħmul minn żewġ aġenti ta' reklutaġġ biss sat-tielet kwart tal-2019. Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet lill-Aġenzija fis-sitwazzjoni mingħajr preċedent ta' lockdown u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tal-kandidati. Is-sitwazzjoni tal-kwarantana u ta' persuni esperjenzaw restrizzjonijiet fuq il-moviment (eż. għeluq tal-fruntieri nazzjonali) u l-interazzjoni fiżika fl-ispazji tax-xogħol ħolqu sitwazzjoni mhux tas-soltu fis-suq tax-xogħol u t-twassil limitat ta' servizzi essenzjali bħala parti mill-proċess ta' reklutaġġ fl-eu-LISA (eż. għeluq tas-servizzi mediċi ta' qabel l-impjeg tal-KE). Minħabba l-limitazzjonijiet tal-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19, il-kandidati magħżula ngħaqdu mal-Aġenzija b'dewmien konsiderevoli u f'għadd aktar baxx minn dak ippjanat.

Konsegwenza oħra tal-pandemija kienet il-mod kif twettaq il-proċess ta' reklutaġġ. Kien hemm bidla fid-direzzjoni opposta, minn reklutaġġ tradizzjonali wiċċ imb wiċċ għal proċess kompletament remot, b'intervisti u testijiet imwettqa permezz ta' sistemi tat-telekonferenzi. Din it-trasformazzjoni diġitali ta' proċeduri stabbiliti sew ibbażati fuq il-karti

<sup>50</sup> Lista ta' riżerva stabbilita.

kienet teħtieġ l-iżvilupp ta' arranġamenti speċjali, inkluż l-akkwist ta' applikazzjonijiet tal-IT ġodda (bħal Cammio għal intervisti fuq talba jew testijiet onlajn invigilati). Filwaqt li din il-bidla ġġenerat ammont ta' xogħol addizzjonali għall-ewwel, il-proċessi u l-għodod il-ġodda se jkomplu jiġġeneraw titjib fl-effiċjenza wara t-tmiem tal-pandemija.

Il-progress ta' reklutaġġ meta mqabbel mal-għadd ta' karigi awtorizzati huwa ppreżentat fit-Tabella 12.

**Tabella 12: Farsa ġenerali lejn il-mira u l-progress tar-reklutaġġ sal-31.12.2020**

Karigi TA fil-pjan ta' stabbiliment tal-2020	Karigi TA li imtlew	Karigi TA li imtlew + offerti ta' impjieg aċċettati	Awtorizzati fl-2020 (TA, CA, SNE)	Total ta' karigi mimlija	Postijiet mimlija + offerta ta' impjieg aċċettata
202 <sup>51</sup>	181	189	324	274	295
	89.6 %	93.6 %		84.6 %	91.0 %
200	181	189	322	274	295
	90.5 %	94.5 %		85.1 %	91.6 %

## 2.5.2 Tagħlim u żvilupp

### Il-ġestjoni tal-prestazzjoni

L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni u riklassifikazzjoni tnieda fil-ħin u tfassal mudell aġġornat dwar ir-riklassifikazzjoni u ġie ppreżentat lit-Tim ta' Ġestjoni tal-Aġenzija. L-elementi ta' evalwazzjoni komplew jittejjbu u jiġu allinjati mal-Qafas ta' Kompetenza u l-linji gwida ta' evalwazzjoni ġew kondiviżi biex tinħoloq standardizzazzjoni għal dan l-eżerċizzju. Ir-rapporti tal-perjodu ta' probazzjoni ġew segwiti kontinwament, biex jiġi żgurat li l-maniġers jirċievu appoġġ dedikat. Ġie żvilupp pjan ta' livell għoli biex jiġi aġġornat il-Qafas ta' Kompetenza u biex jiġi integrat fil-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA.

### Esperjenza ta' tmexxija

Ġie offrut appoġġ u taħriġ kontinwu dwar suġġetti tar-riżorsi umani (eż. tmexxija, prestazzjoni kulturali, kunflitti, perjodi ta' probazzjoni, relazzjonijiet mal-impjegati, eċċ.) lill-maniġers biex jiġi żgurat l-allinjament u l-valur miżjud fil-forma ta' sħubija kummerċjali mill-Unità tar-Riżorsi Umani. L-Aġenzija nediet Programm ta' Tmexxija komprensiv, imfassal skont il-ħtiġijiet u l-viżjoni tal-organizzazzjoni, biex jappoġġa lill-maniġers u biex ifassal it-tmexxija futura tal-eu-LISA għas-snin li ġejjin. Ingħata l-ewwel wieħed mit-tliet moduli u dan ippermetta lill-maniġers jifhmu l-oqsma ta' prijorità ta' kull livell ta' tmexxija, joħolqu fehma ċara dwar l-istrateġija u kif jappoġġaw l-eżekuzzjoni tagħha. Huma ntalbu wkoll jirriflettu fuq l-imġiba ta' tmexxija tagħhom stess u jitgħallmu kif jiżviluppaw strateġiji ġodda.

### Taħriġ Ibbażat fuq Kompetenza

B'kunsiderazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, ħafna mill-korsijiet ta' taħriġ ippjanati ġew ittrasferiti online u riprijorizzati. L-Aġenzija ffukat l-isforzi tagħha fuq il-benesseri tan-nies u l-appoġġ tal-maniġment permezz ta' attivitajiet ta' sħubija fin-negozju u kkwċjar. Fl-2020, b'kollox saru 50 attivitajiet ta' taħriġ b'total ta' 785 parteċipant f'dawn l-attivitajiet u attivitajiet online oħra li ġew organizzati. L-attivitajiet irċeview rata ta' sodisfazzjon ġenerali ta' 79 %.

### Esperjenza tal-impjegati

Sar stħarriġ matul il-perjodu ta' rapportar biex jitkejjel l-involvement tal-persunal. L-Aġenzija użat pjattaforma intelliġenti li tippermettilha li tieħu sjieda sħiħa tal-proċess, tawtomatizza diversi aspetti, bħal pereżempju biex tidentifika żoni bi problemi, biex tidentifika t-timijiet bl-aħjar prestazzjoni, tanalizza x'jagħmilhom produktivi, u tapplika

<sup>51</sup> Żewġ karigi fil-pjan ta' stabbiliment ġew ippjanati għar-riformulazzjoni tal-Eurodac. Peress li l-bażi ġuridika ma ġietx adottata, ma kienx possibbli li jsir reklutaġġ għal dawn il-karigi matul l-2020.



I-għarfien tagħhom għal timijiet oħra. Id-*data* nġabret b'mod anonimu bir-rata ta' parteċipazzjoni ġenerali ta' 86 % u indikat żieda fil-livell ta' involviment meta mqabbel mal-2018. Is-sejbiet ewlenin ġew ippreżentati lill-MB u lill-membri tal-persunal. Task force dedikata analizzat aktar ir-riżultati u pproponiet total ta' 18-il azzjoni.

L-Unità tar-Riżorsi Umani kompliet toffri l-aħjar esperjenza ta' on-boarding possibbli lill-persunal ġdid billi b'kolloz organizzat 40 sessjoni ta' on-boarding dwar il-modus sinkroniku, li kkomplementaw il-modulu online tal-on-boarding biex toffri soluzzjoni komprensiva ta' tagħlim imħallat, li tikkontribwixxi li 81 % tal-persunal ġdid kienu sodisfatti bl-esperjenza ġenerali tal-on-boarding matul l-ewwel ġimgħa u l-ewwel xahar tagħhom fl-eu-LISA.

Barra minn hekk, l-Unità tar-Riżorsi Umani bdiet tkejjel u tevalwa aktar elementi ta' esperjenza tal-impjegati, relatati ma' persunal ġdid u persuni li telqu mill-organizzazzjoni.

### Ir-relazzjonijiet u l-valuri tan-nies

Il-valuri tal-eu-LISA jixprunaw u jirfdu l-attivitajiet operattivi tagħha u kwalunkwe żvilupp strateġiku. Ingħata kors imfassal apposta dwar forom ta' fastidju sesswali u mhux sesswali lil persuni li jaħdmu fl-eu-LISA. Barra minn hekk, ġew organizzati sessjonijiet dwar il-prevenzjoni ta' fastidju sesswali u dak psikoloġiku f'kooperazzjoni mal-konsulenti kunfidenzjali tal-Aġenzija.

Fil-qafas tar-rispett u d-dinjità fuq il-post tax-xogħol ġew organizzati għadd ta' sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni. Il-persunal ġie infurmat permezz ta' sessjoni ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol tal-Kunsillieri Kunfidenzjali u tal-Unità tar-Riżorsi Umani. B'kolloz, 161 persuna attendew dawk is-sessjonijiet.

Barra minn hekk, l-Unità tar-Riżorsi Umani ħadet l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex issaħħaħ il-messaġġ li l-eu-LISA hija post ta' rispett.

### 2.5.3 Pjan ta' Stabbiliment u għadd ta' ħaddiema

Fl-2020, il-karigi awtorizzati tal-eu-LISA kienu jikkonsistu fit-tipi ta' karigi li ġejjin: 202 Aġenti Temporanji (TAs), 111-il Aġent Kuntrattwali (CAs) u 11-il Espert Nazzjonali Sekondat (SNEs), għal total ta' 324 kariga awtorizzata.

L-għadd ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment żdied bi 30 kariga meta mqabbel mal-2019. L-Anness IV juri l-Pjan ta' Stabbiliment tal-2020. L-għadd ta' karigi CA żdied bi 23 kariga, minn 88 għal 111, minħabba l-awtorizzazzjoni tal-baġit għall-kompiti l-ġodda allokat lill-Aġenzija (ETIAS u Interoperabbiltà). In-numru ta' karigi tal-SNEma nbidilx.

Fl-2020, ir-rata ta' okkupanza kienet ta' 89.6 % għall-għadd ta' impjegati tal-pjan ta' stabbiliment u 93.6 % inklużi offerti ta' impjieg maħruġa. Ir-rata ta' okkupanza għat-tipi kollha ta' karigi kienet 84.6 % u 91.0 % rispettivament li wriet titjib żgħir meta mqabbla mal-2019 (b'0.1 % sa 2.4 % rispettivament). Dan il-livell tar-rata ta' okkupanza ntlaħaq minkejja l-kundizzjonijiet li jaffettwaw ir-reklutaġġ (il-limitazzjonijiet tal-pandemija u għadd żgħir ta' uffiċjali tar-riżorsi umani).

F'termini ta' għadd ta' impjegati, fl-aħħar ta' Diċembru 2020, l-eu-LISA kellha 274 membru tal-persunal full-time: 181 TA, 83 CA u 10 SNE. Ħames interns ġew offruti Prattika professjonali fl-Aġenzija. It-tabella 13 turi l-għadd ta' membri tal-persunal skont it-tip ta' kuntratt u qsim bejn is-siti tal-Aġenzija.

**Tabella 13: Distribuzzjoni tal-persunal skont is-siti u t-tipi ta' kuntratti**

31 ta' Diċembru 2020	TA	CA	SNE	TOTAL
Tallinn	47	22	5	74
Strasburgu	133	60	4	197
Brussell	1	1	1	3
Total	181	83	10	274

27 % tal-persunal ġie impjegat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn u 72 % fis-sit tekniku tagħha fi Strasburgu. L-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell jirrappreżenta 1 % tal-persunal tal-Aġenzija.

Il-persunal tal-Aġenzija kien jirrappreżenta 22 nazzjonalità tal-istati membri tal-UE meta mqabbel ma' 21 nazzjonalità rrapreżentati fl-2019. 30 % tal-persunal (80) kienu nisa, filwaqt li 69.7 % (184) kienu rġiel. Dan juri titjib żgħir (1.3 %) tal-bilanċ bejn is-sessi meta mqabbel mal-2019 u żieda miżmuma meta mqabbel mal-2018.

### Indikaturi tal-Prestazzjoni fil-qasam tal-HR

L-Aġenzija stabbiliet indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) għal oqsma relatati mal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani, li jintużaw biex titkejjel il-prestazzjoni tal-Aġenzija f'oqsma differenti tal-ġestjoni tar-Riżorsi Umani.

Ir-rata ta' assenteiżmu tkejjel minn tliet indikaturi:

- Għadd medju ta' jiem ta' liv minħabba mard għal kull impjegat. Dan kien ta' 5.6 jiem għal kull membru tal-persunal, filwaqt li l-KPI fil-mira ma għandux jaqbeż 15-il jum għal kull impjegat.
- Il-perċentwal ta' persunal fuq liv tal-mard fit-tul. Dan kien ta' 4.4 %, filwaqt li mira ma għandiex taqbeż 10 % tal-persunal.
- Il-perċentwal tal-persunal li ma ħa l-ebda liv minħabba mard. Dan kien ta' 52.9 %, filwaqt li mira hija li jkun ogħla minn 15 % tal-persunal kollu.

Id-dawran tat-tluq tal-persunal kien ta' 3.7 % peress li seba' impjegati telqu mill-organizzazzjoni fl-2020. Dan hu anqas mill-mira ta' 5 % stabbilit għad-dawran. Il-kwartieri ġenerali ta' Tallinn kienu affettwati b'mod aktar qawwi peress li d-dawran tal-persunal laħaq is-6.5 %, li juri żieda ta' 1 % meta mqabbel mal-2019.

Il-perċentwal ta' persunal li jissottometti fil-ħin id-dikjarazzjoni ta' interess tiegħu kien ta' 82 % għal mira stabbilita għal aktar minn 80 %.

L-indiċi taż-żamma tat-talent, li jivvaluta l-prestazzjoni medja ta' persuni li jtilqu mill-Aġenzija meta mqabbla mal-prestazzjoni medja tal-persunal, laħaq iż-0.9, filwaqt li l-valur fil-mira kien stabbilit għal aktar minn żero. Dan il-KPI tkejjel għall-ewwel darba, għalhekk ma seta' jsir l-ebda tqabbil tad-*data*.

### Skemi ta' liv kumpensatorju

L-Aġenzija hi meħtieġa, skont il-paragrafu 28 tar-Rapport ta' Kwittanza tal-Parlament "Kwittanza 2011: prestazzjoni, ġestjoni u kontroll finanzjarju tal-Aġenziji tal-UE",<sup>52</sup> li tirrapporta l-għadd ta' ġranet ta' liv awtorizzat lil kull grad taħt l-iskemi tal-ħin flessibbli u tal-liv kumpensatorju.

Il-ħin flessibbli huwa mudell ta' ħidma prestabbilit applikat b'analoġija fl-eu-LISA f'konformità mar-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar il-ħin tax-Xogħol.<sup>53</sup> L-Aġenzija għandha mandat li toffri s-servizzi tagħha lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa (24 siegħa kuljum); dan ifisser li l-persunal jaħdem xiftijiet jew xogħol ta' stand-by. Interventi fuq is-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija minn żmien għall-ieħor jeħtieġu li x-xogħol jitwettaq barra mill-ħinijiet regolari tal-uffiċċju, inkluż billejl jew fi btajjel pubbliċi. Għalhekk, il-kumpens għas-sahra maħdum taħt il-ħin flessibbli jew waqt interventi ta' xogħol stand-by hu karatteristika inerenti fl-operat tal-organizzazzjoni.

It-tabella 14 turi n-numru ta' ġranet ta' liv mogħtija bħala kumpens għas-sahra, maqsum skont il-grupp ta' funzjonijiet, il-grad tal-membri tal-persunal, u n-numru medju ta' ġranet minn dawk kkumpensati.

**Tabella 14: Tqassim tal-liv kumpensatorju skont it-tip ta' liv u l-grad tal-persunal**

Grupp funzjonali u grad	Sahra kkumpensata	Stand-by ikkumpensat	ħin flessibbli kkumpensat
AD05	5.0	0.0	173.5
AD06	0.0	0.0	62.0
AD07	0.0	0.0	198.0

<sup>52</sup> P7\_TA(2013) 0134.

<sup>53</sup> Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin tax-Xogħol tal-15 ta' April 2015, C(2014) 2502 adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fil-15 ta' April 2015.

Grupp funzjonali u grad	Sahra kkumpensata	Stand-by ikkumpensat	Fin flessibbli kkumpensat
AD08	0.0	0.0	144.5
AD09	0.0	0.0	50.5
AD10	0.0	0.0	46.5
AD11	0.0	0.0	8.0
AD12	0.0	0.0	0.0
AD13	0.0	0.0	0.0
AD14	0.0	0.0	0.0
AD15	0.0	0.0	0.0
AD16	0.0	0.0	0.0
AST01	0.0	0.0	0.0
AST02	0.0	0.0	0.0
AST03	0.0	0.0	31.0
AST04	0.0	0.0	9.0
AST05	0.0	0.0	18.5
AST06	1.0	0.0	18.5
AST07	0.0	0.0	22.0
AST08	0.0	0.0	23.0
AST09	0.0	0.0	0.0
AST10	0.0	0.0	0.0
AST11	0.0	0.0	0.0
<b>Numru totali ta' ġranet</b>	<b>6.0</b>	<b>0.0</b>	<b>805.0</b>
<b>Numru ta' persuni</b>	<b>3</b>	<b>0</b>	<b>131</b>
<b>Numru medju ta' ġranet bil-liv kumpensatorju</b>	<b>6.05</b>		
GFI109	0.0	0.0	49.0
GFI110	0.0	0.0	21.0
GFI113	0.0	0.0	29.0
GFI114	0.0	0.0	116.0
GFI115	0.0	0.0	32.0
GFI116	0.0	0.0	33.5
GFI117.	0.0	0.0	4.0
GFI118.	0.0	0.0	2.0
<b>Numru totali ta' ġranet</b>	<b>0.0</b>	<b>0.0</b>	<b>286.5</b>
<b>Numru ta' persuni</b>	<b>0.0</b>	<b>0.0</b>	<b>62.0</b>
<b>Numru medju ta' ġranet bil-liv kumpensatorju</b>	<b>4.62</b>		
SNE	0.0	37.0	42.0

Grupp funzjonali u grad	Sahra kkompensata	Stand-by ikkompensat	Fin flessibbli kkompensat
Numru totali ta' ġranet	0.0	37.0	42
Numru ta' persuni	0	1	9
Numru medju ta' ġranet bil-liv kumpensatorju	4.67		
Numru TOTALI ta' ġranet	6.0	37.0	1 133.5
Numru TOTALI ta' persuni:	3.0	1.0	202.0
Numru medju ta' ġranet skont it-tip ta' liv	2.0	37.0	5.6
L-għadd medju globali ta' jiem ta' liv kumpensatorju	5.56		

### Deskrizzjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar/valutazzjoni komparattiva

Skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju Qafas (FFR) u l-metodoloġija miftiehma mill-Kapijiet ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija Ewropej, l-eu-LISA wettqet l-eżerċizzju ta' benchmarking annwali tagħha biex tidentifika l-proporzjon ta' persunal amministrattiv għal persunal operattiv.

L-Aġenzija tqis li distribuzzjoni tal-karigi u tal-persunal għal madwar 70 % tal-attivitajiet operattivi, 20 % għall-appoġġ u l-koordinazzjoni amministrattivi u 10 % għal attivitajiet (finanzjarji) newtrali tikkostitwixxi l-aħjar li tista' tintlaħaq.

Ir-riżultati tal-valutazzjoni komparattiva tal-2020 ma juru kważi l-ebda bidla (0.1 %) fil-perċentwal tal-karigi operazzjonali (minn 72.4 % għal 72.5 %), filwaqt li d-distribuzzjoni interna fil-kategorija operazzjonali nbidlet ftit mill-attivitajiet operattivi ġenerali (tnaqqis ta' 1.1 %) għall-ġestjoni tal-programm (żieda ta' 0.9 %) u koordinazzjoni tal-ogħla livell (żieda ta' 0.3 %). Dan huwa minħabba li ġew assenjati kompiti ġodda lill-Aġenzija li kienu jeftieġu żieda ta' għadd ta' persunal għall-ġestjoni tal-proġetti u biż-żieda ġenerali tal-għadd ta' persunal fl-operazzjonijiet, ġew stabbiliti l-unitajiet u l-karigi l-ġodda għall-Kapijiet ta' unita' Il-perċentwal ta' karigi amministrattivi u ta' koordinazzjoni naqas ftit bl-istess ċifra (0.1 %) minn 16.6 % għal 16.5 %. Il-perċentwal ta' pożizzjonijiet newtrali baqgħu fl-istess livell.

Il-proporzjon tat-tip ta' appoġġ amministrattiv ta' karigi u tat-tip operazzjonali ta' karigi applikati għall-appoġġ estern juri wkoll bidla żgħira b'madwar 1 %. Aktar servizzi ta' appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni ġew esternalizzati, b'żieda minn 51.2 % għal 52.2 %, filwaqt li għal attivitajiet operattivi dan naqas minn 43.5 % għal 42.4 %. Is-sehem ta' karigi newtrali fis-servizzi esterni żdied minn 5.2 % għal 5.4 %.

It-tabelli f'Anness IV juru r-riżultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar tal-2020. Fl-istess anness huma elenkati wkoll ir-regoli implimentati tal-HR adottati fl-2020.

## 2.6 Strateġija għall-gwadanni fl-effiċjenza

L-objettivi ta' politika stabbiliti għall-2020 kellhom jintlaħqu filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet li jaffettwaw il-baġit tal-eu-LISA u r-riżorsi umani disponibbli għall-kompiti mwettqa. Il-miżuri ewlenin li jindirizzaw il-kwistjoni ta' distakk bejn ir-riżorsi umani disponibbli u l-objettivi li għandhom jintlaħqu mill-Aġenzija ġew applikati hekk:

- L-internalizzazzjoni ta' 25 kariga li fl-aħħar snin ġew esternalizzati wara l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA ppermettiet operazzjoni aktar effettiva billi naqqset jew solviet kwistjonijiet u riskji organizzazzjonali billi tat drittijiet ta' aċċess rilevanti, eżerċitat il-kontroll intern u pprovdiet jew żgurat l-għarfien espert.
- B'mod parallel, l-Aġenzija kompliet tuża kuntratt qafas għal servizzi ta' appoġġ estern, peress li dan wera li huwa effettiv sabiex tittratta l-kompiti rilevanti u tikseb l-objettivi tagħha fuq bażi ta' żmien qasir.

- Fir-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali, inkiseb titjib fl-effiċjenza permezz tal-użu tal-listi ta' riżerva maħluqa matul il-proċeduri tal-għażla mwettqa fl-2019 sabiex jimtlew il-karigi mogħtija fl-2020. Kien hemm 27 reklutaġġ bħal dan.
- Diġà jista' jiġi osservat xi titjib fl-2020 bit-tnedija tal-modulu tal-ġestjoni tal-ħin ta' Sysper lill-persunal tal-eu-LISA. Kemm għall-persunal kif ukoll għall-manigġers, dan iffaċilita l-flussi tax-xogħol tal-approvazzjoni tat-talbiet għal-liv, it-talbiet għat-telexogħol u r-rekords tal-ħin. Huwa appoġġa wkoll bidla lejn ambjent mingħajr karti.

Fl-2020, l-Aġenzija segwiet diversi inizjattivi ewlenin, li huma mistennija li jipprovdu kontribuzzjonijiet sinifikanti f'termini ta' kisbiet fl-effiċjenza fis-snin li ġejjin: il-programm ta' trasformazzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA 2.0 (paġna 56), il-bidu tal-qafas tal-inġinerija trasversali (paġna 31) u l-iżvilupp tas-CSI (paġna 45).

L-eu-LISA bdiet tifformalizza l-istrategġija tagħha għall-kisbiet fl-effiċjenza: hi se twieġeb għall-ħtiġijiet għal titjib fil-ġestjoni tal-proċessi, l-ottimizzazzjoni fl-użu tar-riżorsi umani u l-ottimizzazzjoni tal-governanza u tal-istruttura organizzazzjonali.

## 2.7 Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar u tal-ewalwazzjoni ex post

### 2.7.1 Servizz ta' Awditjar Intern (IAS)

#### Il-ġestjoni tas-sigurtà tal-IT fl-eu-LISA

L-objettiv tal-awditu kien li jivvaluta l-adeqwatezza tad-disinn u l-effettività u l-effiċjenza tal-proċessi li l-eu-LISA implimentat biex tiġġestixxi u tikkontrolla s-sigurtà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tagħha, imsejħa wkoll sistemi ewlenin tan-negozju (CBS). L-awditu kellu l-għan li jagħti lill-Aġenzija assigurazzjoni li l-proċessi u l-proċeduri tas-sigurtà tal-IT jiproteġu b'mod effettiv u effiċjenti l-informazzjoni relatata, is-sistemi tal-IT u n-networks ta' komunikazzjoni. B'mod partikolari, dan kien jinkludi l-valutazzjoni ta':

- l-adeqwatezza tal-organizzazzjoni interna tal-IT għal finijiet ta' sigurtà tal-IT;
- l-adeqwatezza tal-kontrolli biex jiġi żgurat li s-software tal-produzzjoni jinżamm aġġornat fir-rigward tal-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà, kif ukoll il-prattiki tal-iżvilupp tas-software għal applikazzjonijiet ġodda li jintegraw il-prattiki tas-sigurtà fl-istadji kollha;
- l-adeqwatezza tas-servizzi tas-sigurtà tal-IT biex jiġu indirizzati l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni maħżuna u pproċessata permezz tas-CBS;
- l-eżekuzzjoni xierqa tal-operazzjonijiet tas-sigurtà tal-IT fir-rigward tas-CBS.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-awditu kien ikopri valutazzjoni tal-proċessi u l-attivitajiet tas-sigurtà tal-IT relatati mas-CBS fl-operazzjonijiet (SIS II, VIS/BMS, Eurodac) u li qed jiġu żviluppati (EES, ETIAS, ECRIS-TCN, komponenti tal-interoperabbiltà). Ma kien hemm l-ebda osservazzjoni/riżervazzjoni fil-CAAR tal-eu-LISA tal-2019 li kienet relatata maż-żona/mal-proċess awditjat.

L-istħarriġ sar mill-bogħod, u ġie ffinalizzat fl-20 ta' Novembru 2020. Ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu se jinħarġu fl-2021.

#### Ir-reklutaġġ tal-persunal, il-ġestjoni u l-impenn tal-fornituri tas-servizzi strutturali (SSPs) u tal-etika organizzazzjonali<sup>54</sup>

L-objettiv tal-awditu kien li tiġi vvalutata l-adeqwatezza tas-sistemi ta' kontroll intern stabbiliti mill-eu-LISA għall-għażla u r-reklutaġġ tal-persunal, il-ġestjoni tal-fornituri tas-servizzi strutturali u l-etika organizzazzjonali. L-awditu ffoka fuq is-snin finanzjarji 2018 u 2019.

<sup>54</sup> Silta mir-rapport Finali tal-awditjar dwar ir-reklutaġġ, il-ġestjoni u l-involvement tal-persunal tal-fornituri tas-servizzi strutturali u l-etika organizzazzjonali fir-Rapport tal-Awditjar tal-IAS tal-eu-LISA IAS.A2-2019-EU-LISA-001, ref. Ares(2020)2917223 – 05/06/2020

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-awditu kopra l-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tal-Aġenzija, l-ippjanar u l-ġestjoni ta' fornituri tas-servizzi strutturali użati biex jipprovdu servizzi kuntrattati (kif indikat fil-qafas relatat u f'kuntratti speċifiċi) u l-qafas etiku fis-seħħ.

L-awditu ma kienx ikopri l-proċessi ewlenin tal-ġestjoni tar-riżorsi umani inklużi l-ippjanar u l-allokazzjoni tal-persunal, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-promozzjoni, u t-taħriġ tal-persunal. Dawn il-proċessi kienu koperti f'involvement tal-awditjar fl-2016. Il-ġestjoni tal-kuntratti finanzjarji u l-proċeduri ta' akkwist relatati mal-ikkuntrattar ta' fornituri tas-servizzi strutturali ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni.

Il-ħidma fuq il-post fl-Aġenzija ġiet iffinalizzata fit-18 ta' Ottubru 2019. L-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha jirrelataw mas-sitwazzjoni minn dik id-data.

L-awdituri nnotaw l-organizzazzjoni tajba ħafna tar-reklutaġġ u tal-fajls personali, l-adeqwatezza tal-miżuri ta' sigurtà adottati għall-ħżin tagħhom u, b'mod ġenerali, evidenza ċara ta' volumi ta' xogħol sinifikanti ġestiti minn persunal iddedikat.

### Konklużjoni tal-awditjar u sejbiet ewlenin tal-awditjar

L-IAS ikkonkluda li, fil-kuntest diffiċli ta' tkabbir rapidu, b'mod ġenerali l-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Aġenzija kienu jikkonformaw mal-oqfsa regolatorji fis-seħħ u s-sistemi ta' kontroll intern għall-ġestjoni tal-għażla u r-reklutaġġ tal-persunal u l-etika organizzazzjonali huma adegwati. L-Aġenzija mmaniġġjat ukoll il-fornituri tas-servizz strutturali tagħha f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti qafas ta' servizz rispettivi. Madankollu, xorta kien hemm nuqqasijiet importanti ħafna fir-rigward tal-proċessi għall-valutazzjoni tar-reqwiżiti tar-riżorsi umani u n-nuqqas ta' assigurazzjonijiet legali (nazzjonali) dwar l-involvement tal-fornituri tas-servizzi strutturali. F'dan ir-rigward, l-awdituri identifikaw iż-żewġ kwistjonijiet "importanti ħafna" li ġejjin:

- **Valutazzjoni tal-ħtiġijiet tar-riżorsi umani:** L-Aġenzija tkopri l-ħtiġijiet tar-riżorsi umani tagħha permezz ta' taħlita ta' persunal u fornituri ta' servizzi strutturali. Meta mqabbel ma' aġenziji oħra, il-proporzjon ta' fornituri ta' servizzi strutturali huwa għoli u barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi strutturali ma jintużawx biss għal dmirijiet temporanji jew ad hoc iżda wkoll għal kompiti operazzjonali u/jew amministrattivi ewlenin. Il-ġustifikazzjoni għal-livell attwali ta' persunal u fornituri ta' servizzi strutturali kif ukoll l-istrateġija li tiddefinixxi l-kompiti li jistgħu jew li ma jistgħux jitwettqu mill-fornituri ta' servizzi strutturali nstabet pjuttost dgħajfa. L-Aġenzija pprovdiet lill-awdituri b'abbozz ta' strateġija tal-akkwist, li fiż-żmien tal-awditu ma kienx formalment validat mill-maniġment superjuri jew mill-bord maniġerjali. Barra minn hekk, l-Aġenzija ma sarrfitx l-abbozz tal-istrateġija tal-akkwist fi pjanijiet ta' ħidma dettaljati biex tiddetermina l-livelli ottimali ta' persunal u fornituri ta' servizzi strutturali li teħtieġ biex tilħaq l-oġettivi tagħha.
- **Assigurazzjonijiet legali li jikkonċernaw l-użu ta' fornituri ta' servizzi strutturali:** L-Aġenzija għad trid tikseb assigurazzjonijiet legali rigward diversi aspetti tar-relazzjonijiet ta' ħidma tagħha mal-fornituri ta' servizzi strutturali.

Biex tindirizza r-riskji u l-kwistjonijiet enfasizzati mill-awdituri, l-Aġenzija stabbiliet pjan ta' azzjoni<sup>55</sup> u ssorveljat l-implimentazzjoni tiegħu b'mod regolari.

## 2.7.2 Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)

### Awditu tas-SIS u tal-VIS

F'Novembru 2018, l-EDPS wettaq awditu għas-SIS u għall-VIS f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti tal-awditjar. L-għan tal-ispezzjoni tal-EDPS kien li tivverifika li l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data* personali tal-eu-LISA, bħala l-Awtorità ta' Ġestjoni għaż-żewġ sistemi, huma f'konformità mar-regolament applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

55 Pjan tal-Azzjoni tal-eu-LISA, ref. Ares(2020)3992866 - 29/07/2020.

Ir-rapport finali tal-EDPS wasal f'April 2020 u kien fih 43 rakkomandazzjoni. L-eu-LISA ttrasponiet ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-EDPS fi Pjan ta' Azzjoni. L-UPD jimmonitorja l-progress tal-implimentazzjoni tiegħu u, minħabba f'hekk, jorganizza sessjonijiet ta' segwitu trimestrali mal-persunal responsabbli. Is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet bid-data ta' skadenza tal-ewwel trimestru tal-2020 sar matul Mejju 2020. F'Lulju 2020 sar segwitu għar-rakkomandazzjonijiet bl-iskadenza tat-tieni trimestru tal-2020, u f'Ottubru 2020 għal dawk ir-rakkomandazzjonijiet bl-iskadenza tat-tielet trimestru tal-2020. Huwa ppjanat li r-rakkomandazzjonijiet li għandhom l-iskadenza tar-raba' trimestru tal-2020 jiġu rieżaminati f'Jannar 2021. L-eu-LISA ikkomunikat mal-EDPS kull tliet xhur sabiex taġġorna b'mod proattiv dwar il-progress u l-istatus tar-rakkomandazzjonijiet.

### Spezzjoni tal-Eurodac

Fil-bidu ta' Diċembru 2019, l-EDPS wettaq spezzjoni fuq il-Eurodac. L-abbozz tar-rapport tal-EDPS dwar l-ispezzjoni tal-Eurodac tal-2019 wasal fit-tieni nofs ta' Novembru. F'konformità mar-Regolament ta' stabbiliment tagħha, l-Aġenzija rrieżaminat ir-rapport u organizzat konsultazzjoni mal-AG tal-Eurodac u mal-MB lejn l-aħħar tas-sena. FI-2021, l-inputs kollha se jiġu kkonsolidati biex jipproċedu bl-adozzjoni tal-kummenti formali tal-MB.

### 2.7.3 Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)

#### Proġett għat-tieni estensjoni tas-sit tekniku fi Strasburg<sup>56</sup>

L-obiettivi tar-rieżami kien li tiġi pprovduta assigurazzjoni raġonevoli, oġġettiva u raġonevoli li l-kontrolli tal-Proġett huma adegwati u effettivi, ir-riskji qed jiġu ġestiti kif xieraq, u l-obiettivi tal-Proġetti qed jintlaħqu (għal dak li kien ipplanat li jitwettaq sa Settembru 2020).

Il-kamp ta' applikazzjoni kien jinkludi:

- Tagħlimiet meħuda minn proġett simili preċedenti,
- Il-konformità tal-proġett mar-regolamenti, mad-deċiżjonijiet, mar-regoli u mal-metodoloġiji applikabbli,
- Proċess ta' ġestjoni tar-riskji stabbilit għall-proġett.

Il-Bord tal-Proġett stenna li jirċievi mill-programmatur (jiġifieri kuntrattur) stima finanzjarja aktar preċiża (jiġifieri preċiżjoni ta' + -20 %) sal-aħħar tas-sena 2020. Għal din ir-raġuni, il-kost tal-proġett (jiġifieri l-metodi ta' stima, il-linja bażi, it-tolleranza, il-monitoraġġ u r-rapportar) ma kienx inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-awditu.

Abbażi tar-riżultati tar-rieżami, il-Kap tal-IAC ikkonkluda li l-kontrolli interni stabbiliti għall-proġett kienu adegwati u effettivi, u pprova assigurazzjoni raġonevoli li r-riskji ġew ġestiti b'mod xieraq. L-awditu kkonkluda li l-obiettivi tal-proġetti ntaħqu, għal dak li kien ipplanat li jitwettaq sa Settembru 2020, ħlief kwistjoni importanti ħafna ta' nuqqas ta' konformità: il-provvista tal-maniġer tal-proġett għal konsulenza esterna. Wara l-awditu, il-bord tal-proġett stabbilixxa pjan ta' azzjoni xieraq<sup>57</sup> b'reazzjoni għall-kwistjoni enfasizzata.

#### Ġestjoni tal-proġetti tas-sistema ċentrali tal-EES<sup>58</sup>

L-IAC, appoġġata minn tim tal-awditjar tal-EY, bdiet l-awditu f'Diċembru 2019 u wettqitu fl-ewwel trimestru tal-2020. L-awditu rrieżamina l-proċessi u l-kontrolli fis-seħħ relatati mat-tliet objettivi li ġejjin:

- L-allinjament tal-viżjoni u tal-obiettivi bejn l-Istati Membri (MS) (utenti finali tal-EES), it-tim tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA (utenti tas-sistema ċentrali tal-EES) u t-timijiet tal-eu-LISA tal-programm u tal-proġetti responsabbli għar-riżultati tanġibbli tal-EES;
- L-allinjament tal-proġett mal-SPDs tal-Aġenzija u l-metodoloġija ta' ġestjoni tal-proġetti;
- L-effettività u l-effiċjenza tal-prattiki relatati tal-ġestjoni tar-riskju.

<sup>56</sup> Rapport tal-IAC, ref. Ares (2020)7030632 - 23/11/2020.

<sup>57</sup> Pjan ta' Azzjoni, ref. Ares(2020)7454012 - 09/12/2020

<sup>58</sup> Rapport Finali tal-IAC, ref. Ares (2020)3103765 - 15/06/2020.

Abbażi tar-riżultati tal-awditu, il-Kap tal-IAC ikkonkluda li l-kontrolli interni mfassla u stabbiliti għall-proġett tas-sistema ċentrali tal-EES kienu adegwati u effettivi, u pprova assigurazzjoni raġonevoli rigward il-kisba tal-oġġettivi ta' kontroll tal-proġett, ħlief għall-kwistjonijiet *importanti ħafna* li ġejjin:

- baġit;
- governanza u organizzazzjoni tal-proġett;
- il-ġestjoni tal-bejjieġha;
- il-konformità tal-proġett mal-bażi ġuridika u mal-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tal-eu-LISA;
- il-Ġestjoni tar-riżorsi

Wara l-awditu, l-Aġenzija stabbiliet pjan ta' azzjoni.<sup>59</sup>

### Il-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-ABAC<sup>60</sup>

L-IAC wettaq rieżami pilota tal-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess tal-ABAC<sup>61</sup> fl-eu-LISA. Ir-riżultati għe rakkomandat mid-DĠ Baġit<sup>62</sup> biex jitwettaq annwalment mill-kapaċità tal-awditjar intern, bħala verifikatur newtrali. Il-Kap tal-IAC aċċettah, abbażi ta' approvazzjoni mill-ED u mill-MB.

Sabiex tappoġġa ċ-ċirkwit finanzjarju tagħha, l-Aġenzija tuża s-sistema ABAC. Id-DĠ Baġit huwa responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema ABAC f'konformità mal-istruzzjonijiet u l-politika dwar l-ipproċessar tad-*data* stabbiliti mill-Kummissjoni. Sabiex wieħed jaċċessa l-ABAC, id-drittijiet tal-utenti inkluża l-ispeċifikazzjoni tar-rwol tal-utent għandhom jintalbu u jingħataw mid-DĠ Baġit abbażi ta' FLS bejn id-DĠ Baġit u l-eu-LISA ffirmat fid-09/03/2020. Il-komunikazzjoni tar-rwoli operazzjonali tal-ACAB lid-DĠ Baġit issir bil-FLS.

L-oġġettiv kien li tiġi pprovduta assigurazzjoni indipendenti u oġġettiva dwar il-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess tal-ACAB fl-eu-LISA. Il-kamp ta' applikazzjoni kopra l-attivitajiet li ġejjin:

- Twettqet validazzjoni perġodika (tal-anqas fuq bażi annwali) tal-konformità tad-drittijiet ta' aċċess tal-ABAC (il-fluss tax-xogħol tal-ABAC, il-kontabilità tal-ABAC u r-rapportar tal-ABAC) fl-isfond tar-responsabbiltajiet fdati lill-utent f'konformità mal-proċeduri permanenti fis-seħħ;
- Twettqet valutazzjoni tar-riskju fil-qasam tad-drittijiet ta' aċċess mogħtija skont il-kuntest, il-proċeduri u l-istandards ta' kontroll applikabbli għall-eu-LISA; b'mod partikolari, fir-rigward tas-segregazzjoni tad-dmirijiet u l-konfigurazzjoni taċ-ċirkwiti finanzjarji;
- Meta jkun jeħtieġ li jittieħdu miżuri korrettivi fil-livell ċentrali, ikkuntattja lill-Maniġer tal-Awtorizzazzjoni Ċentrali għal rimedju.

Matul l-awditu, ir-riżultati ġew diskussi b'mod estensiv mal-Unità tal-Finanzi u l-Akkwisti (FPU) qabel ma ġew integrati fir-rapport tal-awditjar dettaljat finali<sup>63</sup>.

Abbażi tar-riżultati ta' dan ir-riżami pilota, il-Kap tal-IAC ikkonkluda li l-kontrolli interni stabbiliti għall-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess tal-ABAC fl-eu-LISA huma adegwati u effettivi u jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li r-riskji qed jiġu ġestiti b'mod xieraq. Il-Kap tal-IAC ivalida wkoll il-konformità tad-drittijiet ta' aċċess tal-ABAC mar-responsabbiltajiet fdati lill-utent f'konformità mal-proċeduri permanenti fis-seħħ fis-27/07/2020. Wara l-awditu, il-persuna awditjata stabbiliet pjan ta' azzjoni xieraq.<sup>64</sup>

<sup>59</sup> Pjan ta' Azzjoni, ref. Ares(2020)3853768 - 22/07/2020.

<sup>60</sup> Rapport tal-IAC, ref. Ares (2020)7820454 - 21/12/2020.

<sup>61</sup> L-ABAC (Sistema tal-Kontabilità fuq il-Bażi tad-Dovuti) hija s-sistema ta' informazzjoni korporattiva li tippermetti l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ ta' kuljum tal-operazzjonijiet baġitarji u kontabilistiċi kollha mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni, mill-Aġenziji u mill-Istituzzjonijiet. Is-sistema għet żviluppata mill-Kummissjoni u tinkludi sett komplut ta' karatteristiċi biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament Finanzjarju u mar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

<sup>62</sup> P. 11 Rwoli u Responsabbiltajiet tas-Sistemi Finanzjarji Ares(2017)3437526 – 07/07/2017

<sup>63</sup> Fis-16/11/2020, l-IAC ikkomunikat ir-riżultati inizjali lill-FPU (ref. abbozz tar-rapport tal-awditjar , eu-lisa.iad(2020)7644054) li vvalidat is-sejbiet u ssuġġeriet pjan ta' azzjoni xieraq. Fil-21/12/2020, l-IAC ikkomunikat ir-rapport tal-awditjar finali dettaljat (ref. Ares(2020) Ares(2020)7820454 - 21/12/2020) lill-Kap tal-FPU u lil partijiet ikkonċernati interni rilevanti oħra.

<sup>64</sup> Rapport tal-awditjar finali dettaljat u Pjan ta' Azzjoni, ref. Ares(2020) Ares(2020)7820454 - 21/12/2020.



## 2.7.4 Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)

### Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2019<sup>65</sup>

Fl-2020, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) iffinalizzat l-awditu tas-soltu fuq il-Kontijiet Annwali tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2019. Il-Qorti awditjat:

- a) il-kontijiet tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji<sup>66</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit<sup>67</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u
- b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti ta' dawk il-kontijiet.

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 **jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha**, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabilità għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul u l-pagamenti sottostanti għall-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 **huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha**.

Madankollu, il-Qorti għamlet tliet kummenti li ma jgħolqux dubji dwar l-opinjoni ta' hawn fuq, li s-sommarju tagħhom huwa ppreżentat hawn taħt:

#### *Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet*

- pagament wieħed ta' EUR 284 000 kien jirreferi għal perjodu ta' żmien li mhuwiex kopert mid-durata tal-kuntratt qafas, u b'risultat ta' dan, ma kienx konformi mad-dispożizzjoni kuntrattwali,
- Fi proċedura waħda ta' reklutaġġ, il-Qorti enfasizzat nuqqasijiet fil-valutazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà, li wasslu għat-trattament mhux ugwali tal-kandidati,

#### *Osservazzjonijiet dwar il-Ġestjoni Baġitarja*

- L-Aġenzija, flimkien mal-Kummissjoni, għandha ttejjeb l-allinjament tal-ippjanar baġitarju mat-twaqqit tal-atti legali relatati.

### Rapport Speċjali dwar il-Futur tal-Aġenziji tal-UE

F'Ottubru 2020, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-rapport tagħha "Rapport Speċjali dwar il-Futur tal-Aġenziji tal-UE – Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni".<sup>68</sup> Għall-ewwel darba, il-QEA vvalutat kemm l-UE kienet ippermettiet lill-aġenziji jwettqu l-politiki tagħha għall-ġid pubbliku. L-aġenziji deċentralizzati tal-UE huma korpi rregolati mil-liġi pubblika Ewropea u mgħammra bil-personalità ġuridika tagħhom stess, li jiddistingwuhom mill-istituzzjonijiet tal-UE. 37 Aġenzija tal-UE jinsabu fi 23 Stat Membru u jservu firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' interess għaċ-ċittadini tal-UE. Fl-2018, il-baġit annwali totali tagħhom ammonta għal EUR 4 biljun (ekwivalenti għal 2.8 % tal-baġit ġenerali tal-UE) u l-aġenziji kollha flimkien impjegaw total ta' 8 957 membru tal-persunal (13.4 % tal-persunal kollu li jaħdem għall-UE).

Wara li ffukat fuq il-prestazzjoni ta' aġenziji individwali fil-passat, il-QEA identifikat żewġ kriterji ewlenin għall-Aġenziji kollha tal-UE biex jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għall-politika tal-UE. L-ewwel nett, l-awdituri eżaminaw jekk iċ-ċiklu tal-ħajja tal-aġenziji kienx flessibbli biżżejjed biex iservi l-qasam ta' politika rilevanti tal-UE u l-kooperazzjoni

<sup>65</sup> Silta mir-rapport tal-QEA dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispezzjoni ta' liberta, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2019. Ir-rapport ġie ppubblikat fit-22.10.2020 fuq is-sit web tal-QEA.

<sup>66</sup> Dawn jinkludu l-karta bilanċjali u r-rapport tal-introitu, it-tabella tal-fluss ta' flus, id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti ta' spjegazzjoni oħrajn.

<sup>67</sup> Dawn jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

<sup>68</sup> Sommarju Eżekuttiv mir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 22/2020 Il-Futur tal-Aġenziji tal-UE – Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni ppubblikat fit-23.10.2020 fuq is-sit web tal-QEA

Ewropea f'xenarju globali li qed jinbidel. F'dan ir-rigward, huma identifikaw nuqqas ta' flessibilità fil-mod kif l-aġenziji jiġu stabbiliti, jiffunzjonaw u, jekk ikun meħtieġ, jiġu stralċjati. F'xi oqsma ta' politika hemm bosta aġenziji, li jistgħu jwasslu għal trikkib bejn il-mandati u/jew l-attivitàjiet tagħhom. It-tieni nett, l-awdituri eżaminaw sa liema punt l-aġenziji aġixxew bħala ċentri ta' għarfien espert u networking għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, u sabu li l-potenzjal tagħhom mhuwiex sfruttat bis-sħiħ.

B'mod ġenerali, l-awdituri rakkomandaw li l-Kummissjoni u l-aġenziji jiżguraw ir-rilevanza, il-koerenza u l-flessibilità tat-twaqqif tal-aġenziji; jallokaw ir-riżorsi b'mod aktar flessibbli; itejbu l-governanza, ir-responsabbiltà u r-rapportar dwar il-prestazzjoni; u jsaħħu r-rwol tal-aġenziji bħala ċentri ta' għarfien espert u ta' networking fl-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom.

## 2.8 Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi

F'konformità ma' deċiżjoni tal-ED<sup>69</sup>, l-IAC ġabret aġġornamenti mis-sidien tar-rakkomandazzjoni u ġabret rapporti ta' monitoraġġ. L-IAC ippreżenta r-rapporti li ġejjin matul is-sena:

- L-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar mill-31/12/2019, dokument 2020-055 taħt il-punt B.9 tal-aġenda tat-22 laqgħa tal-MB fil-21/03/2020;
- L-istatus tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar pendenti fit-30/04/2020, id-dokument 2020-192 taħt il-punt B.15 tal-aġenda tat-tlieta u għoxrin laqgħa fis-26/06/2020;
- L-istatus tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar pendenti fil-31/10/2020, id-dokument 2020-359 taħt il-punt A.25 tal-aġenda tal-25 laqgħa tal-MB fl-24/11/2020;
- L-istatus tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-awditjar fil-31/12/2020, id-dokument 2021-075 taħt il-punt A.23 tas-27 laqgħa fis-16/03/2021.

Ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar għas-sena 2020<sup>70</sup> hija ta' **65%** (jiġifieri 24 rakkomandazzjoni implimentati / 37 dovuti). L-istatus tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar fil-31 ta' Diċembru 2020 huwa miġbur fil-qosor fit-Tabella 15.

**Tabella 15: Status tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar**

Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, tal-IAC u tal-QEA skont il-klassifikazzjoni	Total miftuħ għall-2020	Fil-proċess	Implimentat	Skadut	Magħluq fl-2020	Total miftuħ fi tmiem tal-2020
Kritiku	0	0	0	0	0	0
Importanti ħafna	33	4	18	9	14	19
Importanti	14	4	6	4	2	12
<b>Total</b>	<b>47</b>	<b>8</b>	<b>24</b>	<b>13</b>	<b>16</b>	<b>31</b>

Noti:

Għall-fini ta' monitoraġġ, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-QEA huma klassifikati bħala "Importanti ħafna"

**Fil-proċess:** L-implimentazzjoni tkompli għaddejjja skont il-pjan. Skadenza mhix dovuta jew pjan ta' azzjoni ġdid / skadenza miftiehma mal-awditur.

69 Id-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv, għall-Adozzjoni ta' sistema ta' rapportar obbligatorju lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Kap tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern dwar is-suġġett tal-progress li sar fil-qasam tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u / jew is-sejbiet, ref Ares(2018)6152498 - 30/11/2018.

70 Id-dettalji huma disponibbli fir-Rapport ta' Monitoraġġ dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar pendenti fil-31 ta' Diċembru 2020 (ref Dokument MB 2021-075).

**Implimentata:** Din hija dikjarazzjoni minn sid ir-rakkomandazzjoni. Il-kwistjoni hija lesta għas-segwitu tal-awditur bil-ħsieb li tingħalaq.

**Skadut:** L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni għadha għaddejja iżda ma ntlaħqitx sal-iskadenza miftiehma.

**Magħluqa:** L-awditur formalment għalaq il-kwistjoni.

**Kritiku:** Nuqqas fundamentali fil-proċess awditjat li huwa ta' detriment fil-livell ta' entità.

**Importanti ħafna:** Nuqqas fundamentali fil-proċess awditjat li huwa ta' detriment għall-proċess kollu.

**Importanti:** Nuqqas sinifikanti fil-proċess sħiħ awditjat jew nuqqas fundamentali f'parti sinifikanti tal-proċess awditjat.

Ir-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-awditjar jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Il-finalizzazzjoni tal-ħruġ tal-Istrateġija tal-Akkwist u t-tfassil tal-proċess tal-Ġestjoni tal-Kuntratti (2015);
- Il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-Operazzjonijiet tal-IT (2016);
- Il-finalizzazzjoni tal-istabbiliment ta' kontrolli interni fl-Akkwist (2017);
- L-organizzazzjoni tal-proċess tal-ġestjoni tal-assi tal-IT (2018).

Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li l-Aġenzija ħadet wara l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fis-snin preċedenti, is-sitwazzjoni hija hekk:

**Tabella 16: L-istatus ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet li jindirizzaw l-osservazzjonijiet magħmula mill-QEA**

Sena	Osservazzjoni	Status	Azzjonijiet meħudin mill-Aġenzija
2013/ 2015	Il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen jikkontribwixxu għall-finanzjament tan-nefqa operazzjonali tal-Aġenzija, iżda mhux għan-nefqa għall-persunal u dik amministrattiva.	Komplut	M/A
2017	Attwalment, l-eu-LISA timmaniġġja tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira separati u mhux integrati (SIS II, VIS u Eurodac) li kollha jitrattaw <i>data</i> fil-qasam ta' politika tal-Unjoni relatat mal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Approċċ ta' dan it-tip jista' jipprevjeni lill-Aġenzija milli tikseb ekonomiji ta' skala u sinerġiji bejn is-sistemi differenti.	Għadha għaddejja (mhux taħt il-kontroll tal-Aġenzija)	L-eu-LISA se tkompli tintegra s-sistemi kollha taħt il-ġestjoni tagħha sal-livell permess mill-istrumenti legali, billi tuża pereżempju infrastruttura kondiviża komuni jew tistabbilixxi standards arkitettoniċi.
2017	L-Aġenzija tippubblika avviżi ta' postijiet vakanti fuq is-sit web u fuq il-media soċjali tagħha, iżda mhux fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal.	Komplut	M/A
2017	Akkwist elettroniku: sa tmiem l-2017, l-Aġenzija kienet introduċiet il-fatturazzjoni elettronika u s-sejtnet għall-offerti elettroniċi għal ċerti proċeduri, iżda mhux għas-sottomissjoni elettronika ta' offerti.	Komplut	M/A

2017	Għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-IT l-Aġenzija tapplika mudell ta' esternalizzazzjoni fejn madwar 90% tax-xogħol relatat jitwettaq minn kuntratturi, u dan jgħid li riskji konsiderevoli ta' dipendenza eċċessiva fuq il-kuntratturi.	M/A	M/A
2017	Il-kuntratti qafas li ġew iffirmati mal-konsorzji rispettivi għall-operat tas-sistemi prinċipali tal-IT jgħid li riskju ta' pagamenti eċċessivi. L-Aġenzija tista' tqis il-possibbiltà li tuża metodoloġija standard li tuża punti ta' funzjoni biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-attivitajiet ta' żvilupp.	Komplut	M/A
2018	Il-kumitat tal-għażla ddeventa mill-avviż ta' pożizzjoni vakanti li ġie ppubblikat u applika punteġġ minimu ogħla għall-inklużjoni tal-applikanti fuq il-lista ta' riżerva. L-Aġenzija għandha tiżgura li l-kriterji tal-għażla ppubblikati jiġu rrispettati.	Komplut	M/A
2018	L-Aġenzija tat kuntratt għal ammont li jaqbeż l-offerta tal-offerent, li mhux konformi mar-regoli tal-akkwist pubbliku.	M/A	M/A
2018	L-Aġenzija estendiet id-durata ta' kuntratt dirett, u dan wassal ukoll biex il-valur tal-kuntratt jiżdied bi 73%. Il-pagamenti li saru wara l-perjodu inizjali ta' 4 snin huma irregolari. L-Aġenzija għandha tiżgura li tkun konformi mar-regoli tal-akkwist pubbliku.	Komplut	M/A
2018	L-Aġenzija żiedet il-prezzijiet ta' kuntratt qafas mingħajr ma emendatu u estendiet kuntratt wieħed speċifiku wara l-iskadenza tal-kuntratt qafas.	Għaddej	Inħoloq Settur tal-Ġestjoni tal-Bejjiegħ u tal-Kuntratti fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet, li jaħdem mill-qrib mas-Settur tal-Akkwist fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, biex jindirizza, fost affarijiet oħrajn, il-monitoraġġ tad-dati finali tal-kuntratti, l-ippjanar tas-suċċessjoni u s-segwitu mill-qrib tal-ħtiġijiet operazzjonali u l-qafas regulatorju. Barra minn hekk, ir-responsabbiltà u l-akkontabilità tal-ġestjoni tal-kuntratti, u kif tiġi żgurata suċċessjoni korretta, f'waqtha u regolari tal-kuntratt, ġew inkorporati fil-linji gwida dwar l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, li huma pplanati li jiġu adottati fl-2021.

2018	Il-formula tal-evalwazzjoni stipulata fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta li tirrigwarda l-kuntratt għall-MWS kienet differenti minn dik li ġiet ikkomunikata fid-dokument ta' mistoqsijiet u tweġibiet għall-offerenti. L-Aġenzija għandha ssaħħaħ il-kontrolli interni relatati mal-proċedura ta' akkwist.	Komplut	Sabiex jissaħħu l-kontrolli <i>ex ante</i> rilevanti għall-osservazzjoni, żewġ dispożizzjonijiet huma inklużi fil-linji gwida dwar l-akkwist: - l-introduzzjoni ta' rieżami formalizzati bejn il-pari fis-settur tal-akkwist, għall-kontinwità tan-negozju u l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn; - l-introduzzjoni fil-kuntratt finali ta' referenzi formalizzati għall-bidliet fid-dokumentazzjoni tal-offerti li jirriżultaw minn sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet.
2018	L-implimentazzjoni tal-baġit kienet inqas milli ppjanat. L-Aġenzija għandha, flimkien mal-Kummissjoni, ittejjeb l-allinjament tal-ippjanar baġitarju mat-twaqqit tal-atti legali relatati.	Pendenti	L-iskrizzjoni ta' riżorsi fil-baġit tal-Aġenzija għal-leġiżlazzjoni li għadha ma ġietx adottata mill-koleġiżlaturi tintroduċi riskji sinifikanti għal ġestjoni finanzjarja tajba. Riskji bħal dawn ġew irrappurtati b'mod sistematiku lill-Bord tat-Tmexxija. Il-proċess tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni huwa kompletament barra mill-kontroll tal-Aġenzija.

L-Aġenzija se żżomm l-IAS u l-QEA infurmati dwar il-progress bl-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni. L-Aġenzija se tieħu azzjonijiet sodi u urġenti biex tindirizza d-dewmien fir-rakkomandazzjonijiet, inkluż billi tipprovdi dati ta' implimentazzjoni fil-mira riveduti.

Sabiex jikkonfermaw l-għeluq (ara l-intestatura "Magħluqa" fit-tabella tas-sommarju ta' fuq), l-IAS<sup>71</sup> u l-IAC<sup>72</sup> wettqu s-segwitu annwali għal dawk il-pjanijiet ta' azzjoni ddikjarati "Implimentati" (jiġifieri l-valutazzjoni mill-awditur tal-evidenza pprovduta u miġbura). Il-QEA segwiet ukoll l-osservazzjonijiet tagħha maħruġin f'awditi preċedenti<sup>73</sup>.

## 2.9 Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa wara investigazzjonijiet mill-OLAF

Ma nħarġet l-ebda rakkomandazzjoni lill-eu-LISA wara investigazzjonijiet mill-OLAF.

### 2.10 Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

Fid-29 ta' April 2021, il-Parlament Ewropew ta l-kwittanza tal-eu-LISA lill-ED fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija u approva l-għeluq tal-kontijiet tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2019.

L-awtorità tal-kwittanza stabbiliet l-osservazzjoni tagħha f'riżoluzzjoni adottata fl-istess data. L-eu-LISA se ttejjji rapport ta' segwitu u ssegwi l-istruzzjonijiet tan-Network tal-Aġenziji tal-UE biex taqsamha mal-awtorità tal-kwittanza.

L-awtorità ta' kwittanza talbet lill-Aġenzija tirrapporta dwar erbġħa mill-osservazzjonijiet tagħha (dwar il-politika tal-persunal, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, l-etika u t-trasparenza, u l-kontrolli interni) sa Ġunju 2021, li huma mwiegħba hawn taħt.

<sup>71</sup> Segwitu ta' rakkomandazzjonijiet pendenti mill-awditi preċedenti fl-eu-LISA – IAS – Nota dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ref. Ares(2020)6687111 – 13/11/2020.

<sup>72</sup> Segwitu tal-IAC Memo tal-2020, ref. Ares(2021)1582348 - 02/03/2021.

<sup>73</sup> Ir-rapport tal-QEA dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2019, Annex – paġni 9 sa 11. Ir-rapport ġie ppubblikat fit-22.10.2020 fuq is-sit web tal-QEA

## Politika tal-persunal

18. Jinnota li l-Aġenzija adottat politika dwar il-ħarsien tad-dinjità tal-persuni u l-prevenzjoni tal-fastidju; jinnota li wara talba minn membru tal-persunal f'Ottubru 2018, l-Aġenzija fetħet inkjesta amministrattiva fl-2019 li tlestiet f'Settembru 2019 b'miżura dixxiplinarja; jirrikonoxxi li nħareġ ilment kontra dik il-miżura dixxiplinarja u li l-Aġenzija wiegħbet fit-3 ta' Awwissu 2020; jinnota li l-membri tal-persunal ikkonċernat ressaq kawża quddiem il-Qorti Ġenerali; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza sa Ġunju 2021 dwar il-progress li jkun sar u, jekk ikun applikabbli, dwar il-miżuri korrettivi meħuda wara deċiżjoni finali tal-Qorti Ġenerali; jinnota li abbażi tad-data mill-konsulenti kunfidenzjali, kien hemm disa' każijiet ta' fastidju rrappurtati matul l-2019 iżda l-ebda wieħed mill-każijiet ma wassal biex il-membri tal-persunal fittxew appoġġ permezz ta' proċeduri formali jew informali;

Sat-3 ta' Ġunju 2021, il-kawża mtella' quddiem il-Qorti Ġenerali għadha għaddejjja.

## Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitti ta' interess, etika, u trasparenza

22. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti u l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta; jinnota li l-Aġenzija għandha fis-seħħ regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-membri tal-persunal; jinnota li fl-2019, l-Aġenzija organizzat sessjoni waħda ta' taħriġ dwar l-etika u l-integrità b'enfasi fuq l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u l-frodi mogħtija minn rappreżentant tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-etika u l-kodiċi ta' kondotta li koprew il-prevenzjoni tal-fastidju u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta bl-involvement tal-counsellors kunfidenzjali tal-Aġenzija, u tliet sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess; jinnota li fl-2019 ġew sottomessi 106 dikjarazzjonijiet ta' interess minn membri tal-persunal maħtura bħala aġenti jew verifikaturi fiċ-ċirkwiti operattivi u finanzjarji u minn persuni ġodda, li 21 minnhom iddikjaraw interess, u li fil-każ ta' membru wieħed tal-persunal, ġie rakkomandat li ma jipparteċipax f'diversi azzjonijiet biex jikkonforma mar-regoli li jipprevjenu l-kunflitti ta' interess; jinnota li f'Ġunju 2020, il-bord tat-tmexxija kien mistenni jadotta regoli ġodda dwar il-kunflitti ta' interess li japplikaw għall-membri kollha tal-persunal tal-Aġenzija, inkluż il-maniġment superjuri tagħha; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza sa Ġunju 2021 dwar il-progress li jkun sar;

Fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Bord ta' Ġestjoni tal-eu-LISA adotta d-Deċiżjoni Nru 2020-405 dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-persunal. Din id-deċiżjoni tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA sabiex jiġi żgurat, b'mod trasparenti u konsistenti, l-immaniġġjar ta' sitwazzjonijiet fejn jistgħu jinqalgħu kunflitti ta' interess. L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni jiddikjara li dan se japplika għall-persunal bil-kuntratt, għall-persunal temporanju, inklużi d-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Direttur Eżekuttiv, għall-esperti nazzjonali sekondati u għall-apprendisti mħallsa u mhux imħallsa.

25. 24. Jinnota li, skont ir-risposta tal-Aġenzija, ma hemm l-ebda obbligu legali li s-CVs tal-membri tal-bord tat-tmexxija tagħha jiġu ppubblikati; jenfasisza, f'dak ir-rigward, li l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jagħtu l-eżempju f'termini ta' trasparenza, u jistieden lill-membri tal-bord tat-tmexxija jippubblikaw is-CVs tagħhom fuq is-sit web tal-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija se tkompli tkegġeg lir-rappreżentanti tal-bord tat-tmexxija biex jipprovdu s-CVs tagħhom sabiex tiżdied it-trasparenza; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza sa Ġunju 2021 dwar il-progress li jkun sar;

L-Aġenzija hegġget lir-rappreżentant tal-Bord tat-Tmexxija biex jipprovdi s-CVs tagħhom u jżid it-trasparenza tal-grupp permezz tal-pubblikazzjoni tas-CVs fuq is-sit web tal-Aġenzija. L-Aġenzija trid tirrispetta wkoll id-dritt tal-membri/tas-supplenti/tal-osservaturi tal-Bord tat-Tmexxija li ma jipprovdux is-CVs tagħhom għal pubblikazzjoni ulterjuri peress li ma hemm l-ebda obbligu legali għal din it-talba.

## Kontrolli interni

27. Jinnota fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar miftuħa li fi tmiem l-2019 ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kienet ta' 62 % (21 implimentati minn 34 rakkomandazzjoni); jinnota li b'kollox, 32 rakkomandazzjoni kienu miftuħa fl-aħħar tal-2019 li

minnhom l-ebda waħda ma kienet "kritika"; jinnota li fl-2020 l-Aġenzija ħadet azzjonijiet sodi u urġenti mmirati biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet imdewmin, inkluż l-għoti ta' dati riveduti għall-implimentazzjoni tal-miri; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza sa Ġunju 2021 dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar;

L-Aġenzija kontinwament tissorvelja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Ir-rapport ta' monitoraġġ mill-31 ta' Diċembru 2020 juri li ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjoni tal-awditjar "kritika" miftuħa. Kif deskritt fit-taqsimha 2.8 ta' din is-CAAR, ġew implimentati 24 rakkomandazzjoni fl-2020 minn 37 mistennija, b'rata ta' implimentazzjoni ta' 65 %. B'mod partikolari, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 67 % għal rakkomandazzjonijiet importanti ħafna (mira ta' 90 %), u 60 % għal rakkomandazzjonijiet importanti (mira: 80 %). Għalkemm għadha taħt il-mira, ir-rata ġenerali ta' implimentazzjoni hija titjib meta mqabbla ma' dik tal-2019 (62 %). L-Aġenzija hija fiduċjuża li se żżomm ix-xejra pożittiva u se timplimenta r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha mingħajr aktar dewmien.

### 2.11 Ġestjoni tal-Ambjent.

Indikatur ewlieni ta' prestazzjoni (KPI) Ambjentali korporattiv introdott fl-2020, li jkejjel l-impronta ambjentali tal-Aġenzija. L-"impronta tal-karbonju" tal-Aġenzija ġiet ikkalkolata għall-ewwel darba fid-dikjarazzjoni ambjentali annwali fir-rigward tal-utilitajiet (l-elettriku, l-ilma, l-iskart) li wasslu għal produzzjoni tas-CO<sub>2</sub> ta' 341.04 (t). Madankollu, minħabba t-telexogħol estiż b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, il-kalkolu għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-Aġenzija għall-2020 ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għal finijiet ta' tqabbil u għas-snin li ġejjin.

### 2.12 Valutazzjoni mill-maniġment

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli interni xierqa u li dawn qegħdin jiffunzjonaw kif maħsub; matul is-sena, ir-riskji ewlenin ġew identifikati u ġestiti b'mod xieraq. Din l-assigurazzjoni hi kkonfermata ulterjorment mir-riżultati tal-awditi interni u esterni mwettqa matul is-sena.

### 2.13 Evalwazzjonijiet esterni

F'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel evalwazzjoni tal-Aġenzija fi żmien tliet snin mill-bidu tal-operazzjonijiet tagħha, bl-appoġġ ta' kuntrattur estern. L-evalwazzjoni twettqet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-MB u mal-Aġenzija nnifisha. L-evalwazzjoni twettqet matul perjodu ta' sena (minn Marzu 2015 sa Marzu 2016) u kopriet il-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2012 sat-30 ta' Settembru 2015.<sup>74</sup>

L-evalwazzjoni eżaminat il-mod kif l-eu-LISA implimentat il-mandat tagħha, kif stipulat fir-regolament ta' stabbiliment tagħha, billi ħarset lejn erba' oqsma: l-effiċjenza, l-effettività, il-valur miżjud u l-koerenza. Din eżaminat ukoll il-kontribut tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI.

L-evalwazzjoni waslet għall-konklużjoni li l-Aġenzija twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv. Abbażi tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat mal-Bord tat-Tmexxija, ħarġet rakkomandazzjonijiet rigward il-bidliet fir-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, ġew ipprovduti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Mit-30 rakkomandazzjoni elenkati, 28 ġew implimentati u 2 huma skaduti fil-kuntest tal-mandat rivedut tal-Aġenzija u mhux se jiġu implimentati.

<sup>74</sup> Evalwazzjoni esterna indipendenti tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-isparzu ta' liberta', sigurtà u ġustizzja – eu-LISA, Rapport ta' evalwazzjoni finali, 20.05.2016. Disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/s/o1dR>.

## 3 Valutazzjoni tal-effettività tal-qafas ta' kontroll intern

### 3.1 Valutazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern

#### 3.1.1 Il-metodoloġija użata biex tiġi vvalutata l-effettività tal-QKI

Il-kontroll intern huwa proċess li jgħin organizzazzjoni biex tikseb l-oġġettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja, filwaqt li tirrispetta r-regoli u r-regolamenti, tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet għaqlin, u tnaqqas ir-riskji għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi. Id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2019-042 tad-19 ta' Marzu 2019 tirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv jimplimenta l-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern u jstabilixxi struttura organizzazzjonali u sistema ta' kontroll intern li tkun f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi adottati mill-Bord tat-Tmexxija.

Il-komponenti tal-kontroll intern fl-eu-LISA huma l-ambjent tal-kontroll, il-valutazzjoni tar-riskju, l-attivitajiet tal-kontroll, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' monitoraġġ. Il-ħames komponenti huma marbutin ma' xulxin u għandhom ikunu preżenti u jaħdmu sew fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni sabiex il-kontroll intern fuq l-operazzjonijiet jiġi meqjus bħala effettiv. Il-qafas jispeċifika wkoll il-prinċipji għal kull komponent u l-karatteristiċi sussegwenti ta' kull prinċipju li huma definiti biex iqisu l-arranġamenti speċifiċi ta' governanza fl-Aġenzija. Il-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern stabbiliti jikkostitwixxu l-istandards minimi msemmija fl-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti Finanzjarji tal-eu-LISA.

Id-Direttur Eżekuttiv ħatar il-Viċi Direttur Eżekuttiv biex iservi bħala Maniġer inkarigat mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern (MRMIC) biex jappoġġjah fl-istabbiliment, fil-monitoraġġ, fl-implimentazzjoni, fil-valutazzjoni u fir-rapportar dwar il-Qafas ta' Kontroll Intern. Id-Direttur Eżekuttiv għandu l-mandat li jwettaq valutazzjoni ġenerali tal-effiċjenza tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA kull sena.

Il-valutazzjoni annwali kienet tinkludi l-istabbiliment ta' kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern għal kull prinċipju, l-identifikazzjoni ta' vantaġġi tal-kontroll intern u oqsma ta' titjib, il-valutazzjonijiet fil-livelli ta' prinċipju u komponenti u valutazzjoni ġenerali. Il-linji bażi u l-indikaturi tal-prinċipju tal-QKI ġew definiti fl-Anness 2 tad-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar l-Adozzjoni tal-Kriterji tal-Monitoraġġ tal-Kontroll Intern u l-ħatra temporanja tal-MRMIC. Sabiex twettaq il-valutazzjoni, l-MRMIC ġabar u analizza *data* bbażata fuq kriterji ta' monitoraġġ definiti minn diversi sorsi ta' *data* fl-Aġenzija, inkluż l-istħarriġ tal-persunal, ir-reġistru tal-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, ir-rapporti tal-awditjar intern u estern u dokumentazzjoni oħra tal-proċessi tan-negozju tal-Aġenzija.

#### 3.1.2 Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI

##### Ambjent ta' kontroll

L-ambjent ta' kontroll huwa sett ta' standards ta' kondotta, proċessi u strutturi li jipprovdu l-baży għat-twettiq ta' kontroll intern madwar organizzazzjoni. Il-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv u l-maniġment jiddefinixxu l-importanza tal-kontroll intern fl-ogħla livelli, inklużi l-istandards ta' kondotta mistennija.

**Il-komponent tal-ambjent tal-kontroll tal-QKI huwa preżenti u jiffunzjona iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).**

L-Aġenzija hija impenjata lejn l-integrità u l-valuri etiċi, u tkompli ttejjeb il-kontrolli li jsaħħu l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri. Fl-2020, il-Bord tat-Tmexxija (MB) kompli juri l-indipendenza mill-ġestjoni tal-eu-LISA u eżerċita b'mod effettiv is-sorveljanza tiegħu tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tal-kontroll intern. Fl-2021, l-Aġenzija ppjanat li ssaħħaħ ir-rwol tal-MB fil-QKI, b'mod partikolari mal-ACFC tagħha. F'perjodu ta' sfida li jikkombina l-



bidliet strutturali, it-*tkabbir tal-persunal u tal-baġit u pandemija globali, l-eu-LISA* żgurat li l-istruttura, il-linji ta' rapportar, l-awtoritajiet u r-responsabbiltajiet tagħha kienu stabbiliti u rieżaminati sew meta u fejn meħtieġ. L-Aġenzija wriet ukoll l-impenn u l-kapaċità tagħha li tirrekluta għadd kbir ta' talent ġdid, filwaqt li fl-istess ħin tagħmel sforzi fl-iżvilupp tal-persunal tagħha. L-eu-LISA kompliet tiżviluppa l-proċessi ta' evalwazzjoni u promozzjoni tagħha, u ħadmet fuq diversi strateġiji u proċeduri ġodda li se jgħinu biex tiġi infurzata r-responsabbiltà tal-individwi għat-tweġiq tal-kontroll intern.

### Valutazzjoni tar-riskji

Il-valutazzjoni tar-riskju hija proċess dinamiku u iterattiv għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji li jistgħu jaffettwaw il-kisba tal-objettivi, u għad-determinazzjoni ta' kif tali riskji għandhom jiġu ġestiti.

**Il-komponent tal-valutazzjoni tar-riskju huwa preżenti u funzjonanti iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).**

L-eu-LISA għandha proċessi stabbiliti sew għall-istabbiliment ta' objettivi fil-livelli differenti tal-organizzazzjoni. Ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-kisba tal-objettivi jsiru skont il-proċeduri u bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati meħtieġa. L-Aġenzija tejbet is-sorveljanza tat-tolleranza tar-riskju tagħha u l-materjalità billi inkludiet dan l-element fir-regoli l-ġodda ta' proċeduri għall-bordijiet tal-programm tagħha. L-Aġenzija tmexxi wkoll eżerċizzji ta' identifikazzjoni u valutazzjoni tar-riskji f'diversi livelli (eż. korporattivi, programm, proġett) u se tkompli ttejjeb dan il-proċess fil-livell ta' unità u ta' entità, b'mod partikolari bl-użu ta' għodda ġdida implimentata fl-2020 (Planview Enterprise One). L-eu-LISA kompliet timplimenta b'mod strett l-istrateġija tagħha kontra l-frodi, li kienet tinkludi l-użu ta' kontrolli ġodda. Ir-riskji relatati mal-bidliet, b'mod partikolari dawk relatati mal-programm ta' trasformazzjoni organizzazzjonali u l-kompiti l-ġodda ta' żvilupp fdati lill-Aġenzija, ġew ivvalutati u mmonitorjati b'mod partikolari. Permezz ta' titjib kontinwu tal-proċessi u l-għodod, l-iffissar tal-objettivi u l-ġestjoni tar-riskju se jiksbu effiċjenza u effettività, u jnaqqsu wkoll il-kostijiet tal-kontrolli interni.

### Attivitajiet ta' kontroll

L-attivitajiet ta' kontroll jiżguraw il-mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-kisba tal-politiki, l-objettivi operazzjonali u ta' kontroll intern. Dawn jitwettqu fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, f'diversi stadji tal-proċessi tan-negożju, u fl-ambjent tat-teknoloġija. Dawn jistgħu jkunu preventivi jew detettivi u jinkludu firxa ta' attivitajiet manwali u awtomatizzati kif ukoll segregazzjoni tad-dmirijiet.

**Il-komponent tal-attivitajiet ta' kontroll huwa parzjalment preżenti u funzjonali, hemm bżonn ta' titjib kbir (kategorija 3).**

L-attivitajiet ta' kontroll twettqu f'livelli differenti bħala parti minn proċessi, proċeduri u mekkaniżmi ta' governanza eżistenti fid-dipartimenti u l-unitajiet differenti. L-integrazzjoni tal-kontrolli fi strateġija hija mistennija li tiffaċilita l-valutazzjoni tal-effettività u l-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom, kif meħtieġ mir-Regoli Finanzjarji. Ma hemm l-ebda lista ta' kontrolli attwali relatati mal-proċessi u l-attivitajiet ewlenin, u l-elekar tar-responsabbiltajiet individwali, li qed ikollu impatt fuq l-effettività tal-monitoraġġ u tar-rapportar. Minkejja l-ammont ta' kontrolli mwettqa, b'mod partikolari bħala parti mill-implimentazzjoni tal-ITIL u mill-implimentazzjonijiet tal-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija, għad hemm bżonn ta' titjib kbir biex l-Aġenzija ttaffi r-riskji għall-kisbiet tal-objettivi għal livelli aċċettabbli, kif enfasizzat minn diversi awditi. Il-kontrolli fuq it-teknoloġija huma preżenti u qed jiffunzjonaw, u qed jiġi identifikat u implementat ukoll xi titjib, bħall-implimentazzjoni tal-ITIL għall-infrastruttura tal-IT korporattiva. Is-sigurtà kemm tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira kif ukoll ta' dawk korporattivi hija objettiv ewleni tal-Aġenzija, u jitwettqu ħafna kontrolli biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-objettiv. L-Aġenzija identifikat oqsma ta' titjib u se tkompli tinvesti fihom fis-sinjura li ġejjin. Fl-2020, l-eu-LISA avvanzat ukoll diversi politiki korporattivi maġġuri, b'mod partikolari għall-ġestjoni, il-

kontroll u l-governanza ta' fornituri esterni tas-servizzi, li huma mistennija jżidu kontrolli ġodda u jsaħħu l-attivitajiet ta' kontroll eżistenti.

### Informazzjoni u komunikazzjoni

L-informazzjoni mogħtija permezz ta' komunikazzjoni interna u esterna hija meħtieġa biex l-organizzazzjoni twettaq kontroll intern u tappoġġa l-kisba tal-oġġettivi. Il-komunikazzjoni esterna tipprovdi lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati b'informazzjoni dwar l-oġġettivi u l-azzjonijiet ta' politika tal-Aġenzija. Il-komunikazzjoni interna tipprovdi lill-persunal bl-informazzjoni li jeħtieġ biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu u biex iwettaq il-kontrolli ta' kuljum.

#### Il-komponent tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).

L-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Aġenzija qed isegwu proċeduri u proċessi stabbiliti sew li jappoġġaw il-kisba ta' oġġettivi organizzattivi usa'. L-informazzjoni rilevanti għall-funzjonament tal-kontroll intern hija disponibbli u b'mod ġenerali tal-kwalità meħtieġa. Il-proċeduri u l-proċessi ta' komunikazzjoni interni u esterni għandhom mmobilizzati biex jindirizzaw b'mod aktar speċifiku s-suġġett tal-kontroll intern. L-adozzjoni tal-istrateġija ta' kontroll tista' tgħin fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-komponent.

### Attivitajiet ta' monitoraġġ

Jintużaw valutazzjonijiet kontinwi u speċifiċi biex jiġi aċċertat jekk kull wieħed mill-ħames komponenti ta' kontroll intern huwiex preżenti u huwiex jiffunzjona. Valutazzjonijiet kontinwi, mibnija fi proċessi f'livelli differenti tal-organizzazzjoni, jipprovdu informazzjoni f'waqtha dwar kwalunkwe nuqqas. Is-sejbiet jiġu vvalutati u n-nuqqasijiet jiġu kkomunikati u kkorreġuti fil-ħin, bi kwistjonijiet serji li jiġu rrapportati kif xieraq.

#### Il-komponent tal-attivitajiet ta' monitoraġġ huwa preżenti u jiffunzjona iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).

L-Aġenzija qed twettaq valutazzjonijiet kontinwi u speċifiċi tal-kontrolli interni tagħha. Dawn huma bbażati fuq awtovalutazzjonijiet mill-persunal fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom, fuq attivitajiet ta' rapportar, fuq ir-reġistrazzjoni ta' eċċezzjonijiet u avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi, u fuq l-awdit, kemm interni kif ukoll esterni. Il-valutazzjoni annwali tal-2021 dwar l-effettività tal-QKI tjobbet, permezz tat-tagħlimiet meħuda mill-valutazzjoni preċedenti.

### 3.1.3 Riskji korporattivi kbar matul il-perjodu ta' rapportar

It-tabella li ġejja turi l-lista tar-riskji korporattivi attwali fi tmien l-2020.

ID tar-riskju	Titolu tar-Riskji Korporattivi	Probabbiltà	Impatt	Sid
2017-1	Attakk ċibernetiku estern immirat u mwettaq b'suċċess lejn l-infrastruttura tal-eu-LISA	3 – Għoli	3 – Għoli	Kap tal-Unità tas-Sigurtà
2018-1	Il-miżuri li diġà ttieħdu jaf ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw li d-daqs tal-kapaċità taċ-ċentru tad- <i>data</i> jippermetti lill-Aġenzija tospita sistemi futuri	2 – Medju	3 – Għoli	Il-Kap tal-Unità tal-Ġestjoni tal-Infrastruttura u l-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
2018-2	Instabbiltà organizzazzjonali li tirriżulta mir-ristrutturar tal-Aġenzija	2 – Medju	2 – Medju	Direttur Eżekuttiv u Viċi Direttur Eżekuttiv

2018-3	Theddida ta' żieda sinifikanti fil-kost tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni	4 – Għoli ħafna	3 – Għoli	Il-Kap tal-Unità ta' Ġestjoni tal-Infrastruttura
2018-4	L-allokkazzjoni u l-ibbilanċjar xieraq tar-riżorsi jistgħu jkunu mxekkla min-nuqqas ta' persunal, proċeduri u għodod. Iż-żieda fid-diskrepanzi bejn il-persunal statutorju preżenti u l-attivitajiet li għandhom jitwettqu tista' taffettwa l-ħidma tal-Aġenzija b'mod negattiv, u possibbilment il-kontinwità tan-negozju tagħha. L-implimentazzjoni/kanċellazzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet għas-sena n-1	3 – Għoli	3 – Għoli	Il-Membri tal-Bord tat-Tmexxija
2018-6	Ksur tal-kunfidenzjalità: esponiment aċċidentali pubbliku ta' informazzjoni sensittiva dwar l-akkwist	2 – Medju	3 – Għoli	Il-Kap tal-Unità tas-Sigurtà u l-Kap tal-Unità tal-Ġestjoni tal-Infrastruttura
2019-3	Nuqqas ta' konformità potenzjali mar-rekwiżiti u r-regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sikurezza minħabba nuqqas ta' valutazzjoni tar-riskju dwar is-Saħħa u s-Sikurezza	3 – Għoli	3 – Għoli	Kap tal-Unità tas-Servizzi Korporattivi
2019-5	Nuqqas ta' spazju fiżiku disponibbli fil-ħin biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet kruċjali tal-Aġenzija	1 – Baxx	4 – Għoli ħafna	Il-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u l-Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet
2019-6	Minħabba l-kumplessità tal-programmi u tal-proġetti fdati, minħabba l-istrateġija speċifika tal-forniment u meta jitqies il-livell attwali tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-proġetti (riżorsi, konformità tal-proċess, għodod ta' appoġġ u mekkaniżmi ta' teħid ta' deċiżjonijiet), l-Aġenzija jaf ma tkunx tista' <ul style="list-style-type: none"> <li>- tista' tikseb l-oġġettivi strateġiċi tagħha</li> <li>- tistabilixxi, iżżomm u teżerċita kontrolli sħiħ fuq l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-ġenerazzjoni l-ġdida</li> </ul>	3 – Għoli	3 – Għoli	Kap tal-Unità għat-Twettiq tal-Programmi u tal-Proġetti
2019-7	L-Aġenzija jaf ma tkunx ippreparata biżżejjed għall-mudell il-ġdid tal-Akkwist Trasversali li jeħtieġ sforz akbar biex jiġu ġestiti r-relazzjonijiet bejn il-bejjiegħa differenti involuti	3 – Għoli	3 – Għoli	Kap tas-Settur ta' Ġestjoni tal-Bejjiegħa u l-Kuntratti

<b>2019–8</b>	Mudell ta' appoġġ tekniku u kapaċità: iż-żieda sinifikanti f'talbiet indirizzati lill-funzjonijiet ta' appoġġ tekniku tal-Aġenzija wara d-dħul fis-seħħ ta' sistemi ġodda tista' twassal għal degradazzjoni severa tal-appoġġ tekniku għas-sistemi ġodda u eżistenti	2 – Medju	4 – Għoli ħafna	Il-Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi u l-Kap tal-Unità tas-Sigurtà u l-Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani
<b>2019–9</b>	Il-ġestjoni ta' ħafna nies impjegati f'daqqa	3 – Għoli	2 – Medju	Kap tal-Unità tal-HR

Is-sors għar-riskji korporattivi għas-sena 2020 kien ir-riżerva ta' elementi miftuħa mis-snin li għaddew u l-fażi annwali tal-ġbir u l-valutazzjoni tar-riskju, imwettqa fit-tielet kwart tal-2019 mill-Maniġment tal-eu-LISA (Membri tal-Kumitat tal-Ġestjoni u Kapijiet tas-Settur). Ir-riskji l-ġodda li tqajmu ġew ivvalutati u kkonfermati matul il-workshop annwali dwar ir-riskji korporattivi fi tmiem l-2019 u ġie nnominat sid tar-riskju matul l-2020.

Kull kwart tal-2020, l-EPMO ippreżenta lill-Kumitat tal-Ġestjoni l-istatus tar-riskji u aġġornament dwar il-probabbiltà u l-impatt tagħhom. Il-pjanijiet ta' azzjoni nżammu mis-sidien rispettivi sakemm ingħalaq ir-riskju.

Barra minn hekk, matul il-perjodu ta' rapportar, ingħalqu żewġ riskji korporattivi u mmaterjalizzaw tlieta, u b'hekk ġew ittrasformati fi kwistjonijiet.

### 3.1.4 Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija kontra l-Frodi għas-sena 2020<sup>75</sup>

L-Istrateġija kontra l-Frodi riveduta tinkludi tliet objettivi strateġiċi għall-perjodu 2019–2021:

- It-tiżniħ tal-kultura kontra l-frodi fl-Aġenzija;
- L-istabbiliment u ż-żamma ta' livell għoli ta' etika f'konformità mal-attivitajiet tal-eu-LISA
- L-iżvilupp ta' intelliġenza għal skopijiet ta' prevenzjoni u detezzjoni.

L-IAC immonitorjat regolarment l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni meħmuż mal-Istrateġija. Il-Pjan ta' Azzjoni taħt rieżami kellu 13-il azzjoni, kull waħda minnhom immirata biex jitnaqqas wieħed jew ħafna mir-riskji ta' frodi identifikati. Ir-rapport jiġbor fil-qosor ir-risposti li waslu mis-sidien tal-azzjoni wara diversi laqgħat bejn l-IAC u s-sidien tal-azzjoni. L-IAC, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tas-sidien tal-azzjoni, wettqet proċedura ta' assigurazzjoni u ġabret evidenza sabiex tiddefinixxi l-istatus tal-implimentazzjoni u tikkomputa l-indikaturi ta' prestazzjoni interim li ġejjin:

Objettivi	Indikaturi	Riżultati
<b>1. It-tiżniħ tal-kultura kontra l-frodi fl-Aġenzija.</b>	% tal-atturi finanzjarji li jwieġbu b'mod korrett għal mistoqsijiet dwar il-prevenzjoni / l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' frodi (sors: statistika minn taħriġ obbligatorju ta' sensibilizzazzjoni - HRU)	Data mhux disponibbli Mill-2021, se jiġi implimentat taħriġ obbligatorju dwar l-etika, l-integrità u l-ġlieda kontra l-frodi u se ssir disponibbli statistika relatata.
<b>2. L-istabbiliment u ż-żamma ta' livell għoli ta'</b>	Xejra annwali ta' kwistjonijiet etiċi	Sena 2019: Waħda (1)

75 Rapport ta' monitoraġġ tal-IAC dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija kontra l-Frodi għas-sena 2020, ref Ares(2021)653622 - 27/01/2021.

<b>etika f'konformità mal-attivajiet tal-eu-LISA</b>	<i>(sors: statistika mir-regjistru tal-inkjesti amministrattivi - Uffiċjal Legali)</i>	Sena 2020: tnejn (3 investigazzjonijiet amministrattivi, valutazzjoni preliminari 1)
<b>3. L-iżvilupp ta' intelliġenza għal skopijiet ta' prevenzjoni u detezzjoni.</b>	% tat-tranżazzjonijiet (jiġifieri l-proċeduri ta' akkwist, l-impenji, il-pagamenti) identifikati bi frodi potenzjali <i>(sors: statistika mil-lista ta' impenji, pagamenti, akkwisti vs pereżempju sejbiet tal-QEA u/jew kampjuni ta' kontrolli ex-post - FPU)</i>	<b>2.47 % tat-tranżazzjonijiet</b> (jiġifieri 39 pagament) ġew identifikati bħala riskju għoli għal frodi potenzjali u ġew soġġetti għal rieżami ulterjuri. Abbażi tar-rieżami tad-39 tranżazzjoni u evidenza ta' sostenn relatata, l-IAC ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fattwali ta' frodi li tiġġustifika r-rapportar lill-OLAF. Madankollu, l-IAC identifikat opportunitajiet għal titjib fil-kontroll intern u rrakkomandat azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward.

Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ għall-2020 juru li l-Aġenzija implimentat 7 minn 13-il azzjoni dovuta, li tagħti rata ta' implimentazzjoni ta' 54 %. L-implimentazzjoni kwantitattiva ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija kontra l-Frodi tal-eu-LISA 2019–2021 tidher li ġiet kemxejn ittardjata għas-sena 2020. Il-maniġment superjuri tal-Aġenzija ppjana li jirrieżamina l-iskeda tal-Pjan ta' Azzjoni biex jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tagħha sal-aħħar tal-2021.

### 3.2 Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-effettività tal-qafas ta' kontroll intern

Ir-riżultati tal-valutazzjoni ġenerali juru li s-sistema ta' kontroll intern tal-eu-LISA hija preżenti, tiffunzjona u effettiva iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).

L-eu-LISA għandha **ambjent ta' kontroll** stabbilit sew, magħmul minn sett ta' standards ta' kondotta, proċessi u strutturi, li jipprovdu l-bażi għat-twettiq ta' kontrolli interni. Il-korpi ta' tmexxija u l-maniġment tal-Aġenzija jieħdu r-rwol tagħhom relatat mal-kontrolli interni b'mod effettiv u indipendenti. L-eu-LISA qed issegwi b'mod attiv l-implimentazzjoni ta' titjib fl-ambjent ta' kontroll, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà individwali għall-kontrolli interni.

L-eu-LISA tista' tiddependi fuq l-istrateġija tagħha u fuq il-proċessi ta' **valutazzjoni tar-riskji** biex tispeċifika b'mod effettiv l-oġġettivi tagħha u tidentifika u tanalizza r-riskji. L-Aġenzija identifikat li l-valutazzjoni tar-riskju tagħha tibbenefika milli tkun aktar dinamika u iterattiva, u diġà identifikat l-għodod u l-proċessi li jappoġġaw dan l-oġġettiv.

L-Aġenzija tuża oqfsa ta' kontroll b'saħħithom biex tiżgura l-mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-kisbiet tal-oġġettivi tagħha, b'mod partikolari l-oġġettivi operazzjonali tan-negozju tagħha. Fi ħdan dawn l-oqfsa, jitwettqu **attivajiet ta' kontroll** fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, fid-diversi stadji tal-proċessi tan-negozju (eż. l-iżvilupp tas-sistemi, it-tħaddim tas-sistemi) u ħafna huma awtomatizzati. L-eu-LISA qed tinvesti riżorsi sinifikanti biex tkompli ssaħħaħ l-attivajiet ta' kontroll tagħha, fl-oqfsa fejn identifikat li hemm bżonn ta' titjib kbir. Il-preżenza u l-funzjonament tal-komponent **ambjentali tal-kontroll** u tal-komponenti tal-**valutazzjoni tar-riskju** jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-preżenza parzjali tal-komponent tal-**attivajiet ta' kontroll** għall-valutazzjoni ġenerali tal-effettività tal-QKI.

L-Aġenzija **tikkomunika** b'mod effettiv esternament lill-partijiet ikkonċernati tagħha, inkluż il-pubbliku, u tipprovdi assigurazzjoni dwar il-kisbiet tal-oġġettivi ta' politika tagħha. Internament, l-Aġenzija tikkomunika mal-persunal tagħha, u b'hekk tiżgura li jirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tlestija effettiva tal-kompiti tiegħu, inklużi l-kontrolli.

L-eu-LISA qed twettaq **monitoraġġ** u valutazzjonijiet kontinwi u speċifiċi tal-kontrolli interni tagħha, biex tivvaluta l-preżenza u l-funzjonament tal-ħames komponenti tal-qafas ta' kontroll intern tagħha, tidentifika l-punti b'saħħithom u n-nuqqasijiet, tevalwahom u tikkomunika r-riżultati.

### **3.3 Dikjarazzjoni tal-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern**

Jien, is-sottoskritt,

Il-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala l-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskji u l-Kontroll Intern, jien niddikjara li, f'konformità mal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA, jiena rrapportajt il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tiegħi dwar l-istat ġenerali tal-kontroll intern fl-Aġenzija lid-Direttur Eżekuttiv.

Jien hawnhekk niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta dwar is-sistema ta' kontroll intern fir-Rapport Annwali tal-Attività preżenti u l-annessi tiegħu hija, sa fejn naf jien, preċiża, affidabbli u kompleta.

Tallinn, 29 ta' Ġunju 2021

Luca Tagliaretti

## 4 Assigurazzjoni tal-maniġment

### 4.1 Reviżjoni tal-elementi li jappoġġjaw l-assigurazzjoni

L-elementi kostitwenti tal-assigurazzjoni jirfdu l-assigurazzjoni raġonevoli mogħtija mill-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu fir-Rapport Annwali tal-Attività. Dawn huma miġburin fil-qosor hawn taft.

#### Element kostitwenti 1: Valutazzjoni mill-maniġment

##### *Valutazzjoni mill-maniġment*

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu fiduċja raġonevoli li, b'mod ġenerali, hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u dawn qegħdin jaħdmu kif suppost; ir-riskji qegħdin jiġu mmonitorjati u mitigati b'mod xieraq u qegħdin jiġu implimentati t-titjib u r-rinforzi neċċessarji.

Barra minn hekk, il-maniġment tal-Aġenzija jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza fil-qafas ta' kontroll intern tagħha u li jitkompla l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-komponenti tal-QKI sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fir-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija u fl-istrateġija fit-tul tagħha.

##### *Reġistru ta' eċċezzjonijiet*

L-Aġenzija kellha fis-seħħ proċedura għar-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet mill-2013. Fil-bidu tal-2015, għet adottata proċedura formali għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet. L-oġġettiv ġenerali tagħha huwa li tistabbilixxi arranġamenti xierqa sabiex ikun assigurat li kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali jew każijiet sinifikanti ta' qbiż tal-kontrolli jew devjazzjonijiet mill-qafas regolatorju stabbiliti tiġi spjegata bir-reqqa, irreġistrata u rrapportata skont il-prinċipju tat-trasparenza. Kwalunkwe eċċezzjoni għandha tiġi dokumentata, iġġustifikata u approvata fil-livell xieraq qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

Fl-2020, ġew irreġistrati 19-il eċċezzjoni u 4 avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità. Ir-reġistru tal-eċċezzjonijiet tal-2020 ġie analizzat mill-Maniġment tal-Aġenzija fil-bidu tal-2021. Din l-analiżi ntużat ukoll biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet bħala parti mill-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI. Abbażi tal-konklużjonijiet tar-rieżami tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet, il-proċedura operattiva standard għall-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità se tiġi aġġornata fl-2021.

#### Element kostitwenti 2: Riżultati tal-awditu estern

**Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri pprovduta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill**

##### *Opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet*

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabilità għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

##### *Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

##### *Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-pagamenti li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

### **Element kostitwenti 3: Segwitu ta' riżervi minn perjodi ta' rapportar ta' qabel**

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2019 ma kien fiha l-ebda riżerva.

#### **Konklużjoni**

Abbażi tat-taqsimiet 3 u 4 inklużi hawn, wieħed jista' jikkonkludi li ma hemm l-ebda nuqqas sinifikanti fil-kontrolli interni li jista' jkollu impatt fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

#### **4.2 Riżervi**

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ma ħareġ l-ebda riżerva.



## 5 Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Jien, is-sottoskritt,

Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħu bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni,

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti stampa vera u ġusta.<sup>76</sup>

Jien niddikjara wkoll li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop maħsub tagħhom u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji neċessarji rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hi bbażata fuq il-ġudizzju proprju tiegħi u fuq l-informazzjoni disponnibli għalija, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni, il-kontrolli *ex post* (l-awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, l-awditi tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA u l-awditi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri) għas-snin ta' qabel is-sena ta' din id-dikjarazzjoni.

1.6.1	Evoluzzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju korporattivi	1. Mudell tal-Proċess għall-Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv 2. Pjan direzzjonali tal-IT għall-implimentazzjoni tal-mudell tal-proċess tal-Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv	<b>Kurrenti</b> L-eżerċizzju annwali għall-monitoraġġ tar-riskju u l-kwistjonijiet korporattivi twettaq kif ippjanat. Ir-reviżjoni tal-Politika ta' Ġestjoni tar-Riskju tal-eu-LISA ġiet approvata mill-Kumitat ta' Ġestjoni f'April 2020.	Il-mudell tal-proċess tal-Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv u l-Pjan Direzzjonali tal-IT	<b>Miksub</b> It-tfassil mill-ġdid tal-Mudell tal-Proċess tal-Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv huwa marbut mal-Implimentazzjoni tal-PPM (imnedija fl-2020) u mal-Ġestjoni tar-Riskju tal-eu-LISA taħt il-kontroll tal-MRMIC	2.3.9

1.6.1	Servizzi ta' titjib fis-servizz u rieżamijiet tal-proċessi kontinwi	Validazzjoni tat-titjib kontinwu fis-servizz tal-proċessi eżistenti tal-ITSM kif ukoll tas-servizzi pprovduti sabiex iservu aħjar lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni tal-eu-LISA;	<b>Kurrenti</b> - l-identifikazzjoni tal-prodotti, il-qbil tal-mudell tad-deskrizzjoni tal-prodott; id-deskrizzjoni tal-prodotti identifikati kollha - ir-rieżami sħiħ u l-aġġornament tal-Katalogu tas-Sservizzi u t-trasformazzjoni fil-Katalogu tal-prodotti u tas-servizzi, allinjat mallistrateġija tal-akkwist - is-servizzi kollha huma riveduti u aġġornati, bl-użu tal-mudell aġġornat tad-deskrizzjoni tas-Servizz - il-pakkett sħiħ jinħoloq u jiġi ppubblikat għall-użu ta' kuljum - ir-rieżami u l-aġġornament tal-proċessi tal-ITSM għadhom għaddejjin - jiġu ddefiniti seba' proċessi ġodda: Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali, Ġestjoni tad-domanda, Ġestjoni tar-rewiżiti, Ġestjoni tal-assi, Ġestjoni tal-prodotti, Ġestjoni tas-Sigurtà tal-IT, Ġestjoni tal-kontinwità	KPIs tal-proċess ta' titjib kontinwu tas-servizzi	<b>Taħt il-mira</b> Is-sett ta' proċessi aġġornat tal-KPIs huwa wieħed mill-eżiti ewlenin tal-proġett - li għad irid jiġi ffinalizzat. Il-progress, il-kontrolli u r-riskji relatati mal-proġett jitkejju u jiġu rrapportati regolarment mill-manijer tal-proġett.	2.1.4.1
1.6.2	L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditu intern annwali	Tinkiseb trasparenza għall-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar l-adeqwatezza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern. L-għoti ta' fiduċja fl-operazzjonijiet u l-kunfidenza fil-kisba tal-oġġettivi tal-Aġenzija u fehim tar-riskju residwu. Il-laqgħat kollha tal-Grupp Konsultattiv previsti saru fil-ħin.	<b>Imwettaq</b> Deskrizzjoni fit-taqsim 2.7.3	(1) Perċentwal ta' proċessi b'eżitu assigurat li jilhqqu l-miri fi ħdan it-tolleranzi (2) Perċentwal ta' proċessi li jirċievu rieżami indipendenti (3) L-għadd ta' ksur ta' kontroll intern kritiku u importati ħafna (4) L-għadd ta' kwistjonijiet kritiċi ta' nuqqas ta' konformità identifikati fis-sena	Ma hemmx biżżejjed <i>data</i> miġbura biex jiġu kkalkolati l-erba' indikaturi tal-prestazzjoni ġodda miftiehma. Diversi oqfsa u attivitajiet rilevanti kellhom jiġu implimentati bis-sħiħ. Għalhekk, l-IAC kompliet tapplika l-istess indikaturi bħal fis-snin preċedenti: (1) It-twertiq tal-Pjan Annwali tal-Awditjar: 80 % (2) Reviżjonijiet tal-awditjar kompluti fi ħdan il-baġit u fil-ħin: 60 % (3) Sigħat/sena ta' taħriġ tal-persunal tal-IAC: 70 %	2.3.10
1.6.2	Kontroll intern, proċeduri, awditi relatati mal-finanzi u l-akkwisti	L-Aġenzija tagħmel użu minn sett komprensiv ta' proċeduri u kontrolli li huma xierqa għall-iskop tagħhom sabiex tippromwovi l-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll intern tajbin.	<b>Imwettaq</b> L-Aġenzija tagħmel użu minn sett komprensiv ta' proċeduri u kontrolli li huma xierqa biex tippromwovi l-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll intern tajbin.	Sett komprensiv u koerenti ta' proċeduri jkopri l-proċessi tan-negozju ewlenin fil-qasam tal-finanzi u tal-akkwist.	<b>Miksub</b> Ara l-kumment għall-eżitu	2.3.3



1.6.2	Solidifikazzjoni tal-kunċetti imposti mir-Regolament ġdid li jħassar ir-Regolament 45/2001	L-iżgurar tal-konformità mar-regoli interni taħt il-qafas legali applikabbli	<p><b>Imwettaq</b></p> <p>Deċiżjoni Ġdida dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-MB tal-eu-LISA, reġistru kompletament aġġornat skont il-gwida tal-EDPS, l-involviment tal-UPD fid-DPIAs. L-MB adotta deċiżjoni ġdida dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati, u l-Aġenzija lestiet l-aġġornament tar-reġistru skont il-gwida tal-EPDS.</p>	<p>Deċiżjoni Ġdida dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-MB tal-eu-LISA</p> <p>L-għadd ta' DPIA mwettqa jew involuti fir-reġistru tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tal-UPD.</p>	<p><b>Miksub</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>Deċiżjoni Ġdida dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-MB tal-eu-LISA. <ul style="list-style-type: none"> <li>Ir-Regoli ta' Implimentazzjoni relatati mal-UPD adottati f'Ottubru 2019.</li> <li>L-adozzjoni ppjanata għall-2021. FI-2020: Abbozz ta' verżjoni tar-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725 maħluq u rieżaminat internament.</li> </ul> </li> <li>Numru ta' DPIA mwettqa jew involuti: <ul style="list-style-type: none"> <li>Ħames DPIA (EES, sBMS, ETIAS, Verifika tal-Akkuratezza għall-BMS, ECRIS-TCN)</li> </ul> </li> <li>Reġistru tal-UDP tal-operazzjonijiet ta' pproċessar: <ul style="list-style-type: none"> <li>Miżmuma aġġornati, pubbliċi, konformi (awditu tal-EDPS), iffommattjat mill-ġdid skont it-talba tal-EDPS.</li> </ul> </li> </ol>	2.3.5
-------	--	--	---	---	---	-------

1.6.2	Wettaq l-istħarriġ Annwali dwar il-Protezzjoni tad-Data	Għandhom jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet dwar il-konformità mal-protezzjoni tad- <i>data</i> sabiex tiżdied il-konformità mal-protezzjoni tad- <i>data</i> tal-Aġenzija.	<p><b>Imwettaq</b></p> <p>Il-kamp ta' applikazzjoni tal-attività huwa aġġornat biex iqis:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Ir-Rapport ta' Spezzjoni tal-EDPS tas-SIS u tal-VIS 2018 li wasal f'April 2020. Dan fih 43 rakkomandazzjoni u skadenzi li jvarjaw mit-tieni trimestru tal-2020 sat-tieni trimestru tal-2021. L-eu-LISA ttrasponiet ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-EDPS fi Pjan ta' Azzjoni. Il-UPD tal-eu-LISA jimmonitorja l-progress tal-implimentazzjoni tagħha.</li> <li>2. Abbozz ta' Rapport mill-awditu tal-2019 tal-EDPS dwar il-Eurodac li wasal f'Novembru 2020 biex jippermetti kummenti formali. Dawn il-kummenti formali għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA. L-UPD tal-eu-LISA jmexxi dan l-eżerċizzju inkluż il-konsultazzjoni interna, il-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac, il-konsultazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija u l-konsolidazzjoni tal-kummenti għall-adozzjoni formali mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA.</li> <li>3. L-ordni tal-EDPS dwar it-trasferimenti Internazzjonali wara s-sentenza tal-QĠUE dwar il-każ Schrems II. F'Ottubru 2020, l-EULs irċewew ordni mill-EDPS biex iwettqu eżerċizzju ta' mmappjar tat-trasferimenti internazzjonali tad-<i>data</i> lil pajjiżi terzi u biex jirrapportaw kwalunkwe riskju u lakun identifikati abbażi tal-eżerċizzju msemmi hawn fuq. L-UPD tal-eu-LISA jmexxi dan l-eżerċizzju u jappoġġa lill-kontrolluri tad-<i>data</i> fl-eu-LISA biex ilestu din l-ordni fi ħdan l-iskadenza.</li> </ol> <p>L-Aġenzija aġġornat il-kamp ta' applikazzjoni tal-attività biex tqis ir-rakkomandazzjonijiet u l-iskadenzi mir-Rapport ta' Spezzjoni tal-EDPS tas-SIS u tal-VIS 2018 billi ttrasponiethom fi pjan ta' azzjoni. L-Aġenzija rċeviet l-abbozz ta' rapport mill-awditu tal-EDPS tal-2019 dwar il-Eurodac biex tippermetti kummenti formali, li l-Bord tat-Tmexxija se jadotta wara konsultazzjoni interna u konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac. F'Ottubru, l-EULs rċewew ordni mill-EDPS biex iwettqu eżerċizzju ta' mmappjar tat-trasferimenti internazzjonali tad-<i>data</i> lil pajjiżi terzi u jirrapportaw kwalunkwe riskju u nuqqas identifikati.</p>	<p>Ir-rapport ippreżentat lill-ED tal-eu-LISA</p> <p>L-Indikatur tal-Prestazzjoni jiġi aġġornat biex iqis:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Is-segwitu tal-UPD tal-eu-LISA dwar il-Pjan ta' Azzjoni rigward ir-Rapport ta' Spezzjoni tal-EDPS tas-SIS u tal-VIS 2018 li wasal f'April 2020.</li> <li>2. L-eżerċizzju tal-UPD tal-eu-LISA għall-kompilazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-kummenti li għandhom jiġu adottati formalment mill-MB tal-eu-LISA dwar l-Abbozz ta' Rapport tal-Eurodac dwar l-awditu tal-EDPS tal-2019.</li> <li>3. L-ordni tal-EDPS dwar it-trasferimenti Internazzjonali wara s-sentenza tal-QĠUE dwar il-każ Schrems II:</li> </ol>	<p><b>Miksub</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Sessjonijiet ta' segwitu organizzati kull trimestru: l-ewwel sessjoni ta' segwitu saret fl-20 ta' Mejju 2020, tat-tieni trimestru f'Lulju 2020, tat-tielet trimestru f'Ottubru 2020 u tar-raba' trimestru se titlesta fi Frar 2021.</li> <li>2. Kummenti formali tal-eu-LISA mibgħuta lura lill-EDPS qabel l-iskadenza: Ir-rieżami intern tlesta. Tlestiet konsultazzjoni mal-AG tal-Eurodac u mal-MB tal-eu-LISA. Il-kummenti kollha ġew konsolidati u tnediet proċedura bil-miktub għall-MB tal-eu-LISA biex jadotta dawn il-kummenti b' mod formali. Wara l-adozzjoni formali, il-kummenti mill-eu-LISA se jintbagħtu lura lill-EDPS fi ħdan l-iskadenza (18 ta' Jannar 2021).</li> <li>3. Il-UPD tal-eu-LISA pprova assistenza u appoġġ lill-kontrolluri tad-<i>data</i> tal-eu-LISA biex jimmapjaw it-trasferimenti tad-<i>data</i> tal-attivitàjiet ta' pproċessar tagħhom (inħoloq l-inventarju tat-trasferiment tad-<i>data</i> u ġew organizzati laqgħat mal-kontrolluri tad-<i>data</i>). Rapport dwar ir-riskji u n-nuqqasijiet identifikati dwar it-trasferimenti internazzjonali li tlestew u ntbagħtu lura lill-EDPS fi ħdan l-iskadenza (15 ta' Novembru 2020).</li> </ol>	2.3.5
1.6.2	Għarfien miżjud dwar il-protezzjoni tad- <i>data</i>	Il-membri tal-persunal jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad- <i>data</i> .	<p><b>Imwettaq</b></p> <p>Il-persunal kollu kiseb informazzjoni u taħriġ diretti dwar l-obbligi l-ġodda tal-protezzjoni tad-<i>data</i>, id-drittijiet u l-penali fis-sessjoni ta' sensibilizzazzjoni tal-Jum għall-Protezzjoni tad-<i>Data</i> u fis-sessjoni ta' sensibilizzazzjoni tal-Persunal Ġdid. L-informazzjoni kollha meħtieġa ġiet aġġornata kontinwament. Il-persunal ġie infurmat dwar l-aħħar żviluppi u aħbarijiet dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i> permezz tal-bullettin ta' kull ġimgħa tal-eu-LISA u l-Intranet tal-UPD, fejn ġiet inkluża taqsima ġdida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Protezzjoni tad-<i>Data</i>, inklużi struzzjonijiet pass pass u mudell.</p>	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. L-għadd ta' sessjonijiet imwettqa dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i> u l-ksur tad-<i>data</i> personali.</li> <li>2. In-numru ta' bullettini tad-DP maħruġin.</li> </ol>	<p><b>Miksub</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Sessjoni waħda mwettqa dwar l-għarfien dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i> fil-Jum għall-Protezzjoni tad-<i>Data</i>. (&gt;100 parteċipant) Saret sessjoni waħda dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i> għall-Persunal Ġdid. (31 parteċipant)</li> <li>2. Sittax-il bullettin tal-eu-LISA ta' kull ġimgħa maħruġa li jinkludu taqsima ta' sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i>. Żewġ bullettini speċjali li jinkludu l-punti ewlenin dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i> tal-ewwel u t-tieni nofs tal-2020.</li> </ol>	2.3.5

1.6.2	L-abbozzar tar-Rapport ta' Hídma Annwali 2019 u r-rapportar tal-istatus intermedju tal-konformità tal-protezzjoni tad- <i>data</i> lill-Bord tat-Tmexxija	L-MB jiġi infurmat dwar il-livell ta' konformità fir-rigward tal-protezzjoni tad- <i>data</i> .	<p><b>Imwettaq</b> Ir-Rapport ta' Hídma Annwali 2019 sottomess għall-approvazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA u jiġi ppubblikat. Ir-rapport tal-istatus intermedju dwar il-Protezzjoni tad-<i>data</i> ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija.</p>	Ir-riżultati pprovduti skont l-iskadenzi maqbuli	<p><b>Miksub</b> Ir-Rapport ta' Hídma Annwali tal-2019 ġie ppreżentat lill-MB skont l-iskadenzi miftiehma. Status intermedju dwar il-konformità tad-DP kondiviż mal-MB f'April u f'Novembru 2020. Ir-Rapport ta' Hídma Annwali 2019 ġie ppubblikat ukoll fuq is-sit web tal-eu-LISA.</p>	2.3.5
1.7.1	Il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara l-bidla, it-tkabbir u t-trasformazzjoni	L-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija u tal-HRU (Unità tar-Riżorsi Umani) se tirrifletti l-iżvilupp organizzazzjonali. Il-persunal il-ġdid se jiġi integrat fl-organizzazzjoni. Se tiġi implimentata l-ġestjoni tat-tibdil relatat mat-tkabbir rapidu.	<p><b>Imwettaq</b> L-Aġenzija rreklutat persunal addizzjonali f'konformità mal-pjan ta' reklutaġġ. L-HRU ikkondnat <i>data</i> ġdida dwar il-persunal u nediet moduli ta' ġestjoni tal-ħin u tal-liv, segwiet il-proċess tal-għoti tal-intitolamenti skont ir-regoli u l-prattika stabbilita u implimentat il-programm ta' on-boarding għall-persunal ġdid. L-HRU aġġustat regolarment l-organizzazzjoni tas-servizzi għall-ħtiġijiet tal-Aġenzija li qed jikbru minkejja riżorsi umani insuffiċjenti u l-pandemija tal-COVID-19. L-użu ta' għodod elettroniċi għall-intervistar u l-ittestjar appoġġja l-proċess ta' reklutaġġ. L-Aġenzija implimentat l-induzzjoni tal-persunal ġdid skont l-iskeda pplanata. L-Aġenzija organizzat total ta' 40 sessjoni. 81 % kienu sodisfatti bl-esperjenza ġenerali tal-on-boarding matul l-ewwel ġimgħa u l-ewwel xahar tagħhom fl-eu-LISA. Ma kien meħtieġ l-ebda aġġornament kbir tal-istruttura tal-organizzazzjoni biex jiġu akkomodati bidliet fil-kompiti tal-Aġenzija; seħħew xi aġġustamenti żgħar fil-forma ta' trasferimenti individwali bejn l-unitajiet u s-setturi, u l-Aġenzija qasmet settur wieħed bejn żewġ unitajiet.</p>	(1) L-għadd ta' selezzjonijiet matul is-sena u (2) Sessjoni ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal dwar l-użu ta' Sysper għal kull modulu maħruġ. (3) L-induzzjoni u l-on-boarding ta' persunal ġdid ġew iffinalizzati fi żmien xahrejn mid-dħul sa (4) Numru ta' persunal magħżul biex jimla postijiet vakanti jew ġodda.	<p><b>Miksub</b> (1) 20 selezzjoni ġdida u 19-il selezzjoni magħluqa. In-numru ta' persunal reklutat kien ta' 51. - Ma ġie stabbilit l-ebda valur fil-mira għal dan il-KPI. (2) Ingħataw tliet sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni lill-persunal u l-maniġers dwar l-użu ta' Sysper (fuq it-TIM) u sessjoni regolari (darba jew darbtejn fix-xahar) lill-persunal ġdid kif ukoll sessjoni waħda dwar il-moduli taċ-ċertifikati tar-RIG u tal-HR lill-persunal kollu fi żmien Siegħa mal-HR - mira ta' mill-inqas sessjoni 1. (3) 74 % tal-induzzjoni u l-on-boarding tal-persunal ġdid ġew iffinalizzati fi żmien xahrejn mid-dħul fis-servizz. Ġiet organizzata 40 sessjoni għall-persunal ġdid - mira ta' mill-inqas 3 on-boardings ġew iffinalizzati fi żmien xahrejn mid-dħul fis-servizz. (4) Intgħażlu 73 membru tal-persunal biex jimlew karigi vakanti jew ġodda inkluż il-bidla ta' kuntratt.</p>	2.3.4
1.7.1	Bidla kulturali u tranżizzjoni għall-mudell operazzjonali tal-eu-LISA 2.0	L-eu-LISA 2.0 hija kapaċi tottimizza l-mudell u l-proċessi operattivi	<p><b>Pospost</b> Minħabba kwistjonijiet ta' evalwazzjoni u amministrazzjoni estiżi fit-tlestija tal-fażi tal-akkwist, f'Diċembru l-Aġenzija ffirmat kuntratt speċifiku ma' kumpanija ta' konsulenza. Għalhekk, l-istadju importanti tal-proġett għall-ewwel fażi ġie ttrasferit għat-tieni trimestru tal-2021.</p>	Kost – Skeda – Kamp ta' Applikazzjoni	<p><b>Taħt il-mira</b> Aħdar – Ambra – Aħdar Il-bidu tal-proġett għandu jsir fl-ewwel trimestru tal-2021.</p>	2.2.2.2

1.7.2	L-attivitajiet standard (żamma tal-istatus quo) tar-Riżorsi Umani f'termini tal-istruttura organizzazzjonali, tal-proċessi u tal-prattiki mwettqa f'konformità mar-regoli u mad-deċiżjonijiet rilevanti	L-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija u tal-unità tar-riżorsi umani se tirrifletti l-iżvilupp organizzazzjonali u takkomoda għal tkabbir futur. L-eu-LISA se tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-persunal f'konformità mal-qafas regolatorju.	<p><b>Imwettaq</b></p> <p>L-Aġenzija implimentat l-istruttura organizzazzjonali li tirrifletti l-iżvilupp, u b'aġġustamenti żgħar ulterjuri (eż. trasferimenti ta' xi persunal bejn is-setturi jew l-unitajiet), wettqet mudell operazzjonali ġdid. Il-persunal ġdid ingħata l-intitolamenti rispettivi matul il-proċess tal-on-boarding, u l-Aġenzija implimentat il-pagi u pagamenti oħra, it-tiġdid tal-kuntratti, il-ġestjoni tal-karriera u tat-talent fil-ħin. L-Aġenzija adottat żewġ Regoli ta' Implimentazzjoni ġodda dwar il-liv u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess; waħda se tidħol fis-seħħ awtomatikament (dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni), u r-regoli l-oħra rilevanti għall-ġestjoni tar-Riżorsi Umani kif xieraq. L-Aġenzija stabbiliet ukoll aktar titjib biex tkun kompletament konformi mar-regoli dwar il-prevenzjoni tal-fastidju u żżid is-sensibilizzazzjoni u iktar komunikazzjoni dwar il-valuri tal-Aġenzija.</p>	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operazzjonali</li> <li>2. Il-perċentwal (%) ta' jiem ta' assenza ċċertifikata vs mhux iċċertifikata mix-xogħol matul il-perjodu ta' rapportar</li> <li>3. Perċentwal (%) Annwali tad-Dawran tal-Persunal</li> <li>4. Indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal</li> <li>5. Livell ta' involviment tal-persunal</li> <li>6. prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess: in-numru u l-perċentwal ta' Dols sottomessi fil-ħin</li> <li>7. l-implimentazzjoni tal-pjan Annwali ta' tagħlim</li> <li>8. Għadd ta' avvenimenti ta' li jgħaqqdu t-tim u attivitajiet soċjali organizzati</li> </ol>	<p><b>Miksub</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. 16.5 % tar-riżorsi amministrattivi għal 72.5 % tar-riżorsi operazzjonali – mira rispettivament ta' 20 % u 70 %</li> <li>2. 17 % – mira li tkun anqas minn 25 % tal-jiem ta' assenza mhux ċertifikata</li> <li>3. 3.7 % – mira taħt il-5 % tad-dawran tal-persunal,</li> <li>4. Dan il-KPI ġie sostitwit b'indiċi taż-żamma tat-talent b'mira li tkun numru pożittiv. KPI: "Il-prestazzjoni medja tal-persuni li jtilqu VS il-persunili jibqgħu fl-Aġenzija". +0.25 (jiġifieri li l-prestazzjoni tal-persuni tibqa' 0.25 oġhla minn dawk li jtilqu mill-Aġenzija)</li> <li>5. Livell ta' involviment tal-persunal 7.4</li> <li>6. 82 % mira oġhla minn 80 % fil-ħin (il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-KPI tnaqqas fl-2019/2020);</li> <li>7. 86 % – mira ta' mill-inqas 85 % tal-attivitajiet ipplanati implimentati,</li> <li>8. Minħabba l-COVID-19, ġew organizzati tliet attivitajiet biss – mira ta' mill-inqas għaxar attivitajiet li jgħaqqdu t-tim u dawk soċjali organizzati.</li> </ol>	2.3.4
-------	---	---	--	---	---	-------

1.7.2	Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku) u ġestjoni tal-għarfien	Il-persunal tal-eu-LISA se jkun jista' jaħdem aħjar; l-eu-LISA se tiġi rikonossuta bħala ċentru tal-għarfien espert u l-għarfien	<b>Imwettaq</b> Is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 ġiegħlet lid-dipartiment tar-riżorsi umani u lit-timijiet operazzjonali biex jew jipposponu xi taħriġ jew jagħtu prijorità mill-ġdid. L-Aġenzija ma stabbilitx il-proċess ta' ċertifikazzjoni.	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ organizzati</li> <li>2. Livell ta' sodisfazzjon ġenerali</li> <li>3. Żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-Bażi tad-Data tal-Ġestjoni tal-Għarfien.</li> <li>4. 100 % tal-persunal ġdid ikun segwa programm tekniku ta' onboarding</li> <li>5. Għadd ta' żjarat ta' studju mwettqa</li> <li>6. Għadd ta' persunal li jgħaddi mill-proċess ta' ċertifikazzjoni</li> </ol>	<b>Taħt il-mira</b> <ol style="list-style-type: none"> <li>(1) 24 taħriġ</li> <li>(2) 81 %</li> <li>(3) Żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar l-iLearn</li> <li>(4) 74 % tal-persunal ġdid segwa programm tal-onboarding.</li> <li>(5) mhux applikabbli minħabba l-pandemija tal-COVID-19</li> <li>(6) Il-proċess ta' ċertifikazzjoni mhux fis-seħħ</li> </ol>	2.1.4.3
1.7.2	Kontinwazzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Qafas ta' Kompetenza	Kontinwazzjoni tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni ulterjuri tal-Qafas ta' Kompetenza sabiex jiġi żgurat li "n-nies it-tajba jkunu fil-kariga t-tajba".	<b>Kurrenti</b> Il-Programm ta' Żvilupp tat-Tmexxija tnejja u tnieda. Fl-Ewwel Modulu tal-Programm hađu sehem 45 manijer u Kap tas-Setturi.	<ol style="list-style-type: none"> <li>(1) Pjan direzzjonali implimentat kif ipplanat.</li> <li>(2) Programm ta' tmexxija żviluppat.</li> </ol>	<b>Miksub</b> <ol style="list-style-type: none"> <li>(1) Aġġornament tal-qafas ta' kompetenza pplanat u skedat taħt il-proġett ta' trasformazzjoni kulturali</li> <li>(2) Il-programm ta' tmexxija żviluppa u bdiet l-implimentazzjoni</li> </ol>	2.3.4
1.7.2	L-iżvilupp ulterjuri tal-kultura tat-tagħlim, l-iżvilupp tal-funzjoni tar-riżorsi umani lejn is-sħubija tan-negozju u t-tisħiħ tal-iżvilupp u taż-żamma tal-persunal	Il-persunal tal-eu-LISA jieħu rwol aktar attiv fil-kondiviżjoni tal-għarfien tiegħu, filwaqt li jipprovdi rispons kostruttiv lill-kollegi u jiddiskuti b'mod miftuħ l-iżbalji u l-kisbiet	<b>Imwettaq</b> Sar stħarriġ matul il-perjodu ta' rapportar biex jitkejjel l-involviment tal-impjegati. L-involviment tal-impjegati jikkontribwixxi għaż-żamma, għall-produttività u għall-effiċjenza tal-persunal. Id- <i>data</i> nġabret b'mod anonimu b'rata ta' parteċipazzjoni ġenerali ta' 86 %. Task force dedikata kompliet tanalizza r-riżultati u pponiet azzjonijiet. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, ħafna mill-korsijiet ta' taħriġ ipplanati ġew ittrasferiti online u riprijoritizzati. L-Aġenzija ffukat l-isforzi tagħha fuq il-benesseri tan-nies u l-appoġġ tal-maniġment permezz ta' attivitajiet ta' sħubija fin-negozju u kkwocjar.	<ol style="list-style-type: none"> <li>(1) L-għadd ta' attivitajiet ta' tagħlim informali li seħħew.</li> <li>(2) Jinħoloq studju dwar spazji xierqa għall-iskambju tal-esperjenza tat-tagħlim;</li> <li>(3) Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar l-Involviment tal-Persunal żdiedu;</li> <li>(4) L-istudju lest.</li> <li>(5) Ġie segwit pjan direzzjonali għall-għodod tal-IT.</li> </ol>	<b>Miksub</b> <ol style="list-style-type: none"> <li>(1) 5</li> <li>(2) Imwettaq</li> <li>(3) 7.4 (żieda ta' 1.1)</li> <li>(4) Studju mwettaq u implimentat</li> <li>(5) Għodda tal-IT għall-kejl tal-involviment fis-seħħ</li> </ol>	2.3.4

1.7.3	It-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-assi u dik finanzjarja	Matul is-sena jiġu pprovduti servizzi ta' kwalità għolja u f'waqthom tas-servizzi baġitarji, tal-assi u dawk finanzjarji. Il-proċessi jiġu riveduti kontinwament sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività, kull fejn ikun possibbli permezz ta' dematerjalizzazzjoni.	<b>Imwettaq</b> Matul is-sena l-FPU pprovdiet servizzi ta' kwalità għolja u f'waqthom tas-servizzi baġitarji, tal-akkwist u dawk finanzjarji. Il-proċessi jiġu riveduti kontinwament sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività.	KPI 10: Ir-rata ta' kanċellazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament KPI 11: Rata tal-implimentazzjoni tal-impenji baġitarji KPI 12: Rata ta' implimentazzjoni tal-pagamenti KPI 14: Il-proporzjon ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji	<b>Miksub</b> KPI 10: 13.6 % ('il fuq mill-mira) KPI 11: 99.1 % KPI 12: 99.0 % KPI 13: Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi u l-proporzjon (%) tar-riżorsi operazzjonali mqabbla mar-riżorsi umani kollha fl-Aġenzija (persunal u SNEs): amministrattivi 16.5 %; operazzjonali 72.5 % KPI 14: 95.9 %	2.3.3
1.7.3	Appoġġ għall-mudell ta' Ġestjoni Ibbażata fuq l-Attività	L-Aġenzija tista' tkejjel b'mod preċiż il-prestazzjoni tagħha fl-eżekuzzjoni tal-proċessi tan-negożju ewlenin tagħha. Il-proġett huwa evoluzzjoni tal-mudell inizjali ABB iddiżinjat fl-2018, li kapaċi jintegra aħjar mad- <i>data</i> dwar il-ġestjoni tal-proġetti.	<b>Imwettaq</b>	L-Aġenzija hija kapaċi timplementa sistema ABB	<b>Miksub</b>	2.3.3
1.7.3	L-eżekuzzjoni tal-Pjan tal-Akkwist u l-Akkwiżizzjoni	Il-ħtiġijiet ta' akkwiżizzjoni tal-Aġenzija jiġu indirizzati f'konformità mal-obbligi statutorji u fi ħdan il-qafas baġitarju.	<b>Imwettaq</b> Il-ħtiġijiet ta' akkwiżizzjoni tal-Aġenzija ġew indirizzati f'konformità mal-obbligi statutorji u fi ħdan il-qafas baġitarju ppjanat.	KPI 17: L-effiċjenza tal-proċess tal-akkwist KPI 18: Il-ġestjoni tal-akkwiżizzjoni: proġetti ta' akkwist fil-ħin	<b>Miksub</b> KPI 17: 11 % (mira: inqas minn 25 %) Proċeduri kkanċellati: 2 Proċeduri mmedija: 18 KPI 18: 163.6 % (mira: aktar minn 60 %) Il-proċeduri fl-Anness IX tal-SPD 2020–2022: 11	2.3.3
1.7.4	L-operazzjonijiet tal-faċilità għall-użu sħiħ u effettiv tal-bini tal-kwartieri ġenerali f'Tallinn	Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-abbiltà li jużaw il-kwartieri ġenerali b'mod effettiv	<b>Kurrenti</b> Il-bini tal-kwartieri ġenerali kien kompletament operazzjonali u seta' jintuża anke matul il-pandemija tal-COVID-19 u pprova ambjent tax-xogħol sikur u nadif lill-ħaddiema tal-Aġenzija.	Konformità mal-istandards applikabbli	<b>Miksub</b> Il-kwartieri ġenerali kienu kompletament operazzjonali u pprovdew ambjent tax-xogħol ta' livell għoli.	2.3.6
1.7.4	L-operazzjonijiet tal-faċilità li jippermettu l-użu sħiħ u effettiv tal-uffiċċju ta' kollegament fi Brussell	Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-abbiltà li jużaw l-uffiċċju ta' kollegament b'mod effettiv.	<b>Kurrenti</b> L-uffiċċju ta' kollegament fi Brussell kien operazzjonali u pprova ambjent tax-xogħol adegwat lill-kollegi tal-Uffiċċju ta' Kollegament.	Konformità mal-istandards applikabbli	<b>Miksub</b>	2.3.6
1.7.4	L-implimentazzjoni tas-servizzi ta'	Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-kapaċità li jużaw il-	<b>Kurrenti</b> Is-servizzi kollha ingħataw fil-ħin, b'ħala riżors tal-appoġġ tan-negożju għat-twettiq tal-obiettivi tan-negożju.	Kost – Skeda – Kamp ta' Applikazzjoni	<b>Miksub</b> Aħdar – Aħdar – Aħdar	2.3.6

	Loġistika u ta' provvista fl-Aġenzija	faċilitajiet fil-lokalitajiet kollha tal-Aġenzija b'mod effettiv				
1.7.4	Attivitajiet ta' manutenzjoni tat-tagħmir u l-assi kollha fis-sit operazzjonali	faċilitajiet operattivi	<b>Kurrenti</b>  It-tagħmir u l-assi kollha nżammu skont programm ta' manutenzjoni ottimizzat kontinwament, li jiżgura ambjent tax-xogħol sigur, effiċjenti u kompletament funzjonali.	Għadd ta' azzjonijiet korrettivi Għadd ta' miżuri preventivi Għadd ta' teknoloġija jew żviluppi oħra Għadd ta' żbalji	<b>Miksub</b> Konformità mal-istandards applikabbli	2.3.6
1.7.4	L-estensjoni tal-bini operazzjonali fi Strasburgu sabiex jospita l-proġetti attwali u futuri	Kundizzjonijiet tax-xogħol u operazzjonali adegwati kif ukoll l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tekniċi, loġistiċi u operazzjonali	<b>Kurrenti</b> L-istudji preliminari obligatorji kollha mwettqa u r-rapporti riċevuti. It-trasferiment formali tal-art seħħ; l-Aġenzija hija s-sid formali. L-Aġenzija lestiet il-kompiti fil-ħin u fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni u pprovdiet il-programm ta' bini, il-baġit aġġornat, u d-dokumentazzjoni għad-disinjatur.	Kost – Skeda – Kamp ta' Applikazzjoni	<b>Miksub</b> Aħdar – Aħdar – Aħdar	2.3.7
1.7.4	L-evoluzzjoni tal-applikazzjonijiet korporattivi	Kapaċitajiet imtejbin tal-pjattaformi ta' SharePoint u tas-Server tal-Proġetti tal-Aġenzija"	<b>Imwettaq</b> L-Aġenzija wettqet tmexxija operattiva tal-infrastruttura eżistenti b'mod xieraq, inkluż l-aġġornamenti regolari u t-titjib tas-sigurtà tas-sistemi li jappoġġaw is-servizzi tal-Aplikazzjonijiet tal-ICT. L-Aġenzija wasslet u appoġġat l-applikazzjonijiet korporattivi annwali regolari, bħall-għodda tal-Ippjanar, l-għodda tar-Rapportar, kif ukoll applikazzjonijiet korporattivi oħra, inklużi dawk li appoġġaw ir-rispons għall-pandemija (riċevuti tal-paga elettroniċi, self ta' tagħmir tal-IT).	Kost - Skeda - Kamp ta' applikazzjoni	<b>Miksub</b> Aħdar - Aħdar - Aħdar	2.3.6
1.7.4	Arkitettura tas-Sistema Evoluttiva għall-IT Korporattiva	Tipprovdi servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva. Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal. Abbiltajiet ta' komunikazzjoni mtejba.	<b>Imwettaq</b> L-Aġenzija wettqet tmexxija operattiva tal-infrastruttura eżistenti b'mod xieraq, inklużi t-titjib regolari u l-aġġornamenti tas-sigurtà tas-sistemi li jappoġġaw is-servizzi tas-Sistemi tal-ICT. L-Aġenzija tejbet il-kapaċitajiet ta' riżerva għas-sistemi tal-ICT, implimentat sistema ta' stampar ta' insewiment, ġestjoni tal-identità ibrida għall-utenti interni, awtentikazzjoni b'diversi fatturi għall-posta elektronika u infrastruttura għall-ġestjoni ta' apparat mobbli.	Kost – Skeda – Kamp ta' Applikazzjoni	<b>Miksub</b> Aħdar – Aħdar – Aħdar	2.3.6

1.7.4	It-twassil ta' operazzjonijiet ta' ċibersigurtà u ta' servizz ta' assigurazzjoni għall-infrastruttura korporattiva	Assigurazzjoni li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni se jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli	<p><b>Imwettaq</b></p> <p>L-Aġenzija żviluppat il-Pjan tas-Sigurtà tal-IT Korporattiva, diversi standards jagħmlu parti mis-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni; estendiet il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz CERT-UE; lestiet Test ta' Sigurtà Offensiva mas-CERT-UE (Phishing). L-Aġenzija kompliet tiżviluppa s-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni u timplimenta l-metodu ta' ġestjoni tar-riskju tal-ITSRM tal-Kummissjoni Ewropea biex tallinja mal-qafas ta' Sigurtà tal-IT tad-DIGIT tal-Kummissjoni. F'konformità mar-Regoli ta' Sigurtà dwar il-protezzjoni ta' Sistemi tal-Komunikazzjoni u tal-Informazzjoni, l-Aġenzija stabbiliet il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-IT, li wettaq l-ewwel laqgħa tiegħu f'Jannar 2021. L-Aġenzija aġġornat ukoll l-arkitettura tas-sigurtà tal-infrastruttura korporattiva, b'mod partikolari fir-rigward tad-disinn u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet robusti tal-awtentikazzjoni, il-ġestjoni tal-apparat mobbli u l-informazzjoni dwar is-sigurtà, u l-monitoraġġ tal-avvenimenti.</p>	<p>1. Il-perċentwal ta' inċidenti ta' sigurtà trattati fil-FLS fi ħdan il-mira ta' rispons</p> <p>2. Perċentwal ta' valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà magħmula kontra s-Sistemi (disinn, żvilupp, produzzjoni)</p> <p>3. Perċentwal ta' Sistemi ta' Informazzjoni li għalihom BIA jkun ilu jopera mill-inqas kull tliet snin sabiex jidentifika l-persunal kritiku</p> <p>4. Perċentwal tal-obiettivi tas-sigurtà implimentati kif definit fil-leġiżlazzjoni</p> <p>5. Għadd ta' skennis tal-vulnerabbiltà mwettqa fuq il-portafoll tas-sistema tal-informazzjoni</p> <p>6. L-għadd ta' Eżerċizzji ta' ċibersigurtà mwettqa annwalment</p>	<p><b>Miksub</b></p> <p>1. 73 %</p> <p>2. 100 %</p> <p>3. 100 %</p> <p>4. 100 %</p> <p>5. 10</p> <p>6. 1</p>	2.3.8
1.7.4	It-titjib fil-kapaċità tal-organizzazzjoni ta' konferenzi u fil-kapaċitajiet ta' xandir	It-titjib tal-kapaċità tal-VC u tal-konferenzi web tal-Aġenzija, integrazzjoni aħjar mal-bejjieġha ta' partijiet terzi u l-kapaċitajiet ta' streaming. Is-sostituzzjoni tas-soluzzjoni WebEx ma' Server ta' Laqgħat aktar avanzat u funzjonalitajiet ta' streaming.	<p><b>Imwettaq</b></p> <p>Is-Sistema Ġdida għall-Vidjokonferenzi, is-Server ta' Laqgħat ta' Cisco twassal b'suċċess, u pprova interkonnessioni mal-kmamar ewlenin tal-konferenzi (Neptune f'Tallinn u Robert Schuman fi Strasburgu). Iż-żewġ kmamar tal-konferenzi mgħammra bl-aħħar Teknoloġija Awdjoviżiva biex jipprovdu servizzi mtejbja tal-konferenzi interni. Is-soluzzjoni hija firxa ta' prodotti tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u se toffri servizzi ta' konferenzi professjonali u interkonnessioni mas-sistema eżistenti tal-Vidjokonferenzi tal-Aġenzija.</p>	Kost – Skeda – Kamp ta' Applikazzjoni	<p><b>Miksub</b></p> <p>Aħdar – Aħdar – Aħdar</p> <p>L-Aġenzija rrevediet l-iskeda ta' żmien minħabba l-pandemija.</p>	2.3.6
1.7.4	Il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni ta' arkitettura tan-network korporattiv	Ipprovi servizzi tan-network fil-qasam tal-IT Korporattiv. Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejbja għall-persunal.	<p><b>Imwettaq</b></p> <p>L-Aġenzija wettqet tmexxija operattiva tal-infrastruttura eżistenti b'mod xieraq, inklużi t-titjib regolari u l-aġġornamenti tas-sigurtà 'l barra mill-kanal fiss ta' komunikazzjoni tas-sistemi li jappoġġaw in-Networks tal-ICT u s-servizzi ta' komunikazzjoni. L-Aġenzija indirizzat il-ħtieġa akbar ta' servizzi ta' VPN u ta' vidjokonferenzi tal-klijenti minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija.</p>	Kost – Skeda – Kamp ta' Applikazzjoni	<p><b>Miksub</b></p> <p>Aħdar – Aħdar – Aħdar</p>	2.3.6



		Abbiltajiet ta' komunikazzjoni mtejba.				
1.7.4	Il-portafoll tal-missjoni u l-ħolqien ta' għodda tal-missjoni interna	L-għodda tal-missjoni hija implimentata u użata ħafna mill-persunal	<b>Imwettaq</b> L-eu-LISA bdiet tuża l-għodda ta' ġestjoni ta' missjonijiet tal-Kummissjoni MIPS. L-implimentazzjoni seħħet wara l-ħruġ tas-SYSPER II fl-Aġenzija. L-MiPS ġiet introdotta għall-produzzjoni għall-eu-LISA fit-2 ta' Novembru 2020. L-Aġenzija bdiet tuża l-għodda tal-ġestjoni ta' missjonijiet tal-Kummissjoni MIPS, li l-Aġenzija implimentat wara l-ħruġ tas-SYSPER II.	L-għadd ta' missjonijiet imwettqa fil-ħin meta t-talbiet ikunu ppreżentati fil-ħin bl-għodda tal-missjonijiet.	<b>Miksub</b>	2.3.6
1.7.5	L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni Esterna	Għarfien aħjar u sensibilizzazzjoni mtejba tal-partijiet ikkonċernati primarji dwar ir-rwol u l-kompiti tal-Aġenzija fil-provvista tal-valur miżjud għall-benefiċċju taċ-ċittadini.	<b>Imwettaq</b> F'konformità mal-oġġettivi stabbiliti, biex trawwem it-trasparenza u żżid is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, l-Aġenzija ħejjiet u wettqet kampanja kkoordinata ta' sensibilizzazzjoni online (discover.eulisa.europa.eu), li tippreżenta lill-Aġenzija u l-oqsma kummerċjali ewlenin tagħha b' mod oriġinali u interattiv. Barra minn hekk, l-Aġenzija nediet l-ewwel bullettin diġitali biennali (bit.ly/eu-LISA-Bits-Bytes) fil-format ta' sit web modern, risponsiv u awtonomu, biex turi l-progress tal-Aġenzija u tenfasizza l-prijoritajiet tagħha fil-qasam tal-ĠAI. L-eżitu mmirat u diversi kampanji mfassla apposta b' mod konġunt tal-JHAAN kienu ta' suċċess kbir u wrew xejriet ta' tkabbir pożittiv sinifikanti ta' sensibilizzazzjoni fil-kanali kollha. Is-settur tal-komunikazzjoni ħejja u aġġorna diversi dokumenti kruċjali (l-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna tal-eu-LISA 2021-2027, il-Linji Gwida dwar il-Midja Soċjali tal-eu-LISA għall-Impjegati u l-Fluss tax-Xogħol Editorjali) li huma essenzjali għall-ġestjoni tal-funzjoni f'konformità mal-oġġettivi strateġiċi tal-Aġenzija.	Żgura li l-produzzjoni tal-kontenut issegwi l-fluss tax-xogħol editorjali u l-istandards tal-kwalità approvati, u l-prestazzjoni titwettaq f'konformità mal-istadji importanti trimestrali stabbiliti tal-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Esterna tal-2020. - il-livell tal-viżibbiltà u tal-involvement ibbażati fuq il-web jitkejlu regolarment permezz ta' għodod ta' analitika tal-web u ta' monitoraġġ tal-media soċjali - Ir-rata ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti bil-ġestjoni tal-avvenimenti titkejjel permezz ta' skedi ta' evalwazzjoni.	<b>Miksub</b> Il-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA laħqet il-miri tal-KPI 29 għall-2020 u qabżithom fir-rigward tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati f'avvenimenti, kif ukoll ix-xejriet fil-prestazzjoni tal-media soċjali, kif irreġistrat fl-analitika tal-media soċjali u tal-monitoraġġ tal-web għall-2020.	2.3.2
1.7.5	L-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA	Il-persunal fis-siti kollha tal-Aġenzija jiġi infurmati u involut fil-livell korporattiv, li jippermettilu li jieħu deċiżjonijiet informati rigward il-kompiti professjonali tiegħu u jkollu aċċess għal għodod ta' komunikazzjoni interna	<b>Imwettaq</b> It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ċar fuq il-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA matul is-sena kollha. Dan ġiegħel lis-Settur tal-Komunikazzjoni jikkonforma malajr mal-ħtiġijiet addizzjonali tal-partijiet ikkonċernati interni kollha għal informazzjoni f'waqtha, organizzata u li tħares 'il quddiem dwar l-impatt tal-pandemija fuq reġimi tax-xogħol mibdula, kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza u restrizzjonijiet introdotti mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-istituzzjonijiet tal-UE. L-Aġenzija wettqet komunikazzjoni interna regolari dwar il-COVID-19 b' mod effiċjenti, u l-output laħaq rata għolja ħafna - 89 % - ta' sodisfazzjon, abbażi tar-rispons mill-persunal tal-Aġenzija.	Il-konformità tal-Pjan ta' Azzjoni Annwali tal-Komunikazzjoni Interna mal-istadji ewlenin u l-iskeda ta' żmien stabbiliti	<b>Miksub</b> Skont l-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal tal-2020, ir-rata ġenerali ta' sodisfazzjon bil-komunikazzjoni interna kienet ta' 93 %.	2.3.2

		għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u r-rispons.				
Anness VIII	Iż-żamma tal-kontijiet tal-Aġenzija	Il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali sabiex jirrappreżentaw b'mod ġust u trasparenti l-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija li tiffaċilita l-proċedura ta' kwittanza	<b>Imwettaq</b>	It-twassil f'waqtu tal-kontijiet proviżorji, konsolidati u finali lill-Awtorità Baġitarja u lill-QEA	<b>Miksub</b>	2.3.3
--	L-ġhoti ta' Pariri Legali lill-eu-LISA	Konformità mill-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli	<b>Imwettaq</b> Is-Settur Legali pprova pariri u opinjoni legali dwar diversi suġġetti, bħal kwistjonijiet ta' persunal, akkwist u kuntratti, u kwistjonijiet relatati mas-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Barra minn hekk, is-Settur Legali ttratta seba' lmenti skont l-Artikolu 90(2) tal-SR. Is-Settur indirizza wkoll ħdax (11)-il talba u sitt konsultazzjonijiet dwar l-aċċess għad-dokumenti. Bħalissa hemm ħames (5) każijiet tal-qorti fil-Qorti Ewropea fil-Lussemburgu, u tnejn (2) fil-Qorti ta' Strasburgu.	Ġhoti ta' pariri u opinjonijiet legali	<b>Miksub</b> Is-settur legali pprova l-pariri u l-opinjoni legali minnufih u f'konformità mal-qafas leġislattiv applikabbli.	2.3.6

# Anness X. Rapport dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti

Skont l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni tal-MB tat-28 ta' Ġunju 2012, li jirrifletti t-test tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti<sup>79</sup>, u f'konformità mal-Artikolu 34 tar-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija, l-eu-LISA għandha tannessa rapport dwar l-aċċess għad-dokumenti mar-rapport annwali tagħha. Ir-rapport għandu jinkludi l-għadd ta' każijiet li fihom l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għad-dokumenti u r-raġuni għat-tali rifjuti.


## Rapport dwar talbiet għall-aċċess għad-dokumenti fl-2020

L-Aġenzija tirsisti biex tiggarantixxi t-trasparenza fil-proċessi kollha tagħha, inkluż il-proċedura tal-aċċess għad-dokumenti. Fl-2020, l-Aġenzija żammet l-ogħla livelli ta' kondotta amministrattiva tajba u rrispettat l-iskadenzi kollha speċifikati mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Matul l-2020, l-Aġenzija rċeviet ħdax-il talba għal aċċess għad-dokumenti, żieda mis-snin preċedenti. Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ta' konferma kontra d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija.

Id-deċiżjonijiet tal-Aġenzija dwar l-aċċess għad-dokumenti ma ġew ikkontestati quddiem il-Qrati tal-UE. Barra minn hekk, ma sar l-ebda lment relatat mat-trattament mill-Aġenzija tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti quddiem l-Ombudsman Ewropew.

Matul l-2020, l-eu-LISA analizzat 49 dokument, li minnhom 13 ġew iddivulgati kompletament lill-applikanti, 24 ġew iddivulgati parzjalment b'partijiet mid-dokumenti mneħħija, u 12 li t-talba għall-aċċess tagħhom ġiet miċħuda. Dawn id-dokumenti kienu jikkonsistu f'total ta' 1 811-il paġna, li minnhom 303 ġew rilaxxati kompletament, 678 ġew rilaxxati parzjalment, u l-aċċess għat-830 paġna li jifdal ġie miċħud.



It-tneħħija parzjali tad-dokumenti mill-eu-LISA u ċ-ċaħda tal-aċċess għad-dokumenti kienu bbażati fuq l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali<sup>80</sup>), l-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika r-relazzjonijiet internazzjonali, il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet kurrenti, u l-interessi kummerċjali.

<sup>79</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43–48).

<sup>80</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, pp. 39-98).

Barra minn hekk, tlieta mit-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti kienu jikkonċernaw dokumenti li ma kinux miżmuma mill-eu-LISA u, għalhekk, li l-Aġenzija ma setgħetx tagħti (jew tirrifjuta) aċċess għalihom. L-applikanti ġew infurmati kif xieraq dwar il-fatt u ġew iddireġuti lejn istituzzjonijiet xierqa oħra, fejn possibbli.

### *Attivitajiet oħra relatati mal-aċċess għad-dokumenti mwettqa fl-2020*

L-Aġenzija ilha tirsisti kontinwament biex tiggarrantixxi konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali u biex ittejjeb il-prattika tat-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti.

Wara proċess li beda fl-2019, fi Frar 2020 ġie ppubblikat reġistru tad-dokumenti pubbliċi fi fuq is-sit web pubbliku tal-eu-LISA.<sup>81</sup> Dan ir-reġistru tad-dokumenti jipprovdi aċċess miftuħ għad-dokumenti tal-Aġenzija disponibbli għall-pubbliku, u jiġi aġġornat regolarment. L-Aġenzija kompliet taħdem fuq ir-rieżami tal-arranġamenti prattiċi għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti, sabiex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività operazzjonali tal-proċess.

Fil-bidu ta' Lulju 2020, is-Settur Legali organizza taħriġ dwar id-dokumenti ta' aċċess pubbliku, li sar minn espert mill-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika. Taħriġ ulteruri huwa pplanat fl-2021.

---

81 <https://www.eu.lisa.europa.eu/About-Us/access-to-documents/public-register>